Il-Kummissjoni
Ewropea

# L-UE















# fl-2023

RAPPORT ĠENERALI DWAR L-ATTIVITAJIET
TAL-UNJONI EWROPEA

# Fuq il-qoxra




1. Fid-9 ta’ Mejju 2023, Jum l-Ewropa, Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea (xellug), marret Kiev, l-Ukrajna, fejn iltaqgħet ma’ Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna (lemin).
2. Fid-9 ta’ Awwissu 2023, Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, ivvjaġġat lejn Ljubljana, is-Slovenja, biex tesprimi s-solidarjetà tagħha u tara personalment il-qerda kkawżata mill-għargħar li laqat il-pajjiż.
3. Christine Lagarde, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew (xellug), tilqa’ lil Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew (lemin), fiċ-ċerimonja li tfakkar il-25 sena anniversarju tal-Bank Ċentrali Ewropew, Frankfurt, il-Ġermanja, l-24 ta’ Mejju 2023. (© AFP)
4. (© Adobe Stock)
5. Charles Michel, il-President tal-Kunsill Ewropew, ippresieda laqgħa tal-Kunsill Ewropew fl-14 u fil-15 ta’ Diċembru 2023 fi Brussell, il-Belġju. F’din il-laqgħa, il-mexxejja tal-UE ltaqgħu biex jiddiskutu s-sitwazzjoni li qed tiżvolġi fil-Lvant Nofsani, l-appoġġ kontinwu lill-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja, il-baġit fit-tul tal-UE, it-tkabbir, is-sigurtà u d-difiża u r-relazzjonijiet esterni.
6. Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea (it-tieni mix-xellug), Jens Stoltenberg, is-Segretarju Ġenerali tan-NATO (it-tielet mix-xellug), u Jonas Gahr Støre, il-Prim Ministru tan-Norveġja (xellug) fuq żjara f’waħda mill-pjattaformi tal-estrazzjoni tal-gass naturali tal-kumpanija Norveġiża Equinor li tinsab ’il barra mill-kosta tal-Punent tan-Norveġja, is-17 ta’ Marzu 2023.
7. Bosta superstiti tat-terremot li seħħ fit-Turkija qed isibuha diffiċli biex jegħlbu t-trawma psikoloġika li għaddew minnha. Bl-appoġġ tal-għajnuna umanitarja tal-UE, l-UNICEF stabbilixxa ċentri fiż-żoni affettwati fejn it-tfal u l-persuni li jindukrawhom jistgħu jattendu sessjonijiet ta’ appoġġ psikosoċjali. Iċ-ċentri joffru lit-tfal spazju sikur fejn jitgħallmu, jilagħbu u jfiqu. Awwissu 2023.

# L-UE fl-2023

RAPPORT ĠENERALI DWAR L-ATTIVITAJIET TAL-UNJONI EWROPEA

Ippubblikat skont l-Artikolu 249(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

**Verżjoni interattiva ta' din il-pubblikazzjoni, li fiha links għal kontenut online, hija disponibbli f'format PDF u HTML:** http://europa.eu/general-report/mt

**L-UE fl-2023 — Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Unjoni Ewropea**

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni
Servizz Editorjali u Komunikazzjoni Mmirata
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

*L-UE fl-2023 — Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Unjoni Ewropea* ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea fis-7 ta' Marzu 2024 bir-referenza C(2024) 1633.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-68-11614-2 | ISSN 1725-6941 | doi:10.2775/201295 | NA-AD-24-001-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-68-11608-1 | ISSN 1977-3501 | doi:10.2775/991135 | NA-AD-24-001-MT-N |
| HTML | ISBN 978-92-68-11610-4 | ISSN 1977-3501 | doi:10.2775/990213 | NA-AD-24-001-MT-Q |

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj).
Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

KREDITI
Ir-ritratti kollha huma © L-Unjoni Ewropea, ħlief jekk jingħad mod ieħor.

# Daħla



**Ursula von der Leyen**

Il-President
tal-Kummissjoni Ewropea

L-2023 kienet sena importanti, sena li fiha l-Unjoni Ewropea kompliet tissodisfa l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tal-UE u tindirizza l-isfidi hekk kif bdew jitfaċċaw. Bqajna persistenti fir-rigward tas-sitt prijoritajiet li stabbilejna fil-bidu tal-mandat, filwaqt li sibna soluzzjonijiet kuraġġużi u ambizzjużi għal uħud mill-akbar testijiet li l-Ewropa qatt iffaċċjat.

Mir-rispons għall-gwerra brutali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna sal-ġestjoni tal-agħar kriżi enerġetika li rajna f'dawn l-aħħar deċennji, u mir-rispons għall-iżvilupp mgħaġġel ħafna fl-intelliġenza artifiċjali (IA) sal-indirizzar ta' kriżi klimatika li qed tiggrava, xammarna l-kmiem u indirizzajna l-isfidi straordinarji direttament. Urejna li l-Unjoni tagħna tkun fl-aqwa tagħha meta nkunu kuraġġużi.

Għat-tieni sena konsekuttiva, l-Ewropa ddefendiet lill-Ukrajna f'kull stadju b'għaqda, b'saħħa u b'determinazzjoni. Wittejna t-triq għall-ospitar ta' iktar minn 4 miljun refuġjat Ukren fl-Unjoni Ewropea u organizzajna assistenza finanzjarja, umanitarja u militari b'saħħitha, li s'issa qabżet it-€88 biljun. Urejna wkoll li se nibqgħu nappoġġaw lill-Ukrajna sakemm ikun hemm bżonn. Permezz tal-Faċilità l-ġdida għall-Ukrajna se nipprovdu €50 biljun oħra matul l-4 snin li ġejjin biex nikkontribwixxu għall-provvista tas-servizzi bażiċi, fosthom li nżommu l-iskejjel miftuħa u nħallsu s-salarji u l-pensjonijiet, filwaqt li l-poplu Ukren ikompli jiġġieled kontra l-invażur. L-2023 se tibqa' mnaqqxa fil-memorji tal-poplu Ukren bħala s-sena meta l-ħolm tiegħu kompla joqrob lejn ir-realtà.

Filwaqt li rrikonoxxiet il-progress enormi tal-Ukrajna u wieġbet għall-aspirazzjonijiet tal-poplu Ukren, l-Unjoni tagħna ħadet id-deċiżjoni storika li tiftaħ negozjati tal-adeżjoni mal-pajjiż, abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

Fl-istess ħin, l-Unjoni tagħna kompliet għaddejja bit-trasformazzjoni tal-ekonomija tagħna. L-ewwel nett, mexxiet 'il quddiem id-diġitalizzazzjoni. L-Att Ewropew tagħna dwar iċ-Ċipep diġà ġġenera iktar minn €100 biljun ta' investiment ippjanat — kemm pubbliku kif ukoll privat — tul il-katina tal-valur kollha. U bl-Att tagħna dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, l-Ewropa saret l-ewwel kontinent li għandu fis-seħħ regolament speċifiku dwar l-IA, li jiffoka fuq użi b'riskju għoli. Iktar milli ġabra ta' regoli, dan jagħti spinta lill-kumpaniji tagħna biex ikunu minn ta' quddiem fl-iżvilupp ta' IA affidabbli.

L-Unjoni tagħna mexxiet 'il quddiem ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa. Stabbilejna qafas biex innaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju b'mill-inqas 55 % sa tmiem dan id-deċennju, u biex b'hekk inżommu lill-Ewropa fit-triq it-tajba ħalli sal-2050 tilħaq in-newtralità klimatika. Barra minn hekk, bl-Att tagħna dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, qed insaħħu l-kapaċità tal-manifattura tal-enerġija nadifa tal-UE biex nagħtu spinta lill-kompetittività u lir-reżiljenza industrijali tagħna. Se nappoġġaw lin-negozji Ewropej biex iwettqu t-tranżizzjoni filwaqt li jżommu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom, sabiex l-Ewropa tibqa' destinazzjoni eċċezzjonali għal investiment li jġib miegħu impjiegi ta' kwalità li huma stabbli u adattati għall-futur, b'bażi industrijali b'saħħitha.

Sabiex tadatta għar-realtajiet ġeopolitiċi li qed jinbidlu, l-Ewropa stabbiliet l-ewwel strateġija tagħha dwar is-sigurtà ekonomika. Ħadna wkoll passi konkreti biex insaħħu r-reżiljenza tagħna billi nnaqqsu d-dipendenzi u neliminaw ir-riskji għall-ekonomija tagħna. Dan se jiżgura s-sovranità, is-sigurtà u l-prosperità tagħna għas-snin li ġejjin. Dan l-għan huwa appoġġat ukoll mill-pjan ta' rkupru tagħna NextGenerationEU, b'valur ta' iktar minn €800 biljun, li qed jagħti spinta lill-ekonomiji tagħna permezz ta' taħlita ta' investimenti u riformi. Dan il-pjan kompla jiffinanzja mijiet ta' proġetti ekoloġiċi u diġitali fl-Ewropa li jipproduċu riżultati tanġibbli għall-Ewropej — minn parks tar-riħ lil hinn mill-kosta għal ferroviji elettriċi, minn servizzi pubbliċi diġitali tal-ogħla livell għal sptarijiet li huma fost l-aqwa fid-dinja.

Jekk nagħtu ħarsa lejn dak li se jiġri 'l quddiem, l-2024 se tkun żmien speċjali għall-kontinent tagħna, hekk kif l-Ewropej se jmorru jivvutaw biex jeleġġu ġenerazzjoni ġdida ta' mexxejja. Din se tkun opportunità biex nirriflettu dwar kif id-demokrazija tgħin lis-soċjetajiet tagħna jsiru iktar ġusti, lill-industriji tagħna jsiru iktar kompetittivi u lill-ekonomiji tagħna jsiru iktar reżiljenti. Inħossni fiduċjuża li l-Unjoni tagħna se tkompli żżomm soda. Għax iktar kemm ikunu kbar l-isfidi, iktar tkun b'saħħitha l-Ewropa.

Viva l-Ewropa!

Ursula von der Leyen

# Werrej


1


2


3


4


5


TRADE UNIONS FOR JUST TRANSITION
CLIMATE JUSTICE
6


7


8


9

**1.** Ir-rispons tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna — *8*

**2.** Insaħħu l-ekonomija u l-kompetittività tal-UE — *23*

**3.** Noħolqu Ewropa prospera u newtrali għall-klima — *48*

**4.** Niżguraw enerġija affordabbli, sigura u sostenibbli għall-Ewropa — *68*

**5.** Ewropa lesta għall-era diġitali — *79*

**6.** Nibnu Ewropa ġusta u soċjali — *96*

**7.** Inħarsu lin-nies u l-libertajiet — *113*

**8.** Il-promozzjoni tal-interessi u tal-valuri Ewropej fid-dinja — *130*

**9.** Żviluppi istituzzjonali u tisħiħ tad-demokrazija — *150*



↑
It-truppi Russi ppruvaw jinterrogaw lil Oksana fir-rigward tan-neputi tagħha, suldat Ukren. Ladarba rtiraw, id-dar tagħha nqerdet mill-artillerija. Il-finanzjament umanitarju tal-UE qed jgħin lil persuni bħal Oksana billi jipprovdilhom ikel, ilma, oġġetti essenzjali tad-dar, kura tas-saħħa, inkluż l-appoġġ psikosoċjali u għas-saħħa mentali, u kenn ta' emerġenza. Il-21 ta' Marzu 2023.

# 1. Ir-rispons tal-UE għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

## Introduzzjoni

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna hija theddida għall-vera essenza tad-demokrazija, u tfakkar lill-komunità globali dwar il-perikli tal-awtoritarjaniżmu. L-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea lill-Ukrajna huwa iktar minn solidarjetà ma' pajjiż ġar fil-konfront ta' invażjoni illegali u mhux ġustifikata; jirrifletti impenn komuni favur il-prinċipji demokratiċi u s-salvagwardja tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-paċi fl-Ewropa. Fl-2023, l-UE kompliet tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata mir-Russja u l-annessjoni illegali tagħha ta' partijiet mit-territorju Ukren. Dan il-kapitlu juri d-diversi modi li bihom l-UE tappoġġa lill-Ukrajna, li jinkludu l-għoti ta' għajnuna finanzjarja, ta' protezzjoni ċivili u umanitarja; il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni; l-akkoljenza lir-refuġjati Ukreni; l-assistenza u t-taħriġ militari; l-assistenza fid-difiża u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna; u l-iżgurar li r-Russja tiffaċċja l-konsegwenzi għar-reati tagħha permezz ta' sanzjonijiet u prosekuzzjoni.

# Solidarjetà mal-Ukrajna

## Assistenza finanzjarja u appoġġ militari

Sa tmiem l-2023, l-UE u l-Istati Membri tagħha kienu għamlu disponibbli qrib €85 biljun f'assistenza kumplessiva lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Din tinkludi, b'mod partikolari, €25.2 biljun ta' assistenza makrofinanzjarja, inkluż pakkett ta' appoġġ ta' €18-il biljun għall-Ukrajna fl-2023 permezz tal-istrument ta' Assistenza Makrofinanzjarja Plus. L-assistenza makrofinanzjarja hija tip ta' għajnuna finanzjarja pprovduta mill-UE biex tgħin lill-pajjiżi sħab li qed jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji serji jistabbilizzaw l-ekonomiji tagħhom u jagħmlu r-riformi meħtieġa. Dawn il-fondi qed jgħinu lill-Ukrajna tkompli tħallas il-pagi u l-pensjonijiet; iżżomm is-servizzi pubbliċi essenzjali għaddejjin, bħal sptarijiet, skejjel, u djar għall-persuni rilokati; u tirrestawra l-infrastruttura kritika. Qed jgħinu wkoll lill-pajjiż iwettaq riformi istituzzjonali, bħal riformi ġudizzjarji u kontra l-korruzzjoni.

L-assistenza militari kkombinata pprovduta lill-Ukrajna mill-UE u mill-Istati Membri tagħha sal-lum tammonta għal iktar minn €27 biljun, inkluż €5.6 biljun allokati permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi. Din tinkludi l-akkwist konġunt u l-konsenja immedjata tal-munizzjon lill-Ukrajna maqbula f'Marzu 2023, b'madwar 313,600 balla ta' munizzjon u 3,315-il missila kkonsenjati fi tmiem is-sena. Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi qed tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-kapaċitajiet tal-Forzi Armati Ukreni permezz tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE b'Appoġġ għall-Ukrajna, b'allokazzjoni ta' €362 miljun ġestita mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-biċċa l-kbira tal-kumplament tal-assistenza militari lill-Ukrajna hija pprovduta u ffinanzjata bilateralment mill-Istati Membri.



→
Il-laqgħa tal-Kummissjoni Ewropea mal-Gvern Ukren f'Kiev, l-Ukrajna, it-2 ta' Frar 2023.

**Appoġġ militari**

Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi hija strument li jintuża biex jiffinanzja l-azzjoni esterna li għandha implikazzjonijiet militari jew tad-difiża. Tippermetti wkoll l-għoti ta' assistenza lill-pajjiżi sħab f'operazzjonijiet taż-żamma tal-paċi. Hija ffinanzjata mill-Istati Membri.

Il-faċilità kellha rwol ċentrali fl-għoti ta' appoġġ militari lill-Ukrajna. Mill-bidu tal-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE adottat seba' pakketti ta' appoġġ permezz ta' dan l-istrument. L-appoġġ jieħu l-forma ta' konsenji ta' tagħmir militari difensiv lill-Forzi Armati Ukreni, flimkien mal-inizjattiva tal-munizzjon bi tliet binarji biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati Ukreni, għal ammont totali ta' €5.6 biljun.

Permezz tal-faċilità, l-UE qed tiffinanzja wkoll it-taħriġ tal-Forzi Armati Ukreni permezz tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE, li għandha l-kwartieri ġenerali fil-Polonja u fil-Ġermanja. Għalhekk, għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-UE qed tipprovdi taħriġ militari lil pajjiż fi gwerra. Sa tmiem l-2023, il-missjoni kienet ħarrġet lil madwar 39,000 suldat Ukren.

Bi tweġiba għas-sejħa urġenti tal-Kunsill biex jiġi kkonsenjat il-munizzjon lill-Ukrajna, il-Kummissjoni pproponiet l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon f'Mejju 2023. L-att ġie adottat f'Lulju u għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-industrija tad-difiża tal-UE u l-kapaċità tagħha li tiżgura l-provvista f'waqtha ta' munizzjon u ta' missili fl-Ewropa. Il-Kummissjoni allokat €500 miljun għal dan l-iskop, bl-użu ta' għotjiet li għandhom jinħarġu fl-2024 biex tittejjeb u titħaffef il-produzzjoni. (Ara l-Kapitlu 8 għad-dettalji dwar il-kapaċitajiet imtejba tad-difiża tal-UE.)

It-total imsemmi hawn fuq ta' kważi €85 biljun jinkludi wkoll €17-il biljun disponibbli għall-Istati Membri biex jospitaw u jappoġġaw lir-refuġjati. L-UE qed tipprovdi protezzjoni temporanja lil kważi 4.2 miljun refuġjat Ukren li attwalment jgħixu fl-UE.

L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha, impenjat ukoll madwar €3 biljun għall-għajnuna umanitarja fl-Ukrajna. Minn dan l-ammont, il-Kummissjoni pprovdiet direttament madwar €800 miljun. (Ara t-taqsima "Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili għall-Ukrajna" hawn taħt għal iktar dettalji.)




© AFP

←
Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna (fuq quddiem, in-naħa tal-lemin), u Josep Borrell, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli minn Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja (fuq quddiem, in-naħa tax-xellug), qabel laqgħa madwar mejda fil-Kunsill Ewropew Straordinarju fi Brussell, il-Belġju, id-9 ta' Frar 2023.

F'Ġunju, l-Ukrajna ngħatat aċċess għall-programm tal-UE għall-finanzjament tal-infrastruttura, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Dan ifisser li l-Ukrajna issa tista' tapplika għall-finanzjament mill-UE għal proġetti tal-infrastruttura li se jtejbu l-konnessjonijiet diġitali, tal-enerġija u tat-trasport tagħha mal-UE. Fl-2023 kien hemm ukoll id-deċiżjoni storika tal-UE li tiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mal-Ukrajna, filwaqt li rrikonoxxiet l-isforzi sinifikanti li għamlet biex tallinja mal-istandards tal-UE (ara l-Kapitlu 8).

Finalment, l-UE appoġġat ukoll lill-ġirien tal-Ukrajna matul is-sena, b'mod partikolari l-Moldova, li rċeviet €58 miljun f'assistenza umanitarja, żieda fl-assistenza makrofinanzjarja u aċċess għall-programm tal-UE għall-finanzjament tal-infrastruttura.



**89 % tan-nies fl-UE jaqblu li l-UE għandha tkompli tipprovdi appoġġ umanitarju lill-persuni affettwati mill-gwerra fl-Ukrajna.**



**85 %** tan-nies fl-UE jaqblu li l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja turi li l-UE għandha tiżgura s-sigurtà enerġetika u ekonomika tagħha.



**79 %** tan-nies fl-UE jaqblu li l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja turi li l-UE jeħtieġ li żżid il-kooperazzjoni militari bejn l-Istati Membri.



**77 %** tan-nies fl-UE jaqblu li l-awtoritajiet Russi għandhom jinżammu responsabbli għas-sitwazzjoni attwali fl-Ukrajna.



**71 %** tan-nies fl-UE jaqblu li l-UE għandha tkompli turi solidarjetà mal-Ukrajna.

*Sorsi:* Ewrobarometru Flash 533, Settembru 2023; Ewrobarametru Standard 100, Diċembru 2023.

## Sanzjonijiet tal-UE

Minbarra l-għajnuna finanzjarja u appoġġ tanġibbli ieħor għall-Ukrajna u l-poplu tagħha, l-UE imponiet sanzjonijiet bla preċedent u estensivi kontra r-Russja b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna.

Is-sanzjonijiet huma wieħed mill-istrumenti tal-UE b'rispons għal din il-gwerra inġusta u illegali, bl-għan li tiddgħajjef il-kapaċità ekonomika tar-Russja u tiġi limitata l-kapaċità tagħha li tiffinanzja l-gwerra ta' aggressjoni tagħha. F'dan is-sens, is-sanzjonijiet jissodisfaw l-objettiv ewlieni tal-UE, li huwa li tkompli taħdem għal paċi ġusta u dejjiema. Mit-23 ta' Frar 2022, l-UE imponiet total ta' 12-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja. Dawn huma mmirati mhux biss lejn persuni u entitajiet speċifiċi, iżda anke lejn is-setturi finanzjarji, industrijali, tat-trasport u tal-enerġija.

Fi Frar u f'Ġunju 2023, l-UE adottat l-10 u l-11-il pakkett ta' sanzjonijiet tagħha kontra r-Russja. Dawn żiedu 225 individwu u entità mal-lista tas-sanzjonijiet tal-UE. Il-miżuri addizzjonali inkludew projbizzjonijiet ġodda fuq l-esportazzjoni ta' prodotti teknoloġiċi u industrijali kritiċi lejn ir-Russja, b'mod partikolari t-teknoloġija b'applikazzjonijiet militari potenzjali. Barra minn hekk, dawn il-pakketti mmiraw lejn sorsi Russi addizzjonali ta' diżinformazzjoni, espandew il-lista ta' importazzjonijiet ipprojbiti mill-pajjiż u introduċew miżuri biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet, inkluż sforzi għal kooperazzjoni akbar ma' pajjiżi ewlenin mhux tal-UE biex jiġu mmonitorjati, ikkontrollati u imblokkati aħjar ir-riesportazzjonijiet.

It-12-il pakkett ta' sanzjonijiet u l-iktar reċenti ġie adottat fit-18 ta' Diċembru, u żied 140 individwu u kumpanija oħra mal-lista tas-sanzjonijiet. Ġew stabbiliti wkoll projbizzjonijiet ġodda fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni — bħal projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tad-djamanti Russi lejn l-UE — u dawn se jitwettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab tal-G7. Barra minn hekk, il-pakkett saħħaħ l-implimentazzjoni tal-limitu massimu tal-prezz taż-żejt billi introduċa miżuri ġodda biex jiġi mmonitorjat aħjar kif it-tankers qed jintużaw għaċ-ċirkomvenzjoni tal-limitu massimu. Dan kien jinkludi wkoll obbligi iktar stretti dwar it-traċċar tal-assi u miżuri rigorużi fil-konfront tal-kumpaniji ta' pajjiżi mhux tal-UE li jwettqu ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet.

Flimkien mas-sħab tagħha, l-UE qablet dwar lista prijoritarja ta' oġġetti sanzjonati fil-kamp tal-battalja. In-negozji għandhom japplikaw id-diliġenza dovuta fir-rigward ta' dawn l-oġġetti, u l-pajjiżi mhux tal-UE ma għandhomx jesportawhom lejn ir-Russja. Barra minn hekk, l-UE identifikat oġġetti ekonomikament kritiċi li qed jesperjenzaw flussi kummerċjali anomali. Dawn l-oġġetti ġew traċċati li ġew ittrasportati lejn ir-Russja minn ċerti pajjiżi mhux tal-UE.

Il-miżuri tal-iffriżar tal-assi huma waħda mill-iktar tipi ta' sanzjonijiet viżibbli u politikament importanti. B'kollox, attwalment kważi 1,950 entità u individwu huma soġġetti għal miżuri restrittivi, u ġew iffriżati iktar minn €28 biljun ta' assi tal-oligarki u tal-kumpaniji Russi u Belarussi. L-Istati Membri rrapportaw ukoll iktar minn €200 biljun ta' assi ffriżati tal-bank ċentrali Russu fl-UE.

Il-gwerra stess, u l-miżuri restrittivi, qed ipoġġu l-ekonomija tar-Russja taħt pressjoni konsiderevoli, peress li qed jikkontribwixxu għal nefqa li qed tikber b'rata mgħaġġla, deprezzament tar-rublu, żieda fl-inflazzjoni u suq tax-xogħol strett li jirrifletti t-telf ta' ħaddiema. Ir-rublu tilef madwar 40 % tal-valur tiegħu mill-quċċata tiegħu fis-sajf tal-2022, u dan ġiegħel lill-bank ċentrali Russu jgħolli r-rati tal-imgħax tiegħu minn 8 % għal 16 % u jsaħħaħ il-kontrolli tal-kapital. Id-dħul tal-baġit miż-żejt u mill-gass naqas b'40 % fl-2023 bis-saħħa tal-limitu massimu tal-prezz taż-żejt maqbul mas-sħab tal-G7. Dan l-effett se jkompli jintensifika maż-żmien, peress li l-miżuri tfasslu biex ikollhom impatt fit-tul fuq il-baġit tar-Russja u fuq il-bażi industrijali u teknoloġika tagħha.

Qed jiġu imposti wkoll sanzjonijiet fuq l-alleat tar-Russja, il-Belarussja. Fit-3 ta' Awwissu 2023, il-Kunsill adotta s-seba' pakkett ta' sanzjonijiet b'rispons għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-pajjiż. L-UE mhijiex qed timponi sanzjonijiet ġenerali fuq il-pajjiż kollu, iżda minflok qed timmira lejn setturi strateġiċi tal-ekonomija Belarussa, bħall-kummerċ tal-armi, il-kummerċ f'teknoloġiji b'użu militari potenzjali u l-kummerċ ta' oġġetti li jintużaw fl-industriji tal-avjazzjoni u tal-ispazju.

## Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni

Permezz tal-mezzi tal-aħbarijiet tal-istat u l-istazzjonijiet affiljati tagħha, ir-Russja xxerred informazzjoni żbilanċjata u propaganda tal-gwerra, bit-tentattiv li tirrazzjonalizza l-azzjonijiet aggressivi tagħha kontra l-Ukrajna u tixħet il-ħtija fuq l-Ukrajna u l-Punent. Sabiex tiġġieled dan, l-UE tappoġġa l-ħidma tal-Ukrajna biex jintlaħqu s-sħab globali, inkluż fil-fora u fid-diskussjonijiet internazzjonali. L-UE taġixxi fuq ħafna livelli biex tilħaq kemm jista' jkun nies, filwaqt li tappoġġa l-istituzzjonijiet tal-gvern, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tal-media u l-pjattaformi online skont il-Kodiċi ta' Prattika aġġornat dwar id-Diżinformazzjoni.

Bħala parti mis-sanzjonijiet kontra r-Russja, l-UE ssospendiet l-attivitajiet tax-xandir ta' bosta mezzi Russi ta' diżinformazzjoni tal-istat u favur il-Kremlin. B'mod iktar ġenerali, l-2023 immarkat bidla fl-andament tal-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni fl-UE. Bid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, il-fornituri tal-pjattaformi online kbar ħafna u tal-magni tat-tiftix online kbar ħafna jeħtieġ li jevalwaw b'mod regolari kwalunkwe riskju potenzjali għas-soċjetà maħluq mis-servizzi tagħhom. Dawn jinkludu t-theddidiet għal-libertà tal-espressjoni u r-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw għal kampanji ta' diżinformazzjoni.

F'Lulju, il-Kummissjoni nediet sejħa għal proposti b'valur ta' €1.2 miljun għal proġetti li jistgħu jiddeċifraw kif in-narrattivi ta' diżinformazzjoni dwar il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-elezzjonijiet u l-komunità LGBTIQ jitfaċċaw online u offline, u kif għandhom jiġu indirizzati ladarba jitfaċċaw. Dawn il-proġetti se jiffurmaw parti mill-isforzi usa' għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, bħall-pjattaforma EUvsDisinfo u s-Sistema ta' Twissija Rapida.

Fl-2023 komplew il-komunikazzjoni u l-kampanji mmirati fuq il-media soċjali biex titgiddeb id-diżinformazzjoni Russa dwar is-sanzjonijiet u dwar is-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija. Finalment, biex jiġi żgurat li l-persuni spostati mill-Ukrajna jkunu konxji mid-drittijiet tagħhom, il-Kummissjoni wettqet kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar l-importanza li jintużaw sorsi uffiċjali ta' informazzjoni.

## Għajnuna umanitarja u protezzjoni ċivili għall-Ukrajna

Il-finanzjament umanitarju u l-protezzjoni ċivili tal-UE jgħinu lin-nies fl-Ukrajna permezz ta' diversi forom ta' appoġġ. B'kollox, din l-għajnuna tiswa madwar €1.6 biljun (madwar €800 miljun f'għajnuna umanitarja u €800 miljun f'offerti mhux finanzjarji tal-protezzjoni ċivili). L-għajnuna umanitarja tinkludi l-għoti ta' ikel, ilma, oġġetti essenzjali tad-dar, kura tas-saħħa, saħħa mentali u appoġġ psikosoċjali, u kenn ta' emerġenza. L-għajnuna tal-UE lill-Ukrajna tinkludi wkoll l-għajnuna liż-żgħażagħ Ukreni biex ikomplu l-edukazzjoni tagħhom u l-għotjiet ta' flus kontanti biex jiġu koperti l-ħtiġijiet bażiċi. L-UE tikkoordina l-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp tagħha permezz ta' approċċ nexus, filwaqt li tiżgura mhux biss li tindirizza l-ħtiġijiet immedjati, iżda anke li tkun sostenibbli fit-tul.

L-appoġġ psikosoċjali huwa estiż għall-persuni spostati fl-Istati Membri permezz tal-programm EU4Health u, fil-biċċa l-kbira, bil-kollaborazzjoni tal-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u n-Nofs Qamar l-Aħmar. Barra minn hekk, l-UE qed tikkoordina l-evakwazzjonijiet mediċi ta' pazjenti Ukreni li għandhom bżonn urġenti ta' trattament, billi jiġu ttrasferiti fi sptarijiet madwar l-Ewropa biex jirċievu kura speċjalizzata. Kważi 3,000 pazjent li kellhom bżonn evakwazzjoni medika rnexxielhom jiġu ttrasferiti lejn 22 Stat Membru jew pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea bejn Marzu 2022 u d-19 ta' Diċembru 2023.



←
PODCAST Isma' jew aqra dan l-artiklu ppubblikat minn EUvsDisinfo dwar il-mod kif ir-Russja ddawwar il-verità kif trid hi.

## Finanzjament umanitarju tal-UE lill-Ukrajna fl-2023 skont is-settur




Permezz taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza tagħha, l-UE qed tikkoordina l-ikbar operazzjoni tal-protezzjoni ċivili li qatt kellha biex tipprovdi assistenza ta' emerġenza lill-persuni fil-bżonn (ara l-Kapitlu 8).

Is-27 Stat Membru kollha, flimkien mal-Iżlanda, mal-Maċedonja ta' Fuq, man-Norveġja, mas-Serbja u mat-Turkija, offrew assistenza mhux finanzjarja permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, li tvarja minn provvisti mediċi, oġġetti ta' kenn u vetturi għal tagħmir tat-tifi tan-nar u tal-enerġija. Biex tiddeerieġi dawn l-oġġetti ta' emerġenza lejn l-Ukrajna, l-UE fetħet ċentri loġistiċi addizzjonali fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja. Sa tmiem l-2023, kważi 100,000 tunnellata ta' din it-tip ta' assistenza kienu ġew ikkonsenjati lill-Ukrajna.



© Litgrid



© Litgrid

→
Fil-mira tagħha r-Russja għandha l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna. Biex tipprovdi enerġija lis-servizzi Ukreni kif ukoll tisħin fix-xitwa meta t-temperatura tkun baxxa ħafna, l-UE tat donazzjoni ta' aktar minn 5,500 ġeneratur tal-enerġija u aktar minn 6 miljun biċċa ta' tagħmir elettriku. Dan it-transformer, li jiswa aktar minn €2 miljun, ġie offrut minn Litgrid, kumpanija tal-elettriku Litwana, u hu parti mill-akbar operazzjoni loġistika kkoordinata mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. L-24 ta' Jannar 2023.

L-UE mmobilizzat ukoll assistenza mir-riżervi tar-rescEU tagħha. Ir-rescEU hija riżerva ta' kapaċitajiet Ewropej, iffinanzjata għalkollox mill-UE. Tinkludi flotta ta' ajruplani u ħelikopters tat-tifi tan-nar, ajruplani tal-evakwazzjoni medika u riżerva ta' oġġetti mediċi u sptarijiet fuq il-post li jistgħu jirrispondu għall-emerġenzi. Għall-Ukrajna, l-UE mmobilizzat ġeneraturi tal-enerġija, tagħmir mediku u unitajiet temporanji ta' kenn. Barra minn hekk, intbagħtu impjanti tat-trattament tal-ilma b'rispons għall-ksur tad-diga ta' Nova Kakhovka, filwaqt li ġie fornut tagħmir speċjalizzat — bħal dekontaminanti, ilbies ta' protezzjoni u pilloli tal-jodju — b'rispons għar-riskji għas-saħħa pubblika, bħal theddidiet kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari.



↑
Xarabank mogħtija mill-belt tal-Lussemburgu tħalli ċ-ċentru loġistiku tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, Suceava, ir-Rumanija, Lulju 2023.

Biex tgħin lit-tfal Ukreni jerġgħu lura l-iskola, f'Diċembru 2022 l-UE nediet il-kampanja "Xarabanks tal-iskola għall-Ukrajna". Permezz tagħha, l-UE u l-Istati Membri tagħha bagħtu iktar minn 380 xarabank lill-Ukrajna.

## Nilqgħu lil dawk li qed jaħarbu mill-gwerra

Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna wasslet għall-ikbar spostament furzat ta' nies fl-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija. Biex tipproteġi d-drittijiet tan-nies li qed jaħarbu lejn l-UE mill-Ukrajna, l-UE malajr introduċiet id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja. Sa tmiem l-2023, kważi 4.2 miljun persuna mill-Ukrajna gawdew id-dritt għal residenza, akkomodazzjoni, kura tas-saħħa, edukazzjoni u xogħol fl-UE. F'Ottubru, din il-protezzjoni temporanja ġiet estiża sa Marzu 2025. Il-Pjattaforma ta' Solidarjetà għenet lill-Istati Membri jikkoordinaw l-akkoljenza tar-refuġjati mill-Ukrajna, u qed tkompli tgħin fl-implimentazzjoni tad-Direttiva.

## Sabiex tipproteġi lill-Ukreni, l-UE:




L-iżgurar ta' integrazzjoni rapida u effettiva fis-suq tax-xogħol huwa mod importanti ieħor li bih l-UE tilqa' lil dawk li qed jaħarbu mill-kunflitt armat. Il-miżuri adottati taħt il-politika ta' koeżjoni fl-2022, bħall-pakketti tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa u l-Assistenza Flessibbli għat-Territorji, introduċew il-flessibbiltà meħtieġa fir-regoli ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw dan il-finanzjament biex jilqgħu lir-refuġjati mill-Ukrajna. Fl-2023, dawn il-miżuri komplew jippermettu li jiġi allokat il-finanzjament għall-programmi ta' integrazzjoni soċjali, il-kura tas-saħħa, l-ikel, l-assistenza bażika u orjentazzjoni għas-suq tax-xogħol. Il-qasam tal-aħħar jinkludi korsijiet tal-lingwi, l-edukazzjoni, is-servizzi soċjali u l-indukrar tat-tfal. L-impjieg jgħin lin-nies jibnu ħajjithom mill-ġdid, jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jikkontribwixxu għall-komunitajiet ospitanti tagħhom, u eventwalment se jappoġġa r-rikostruzzjoni fl-Ukrajna.

## Iktar minn 1.5 miljun Ukren issa qed jaħdmu fl-UE.

Sors: Stħarriġ tan-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi.

L-UE qed tgħin lill-Ukreni jintegraw fis-suq tax-xogħol billi tippermetti l-validazzjoni rapida tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u akkademiċi. Stabbiliet il-Proġett Pilota tar-Riżerva tat-Talenti tal-UE, għodda online għat-tiftix tal-impjiegi li tqabbel il-persuni li ħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna ma' impjiegi u postijiet battala tax-xogħol xierqa. Barra minn hekk, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi tal-Istati Membri jqabbdu lil dawk li qed ifittxu impjieg mal-impjegaturi fil-livell nazzjonali. F'Lulju, in-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi adotta linji gwida komuni biex jappoġġa iktar l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.

L-UE hija ddedikata wkoll biex tiżgura l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja għat-tfal Ukreni spostati. Immobilizzat diversi għodod, prinċipalment taħt il-qafas strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, bħall-gwida tal-politiki dwar l-apprendiment bejn il-pari, il-pjattaformi online u l-finanzjament. Il-programm ta' finanzjament Erasmus+ qed jintuża wkoll biex jappoġġa l-edukazzjoni tal-istudenti refuġjati. L-edukazzjoni għolja hija appoġġata wkoll permezz tal-iskema ta' boroż ta' studju MSCA4Ukraine. Sa tmiem l-2023, bis-saħħa tal-finanzjament u l-appoġġ ipprovduti minn din l-inizjattiva, 124 riċerkatur Ukren setgħu jkomplu l-ħidma tagħhom fl-UE u f'diversi pajjiżi mhux tal-UE li huma parti mill-programm Orizzont Ewropa.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet tliet inizjattivi ġodda biex tagħti spinta lill-kooperazzjoni tal-UE rigward ir-riċerka u l-innovazzjoni mal-Ukrajna: uffiċċju ġdid ta' Orizzont Ewropa fi Kiev; l-inizjattiva l-ġdida tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni biex tiġi appoġġata l-komunità tat-teknoloġija profonda tal-Ukrajna; u ċentru komunitarju ġdid tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija.

Finalment, l-UE taf il-valur tal-espressjoni kulturali biex tgħin lin-nies jipproċessaw avvenimenti trawmatiċi u fil-ħolqien ta' sens ta' komunità u fehim reċiproku. Fl-2022, il-programm Ewropa Kreattiva tal-UE nieda sejħa għal proġetti li jappoġġaw lill-artisti u lill-organizzazzjonijiet kulturali barra mill-Ukrajna. F'Mejju 2023, tħabbru r-rebbieħa: il-konsorzji ZMINA, Culture Helps u U-RE-HERIT se jappoġġaw lill-artisti Ukreni u se jikkontribwixxu għar-rikostruzzjoni tal-wirt kulturali Ukren.

## Integrazzjoni fis-Suq Uniku u ftehimiet oħra

F'April 2023, l-Ukrajna ssieħbet fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili bħala stat parteċipanti. F'Awwissu, filwaqt li kienet għadha fil-proċess ta' adeżjoni formali fil-mekkaniżmu, l-Ukrajna kkontribwiet 51 persuna tal-ewwel intervent u 19-il vettura biex tassisti fl-isforzi ta' sokkors fis-Slovenja wara l-għargħar devastanti. Bħala stat parteċipanti bis-sħiħ, l-Ukrajna se tkun tista' tibgħat l-għajnuna permezz tal-mekkaniżmu flimkien ma' membri oħra meta pajjiż ieħor jiffaċċja kriżi, u b'hekk tkun tista' toffri l-istess solidarjetà li rċeviet. Dan jindika wkoll pass importanti lejn l-integrazzjoni tal-UE għall-Ukrajna u jestendi l-Viċinat tal-Lvant tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.



↑
Mix-xellug għal-lemin: Ihor Klymenko, il-Ministru Ukren għall-Affarijiet Interni, Olha Stefanishyna, il-Viċi Prim Ministru għall-Integrazzjoni Ewropea u Ewro-Atlantika tal-Ukrajna, u Janez Lenarčič, il-Kummissarju Ewropew għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet, waqt l-iffirmar ta' ftehim li joffri lill-Ukrajna sħubija sħiħa fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, Kiev, l-Ukrajna, l-20 ta' April 2023.

L-Ukrajna ġiet integrata iktar fis-Suq Uniku tal-UE billi ssieħbet fil-Programm tas-Suq Uniku, u ffirmat ftehim ta' assoċjazzjoni f'laqgħa bejn il-Kummissarji Ewropej u l-gvern Ukren fi Kiev fit-2 ta' Frar 2023. Dan il-ftehim jippermetti lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju fl-Ukrajna jibbenefikaw minn sejħiet speċifiċi għal proposti li jistgħu jirriżultaw f'finanzjament, u jipparteċipaw f'inizjattivi bħal Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ u n-Network Enterprise Europe.

Żewġ sejħiet għal proposti, b'baġit totali ta' €7.5 miljun, ġew imnedija speċifikament biex jappoġġaw l-integrazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ukreni fis-Suq Uniku. Barra minn hekk, sar progress rapidu fil-ħidma fuq in-negozjati għal Ftehim dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali mal-Ukrajna. Dan il-ftehim, ladarba jkun fis-seħħ, se jrawwem l-integrazzjoni ekonomika, u b'hekk se jgħin lill-ekonomija Ukrena u lin-negozji Ukreni fl-irkupru tagħhom.

Ara kif l-Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ jappoġġa lill-intraprendituri Ukreni.

Ara kif l-UE u n-Network Enterprise Europe jappoġġaw lill-Ukrajna.




L-Ukrajna tibbenefika wkoll minn karatteristika importanti oħra tas-Suq Uniku. F'April 2022, l-UE kkollaborat ma' operaturi tal-mowbajl Ewropej u Ukreni biex jiġi offrut roaming affordabbli jew mingħajr ħlas bejn iż-żewġ reġjuni. Dan il-ftehim, li ġġedded f'Lulju 2023 għal sena oħra, jgħin lil dawk li ġew spostati mill-Ukrajna biex jibqgħu jżommu kuntatt lil hinn mill-fruntieri, billi l-operaturi komplew inaqqsu l-kostijiet tal-konnessjoni.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qed taħdem biex tinkorpora dan il-ftehim dwar ir-roaming fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna. Ladarba jiġi ffinalizzat, se jiżgura użu tal-mowbajl mingħajr kostijiet kemm għall-viżitaturi Ukreni fl-UE kif ukoll għall-vjaġġaturi tal-UE fl-Ukrajna. Il-pass tal-integrazzjoni tal-Ukrajna fis-suq tar-roaming tal-UE se jiddependi fuq l-adozzjoni u l-eżekuzzjoni tagħha tal-liġijiet rilevanti tal-UE.

# Sigurtà tal-ikel

Ir-Russja qed taggrava l-kriżi dinjija tas-sigurtà tal-ikel billi apposta timblokka l-esportazzjonijiet taċ-ċereali mill-Baħar l-Iswed, timmira lejn is-sajlos taċ-ċereali u l-infrastruttura agrikola fl-Ukrajna u tillimita l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli u tal-fertilizzanti.

Fl-2022, l-UE, l-Istati Membri tagħha, l-Ukrajna u l-Moldova stabbilew il-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna biex iċ-ċereali maqbuda fl-Ukrajna jinħarġu għall-bqija tad-dinja. Dawn ir-rotot alternattivi, li jkopru l-linji ferrovjarji, it-toroq u l-passaġġi fuq l-ilma, jiffaċilitaw kemm l-esportazzjonijiet mill-Ukrajna kif ukoll l-importazzjonijiet vitali bħall-għajnuna umanitarja u l-fertilizzanti.



↑
Il-ħatt tal-qamħ Ukren minn barkun fuq id-Danubju, il-Moldova, it-12 ta' Diċembru 2022.

**Il-Korsiji ta' Solidarjetà: rwol kritiku fis-sigurtà globali tal-ikel**

B'kollox, fl-2022 u fl-2023, il-Korsiji ta' Solidarjetà ppermettew lill-Ukrajna:

- tesporta iktar minn 65 miljun tunnellata ta' prodotti agrikoli, fosthom kważi 61 miljun tunnellata ta' ċereali, żrieragħ żejtnin u prodotti relatati, inkluż lejn dawk il-pajjiżi l-iktar affettwati mill-iskarsezza tal-ikel;
- tesporta iktar minn 51 miljun tunnellata ta' prodotti mhux agrikoli mill-Ukrajna, bħal minerali, ħadid, azzar u injam;
- tiġġenera iktar minn €44 biljun għall-bdiewa u għan-negozji Ukreni;
- timporta iktar minn 43 miljun tunnellata (b'valur ta' €88 biljun) ta' prodotti kruċjali bħall-fjuwil.

F'Ġunju 2023, l-UE ħabbret li kienet qed tinvesti €250 miljun f'disa' proġetti transfruntiera biex ittejjeb il-kollegamenti bejn l-Ukrajna, il-Moldova u l-ġirien tagħhom tal-UE, jiġifieri l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja. Il-proġetti jinkludu studji u xogħlijiet fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ferrovjarji u tat-triq biex tiġi estiża u mmodernizzata l-infrastruttura, jittejbu ż-żoni tal-parkeġġ u jittejbu l-faċilitajiet u t-tagħmir tat-trażbord.

Finalment, fl-2023 ġiet stabbilita Pjattaforma Konġunta ta' Koordinazzjoni biex ittejjeb il-fluss tal-kummerċ bejn l-UE u l-Ukrajna. L-isforzi tal-pjattaforma intensifikaw wara li r-Russja temmet l-Inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali fis-17 ta' Lulju, u b'hekk effettivament waqqfet l-esportazzjonijiet taċ-ċereali mir-rotta tal-Baħar l-Iswed.

## L-appoġġ lill-Istati Membri

L-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna qed jinħassu lil hinn mill-fruntieri tal-Ukrajna. Bħala ġirien tal-Ukrajna, l-Istati Membri qed jiġu affettwati wkoll, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija u tas-swieq tal-ikel. (Għal iktar informazzjoni dwar kif l-UE qed tindirizza l-kriżi tal-enerġija, ara l-Kapitlu 4.)

Fl-2023, l-UE awtorizzat €487 biljun f'għajnuna mill-Istat biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni, applikabbli mid-9 ta' Marzu 2023, huwa wieħed mill-għodod li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex itaffu l-effett tal-gwerra fuq l-ekonomiji tagħhom.

Barra minn hekk, wara li ssospendiet il-programmi ta' kooperazzjoni mar-Russja u l-alleat tagħha l-Belarussja, fl-2023 l-UE ttrasferiet €135 miljun addizzjonali inizjalment previsti għal proġetti ma' dawn iż-żewġ pajjiżi għal programmi oħra li se jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Ukrajna u l-Moldova.

Matul is-sena, l-UE żgurat ukoll li r-reġjuni kollha fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja u fil-Finlandja, li suppost kellhom jipparteċipaw fi programmi ta' kooperazzjoni mar-Russja u mal-Belarussja, setgħu jipparteċipaw fi programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali eżistenti oħra.

**Il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni jagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà li jeħtieġu biex:**




jagħtu ammonti limitati ta' għajnuna lill-kumpaniji affettwati mill-kriżi attwali jew mis-sanzjonijiet u l-kontrosanzjonijiet relatati




jiżguraw li tibqa' disponibbli l-likwidità suffiċjenti għan-negozji




jikkumpensaw lill-kumpaniji għall-ispejjeż addizzjonali mġarrba minħabba l-prezzijiet eċċezzjonalment għolja tal-gass u tal-elettriku




←
Il-ħsad tal-qamħ fir-reġjun ta' Donetsk, l-Ukrajna, l-4 ta' Awwissu 2023.

## Appoġġ lill-bdiewa tal-UE

Minħabba l-importanza tar-Russja u tal-Ukrajna għall-provvista globali taċ-ċereali u taż-żrieragħ żejtnin, il-gwerra li għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna ħolqot inċertezza u volatilità kbira f'dawn is-swieq.

Peress li r-rotot tal-esportazzjoni tas-soltu tal-Ukrajna mill-portijiet tal-Baħar l-Iswed ġew imblokkati jew ristretti ferm, l-esportazzjonijiet ma waslux sad-destinazzjonijiet tagħhom b'mod effettiv daqs qabel. Minflok, iċ-ċereali u ż-żrieragħ żejtnin Ukreni bdew jinstabu dejjem iktar fis-swieq tal-Istati Membri ġirien tal-Ukrajna, u dan ħoloq konġestjonijiet loġistiċi.

Fl-2023, l-UE introduċiet żewġ pakketti ta' appoġġ u projbizzjoni temporanja fuq l-importazzjoni tal-qamħ, tal-qamħirrum, taż-żerriegħa tal-kolza u taż-żerriegħa tal-ġirasol mill-Ukrajna lejn il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, skont ir-Regolament dwar il-Miżuri Kummerċjali Awtonomi għall-Ukrajna. Dan għen biex jittaffew il-konġestjonijiet loġistiċi u jiġi indirizzat it-tħassib tal-bdiewa fl-Istati Membri affettwati, filwaqt li xorta ppermetta lill-UE tkompli bl-appoġġ ekonomiku tagħha lill-Ukrajna fil-forma ta' tariffi żero fuq l-importazzjonijiet Ukreni kollha.

B'kollox, ġew ipprovduti iktar minn €156.3 miljun mir-riżerva agrikola tal-Politika Agrikola Komuni biex jiġu appoġġati dawk il-bdiewa l-iktar affettwati fil-ħames Stati Membri ġirien tal-Ukrajna. L-Istati Membri kkonċernati tħallew ukoll jużaw mezzi nazzjonali ta' appoġġ biex jagħtu kumpens addizzjonali, jekk meħtieġ, permezz ta' pagament supplimentari jew għajnuna mill-Istat iddedikata. Barra minn hekk, fit-tielet pakkett ta' appoġġ, il-Kummissjoni mmobilizzat finanzjament addizzjonali ta' €330 miljun li għandhom jiġu allokati lill-bdiewa tal-UE fi Stati Membri oħra milquta minn kostijiet għoljin tal-produzzjoni u problemi speċifiċi kkaġunati mill-gwerra ta' aggressjoni Russa. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Tħejjija u Rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel li ġie stabbilit reċentement ippermetta l-mobilizzazzjoni rapida tal-għarfien espert u ġibed l-attenzjoni tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati għall-problemi u għall-konġestjonijiet fi stadju bikri. L-eżitu tad-diskussjonijiet fost dawn il-partijiet ikkonċernati informa direttament ir-risponsi tal-UE.

# Investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati tal-gwerra

Minn mindu bdiet il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-awtoritajiet Russi kontinwament kisru d-drittijiet internazzjonali tal-bniedem, b'diversi rapporti ta' reati tal-gwerra u attakki fuq iċ-ċivili. Sa tmiem l-2023, l-Ukrajna u 16-il Stat Membru tal-UE kienu nedew investigazzjonijiet dwar ir-reati internazzjonali li wettqet ir-Russja fl-Ukrajna.

Sitt ijiem wara li bdiet il-gwerra, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) għenet biex tiġi stabbilita skwadra ta' investigazzjoni konġunta bl-iskop li tinġabar evidenza u jiġu investigati r-reati tal-gwerra u r-reati kontra l-umanità. Illum, l-iskwadra tikkonsisti mill-Ukrajna, sitt Stati Membri, il-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi.

Minħabba l-kumplessità tal-ġbir tal-evidenza tar-reati internazzjonali (eż. il-ġbir ta' xhieda minn persuni f'pajjiżi differenti), fl-2023 Eurojust stabbiliet ukoll bażi tad-*data* biex tippreserva u taħżen l-evidenza ta' dawn ir-reati (il-Bażi tad-Data tal-Evidenza tad-Delitti Internazzjonali Ewlenin). Eurojust se ssellef l-għarfien espert tagħha lil din il-bażi tad-*data* billi tanalizza l-evidenza, u se tipprovdi gwida prattika lill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali fl-identifikazzjoni tal-evidenza li tkun tinsab f'pajjiżi oħra u li tista' tkun rilevanti għall-investigazzjonijiet tagħhom stess.



↑
It-tnedija taċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna, The Hague, in-Netherlands, it-3 ta' Lulju 2023. Sfond, mix-xellug għal-lemin: Kenneth Polite, l-Assistent Avukat Ġenerali tal-Istati Uniti għat-Taqsima Kriminali, Andriy Kostin, il-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna, Dilan Yeşilgöz-Zegerius, il-Ministru Netherlandiż għall-Ġustizzja u s-Sigurtà, Ladislav Hamran, il-President tal-Eurojust, Didier Reynders, il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, u Karim Asad Ahmad Khan, il-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

Eurojust tospita wkoll iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna li għadu kemm ġie stabbilit. Iċ-ċentru, li nfetaħ f'Lulju 2023, huwa magħmul minn prosekuturi nazzjonali indipendenti mill-membri tal-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta u sitt prosekuturi Ukreni, u ġie stabbilit biex iħejji u jikkontribwixxi għal kwalunkwe prosekuzzjoni futura tad-delitt ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Delitt ta' aggressjoni huwa meta mexxejja politiċi u militari ta' livell għoli jippjanaw, jibdew jew iwettqu atti ta' aggressjoni fuq skala kbira bl-użu ta' forza militari tal-istat. Din hija l-ewwel darba fl-istorja li delitt bħal dan qed jiġi investigat waqt li għadu qed jitwettaq.

Fiċ-ċentru, il-prosekuturi se jkunu jistgħu jaħdmu flimkien fuq il-post, u b'hekk ikunu jistgħu jiskambjaw l-evidenza malajr u jaqblu dwar il-mod li bih se jwettqu l-istrateġija investigattiva u ta' prosekuzzjoni tagħhom. Il-Bażi tad-*Data* tal-Evidenza tad-Delitti Internazzjonali Ewlenin se tkun ċentrali għall-ħidma tiegħu, u l-evidenza miġbura miċ-ċentru tista' tintuża quddiem ġuriżdizzjonijiet oħra, inkluż quddiem qrati nazzjonali u internazzjonali.

Permezz tat-Task Force tagħha dwar l-Iffriżar u s-Sekwestru, Eurojust qed tiżgura wkoll li s-sanzjonijiet tal-UE jiġu implimentati kif suppost. It-task force qed tinvestiga rabtiet possibbli bejn l-attività kriminali u individwi u negozji Russi u Belarussi. Qed tħares ukoll lejn kif il-miżuri tal-liġi kriminali bħall-konfiska tal-assi jistgħu jikkontribwixxu għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.



# Rikostruzzjoni tal-Ukrajna

L-UE hija impenjata li tiżgura li r-Russja tħallas għall-ħsara kkawżata fl-Ukrajna. B'hekk, qed tesplora għażliet biex tappoġġa r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna — f'konformità mad-dritt tal-UE u mad-dritt internazzjonali — bid-dħul straordinarju ġġenerat mill-ġestjoni tar-riżervi tal-bank ċentrali Russu li attwalment huma ffriżati fl-UE minħabba s-sanzjonijiet. Għal dan l-għan, f'Diċembru l-Kummissjoni adottat proposti dwar l-iffriżar tad-dħul imprevist straordinarju mill-assi tal-bank ċentrali Russu.

L-UE qed tikkoordina wkoll ir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna mas-sħab internazzjonali tagħha. F'Jannar 2023, l-UE, l-Ukrajna u s-sħab tal-G7 nedew il-Pjattaforma għall-Koordinazzjoni tad-Donaturi tad-diversi aġenziji tal-G7. Il-pjattaforma għandha rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-appoġġ għall-ħtiġijiet ta' finanzjament immedjati tal-Ukrajna u għall-irkupru ekonomiku u għar-rikostruzzjoni futuri tagħha b'diversi sorsi u strumenti ta' finanzjament stabbiliti.

Matul iż-żjara ta' Frar fl-Ukrajna mill-Kulleġġ tal-Kummissarji, l-UE ħabbret pakkett ta' għajnuna ta' €1 biljun għall-isforzi ta' rikostruzzjoni bħala parti mill-pakkett kumplessiv tagħha ta' assistenza lill-pajjiż. Il-Kummissarji u l-gvern Ukren iddiskutew ukoll kif l-UE tista' tgħin lill-Ukrajna tibni mill-ġdid il-bliet tagħha b'mod sostenibbli u inkluživ. F'Marzu tnediet l-inizjattiva Phoenix (Proġett għal Orjentazzjoni Olistika lejn Infrastruttura Ambjentali Ġdida fil-Bliet Ukreni). L-inizjattiva se tippermetti lill-bliet Ukreni jkollhom aċċess għal teknoloġiji u għarfien espert mill-iktar avvanzati mill-komunità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Se tikkollega wkoll il-bliet Ukreni ma' bliet oħrajn simili fl-UE biex jiskambjaw l-għarfien espert u l-prattiki tajbin dwar kif jistgħu jinbnew bliet newtrali għall-klima u iktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Se tikkombina l-finanzjament mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa għal Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti u l-programm LIFE, mal-mobilizzazzjoni immedjata ta' mill-inqas €7 miljun.

Finalment, fil-Konferenza dwar l-Irkupru Ekoloġiku tal-Ukrajna li saret bejn it-28 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru f'Vilnius, il-Litwanja, l-UE affermat mill-ġdid l-appoġġ kontinwu tagħha lill-muniċipalitajiet Ukreni u ppreżentat l-implimentazzjoni li għaddejja u l-ewwel riżultati tal-inizjattiva Phoenix. B'mod parallel, il-Missjoni għall-Ekonomija Ċirkolari wasslet biex il-kumpaniji u l-partijiet ikkonċernati tal-industrija tal-UE jiffukaw fuq l-ekonomija ċirkolari flimkien man-negozji u max-xerrejja pubbliċi bbażati fl-Ukrajna, u b'hekk tat spinta lid-dimensjoni tan-negozju tal-irkupru ekoloġiku tal-Ukrajna.




Fil-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna f'Londra, f'Ġunju, l-UE ppreżentat faċilità ġdida li tipproponi sa €50 biljun f'għotjiet u f'self biex tgħin l-irkupru u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna mill-2024 sal-2027.

Dan wera l-appoġġ sod tal-UE għall-Ukrajna fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għadha għaddejja u afferma l-impenn tagħha favur it-triq tal-Ukrajna lejn is-sħubija fl-UE.

Barra minn hekk, l-UE ffirmat ftehimiet li jammontaw għal iktar minn €800 miljun biex timmobilizza l-investiment privat għall-irkupru u għar-rikostruzzjoni tal-ekonomija tal-Ukrajna.

←
Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, titkellem fil-Konferenza dwar l-Irkupru tal-Ukrajna, Londra, ir-Renju Unit, il-21 ta' Ġunju 2023.



© AFP

# 2. Insaħħu l-ekonomija u l-kompetittività tal-UE

↑
L-impjegati jissorveljaw l-assemblaġġ ta' vettura elettrika fil-faċilità Neapco Europe f'Dueren, il-Ġermanja, it-22 ta' Awwissu 2023.

## Introduzzjoni

Fl-2023 l-Unjoni Ewropea kompliet tiffoka fuq it-tisħiħ tal-kompetittività u fuq it-trasformazzjoni tal-ekonomija tagħha f'ekonomija aktar ekoloġika, diġitali, inklużiva u reżiljenti. Bil-pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku propost fl-2023, l-UE għandha l-għan li ssaħħaħ il-kompetittività tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u tappoġġa t-tranżizzjoni malajr lejn in-newtralità klimatika. L-UE ressqet ukoll strateġija għall-kisba tas-sigurtà ekonomika fl-UE u stabbiliet indikaturi ewlenin għat-tisħiħ tal-kompetittività fit-tul tagħha. Barra minn hekk, aġġornat il-qafas tal-finanzjament sostenibbli u ħadet passi biex tirriforma l-unjoni doganali. Is-sena 2023 fakkret ukoll it-30 sena anniversarju tas-Suq Uniku, u matul is-sena l-UE introduċiet sistema tal-privattiva unitarja u miżuri biex tiffaċilita n-negozju transfruntier. Biex tiżgura li l-ekonomija tal-UE tibbenefika mid-diġitalizzazzjoni, l-UE pproponiet qafas legali għal ewro diġitali — li se jikkomplementa l-użu kontinwu tal-flus kontanti — u introduċiet pjattaforma tad-*data* doganali. Barra minn hekk, ippreżentat diversi proposti leġiżlattivi li se jsaħħu l-unjoni tas-swieq kapitali tagħha billi jagħmlu l-investiment għall-investituri individwali aktar sikur; introduċiet leġiżlazzjoni għall-ġlieda kontra l-effetti distorsivi tas-sussidji barranin fuq is-swieq tal-UE; u rriformat u introduċiet oqfsa biex il-banek isiru aktar reżiljenti waqt ix-xokkijiet ekonomiċi.

# Irkupru kontinwu u reżiljenza fit-tul

## Xejriet

Fl-2023, l-ekonomija tal-UE kompliet tikber, għalkemm b'inqas momentum minħabba x-xokkijiet ekonomiċi formidabbli li kienet ġarrbet. Matul is-sena l-inflazzjoni naqset bis-saħħa tat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija u l-moderazzjoni tal-pressjoni inflazzjonarja mill-ikel u l-prodotti industrijali.

L-ekonomija tal-UE qed tiġi appoġġata minn suq tax-xogħol eċċezzjonalment b'saħħtu, li ra rati tal-qgħad inqas minn qatt qabel, l-espansjoni kontinwa tal-impjiegi u ż-żieda fil-pagi. L-implimentazzjoni tar-riformi u l-investiment fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jibqa' essenzjali biex l-ekonomija tal-UE tkompli miexja fit-triq it-tajba.

Fil-futur, il-gwerra attwali tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u t-tensjonijiet ġeopolitiċi usa' se jkomplu joħolqu riskji għall-prospetti tat-tkabbir tal-ekonomija tal-UE.

## Is-suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Fl-2023, l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, fil-qalba tal-pjan tal-irkupru NextGenerationEU b'baġit ta' €800 biljun, kompliet tagħti spinta lill-irkupru ekonomiku. L-istrument saħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-Istati Membri u appoġġa l-pjan REPowerEU, l-inizjattiva tal-UE biex tgħin lill-Istati Membri jħaffu t-tranżizzjoni tagħhom 'il bogħod mill-fjuwils fossili, fid-dawl tal-invażjoni mhux provokata tar-Russja fl-Ukrajna (ara l-Kapitlu 4 għal aktar informazzjoni dwar l-inizjattiva REPowerEU).

Il-faċilità hi unika minħabba n-natura tagħha li hi bbażata fuq il-prestazzjoni. Biex jibbenefika minnha, Stat Membru jrid jippreżenta pjan għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni. Dawn il-pjanijiet jiddeskrivu r-riformi u l-investimenti li l-Istati Membri jkun beħsiebhom ilestu sa tmiem l-2026, li għalihom jistgħu jirċievu finanzjament sa allokazzjoni miftiehma minn qabel. Il-pagamenti li l-Kummissjoni tħallas lill-Istati Membri jiddependu fuq jekk jirnexxilhomx jilħqu l-istadji importanti u jiksbu l-miri predeterminati deskritti fil-pjanijiet tagħhom. Dawn il-miżuri huma ddisinjati biex jindirizzaw l-isfidi ewlenin tal-Istati Membri u biex jallinjawhom mal-objettivi tal-UE.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza qed tmexxi r-riformi u l-investiment f'sitt oqsma ta' politika: (i) it-tranżizzjoni ekoloġika; (ii) it-trasformazzjoni diġitali; (iii) it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; (iv) il-koeżjoni soċjali u territorjali; (v) ir-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika, soċjali u istituzzjonali; u (vi) il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss.

L-UE toffri wkoll għajnuna lill-Istati Membri biex jimplementaw il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. S'issa, aktar minn 400 proġett ibbenefikaw minn dan is-sostenn. 23 Stat Membru rċevew jew qed jirċievu appoġġ ġenerali bl-aspetti orizzontali tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, fosthom appoġġ fir-reviżjoni tal-pjanijiet tagħhom, filwaqt li s-27 Stat Membru tal-UE qed jibbenefikaw minn appoġġ tematiku marbut mal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

**Il-maġġoranza tan-nies fl-Ewropa (53 %) jidhrilhom li NextGenerationEU jista' jkun effettiv fir-rispons għall-isfidi ekonomiċi attwali.**

*Sors:* l-Ewrobarametru Standard 100, Diċembru 2023.

## Bis-saħħa tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri, sa tmiem l-2022 (l-aħħar ċifri disponibbli):




6.9 miljun individwu kienu involuti fl-edukazzjoni u t-taħriġ




1.4 miljun negozju rċevew appoġġ mhux finanzjarju




5.9 miljun persuna bbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni kontra d-diżastri relatati mal-klima




22.1 miljun megawatt siegħa ta' enerġija primarja annwali ġew iffrankati

## Fluss ta' fondi favur l-objettivi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)




## Eżempji ta' proġetti



**Tranżizzjoni ekoloġika**

Fi Franza, l-RRF iffinanzjat titjib fl-effiċjenza enerġetika għal 20,000 abitazzjoni soċjali u għall-akkomodazzjoni tal-istudenti.



**Trasformazzjoni diġitali**

L-RRF qed tagħti spinta lill-kapaċità tal-cloud tal-Italja permezz tal-investiment f'ċentri tad-data għall-ekonomija diġitali.



**Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv**

L-RRF għenet lil Spanja tassisti iktar minn 60 kumpanija kbira u SME fir-riċerka u fl-innovazzjoni tal-mobbiltà sostenibbli.



**Koeżjoni soċjali u territorjali**

L-RRF qed tippermetti lill-Awstrija tgħin lill-persuni qiegħda fit-tul jiksbu aċċess għat-taħriġ u għall-kwalifiki.



**Saħħa u reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali**

Riforma appoġġata mill-RRF f'Ċipru se ssaħħaħ l-isforzi kontra l-korruzzjoni u se tistabbilixxi awtorità indipendenti kontra l-korruzzjoni.



**Politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss**

Il-fondi tal-RRF għenu liċ-Ċekja tagħti madwar 74,000 apparat diġitali lill-istudenti għall-apprendiment mill-bogħod.

## Il-baġit tal-UE: nadattaw l-UE għall-isfidi attwali u tal-futur

Fl-2023 il-baġit fit-tul tal-UE (il-qafas finanzjarju pluriennali) u NextGenerationEU kienu essenzjali għall-irkupru tal-Ewropa billi indirizzaw sfidi bħall-gwerra fil-qrib, l-inflazzjoni għolja, id-diżastri naturali u l-kriżijiet umanitarji. Biex tiżgura li l-baġit tal-UE jkun jista' jkompli jwettaq l-aktar prijoritajiet essenzjali, f'Ġunju l-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

F'Settembru ġie adottat il-baġit annwali tal-UE għall-2024. Dan jindirizza l-kriżijiet urġenti fil-Lvant Nofsani kif ukoll fl-Ewropa u fil-viċinat tagħha.

Biex tappoġġa lil NextGenerationEU u tgħin lill-Ukrajna, fl-2023 il-Kummissjoni ġabret madwar €116-il biljun f'fondi fit-tul fosthom sa €12.5-il biljun f'bonds ekoloġiċi, u b'hekk l-UE saret il-fornitur ewlieni tal-bonds ekoloġiċi.




↑
Johannes Hahn, il-Kummissarju Ewropew għall-Baġit u l-Amministrazzjoni, jippreżenta l-proposta għal rieżami tal-qafas finanzjarju pluriennali, Brussell, il-Belġju, l-20 ta' Ġunju 2023.

## Nibnu reżiljenza fit-tul

Matul is-sena, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti leġiżlattivi tagħha biex timplimenta l-aktar riforma komprensiva tar-regoli dwar il-governanza ekonomika tal-UE minn wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2007–2008. Il-proposti saru wara riflessjoni bir-reqqa u konsultazzjoni estensiva. Ir-regoli l-ġodda għandhom l-għan li jiffaċilitaw u jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jimplimentaw riformi u investimenti importanti. Dawn ir-regoli se jissimplifikaw il-governanza ekonomika, se jtejbu s-sjieda nazzjonali, se jagħmlu enfasi akbar fuq iż-żmien medju u se jsaħħu l-infurzar tar-regoli fiskali tal-UE, f'qafas komuni trasparenti tal-UE.




↑
Valdis Dombrovskis, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli minn Ekonomija għas-Servizz tan-Nies u l-Kummissarju Ewropew għall-Kummerċ (xellug), u Paolo Gentiloni, il-Kummissarju Ewropew għall-Ekonomija (lemin), waqt konferenza stampa dwar ir-rieżami tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, Brussell, il-Belġju, is-26 ta' April 2023.

**Il-Kroazja tissieħeb fiż-żona tal-ewro**

Fl-1 ta' Jannar 2023, il-Kroazja ssieħbet fiż-żona tal-ewro u fiż-żona Schengen.



© Martin Münd/Bank Ċentrali Ewropew

L-ewro jtejjeb il-konvenjenza u l-kompetittività għall-Kroati billi jissimplifika l-ivvjaġġar u l-kummerċ. Il-karti u l-muniti tal-ewro jissimbolizzaw il-wegħda tal-libertà tal-UE u opportunità għall-Kroati kollha.

Stħarriġ li sar fil-Kroazja wara li l-ewro ssostitwixxa għalkollox il-kuna juri li 61 % taċ-ċittadini Kroati jemmnu li l-bidla saret bla skossi u b'mod effiċjenti, filwaqt li 88 % ħassew li kienu infurmati sew dwar il-munita unika.

Fl-UE, l-appoġġ għall-ewro għadu b'saħħtu ħafna: 71 % tan-nies fl-UE jappoġġaw l-unjoni ekonomika u monetarja Ewropea b'munita unika, u l-perċentwal jilħaq id-79 % fiż-żona tal-ewro.

*Sorsi:* l-Ewrobarometru Flash 518, Frar 2023; l-Ewrobarametru Standard 100, Diċembru 2023.

## Unjoni Ewropea koeżiva

Is-sena 2023 fakkret it-30 anniversarju mill-ħolqien tal-Fond ta' Koeżjoni. Matul dawn it-tliet deċennji li ilu jeżisti, il-Fond ta' Koeżjoni investa kważi €179 biljun fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE. Il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021–2027 mistenni jżid il-prodott domestiku gross tal-UE b'0.5 % u jappoġġa l-ħolqien ta' 1.3 miljun impjieg. Fost il-proġetti l-kbar li tlestew jew tnedew fl-2023 hemm ir-restawr tas-sit arkeoloġiku ta' Pompeii, sistema ġdida tal-metrò f'Tessaloniki u infrastruttura mtejba tal-ilma mormi fir-Rumanija. Sa tmiem is-sena, il-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2014–2020 irnexxielhom jiksbu riżultati sinifikanti fil-prattika, fosthom appoġġ lil 4.5 miljun negozju, il-ħolqien ta' aktar minn 370 000 impjieg ġdid, aċċess imtejjeb għall-broadband lil aktar minn 7.9 miljun dar, u l-installazzjoni ta' aktar minn 6 000 megawatt f'kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Dawn il-kisbiet jenfasizzaw ir-rwol vitali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi reġjonali u lokali, li huma l-eqreb tan-nies u jaqdu rwol ewlieni fit-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-prattika. B'rikonoxximent ta' dan, l-inizjattiva ComPAct, imnedija fl-2023, għandha l-għan li ttejjeb l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri.



←
Elisa Ferreira, il-Kummissarju Ewropew għall-Koeżjoni u r-Riformi (l-ewwel mil-lemin), iżżur il-proġett tas-Serer għat-Tnaqqis tas-$CO_2$ fuq il-Bjut, ikkofinanzjat mill-UE, Bettembourg, il-Lussemburgu, it-13 ta' Marzu 2023.

# Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti

## 30 sena mill-istabbiliment tas-Suq Uniku

Fl-2023, l-UE ċċelebrat it-30 anniversarju tas-Suq Uniku tagħha, li l-istabbiliment tiegħu fl-1 ta' Jannar 1993 kien stadju importanti fl-integrazzjoni Ewropea. Is-Suq Uniku hu ferm iżjed minn sempliċiment qafas legali jew suq; jirrappreżenta żona ta' libertà, progress, opportunità, tkabbir, prosperità komuni, koeżjoni u reżiljenza. Dan isaħħaħ b'mod sinifikanti l-pożizzjoni ekonomika u ġeopolitika globali tal-UE. Jirrappreżenta 15 % tal-prodott domestiku gross globali, u għalhekk hu l-akbar żona integrata tas-suq uniku fid-dinja, filwaqt li jibqa' wieħed mill-aktar orjentati 'l barra minnu.

Għal aktar minn 30 sena, is-Suq Uniku kien essenzjali għall-kompetittività tal-UE billi tejjeb il-ħajja taċ-ċittadini u ffaċilita n-negozju. B'żieda ta' 9 % fil-prodott domestiku gross tal-UE, dan ħoloq benefiċċji ekonomiċi sostanzjali, imsaħħaħ bl-appoġġ tal-politika ta' koeżjoni biex ir-reġjuni kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw fih u jibbenefikaw minnu. Is-Suq Uniku jaqdi wkoll rwol ewlieni biex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Bħala s-sors tal-integrazzjoni regolatorja, finanzjarja u tal-katina tal-provvista tal-UE, dan jgħin biex jissawru l-ekonomiji ta' skala tant strumentali biex jgħinu lin-negozji jikbru.

## Is-Suq Uniku fil-qosor

Is-Suq Uniku jammonta għal **18 % tal-prodott domestiku gross globali**...

... u **joffri oġġetti u servizzi** lil aktar minn **450 miljun persuna**.

*Sors:* Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku, Jannar 2023.

### Dan ikopri:

23 miljun negozju...

... u jimpjega kważi 128 miljun persuna

€965 biljun ta' esportazzjonijiet intra-UE f'servizzi

€3,428 biljun ta' esportazzjonijiet intra-UE f'oġġetti

€8,163 biljun ta' investimenti intra-UE

### Kont taf? (*)

**47.5 %** tal-esportazzjonijiet tal-UE ta' oġġetti lejn pajjiżi mhux tal-UE fl-2020 kienu f'ewro.

Aktar minn **60 %** tal-intrapriżi kkontrollati minn barra l-pajjiż fl-UE huma kkontrollati minn intrapriża fi Stat Membru ieħor tal-UE.

Bejn l-2010 u l-2021, l-għadd ta' persuni impjegati fi Stati Membri li kellhom ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor żdied b'**47.0 %**.

**2.4 %** tal-istudenti fil-livell terzjarju fl-Istati Membri huma minn Stat Membru ieħor.

(*) Id-*data* tirreferi għall-UE b'27 Stat Membru u l-aħħar sena disponibbli.

*Sors:* Eurostat.

Is-suq Uniku kien kruċjali għar-reżiljenza ekonomika tal-UE u kien vitali tul il-kriżijiet reċenti bħall-pandemija, jew l-azzjonijiet tar-Russja fl-Ukrajna u l-kriżi sussegwenti tal-enerġija. Barra minn hekk, dan hu għodda ġeopolitika importanti għax isaħħaħ l-influwenza tal-UE fil-kuntest tal-bidliet ġeopolitiċi u fit-tellieqa għal teknoloġija nadifa. Minkejja l-kisbiet tiegħu, is-Suq Uniku jeħtieġ ikompli jevolvi minħabba r-realtajiet ġeopolitiċi ġodda u li qed jinbidlu, l-avvanzi teknoloġiċi u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u biex jagħti spinta lill-kompetittività u lill-produttività fit-tul tal-UE.

## Suq Uniku aktar b'saħħtu

L-UE qed ittejjeb kontinwament l-ambjent tan-negozju fis-setturi kollha tal-ekonomija tagħha. F'Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta biex tiġġieled il-pagamenti tard tal-kumpaniji u tal-awtoritajiet pubbliċi, prattika li tikkomprometti l-fluss tal-flus tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u xxekkel il-kompetittività u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista. Din il-proposta hi parti minn sensiela usa' ta' miżuri fil-pakkett ta' għajnuna li l-Kummissjoni introduċiet biex tappoġġa lill-SMEs li qed jiffaċċjaw sfidi ekonomiċi.

L-UE qed tappoġġa wkoll l-innovazzjoni billi tagħmilha aktar faċli li n-negozji jipproteġu l-proprjetà intellettwali tagħhom madwar l-UE kollha. It-tnedija tas-sistema tal-Privattiva Unitarja f'Ġunju kienet pass sinifikanti lejn it-tlestija tas-Suq Uniku u t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-privattivi fl-Ewropa. Din is-sistema tipprovdi punt uniku ta' servizz għar-reġistrazzjoni u l-infurzar tal-privattivi fl-Ewropa, u dan iwassal għal tnaqqis fil-kostijiet, fil-burokrazija u fil-piż amministrattiv għall-innovaturi, u se tkun ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-SMEs.

Barra minn hekk, il-Qorti Unifikata tal-Privattivi l-ġdida, b'ġuriżdizzjoni fuq il-Privattivi Unitarji u l-Privattivi Ewropej eżistenti, se tippermetti lill-kumpaniji jinfurzaw id-drittijiet tal-privattivi tagħhom b'mod aktar effettiv. Barra minn hekk, il-Fond għall-SMEs, inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, jipprovdi appoġġ finanzjarju (vawċers tal-proprjetà intellettwali) lill-SMEs biex jimmaniġġjaw il-portafolli tal-proprjetà intellettwali tagħhom, fosthom trademarks, disinji, privattivi u varjetajiet tal-pjanti.

## Kif se taħdem is-sistema tal-Privattiva Unitarja?

L-inventuri japplikaw għal privattiva Ewropea.

↓

L-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi jiżgura li l-invenzjoni tissodisfa l-kriterji tan-novità, tal-pass inventiv u tal-applikabbiltà industrijali.

↓

Wara li jingħata l-privattiva Ewropea, id-detentur jitlob li tingħata effett unitarju

↓

Il-Privattiva Unitarja ssir effettiva f'pass wieħed, mingħajr formalitajiet żejda bħal traduzzjonijiet, fl-Istati Membri parteċipanti:

**il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja.**



B'mod parallel, id-detentur tal-privattiva Ewropea jista' jivvalidaha wkoll f'pajjiżi mhux parteċipanti, inkluż pajjiżi mhux tal-UE, soġġett għar-rekwiżiti nazzjonali tagħhom.

F'April 2023, il-Kummissjoni pproponiet pakkett dwar il-privattivi li jikkomplementa l-iskema tal-Privattiva Unitarja. Ladarba jiġi adottat, in-negozji se jibbenefikaw minn qafas ġdid u aktar bilanċjat għall-privattivi essenzjali standard u minn aċċess aktar sempliċi għaċ-ċertifikati tal-protezzjoni supplimentari għall-prodotti farmaċewtiċi u għall-protezzjoni tal-pjanti, flimkien ma' regoli aktar ċari dwar il-liċenzjar obbligatorju waqt il-kriżijiet. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-Prodotti Artiġjanali u Industrijali, li daħal fis-seħħ matul is-sena, jippermetti lill-produtturi tal-UE jipproteġu aħjar il-prodotti artiġjanali u industrijali u l-għarfien assoċjat mar-reġjun tagħhom.

Bir-riforma proposta tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji, l-innovazzjoni u l-protezzjoni tad-disinn fl-UE se jissaħħu u jiġu ssimplifikati u modernizzati wkoll.

Fl-aħħar nett, l-UE qed tappoġġa n-negozju transfruntier billi telimina l-ostakli li jxekklu t-tkabbir ekonomiku u n-negozju.

**Il-miżuri l-ġodda li jindirizzaw l-ostakli għandhom il-potenzjal li jżidu €713-il biljun fl-ekonomija sa tmiem l-2029.**

Wieħed mill-eżempji hu r-regoli l-ġodda proposti biex jitneħħew l-ostakli għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq, bħall-krejnijiet, il-magni tal-ħsad u l-forklifts, fit-toroq pubbliċi.

---

**Ir-Regolament dwar il-makkinarju mobbli mhux tat-triq fl-aħħar mill-aħħar se jissostitwixxi d-diversi reġimi regolatorji li jeżistu bħalissa fl-Istati Membri, u se:**



jelimina l-ostakli għad-dħul fis-suq u jnaqqas d-dewmien fis-suq



inaqqas l-ispejjeż tal-konformità, jiffaċilita l-innovazzjoni u jtejjeb il-kompetittività



jiffaċilita l-użu tal-makkinarju bejn il-fruntieri intra-UE



jiżgura standards għoljin u ugwali għas-sikurezza fit-toroq tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq madwar l-UE

---

Barra minn hekk, biex jeħfief l-operat transfruntier tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, f'Settembru l-Kummissjoni pproponiet forma legali ġdida msejħa l-assoċjazzjoni transfruntiera Ewropea. Din se ttejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku billi telimina l-ostakli legali u amministrattivi għall-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li joperaw jew li jridu joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed.

Fl-aħħar nett, f'Diċembru l-Kummissjoni ressqet proposta emendata għal Regolament li jiffaċilita s-soluzzjonijiet transfruntiera. Dan għandu l-għan li jgħin lill-Istati Membri jegħlbu l-ostakli li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum tal-150 miljun ċittadin li jgħixu fir-reġjuni transfruntiera tal-UE. L-indirizzar ta' dawn l-ostakli se jtejjeb b'mod sinifikanti l-funzjonament tas-Suq Uniku u se jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE.

## Nagħtu spinta lill-kompetittività fit-tul

Fil-kuntest ta' kompetizzjoni globali b'saħħitha u ta' sfidi ġeopolitiċi ġodda, il-Kummissjoni pproponiet li tiffoka fuq disa' muturi ewlenin biex tingħata spinta lill-kompetittività fit-tul tal-UE. Dawn huma Suq Uniku li jiffunzjona sew, l-aċċess għall-kapital privat, l-investiment pubbliku u l-infrastruttura, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-enerġija, iċ-ċirkolarità, id-diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet, u l-kummerċ u l-awtonomija strateġika miftuħa.

L-UE tiżgura wkoll kompetittività fit-tul u Suq Uniku b'saħħtu billi tapplika b'mod uniformi r-regoli maħsuba biex tinżamm kompetizzjoni ġusta fl-Istati Membri u n-negozji kollha. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-antitrust, il-fużjoni u l-kontroll tal-għajnuna mill-Istat jiżguraw suq intern bilanċjat u effiċjenti, tant kruċjali għall-ekonomija tal-UE. Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat jiżgura li s-sussidji tal-gvern ikunu allinjati mal-għanijiet komuni u jżommu kundizzjonijiet tan-negozju konsistenti fl-UE kollha. Kompetizzjoni vibranti fis-settur privat twassal għal kwalità aħjar u prezzijiet aktar ġusti għall-konsumaturi. Kull deċiżjoni dwar il-politika tal-kompetizzjoni li tieħu l-Kummissjoni tiddefendi l-interessi tal-konsumaturi u tan-negozji, filwaqt li tipproteġi wkoll lin-nies fl-UE minn atturi ekonomiċi bla skrupli.

### Id-disa' xprunaturi tal-kompetittività




L-Att dwar is-Swieq Diġitali hu eżempju tajjeb ta' kif il-politika tal-kompetizzjoni hi ta' benefiċċju għan-nies. L-Att, li jikkomplementa r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE mingħajr ma jissostitwihom, hu wieħed mill-ewwel biċċiet ta' leġiżlazzjoni fid-dinja li jrażżan is-setgħa tal-gwardjani fost il-kumpaniji diġitali ewlenin, u dan joħloq benefiċċji ekonomiċi u soċjali għaċ-ċittadini. (Għal aktar informazzjoni ara l-Kapitlu 5.)



↑ FILMAT Ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin.

L-UE mhux biss tiżgura li l-kompetizzjoni interna tkun ġusta, iżda tivverifika wkoll li n-negozji fl-UE jkollhom opportunità ekwa li jirnexxu meta jiffaċċjaw il-kompetizzjoni internazzjonali. F'Lulju, l-UE introduċiet ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin. Dan jippermetti lill-Kummissjoni teżamina l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija mill-gvernijiet mhux tal-UE lill-kumpaniji li joperaw fl-UE. Jekk il-kontribuzzjonijiet jipprovdu vantaġġ inġust lil dawn il-kumpaniji, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri biex tikkoreġi l-effetti distorsivi.

---

L-effettività tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE tiddependi fuq l-implimentazzjoni tagħhom. Dawn huma xi modi kif l-UE tiżgura kompetizzjoni ġusta billi tinforza r-regoli.

Fl-2023 ittieħdu 335 deċiżjoni ta' fużjoni.

€487 biljun ta' għajnuna mill-Istat ġew awtorizzati matul is-sena, speċjalment fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-implikazzjonijiet tagħha għall-prezzijiet fl-UE.

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni bagħtet Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lil Google bil-fehma preliminari tagħha li l-kumpanija tiffavorixxi s-servizzi tat-teknoloġija tar-reklamar tal-wiri online tagħha stess għad-detriment tar-rivali.




↑
Thierry Breton, il-Kummissarju Ewropew għas-Suq Intern, waqt konferenza stampa rigward l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-istrateġija tal-kompetittività fit-tul tal-UE u 30 sena mill-bidu tas-Suq Uniku, Brussell, il-Belġju, is-16 ta' Marzu 2023.

Il-materja prima kritika hi indispensabbli għal firxa wiesgħa ta' setturi strateġiċi fosthom it-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, l-industrija diġitali u s-setturi ajruspazjali u tad-difiża. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika se jtejjeb il-kapaċità tal-UE li timmonitorja u ttaffi r-riskji ta' tfixkil u se jsaħħaħ iċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà. Flimkien mar-riforma tad-disinjar tas-suq tal-elettriku u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li t-tnejn li huma tħabbru bħala parti mill-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku (ara l-Kapitli 3 u 4), dan l-att se jrawwem ambjent regolatorju li jwassal għat-tkabbir tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u l-kompetittività tal-industrija Ewropea.

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti mistenni wkoll isaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE billi joffri qafas regolatorju aħjar għall-industriji. Dan se jappoġġa t-tranżizzjoni tagħhom lejn innovazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Bħala parti mill-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, dan l-att se joħloq qafas regolatorju aktar prevedibbli u simplifikat bil-għan li jħeġġeġ l-investiment fil-manifattura tal-prodotti essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tan-newtralità klimatika tal-UE.

L-att se jsaħħaħ u jżid ir-reżiljenza wkoll tal-bażi industrijali tal-UE tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti li huma kruċjali għal sistema ta' enerġija nadifa kosteffettiva, affidabbli u sostenibbli. Barra minn hekk, se jħaffef il-ħolqien u l-produzzjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, u b'hekk se jgħin fit-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi u jevita dipendenzi ġodda li jistgħu jimblukkaw it-teknoloġiji u l-komponenti ewlenin meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika (ara l-Kapitlu 4).

It-titjib tas-sigurtà ekonomika hu fattur ewlieni ieħor biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE. F'Ġunju, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, Josep Borrell, nedew l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika — approċċ komprensiv maħsub biex isaħħaħ l-ekonomija tal-UE. Din l-istrateġija se tippromwovi l-iżvilupp tal-bażi industrijali tal-UE, tipproteġi l-interessi essenzjali tas-sigurtà ekonomika tagħha, u tissieħeb mal-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' pajjiżi mhux tal-UE biex tavvanza l-azzjoni komuni għall-promozzjoni tas-sigurtà ekonomika fil-livell internazzjonali. L-istrateġija hi essenzjali biex l-UE tkun tista' tivvaluta u timmaniġġja r-riskji ekonomiċi, filwaqt li tħares il-ftuħ tagħha u tkompli tinvolvi ruħha fil-livell internazzjonali.

**Relazzjonijiet aktar b'saħħithom bejn l-UE u ċ-Ċina biex tingħata spinta lill-kompetittività**

Ir-relazzjonijiet tal-UE maċ-Ċina huma essenzjali fl-isforzi biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE.

Iffaċċjata b'Ċina dejjem aktar assertiva li webbset il-pożizzjoni strateġika ġenerali tagħha, fl-2023 l-UE nediet l-approċċ tat-tneħħija tar-riskji u l-ibbilanċjar mill-ġdid tar-relazzjoni tagħha maċ-Ċina, filwaqt li kompliet taħdem għal ordni internazzjonali aktar b'saħħtu msejjes fuq ir-regoli.

Il-bilanċ mill-ġdid jinvolvi l-kontinwazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi bilaterali u kooperazzjoni dwar l-isfidi globali maċ-Ċina, filwaqt li jindirizza wkoll id-distorsjonijiet tas-suq ikkaġunati mis-sussidji statali sproporzjonati taċ-Ċina.

It-tneħħija tar-riskji tinkludi t-tnaqqis tad-dipendenzi kritiċi u l-indirizzar ta' riskji speċifiċi relatati mal-istrateġija taċ-Ċina li tavvanza l-iżvilupp militari tagħha billi tisfrutta l-innovazzjonijiet li jinħolqu mir-riċerka konġunta, mid-dinja akkademika u minn kumpaniji privati internazzjonali.




↑
Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, waqt id-diskors tagħha dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina, Brussell, il-Belġju, it-30 ta' Marzu 2023. Fid-diskors tagħha, il-President iddeskriviet l-approċċ strateġiku li kienet se tadotta matul iż-żjara tagħha fiċ-Ċina fis-6 ta' April 2023; fis-Summit tal-G7 f'Hiroshima, il-Ġappun bejn id-19 u l-21 ta' Mejju 2023; u waqt is-Summit bejn l-UE u ċ-Ċina fis-7 ta' Diċembru 2023 (ara l-Kapitlu 8).

# Sistemi finanzjarji

## L-unjoni tas-swieq kapitali

Is-swieq kapitali huma swieq finanzjarji fejn isiru x-xiri u l-bejgħ tat-titoli, bħall-istokks u l-bonds. Dawn jippermettu lin-negozji, lill-gvernijiet u lil entitajiet oħra jiġbru kapital mingħand firxa wiesgħa ta' investituri. L-unjoni tas-swieq kapitali hi l-inizjattiva tal-UE li toħloq suq uniku għall-kapital, li jippermetti flussi transfruntiera tal-kapital u jagħti aċċess lill-kumpaniji tal-UE, inkluż lill-SMEs, għal aktar sorsi tal-finanzjament.

Biex tingħata spinta lill-investiment, l-investituri jeħtieġ li jħossuhom protetti u kunfidenti li l-investimenti tagħhom se jrendu b'mod sodisfaċenti. Din hi r-raġuni għaliex wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali hu li l-UE ssir post aktar sikur għan-nies biex jinvestu t-tfaddil tagħhom fit-tul.

Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni adottat pakkett aggregat għall-investimenti tal-investituri li se jagħti s-setgħa u jipproteġi lil dawn l-investituri. Dawn l-investituri huma investituri individwali u mhux professjonali li jinvestu fis-swieq kapitali biex jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom, inkluż biex iħejju ruħhom għal meta jirtiraw. L-UE trid tiżgura li meta jinvestu, l-investituri individwali jiġu protetti kif xieraq u jiġu ttrattati b'mod ġust biex ikunu jistgħu jaqtgħu l-frott tal-unjoni tas-swieq kapitali u jkattru l-ġid tagħhom. It-tisħiħ tal-kunfidenza tal-investituri u t-titjib tal-unjoni tas-swieq kapitali huma wkoll modi essenzjali kif il-finanzjament privat jitwassal fl-ekonomija tal-UE u kif jiġu ffinanzjati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

### X'inhi l-problema?

L-investituri individwali qed isibuha diffiċli biex jaċċessaw informazzjoni rilevanti, komparabbli u li tinftiehem faċilment biex jagħmlu għażliet informati ta' investiment.

Il-midja soċjali u l-kanali ġodda ta' kummerċjalizzazzjoni qed ipoġġu dejjem aktar lill-investituri individwali f'riskju ta' influwenza mhux xierqa.

Il-pariri finanzjarji mhux dejjem jistgħu jkunu fl-aħjar interessi tal-investituri individwali.

Xi prodotti ta' investiment ma joffrux valur għall-flus lill-investitur individwali.

### Konsegwenzi

Fl-2021, **17 %** biss tal-assi tal-unitajiet domestiċi tal-UE kienu miżmuma f'titoli finanzjarji (bħal stokks jew bonds), ferm taħt il-livell tal-unitajiet domestiċi tal-Istati Uniti. (*Sors:* Eurostat.)

Jitħallsu tariffi minn investituri individwali **40 %** ogħla meta mqabbla ma' investituri istituzzjonali (eż. fondi tal-pensjoni). (*Sors:* Rapport dwar il-kostijiet u l-prestazzjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, Jannar 2023.)

**45 %** tan-nies fl-UE mhumiex kunfidenti li l-pariri dwar l-investiment li jirċievu minn intermedjarji finanzjarji huma fl-aħjar interessi tagħhom. (*Sors:* Ewrobarometru Flash 525, Lulju 2023.)

F'Mejju, il-Parlament u l-Kunsill qablu wkoll dwar proposta biex jiġi stabbilit punt ta' aċċess uniku għall-informazzjoni kollha relatata mal-finanzi pubbliċi u mas-sostenibbiltà dwar il-kumpaniji tal-UE u l-prodotti tal-investiment tal-UE. Dan se jżid il-viżibbiltà tal-kumpaniji fost l-investituri billi jipprovdi sorsi tal-finanzjament addizzjonali. Dan hu partikolarment importanti għall-kumpaniji ż-żgħar fi swieq kapitali żgħar. Il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew se jipprovdi wkoll aċċess faċli għar-rapporti dwar is-sostenibbiltà korporattiva ppubblikati mill-kumpaniji, li se jappoġġaw l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Barra minn hekk, fid-29 ta' Ġunju, il-Parlament u l-Kunsill qablu dwar proposta leġiżlattiva biex jiġi rivedut ir-Regolament li jistabbilixxi r-regoli dwar l-istruttura tas-swieq fl-istrumenti finanzjarji. Ir-reviżjoni se tiżgura li jkun hemm fis-seħħ il-kundizzjonijiet it-tajba biex fornitur tat-tape konsolidat jagħti stampa konsolidata tal-kummerċ madwar l-UE kollha. It-tape konsolidat se jiġbor il-prezzijiet u l-volumi tal-istrumenti finanzjarji, bħall-ishma u l-bonds, minn mijiet ta' ċentri tal-eżekuzzjoni madwar l-Istati Membri kollha fi fluss uniku tal-informazzjoni, biex isir aċċessibbli b'mod ugwali għal kulħadd. Il-pjattaformi kollha tal-eżekuzzjoni, bħall-boroż u l-pjattaformi tal-iskambju, se jkunu meħtieġa jikkontribwixxu d-*data* tan-negozjar tagħhom direttament fit-tape konsolidat.

Fid-19 ta' Lulju, il-Parlament u l-Kunsill qablu dwar proposta biex jittejjeb il-qafas regolatorju applikabbli għall-industrija tal-fondi tal-investiment. Ir-reviżjoni tarmonizza r-regoli li jirregolaw l-għażla u l-użu tal-għodod għall-immaniġġjar tal-likwidità relatati mal-fondi, filwaqt li tagħmilhom konformi mar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali dwar l-appoġġ għall-istabbiltà finanzjarja. Tistabbilixxi wkoll qafas komuni għall-fondi li jagħtu self lill-kumpaniji (fondi li joriġinaw mis-self) u ttejjeb it-trasparenza dwar ir-regoli tad-delega, filwaqt li tiżgura li s-superviżuri jkunu jifhmu kemm il-maniġers tal-fondi jiddependu fuq l-għarfien espert tal-partijiet terzi.

F'daqqa, it-tliet proposti msemmija hawn fuq se jiżguraw li l-investituri jkollhom aċċess aħjar għad-*data* tal-kumpaniji u tan-negozjar. Il-miżuri se jinkoraġġixxu wkoll l-investiment fit-tul biex il-bejgħ transfruntier tal-fondi tal-investiment ikun iktar faċli u sikur. B'mod ġenerali, il-proposti se jipprovdu rabtiet aħjar bejn il-kumpaniji tal-UE u l-investituri, u dawn se jwessgħu l-aċċess tal-investituri individwali għall-opportunitajiet tal-investiment u jintegraw aktar lis-swieq kapitali tal-UE.

F'Novembru, l-UE aġġornat ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli. Dan ir-Regolament kien oriġinarjament introdott biex itejjeb is-sikurezza u l-effiċjenza tal-attivitajiet tas-saldu fis-swieq finanzjarji, jiġifieri t-tlestija ta' tranżazzjoni tat-titoli permezz tat-trasferiment ta' flus kontanti jew ta' titoli, jew tat-tnejn li huma. Il-leġiżlazzjoni riveduta se ttejjeb is-swieq kapitali u s-sistema finanzjarja tal-UE billi tipprovdi regoli aktar proporzjonati u aktar effettivi biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità u l-piżijiet regolatorji għad-depożitorji ċentrali tat-titoli, b'hekk tiffaċilita l-kapaċità tagħhom li joffru firxa usa' ta' servizzi transfruntiera u ttejjeb is-superviżjoni transfruntiera tagħhom.

## X'inhu tape konsolidat?

Huwa sistema li tikkonsolida l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet mill-pjattaformi tan-negozjar tal-UE f'ħin reali, jew kemm jista' jkun qrib il-ħin reali.

Din tippermetti kemm lill-investituri professjonali kif ukoll lill-investituri individwali jaraw il-prezz ta' strument finanzjarju u informazzjoni oħra dwar strument finanzjarju (bħall-volum u l-ħin tat-tranżazzjonijiet) f'post wieħed.

Mingħajr tape konsolidat, l-informazzjoni dwar in-negozjar tkun mifruxa fuq diversi pjattaformi ta' eżekuzzjoni, bħal boroż, ċentri tan-negozjar oħra u banek ta' investiment (imsejħa wkoll "internalizzaturi sistematiċi").

**Id-depożitorji ċentrali tat-titoli huma istituzzjonijiet finanzjarji speċjalizzati li jżommu u jamministraw it-titoli (bħall-istokks u l-bonds) billi jiżguraw is-salvagwardja tagħhom u li t-tranżazzjonijiet tat-titoli jiġu pproċessati b'mod effiċjenti. Fuqhom jissejjes il-funzjonament tas-swieq finanzjarji moderni.**

F'Diċembru, intlaħaq ftehim politiku dwar il-proposti tal-Kummissjoni biex jissaħħaħ il-qafas regolatorju tal-assigurazzjoni. Dan l-aġġornament se jimmodernizza d-Direttiva Solvenza II billi joffri inċentivi aħjar lis-settur tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (jiġifieri l-assigurazzjoni lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni) biex jinvesti aktar fil-kapital fit-tul skont l-objettivi tal-unjoni tas-swieq kapitali. Se jiżgura wkoll li dan is-settur jibqa' b'saħħtu fi żminijiet ekonomiċi diffiċli u jipproteġi l-interessi tal-konsumaturi. Ir-regoli l-ġodda se jqisu aħjar ċerti riskji, anke dawk relatati mat-tibdil fil-klima, u se jagħmlu s-saħħa finanzjarja tal-assiguraturi inqas sensittiva għaċ-ċaqliq ekonomiku fl-immedjat. Se jintroduċu wkoll direttiva ġdida dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja u jiġu protetti d-detenturi tal-poloz u l-kontribwenti f'każ li assiguratur/riassiguratur ifalli. Din id-Direttiva se tirrikjedi li l-entitajiet akbar u sistemikament importanti jifformulaw pjanijiet tal-irkupru preventiv biex jiżguraw li jkunu ppreparati għall-kriżijiet. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali se jkollhom l-għodod biex jindirizzaw il-problemi li jġib miegħu il-falliment tal-assiguraturi/tar-riassiguraturi, fosthom billi jneħħuhom mis-suq b'mod ordnat filwaqt li jippreservaw kemm jista' jkun il-kontinwità tal-kopertura tal-assigurazzjoni.

Fl-aħħar nett, fl-2023 il-Kummissjoni għenet lill-Istati Membri jsaħħu s-swieq kapitali nazzjonali tagħhom. S'issa, 21 Stat Membru bbenefikaw mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku f'dan il-qasam. Ir-riformi kkontribwew biex jitneħħew ċerti ostakli regolatorji għall-investiment u ċerti ineffiċjenzi tas-suq. L-objettivi ta' dawn il-proġetti ta' riforma huma li jżidu l-opportunitajiet tal-investiment, u l-viżibbiltà tas-suq għan-negozji u li jgħinu lill-SMEs jaċċessaw il-kreditu bankarju.

## Finanzi diġitali

Fit-28 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ressqet żewġ proposti biex tiżgura li n-nies ikunu jistgħu jħallsu bl-ewro maħruġ mill-Bank Ċentrali Ewropew u bl-aktar mod konvenjenti għalihom.

L-ewwel proposta hi dwar il-protezzjoni tal-użu tal-flus kontanti. Il-proposta ġiet stabbilita biex jiġi żgurat li l-flus kontanti jibqgħu jiġu aċċettati b'mod wiesa' bħala mezz ta' pagament u jkunu aċċessibbli faċilment għan-nies u għan-negozji fiż-żona tal-ewro kollha.

It-tieni proposta hi li jiġi stabbilit qafas legali għall-possibbiltà ta' ewro diġitali li l-Bank Ċentrali jista' joħroġ fil-futur bħala komplement għall-flus kontanti. F'Ottubru, wara li investiga l-possibbiltà li jintroduċi l-ewro diġitali għas-sentejn preċedenti, il-Bank iddeċieda li jgħaddi għall-fażi preparatorja.

Filwaqt li l-flus kontanti se jibqgħu aċċessibbli u aċċettati b'mod wiesa', aktar u aktar ċittadini u negozji qed jagħżlu li jagħmlu pagamenti elettroniċi. L-għan tal-ewro diġitali hu li jipprovdi alternattiva oħra apparti dawk attwali tal-pagamenti privati. Dan ikun joffri mezz biex wieħed iħallas b'mod diġitali u b'forma ta' flus pubbliċi li hi orħos, sigura, reżiljenti u aċċettata b'mod wiesa' fiż-żona tal-ewro (u potenzjalment lil hinn minnha).

Il-Bank Ċentrali jista' jiddeċiedi li joħroġ l-ewro diġitali biss jekk il-proposta dwar l-ewro diġitali tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.




↑

Mairead McGuinness, il-Kummissarju Ewropew għas-Servizzi Finanzjarji, l-Istabbiltà Finanzjarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, waqt konferenza stampa dwar l-ewro diġitali u l-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-ewro, Brussell, il-Belġju, it-28 ta' Ġunju 2023.

## Il-benefiċċji tal-ewro diġitali għan-nies

- L-użu tal-ewro diġitali kullimkien fiż-żona tal-ewro (soluzzjonijiet privati oħra ta' pagament diġitali mhux dejjem joffru din l-għażla).
- Aktar faċli biex jintuża mis-soluzzjonijiet ta' pagament diġitali eżistenti.
- Ħlas mingħajr aċċess għall-internet.
- Possibbiltà ta' ħlas anke mingħajr kont bankarju.
- Meta jintuża l-ewro diġitali offline, il-privatezza tan-nies tkun l-istess bħal meta jintużaw il-flus kontanti.
- Għażla akbar għall-konsumaturi.
- Mingħajr ħlas għall-konsumaturi.

## L-ewro diġitali jieħu post il-flus kontanti?

Dażgur li le.

L-ewro diġitali jkun sempliċiment jikkomplementa l-flus kontanti u jkun alternattiva għas-soluzzjonijiet diġitali privati eżistenti tal-lum.

## Xi ngħidu dwar il-privatezza?

**Meta l-ħlas isir online, il-bank ikollu aċċess biss għad-*data* personali meħtieġa biex iwettaq il-pagamenti u jipprevjeni l-frodi u jiġġieled kontra l-ħasil tal-flus.**

Dan huwa l-istess bħal meta wieħed iħallas b'mezzi diġitali oħra ta' pagament, pereżempju karta ta' kreditu.



**Meta l-ħlas isir offline, il-privatezza hija aktar b'saħħitha minn kwalunkwe mezz diġitali ieħor ta' pagament — il-bank jara biss l-istess *data* bħal meta tiġbed il-flus minn magna tal-flus kontanti.**

Ħadd ma jkun jista' jara għal xiex qed iħallsu n-nies meta jużaw l-ewro diġitali offline.

**Il-Bank Ċentrali Ewropew ma jkollux aċċess għad-*data* tan-nies.**

## Finanzi u pagamenti miftuħa

Issa li qed jiżdiedu l-pagamenti elettroniċi, qed jitfaċċaw fornituri ġodda tas-servizzi, bħall-entitajiet li jipprovdu servizzi bankarji miftuħa. Bdew jidhru wkoll tipi aktar sofistikati ta' frodi li jpoġġu lill-konsumaturi f'riskju. B'reazzjoni għal dawn l-iżviluppi, u biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju tal-UE jkun kapaċi jaħsad il-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali li għaddejja bħalissa, fit-28 ta' Ġunju l-Kummissjoni pproponiet żewġ settijiet ta' miżuri.

L-ewwel, il-Kummissjoni pproponiet li temenda u timmodernizza d-Direttiva attwali dwar is-Servizzi tal-Pagament (il-PSD2, li se ssir il-PSD3), u pproponiet ukoll Regolament dwar is-servizzi tal-pagament. Dawn il-bidliet se jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jistgħu jkomplu jagħmlu pagamenti u tranżazzjonijiet elettroniċi b'mod sikur u sigur fl-UE. L-għan tagħhom hu li jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-konsumaturi filwaqt li fis-suq jipprovdu għażla akbar ta' fornituri tas-servizzi tal-pagament.

### Il-proposta għal Direttiva riveduta dwar is-servizzi ta' pagament u Regolament ġdid dwar is-servizzi ta' pagament se:

- tagħmel disponibbli b'mod wiesa' servizz biex issir verifika tal-konkordanza isem-kont qabel ma jiġu kkonfermati t-trasferimenti
- tagħti lill-vittmi ta' frodi d-dritt ta' rifużjoni mill-bank tagħhom jew minn fornitur ieħor ta' servizzi ta' pagament, f'ċirkostanzi speċifiċi
- tgħin lill-banek u lil fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament jikkooperaw kontra l-frodi permezz ta' aktar kondiviżjoni ta' informazzjoni relatata mal-frodi
- tobbliga lill-banek itejbu l-għarfien tal-klijenti dwar il-frodi

It-tieni, il-Kummissjoni pproponiet Qafas għall-Aċċess għad-*Data* Finanzjarja. Dan il-qafas se jistabbilixxi drittijiet u obbligi relatati mal-immaniġġjar tal-kondiviżjoni tad-*data* tal-klijenti fis-settur finanzjarju lil hinn mill-kontijiet tal-pagament. Fil-prattika, il-proposta se twassal għal prodotti u servizzi finanzjarji aktar innovattivi għall-utenti u se tistimula l-kompetizzjoni fis-settur finanzjarju.

Il-pakkett propost għandu l-għan li jiżgura li s-settur finanzjarju tal-UE jadatta għat-trasformazzjoni diġitali li għaddejja bħalissa u għar-riskji u l-opportunitajiet li din tippreżenta.

Fis-7 ta' Novembru, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar il-proposta tal-Kummissjoni li l-pagamenti istantanji bl-ewro jsiru disponibbli għan-nies u għan-negozji kollha li għandhom kont bankarju fl-UE. Ir-regoli l-ġodda, li jimmodernizzaw ir-Regolament dwar iż-Żona Unika tal-Pagamenti bl-Ewro, għandhom l-għan li jiżguraw li l-pagamenti istantanji bl-ewro jkunu affordabbli, siguri u pproċessati mingħajr xkiel madwar l-UE kollha. Il-pagamenti istantanji joffru soluzzjonijiet konvenjenti malajr lin-nies fis-sitwazzjonijiet ta' kuljum, fosthom li jirċievu l-flus fil-pront (f'inqas minn 10 sekondi) f'każ ta' emerġenzi jew li l-kostijiet kondiviżi jinqasmu mill-ewwel f'diversi ambjenti soċjali. Itejbu wkoll l-immaniġġjar tal-fluss tal-flus għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għan-negozji, speċjalment għall-SMEs; jippermettu lill-organizzazzjonijiet tal-karità u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi jaċċessaw il-fondi malajr; u jħeġġu lill-banek jiżviluppaw servizzi u prodotti finanzjarji innovattivi.

## L-aċċess għad-*data* finanzjarja għandu l-benefiċċji li ġejjin

**Għall-klijenti:**




- aktar trasparenza u kontroll fuq ir-relazzjonijiet ta' kondiviżjoni tad-*data* tagħhom;
- aktar fiduċja u kunfidenza fil-kondiviżjoni tad-*data*;
- għażla akbar ta' servizzi finanzjarji aktar innovattivi u orħos.

**Għall-utenti tad-*data*:**




- aċċess akbar għal settijiet tad-*data* ewlenin tal-klijenti jagħti spinta lill-innovazzjoni;
- l-iffaċilitar ta' servizzi u flussi ta' dħul ġodda għall-utenti tad-*data*.



←

FILMAT

Il-kumpaniji jistgħu jużaw ir-regoli tat-Tassonomija tal-UE biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom, filwaqt li l-investituri jistgħu jużaw l-Istandards tal-UE għall-Bonds Ekoloġiċi biex jiddeterminaw kemm verament huma ekoloġiċi l-investimenti tagħhom.

# Finanzi sostenibbli

L-għan ewlieni tal-Qafas tal-UE għall-Finanzi Sostenibbli hu li jiddereġi l-investiment biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għalkemm l-implimentazzjoni qed tavvanza, huma meħtieġa aktar sforzi biex ir-regoli jsiru effettivi fil-prattika u l-għodod isiru faċli għall-utent.

Biex ittejjeb l-effiċjenza tal-qafas u tiffaċilita l-implimentazzjoni tiegħu, l-UE tipprovdi definizzjonijiet ċari ta' liema attivitajiet ekonomiċi jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli, u kif jintwera l-grad tal-ekoloġizzazzjoni tagħhom. Dan hu kruċjali fil-prevenzjoni tal-greenwashing u biex jiġi żgurat li l-fondi jiġu allokati lis-setturi kruċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Fit-13 ta' Ġunju, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett biex issaħħaħ il-Qafas tal-UE għall-Finanzi Sostenibbli. Din l-inizjattiva tappoġġa lill-kumpaniji u lis-settur finanzjarju billi tippromwovi l-investiment privat fi proġetti u teknoloġiji tat-tranżizzjoni u billi tiddereġi r-riżorsi finanzjarji lejn l-investimenti sostenibbli. Il-pakkett jinkludi kriterji ġodda fil-qafas tat-Tassonomija tal-UE li se jwessgħu s-sistema tal-klassifikazzjoni tagħha biex tkun tinkludi firxa usa' ta' attivitajiet ekonomiċi permezz tal-Atti Delegati dwar it-Tassonomija tal-UE fir-rigward tal-Ambjent u l-Klima.

Id-dijagramma t'hawn taħt turi l-attivitajiet ekonomiċi ġodda ewlenin li issa huma rikonoxxuti bħala ambjentalment sostenibbli.

## It-tassonomija tal-UE — is-setturi u l-attivitajiet ekonomiċi koperti




Il-pakkett jinkludi wkoll rakkomandazzjoni dwar il-finanzjament tat-tranżizzjoni, li tipprovdi gwida u eżempji prattiċi għall-kumpaniji u għas-settur finanzjarju. Dawn juru kif il-kumpaniji jistgħu jużaw diversi għodod tal-qafas b'mod volontarju biex jiddefiegħu l-investiment lejn it-tranżizzjoni ekoloġika u jimmaniġġjaw ir-riskji tagħhom ikkaġunati mit-tibdil fil-klima u mid-degradazzjoni ambjentali.

## L-għodod għall-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika

### Eżempju ta' kumpanija fi tranżizzjoni




L-għodod volontarji li l-kumpaniji jistgħu jużaw biex jiffinanzjaw it-tranżizzjoni tagħhom lejn is-sostenibbiltà maż-żmien jinkludu:

- it-tassonomija tal-UE,
- il-parametri referenzjarji klimatiċi tal-UE,
- l-istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi,
- miri bbażati fuq ix-xjenza,
- pjanijiet ta' tranżizzjoni.

Anke l-klassifikazzjonijiet ambjentali, soċjali u tal-governanza (ESG) jaqdu rwol importanti fis-suq tal-finanzi sostenibbli tal-UE għax jipprovdu informazzjoni lill-investituri u lill-istituzzjonijiet finanzjarji rigward, pereżempju, l-istrateġiji tal-investiment relatati mal-fatturi ESG u mal-immaniġġjar tar-riskju tagħhom. F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni pproponiet Regolament li se jindirizza n-nuqqas ta' trasparenza tas-suq tal-klassifikazzjoni ESG, b'hekk jagħmluh aktar affidabbli. Bi prinċipji organizzattivi ġodda u regoli ċari dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti tal-interess se tiżdied l-integrità tal-operazzjonijiet tal-fornituri tal-klassifikazzjoni ESG.

## X'qed jinbidel bil-proposta dwar il-klassifikazzjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG)?

### Qabel




Nuqqas ta' ċarezza dwar il-metodoloġiji u s-sorsi tad-*data* tal-klassifikazzjonijiet ESG.

L-investituri ma kinux jafdaw il-kwalità tal-klassifikazzjonijiet ESG

Nuqqas ta' ċarezza dwar l-operazzjonijiet tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG.

Il-kumpaniji ma kinux ċerti jekk il-klassifikazzjonijiet ESG jirriflettux il-prestazzjoni reali tagħhom.

L-investituri u l-kumpaniji kklassifikati ma setgħux jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

Il-potenzjal tas-Suq Uniku li jikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU ma kienx qed jiġi sfruttat għalkollox.

### Wara




Iktar trasparenza.

Objettivi u metodoloġiji iktar ċari.

Ċarezza aħjar dwar is-sorsi tad-*data*.

Iktar integrità.

Rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, flimkien ma' superviżjoni kontinwa.

L-investituri u l-kumpaniji kklassifikati jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

**Suq Uniku li jiffunzjona aħjar**
li jikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku tal-UE u għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Biex jiġi żgurat li l-kumpaniji jirrapportaw l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà b'mod armonizzat, f'Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat ukoll l-ewwel sett ta' Standards Ewropej tar-Rapportar dwar is-Sostenibbiltà obbligatorji. L-istandards ikopru kwistjonijiet ESG, fosthom it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u d-drittijiet tal-bniedem. Jipprovdu informazzjoni għall-investituri biex jgħinuhom jifhmu l-impatt tal-kumpaniji li jinvestu fihom fuq is-sostenibbiltà. Iqisu wkoll id-diskussjonijiet mal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tas-Sostenibbiltà u l-Inizjattiva Globali tar-Rapportar biex jiżguraw livell għoli ta' interoperabbiltà bejn l-istandards tal-UE u dawk globali u biex jevitaw rapportar doppju għalxejn mill-kumpaniji.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2019 enfasizza l-importanza li r-riżorsi finanzjarji u kapitali jmorru għal investiment ekoloġiku. Il-bonds ekoloġiċi jaqdu rwol dejjem aktar importanti fil-finanzjament tal-assi tant meħtieġa għat-tranżizzjoni biex jonqsu l-emissjonijiet tal-karbonju. Fit-28 ta' Frar 2023, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej biex jiġi stabbilit standard uffiċjali għall-bonds ekoloġiċi. Ir-Regolament daħal fis-seħħ f'Diċembru. Standard għall-bonds ekoloġiċi hu sett ta' kriterji li jipprovdi qafas għall-ħruġ tal-bonds ekoloġiċi. L-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi jiżgura li l-bonds ekoloġiċi jiffinanzjaw proġetti b'benefiċċji ambjentali ġenwini u jgħin biex jinżammu l-integrità u l-fiduċja fis-suq tal-bonds ekoloġiċi. Il-fornituri tal-bonds ekoloġiċi Ewropej iridu jiżguraw li mill-inqas 85 % tal-fondi miġbura mill-bond jiġu allokati għal attivitajiet ekonomiċi allinjati mar-Regolament dwar it-Tassonomija. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida tistabbilixxi wkoll qafas għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tar-rieżaminaturi terzi, li se jgħin biex jiġu vverifikati l-karatteristiċi tal-bonds, u b'hekk tittejjeb il-fiduċja fl-asserzjonijiet ekoloġiċi.




PODCAST
*Podcast dwar il-Finanzjament tal-UE*, "Episodju 9 — Dak dwar l-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi".

# Is-settur bankarju

Wara l-kriżi finanzjarja globali tal-2007–2008, sar xogħol sostanzjali biex jiġi żgurat li l-banek tal-UE jsiru aktar reżiljenti. Bis-saħħa ta' dawn l-isforzi, l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-UE marru tajjeb matul kriżijiet aktar reċenti, bħall-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kriżi bankarja tal-Istati Uniti fir-rebbiegħa tal-2023. Illum, il-banek tal-UE huma kapitalizzati sew, likwidi ħafna u ssorveljati tajjeb. Kif juru t-testijiet tal-istress tal-2023 imwettqa mill-Awtorità Bankarja Ewropea, il-banek tal-UE huma reżiljenti anke f'xenarji negattivi ħafna.

Biex tkompli ssaħħaħ il-banek, fit-18 ta' April il-Kummissjoni adottat proposta li tirriforma l-qafas eżistenti tal-UE dwar l-immaniġġjar tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni tad-depożiti. L-enfasi hi fuq banek ta' daqs medju u iżgħar. Fil-passat, ħafna banek żgħar u ta' daqs medju li kienu qed ifallu, ġew megħjuna b'metodi li mhumiex fil-qafas stabbilit tar-riżoluzzjoni. Xi kultant dan kien ifisser li jkollhom jintużaw il-fondi pubbliċi (il-flus ta' dawk li jħallsu t-taxxi) minflok il-flus tal-bank stess jew fondi oħra ta' riżerva ffinanzjati mill-industrija u maħsuba biex jipproteġu lid-depożitanti (skemi ta' garanzija tad-depożiti u fondi tar-riżoluzzjoni). Il-qafas riformat se jiffaċilita l-użu ta' xbieki tas-sikurezza ffinanzjati mill-industrija biex jipproteġu lid-depożitanti waqt kriżijiet bankarji, pereżempju billi jittrasferuhom minn bank f'diffikultà lejn wieħed b'saħħtu. L-użu ta' dawn ix-xbieki ta' sikurezza għandu biss ikun ikkomplementat mir-riżervi tal-banek stess, li jibqgħu l-ewwel linja tad-difiża.

# Ir-riforma tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet bankarji u l-assigurazzjoni tad-depożiti

## Objettivi

Il-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni ta' flus il-kontribwenti

It-titjib tal-protezzjoni għad-depożitanti

Il-protezzjoni tal-ekonomija reali mill-impatt tal-falliment tal-banek

## X'qed nagħmlu?

It-titjib tas-sistemi ta' falliment tal-banek u l-protezzjoni tad-depożitanti, speċjalment għall-banek żgħar u ta' daqs medju

## Banek żgħar u ta' daqs medju

Mudell ta' negozju b'sehem għoli ta' depożiti fil-karta bilanċjali

**Qabel ir-riforma**

Jekk bank ifalli, it-telf kien jeħtieġ li jiġi assorbit:

1. mill-azzjonisti u mill-kredituri
2. mid-depożitanti
3. mill-fond nazzjonali ta' riżoluzzjoni / mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (fl-unjoni bankarja)

**Wara r-riforma**

Jekk bank ifalli, it-telf jista' jiġi assorbit:

1. mill-azzjonisti u mill-kredituri (li jibqgħu l-ewwel linja ta' difiża)
2. mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti (minflok id-depożitanti)
3. mill-fond nazzjonali ta' riżoluzzjoni / mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni(fl-unjoni bankarja)



Żvilupp importanti ieħor matul is-sena kien il-ftehim politiku dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal rieżami tar-regoli bankarji tal-UE (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital), magħruf bħala l-pakkett bankarju. Dan il-pakkett jimplimenta s-sett finali ta' standards internazzjonali għar-regolamentazzjoni tas-settur bankarju (l-istandards ta' Basel III) maqbula mill-UE u mis-sħab tagħha tal-G20 fil-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja. Il-fażi inizjali tar-riformi ta' Basel III — li tagħti mandat għal kapital akbar u ta' kwalità aqwa, ingranaġġ imnaqqas u rekwiżiti stretti tal-likwidità —diġà hi fis-seħħ fil-banek kollha tal-UE. Bit-tlestija ta' dawn l-istandards, l-UE timmira li ttejjeb is-sempliċità, il-komparabbiltà u s-sensittività għar-riskju tal-qafas regolatorju biex fl-aħħar mill-aħħar terġa' tinkiseb il-fiduċja fir-rekwiżiti kapitali bbażati fuq ir-riskju.

### X'hemm fil-pakkett bankarju?

**Basel III: regoli ġodda dwar il-mudelli interni**
Se jiġi introdott limitu ġdid biex jiġi żgurat li r-riskji ma jiġux sottovalutati meta l-banek jużaw il-mudelli ta' kalkolu tagħhom stess.

**Superviżjoni aħjar**
Is-superviżuri se jkollhom għodod aktar b'saħħithom biex jissorveljaw il-banek tal-UE, inklużi gruppi bankarji kumplessi. Se jiġu introdotti standards minimi biex jissorveljaw banek ta' pajjiżi mhux fl-UE.

**Sostenibbiltà**
Il-banek se jkunu meħtieġa jqisu r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza meta jiġġestixxu n-negozju tagħhom.

# Tassazzjoni u dwana ġusti, sempliċi u moderni

## Riforma tal-unjoni doganali

F'Mejju, il-Kummissjoni pproponiet l-aktar riforma ambizzjuża tal-unjoni doganali minn mindu ġiet stabbilita fl-1968, b'reazzjoni għaż-żieda fil-volumi tal-kummerċ, għat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku u għall-istandards aqwa tal-UE. Il-frammentazzjoni diġitali tas-sistema attwali u l-koordinazzjoni subottimali bejn l-awtoritajiet nazzjonali żiedu l-kostijiet tal-konformità amministrattiva għan-negozjanti u fetħu l-bibien għall-frodi.

Ir-riforma tinkludi l-istabbiliment ta' awtorità doganali tal-UE li se tissorvelja pjattaforma tad-*data* doganali ġdida. Dan l-istabbiliment se jwassal għal approċċ aktar ċentralizzat u diġitalizzat għad-dwana li għandu jnaqqas il-kostijiet tal-konformità għan-negozjanti, jillibera r-riżorsi għall-awtoritajiet nazzjonali u jiżgura unjoni doganali aktar effiċjenti, imsaħħa u reżistenti għall-frodi.



↑
It-terminal tal-kontejners ta' World DP f'Constanța, ir-Rumanija, l-10 ta' Mejju 2023.

## Nindirizzaw l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi fiskali

Rekwiżiti ġodda tar-rapportar u tal-iskambju tal-informazzjoni, f'konformità mal-Qafas għar-Rappurtar tal-Kriptoassi tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, se jassistu lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-evażjoni tat-taxxa u tal-frodi fis-setturi tal-kriptoassi u tal-flus elettroniċi. Il-ftehim li ntlaħaq fl-2023 jirrikjedi li l-fornituri kollha tal-kriptoassi bbażati fl-UE jirrapportaw it-tranżazzjonijiet li jagħmlu l-klijenti residenti fl-UE, u b'hekk jittejbu d-detezzjoni tal-frodi u l-evitar tat-taxxa.

Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-2020 għall-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Pjan ta' Azzjoni għal Tassazzjoni Ġusta u Sempliċi li Tappoġġa l-Irkupru tal-UE, il-Kummissjoni pproponiet is-simplifikazzjoni tal-proċeduri tat-taxxa f'ras il-għajn għall-investituri, għall-intermedjarji finanzjarji u għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa. Dan il-pass għandu l-għan li jipprevjeni kemm it-tassazzjoni doppja kif ukoll l-abbużi tas-sistema tar-rifużjoni jew tal-ħelsien. Maħsub ukoll biex jarmonizza l-proċeduri biex jinkiseb ħelsien mit-taxxi f'ras il-għajn, b'hekk jonqsu l-kostijiet għall-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll Direttiva dwar l-ipprezzar tat-trasferiment biex jonqos il-piż tal-konformità, tiżdied iċ-ċertezza tat-taxxa u jonqos it-tilwim dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti. L-għan hu l-prevenzjoni tat-tassazzjoni doppja u tal-każijiet ta' nontassazzjoni doppja.

## Lejn tassazzjoni aktar ġusta, aktar sempliċi u aktar moderna

L-immaniġġjar ta' 27 sistema fiskali nazzjonali differenti, ilkoll bir-regoli speċifiċi tagħhom, jikkawża kostijiet kbar f'dak li għandu x'jaqsam mal-konformità fiskali. Dan jiskoraġġixxi l-investiment transfruntier fl-UE, b'hekk iqiegħed lin-negozji fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla mal-bqija tad-dinja.

Biex tindirizza din il-kwistjoni, f'Settembru l-Kummissjoni adottat il-proposta negozju fl-Ewropa: qafas għat-tassazzjoni fuq l-introjtu.Dan il-qafas jintroduċi sett unifikat ta' regoli għad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa għal gruppi ta' kumpaniji. Se jnaqqas il-kostijiet tal-konformità b'massimu ta' 65 % għan-negozji l-kbar li joperaw f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, se jissimplifika l-proċess għall-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali, u b'hekk se jkun aktar faċli li jiġu ddeterminati t-taxxi korretti dovuti.

Filwaqt li l-proposta hi prinċipalment immirata għall-gruppi l-kbar li joperaw madwar l-Unjoni Ewropea kollha, l-UE ħadet ukoll miżuri biex tissimplifika r-regoli tat-taxxa għall-mikrokumpaniji u għall-SMEs. Id-Direttiva proposta dwar it-tassazzjoni tal-uffiċċju prinċipali tintroduċi qafas ta' simplifikazzjoni għall-SMEs li joperaw fi Stati Membri oħra permezz ta' stabbilimenti permanenti. Din id-Direttiva tagħtihom l-għażla li jinteraġixxu ma' amministrazzjoni tat-taxxa waħda biss (jew uffiċċju prinċipali) minflok mal-uffiċċji tat-taxxa tal-Istati Membri kollha li joperaw fihom. L-għan hu li titħeġġeġ l-espansjoni transfruntiera.



# 3. Noħolqu Ewropa prospera u newtrali għall-klima

## Introduzzjoni

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-pjan direzzjonali tal-Unjoni Ewropea biex tiġi indirizzata t-theddida tripla tal-kriżijiet klimatiċi, ambjentali u tal-bijodiversità. Miegħu, l-UE għolliet il-livell tal-ambizzjonijiet klimatiċi tagħha billi impenjat ruħha li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050. Qed jittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva. Fl-2023, l-UE laħqet stadju importanti fit-triq tagħha lejn il-kisba tan-newtralità klimatika. Il-leġiżlazzjoni ewlenija biex tintlaħaq — u saħansitra tinqabeż — il-mira tagħha ta' nofs it-terminu li tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 ġiet adottata f'nofs Ottubru. It-temp estrem għal darb'oħra kixef ir-realtà ħarxa tat-tibdil fil-klima madwar l-UE u d-dinja, u enfasizza l-ħtieġa għal sforzi kontinwi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet malajr kemm jista' jkun. Fil-COP28, l-UE kellha rwol ewlieni fl-iżgurar kemm ta' ftehim globali biex titħaffef it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili, kif ukoll ta' impenn biex il-kapaċità globali tal-enerġija rinnovabbli tittripla u tiġi rduppjata r-rata ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030.

# Ir-realtà ta' pjaneta tagħli

It-tfixkil u l-qerda kkawżati minn avvenimenti estremi tat-temp fl-Ewropa u fid-dinja fl-2023 kienu tfakkira qawwija tat-theddida gravi u dejjem preżenti li t-tibdil fil-klima joħloq għas-soċjetajiet, u tal-ħtieġa għal azzjoni urġenti biex tiġi protetta l-pjaneta.

Il-kundizzjonijiet tan-nixfa kkontribwew għal staġuni itwal u aktar perikolużi ta' nirien fis-selvaġġ, b'tifqigħat kbar saħansitra minn Marzu fi Spanja, u nirien rekord li ħallew ħerba f'partijiet tal-Greċja, ta' Spanja u tal-Portugall f'Lulju u f'Awwissu. In-nirien fis-selvaġġ fir-reġjun tal-Grigal tal-Greċja ta' Evros kienu l-akbar li qatt rat l-UE. Skont is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien Forestali, sat-22 ta' Lulju aktar minn 181,000 ettaru ta' art madwar l-UE kienu diġà saru rmied — aktar minn 40 % ogħla mill-medja rreġistrata bejn l-2003 u l-2022 (128,225 ettaru).

B'rispons għaż-żieda fir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ, fl-2023 l-UE saħħet il-kapaċitajiet antiċipatorji u ta' prospettiva tagħha, irrinforzat il-flotta tat-tifi tan-nar ta' rescEU tagħha u ppożizzjonat mijiet ta' ħaddiema tat-tifi tan-nar sabiex ikunu jistgħu jipprovdu appoġġ immedjat. Ħolqot ukoll Tim ta' Appoġġ kontra n-Nirien fis-Selvaġġ bħala parti miċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza tagħha.

In-nirien fis-selvaġġ huma tħassib globali. Biex jgħinu fl-indirizzar tal-agħar nirien fis-selvaġġ fil-Kanada f'għaxar snin (li ħarqu madwar erba' miljun ettaru, żona kbira daqs in-Netherlands), l-Istati Membri tal-UE offrew is-servizzi ta' madwar 300 ħaddiem tat-tifi tan-nar lill-pajjiż permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili (ara l-Kapitlu 8).



© AFP

↑
Nirien fis-selvaġġ jinfirxu fil-muniċipalitajiet ta' Candelaria u Arafo, Tenerife, Spanja, is-16 ta' Awwissu 2023.

B'7 xhur u żewġ staġuni rekord, l-2023 kienet l-aktar sena sħuna li qatt ġiet irreġistrata fl-istorja tad-dinja. Skont is-Servizz tal-UE dwar it-Tibdil fil-Klima ta' Copernicus, kważi 50 % tal-jiem fl-2023 kienu aktar minn 1.5 °C 'il fuq mill-medja preindustrijali (1850–1900).

Ix-xita estrema kkawżat għargħar fatali f'partijiet tal-UE, inklużi l-Kroazja, l-Italja, l-Awstrija u s-Slovenja.



→ Ħarsa mill-ajru lejn iż-żoni affettwati mill-għargħar u miċ-ċedimenti tal-art fl-Emilia-Romagna, l-Italja, il-25 ta' Mejju 2023.

Bħala riżultat tal-għargħar u n-nirien fil-foresti mingħajr preċedent, is-sejħiet fl-2023 għal irkupru minn diżastri u appoġġ għar-rikostruzzjoni mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea mmobilizzaw ir-riżorsi kollha disponibbli biex tiġi pprovduta l-assistenza.

Lil hinn mill-Ewropa, it-tibdil fil-klima huwa wkoll theddida serja għall-ifqar pajjiżi tad-dinja, li taggrava l-kriżijiet li kienu jeżistu qabel u li tirrikjedi sforzi akbar biex tiġi ssodisfata ż-żieda fil-ħtiġijiet umanitarji (ara l-Kapitlu 8). Skont l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-NU, il-proporzjon ta' pajjiżi b'introjtu baxx u medju esposti għal estremitajiet klimatiċi żdied minn 76 % għal 98 % matul l-aħħar għoxrin sena.

Fil-15 ta' Lulju, l-UE inawgurat il-Jum annwali għall-Vittmi tal-Kriżi Klimatika Globali, biex tfakkar il-vittmi fl-Ewropa u madwar id-dinja. L-avveniment għandu l-għan li jqajjem kuxjenza dwar il-passi speċifiċi li n-nies jistgħu jieħdu biex jgħinu fit-tnaqqis tal-ħsara kkawżata mit-tibdil fil-klima u biex ikunu ppreparati aħjar għad-diżastri klimatiċi.

# Lejn żero netti

Ir-rapport tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, ippubblikat f'Marzu, għal darb'oħra wera lill-komunità xjentifika toħroġ twissija qawwija dwar il-ħtieġa għal azzjoni biex tiġi indirizzata l-kriżi klimatika. Ir-rapport jafferma mill-ġdid li d-dinja qed tisħon malajr minħabba l-influwenza tal-bniedem, b'estremitajiet tat-temp u katastrofi li jpoġġu l-ħajjiet u l-għajxien f'riskju madwar id-dinja. Ix-xjenza hija ċara: l-uniku mod biex jitwaqqaf it-tisħin globali u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima huwa billi dawk l-emissjonijiet jinġiebu għal żero netti. Dan ifisser li jintlaħaq bilanċ bejn l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati fl-atmosfera u l-ammont imneħħi minnha.

Li l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima huwa l-pedament tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dan l-objettiv huwa msejjes fuq il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, flimkien mal-impenn legalment vinkolanti li jitnaqqsu l-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

**Bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-klima u l-enerġija, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-UE diġà naqsu bi 32.5 % meta mqabbla mal-1990, filwaqt li l-ekonomija tal-UE kibret b'60 % fl-istess perjodu.**

Biex jinkiseb dan, fl-2021 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-pakkett ta' proposti leġiżlattivi "Lesti għall-mira ta' 55 %". Fl-2022, skont il-Pjan REPowerEU, żiedet il-livell ta' ambizzjoni tal-proposti (partikolarment dawk dwar l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli) bl-għan li tkompli titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta' fjuwils fossili Russi (ara l-Kapitlu 4). Sa tmiem l-2023, il-leġiżlazzjoni ewlenija biex tintlaħaq il-mira tal-2030 ta' tnaqqis nett ta' 55 % kienet fis-seħħ (ara hawn taħt). Dan jinkludi miri legalment vinkolanti li jkopru s-setturi kollha tal-ekonomija, mira biex tingħata spinta lill-bjar tal-karbonju naturali u Sistema aġġornata tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.

---

**Aktar minn 9 minn kull 10 ċittadini tal-UE jqisu t-tibdil fil-klima bħala problema serja.**




It-tibdil fil-klima huwa kkunsidrat:

problema serja **ħafna** minn **77 %**

problema **pjuttost** serja minn **16 %**

**mhux** problema serja minn **7 %**

---

*Sors:* Ewrobarometru Speċjali 538, Lulju 2023.

Is-sistema eżistenti ssaħħet fl-2023, u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha ġie estiż biex ikopri l-emissjonijiet mit-trasport marittimu. Inħolqot Sistema ġdida separata għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet biex testendi l-ipprezzar tal-karbonju għal setturi ġodda tal-ekonomija, b'mod partikolari għall-fjuwils għall-bini u għat-trasport bit-triq. Minbarra li tpoġġi prezz fuq it-tniġġis u tiġġenera investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika, is-sistema l-ġdida se tipprovdi appoġġ soċjali għan-nies u għan-negozji ż-żgħar biex tiżgura li ħadd ma jibqa' lura.

**Il-pakkett leġiżlattiv finali huwa mistenni li jnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tal-UE b'57 % sal-2030, meta mqabbel mal-1990.**

Mekkanizmu ġdid għall-importazzjoni ta' oġġetti minn barra l-UE se jiżgura li jiġi stabbilit prezz tal-karbonju fis-setturi fil-mira. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida tinkludi wkoll miri aġġornati dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, u regoli biex tingħata spinta lill-infrastruttura tal-iċċarġjar u l-użu ta' fjuwils alternattivi fit-trasport bit-triq, it-trasport marittimu u l-avjazzjoni.

Fl-2023, l-Istati Membri kellhom jippreżentaw l-abbozzi aġġornati tagħhom tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima, li jiddeskrivu kif beħsiebhom jilħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-UE għall-2030. F'Diċembru, il-Kummissjoni vvalutat il-pjanijiet u ħarġet rakkomandazzjonijiet.




↑
FILMAT Il-Pjattaforma għal Tranżizzjoni Ġusta.

### Ħadd ma jibqa' lura

Biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ġusta u inklużiva, se jiġu ġġenerati €55 biljun f'investiment matul id-deċennju attwali biex jiġu appoġġati dawk li jgħixu fir-reġjuni tal-UE li qed jiffaċċjaw l-akbar sfidi fil-bidla lejn ekonomija newtrali għall-klima.

F'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali, l-UE qed tgħin biex tiddiversifika l-ekonomiji reġjonali u tagħti lin-nies l-opportunità li jirnexxu fl-ekonomija l-ġdida (ara wkoll il-Kapitlu 6).

## Lesti għall-mira ta’ 55 % — leġiżlazzjoni adottata




Ir-riforma dwar is-Sistema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet




Is-Sistema ġdida tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet għall-fjuwils tal-bini u tat-trasport bit-triq



Il-Fond Soċjali għall-Klima




Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi




Ir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, il-Forestrija u l-Agrikoltura




L-istandards tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju għall-karozzi u l-vannijiet




Il-Mekkaniżmu ta’ Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri




Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli




Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika




Ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi




Ir-Regolament ReFuelEU Aviation




Ir-Regolament FuelEU Maritime

Il-kompetittività tal-UE se tiddependi ħafna fuq il-kapaċità tagħha li tiżviluppa u timmanifattura t-teknoloġiji nodfa meħtieġa għal tranżizzjoni b'suċċess lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Biex tissaħħaħ il-kompetittività tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-UE u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika, fi Frar 2023 il-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għall-Era b'Emissjonijiet Żero Netti. Il-pjan għandu l-għan li joħloq ambjent ta' aktar appoġġ biex tiżdied l-iskala tal-kapaċità tal-manifattura tal-UE għal teknoloġiji u prodotti b'emissjonijiet żero netti (ara l-Kapitlu 4).

L-UE qed tappoġġa wkoll teknoloġiji innovattivi b'emissjonijiet żero netti permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni, iffinanzjat mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet. Għandha l-għan li ġġib soluzzjonijiet fis-suq għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea u tappoġġa t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, filwaqt li tagħti spinta lill-kompetittività tal-UE. Xi Stati Membri qed jappoġġaw ukoll il-kapaċità tal-manifattura ta' teknoloġiji innovattivi skont il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-Kummissjoni nediet sensiela ta' Djalogi dwar Tranżizzjoni Nadifa biex tkun tista' tappoġġa lil kull settur fil-bini tal-mudell kummerċjali tiegħu għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, l-ewwel nett bi djalogi dwar l-idroġenu u l-industriji intensivi fl-enerġija fl-2023 (ara l-Kapitlu 4).

## Lejn ekonomija ċirkolari

Matul is-sena, l-UE kompliet tagħmel progress fil-mixja lejn ekonomija ċirkolari, bl-għan li tagħmel il-prodotti sostenibbli n-norma, tnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali, tnaqqas l-iskart u toħloq tkabbir u impjiegi sostenibbli.

Kull sena, aktar minn 5 miljun tunnellata ta' ħwejjeġ jintremew fl-UE (aktar minn 11-il kg għal kull persuna), iżda 22 % biss ta' dan l-iskart jinġabar separatament għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ, filwaqt li l-bqija spiss jiġi inċinerat jew jintbagħat fil-miżbliet. Ir-regoli ġodda proposti dwar it-tessuti se jżommu lill-produtturi responsabbli għaċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti tagħhom, b'mod partikolari l-ġestjoni tal-iskart, u b'hekk jippromwovu l-immaniġġar sostenibbli tal-iskart mit-tessuti madwar l-UE. Iż-żieda fid-disponibbiltà tat-tessuti użati u riċiklati mistennija toħloq impjiegi lokali u tiffranka l-flus għall-konsumaturi fl-UE u lil hinn minnha, filwaqt li ttaffi l-impatti tal-produzzjoni tat-tessuti fuq ir-riżorsi naturali. Il-kampanja ReSet Trend tnediet fl-2023 biex titqajjem kuxjenza dwar il-moda sostenibbli.

Il-ħela tal-ikel għandha impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali enormi. Skont proposta ġdida ppreżentata mill-Kummissjoni f'Lulju, l-Istati Membri se jkunu mistennija jnaqqsu l-ħela tal-ikel fl-ipproċessar u fil-manifattura b'10 % sal-2030, u bi 30 % (*per capita*) b'mod konġunt fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsum. Dawn il-miri l-ġodda se jkunu ta' benefiċċju għas-sigurtà tal-ikel u se jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, filwaqt li se jiffrankaw ukoll il-kostijiet għan-negozji u għall-konsumaturi.




### Ħela tal-ikel

**58.4 miljun tunnellata**
(131 kg/persuna/sena) jiġu ġġenerati kull sena fl-UE.
*Sors:* Eurostat, 2023.

Madwar **10 %** tal-ikel kollu fornut lill-bejjiegħa bl-imnut, lis-servizzi tal-ikel u lill-unitajiet domestiċi jinħela.

**Aktar minn nofs** il-ħela tal-ikel hija ġġenerata mill-**unitajiet domestiċi** (54 %).

**It-tieni l-akbar** sehem (21 %) huwa mis-settur tal-ipproċessar u tal-manifattura.

Abbażi ta' dawn l-isforzi, il-Kummissjoni adottat Qafas ta' Monitoraġġ rivedut għall-Ekonomija Ċirkolari biex issegwi aħjar il-progress fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fl-UE, u l-kontribut tagħha għas-sostenibbiltà globali u għar-reżiljenza tal-UE. Dan il-qafas jinkludi indikaturi ġodda, bħall-impronta tal-materjali u l-produttività tar-riżorsi, biex jitkejjel il-progress lejn il-miri għall-prevenzjoni tal-ħela.

Kull sena, kważi sitt miljun vettura fl-UE jaslu fi tmiem iċ-ċiklu ta' ħajjithom. L-immaniġġar inadegwat tal-vetturi fi tmiem iċ-ċiklu ta' ħajjithom jirriżulta f'telf ta' valur u tniġġis. Ir-regoli ġodda proposti, li jkopru l-aspetti kollha ta' vettura mid-disinn u t-tqegħid fis-suq sat-trattament finali tagħha, mistennija jiġġeneraw €1.8 biljun fi dħul nett sal-2035. Dawn se jwasslu wkoll għal iffrankar sinifikanti tal-karbonju u dipendenza mnaqqsa fuq il-materja prima, u se joħolqu impjiegi addizzjonali u flussi ta' dħul imtejba għall-industrija tal-ġestjoni tal-iskart u tar-riċiklaġġ.

Miżuri ġodda biex tingħata spinta liċ-ċirkolarità fis-settur awtomobilistiku jistgħu jwasslu biex sal-2035 jiġu riċiklati sa erba' miljun karozza oħra u jinħolqu 22,000 impjieg ieħor.



→ Virginijus Sinkevičius, il-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, l-Oċeani u s-Sajd (lemin), iżur kumpanija li hi minn ta' quddiem fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari, il-Belġju, Lulju 2023.

Intlaħaq ftehim politiku dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal regoli ġodda dwar il-vjeġġi ta' skart, li se jiżgura responsabbiltà akbar mill-UE fir-rigward tal-iskart tagħha stess. L-esportazzjoni tal-iskart tal-plastik mill-UE lejn pajjiżi li mhumiex membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi se tiġi pprojbita. Il-ftehim se jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tniġġis mill-iskart u għall-avvanz tal-ekonomija ċirkolari.

Il-prodotti għandhom impatt ambjentali sinifikanti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom — mill-estrazzjoni tal-materja prima sal-manifattura, it-trasport, l-użu u t-tmiem tal-ħajja tagħhom. F'Diċembru, intlaħaq ftehim dwar il-proposta biex il-prodotti sostenibbli jsiru n-norma fl-UE. Ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli l-ġdid jibni fuq ir-regoli dwar l-ekodisinn eżistenti li rnexxielhom jixprunaw l-effiċjenza enerġetika mtejba tal-prodotti fl-UE għal kważi 20 sena. Il-liġi l-ġdida se testendi l-qafas eżistenti b'żewġ modi: l-ewwel nett, biex tiġi koperta l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti; it-tieni, fejn xieraq, biex jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti li magħhom iridu jikkonformaw il-prodotti.

L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika huwa element importanti biex jintlaħqu l-objettivi ta' konsum sostenibbli tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. F'Settembru, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea laħqu ftehim dwar il-proposta għal regoli ġodda li se jiżguraw li l-konsumaturi jkunu informati aħjar dwar id-durabbiltà u l-possibbiltà ta' tiswija tal-oġġetti li jixtru, u li jkollhom protezzjoni aħjar kontra prattiċi kummerċjali inġusti. Se jkun hemm ukoll projbizzjoni ġdida fuq asserzjonijiet qarrieqa dwar prodotti bbażati fuq il-kumpens għall-emissjonijiet. Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta biex ittejjeb l-aċċess għas-servizzi ta' tiswija u l-informazzjoni dwarhom. Dan jippromwovi t-tiswija fuq is-sostituzzjoni matul il-garanzija legali u jirrikjedi li l-manifatturi jsewwu oġġetti li huma soġġetti, jew li se jsiru soġġetti, għal rekwiżiti speċifiċi ta' tiswija (ekodisinn) skont il-liġi tal-UE.

## Nagħmlu għażliet sostenibbli

Biex tikkomplementa l-miżuri li jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi, il-Kummissjoni pproponiet ukoll regoli ġodda biex tindirizza l-greenwashing — fejn il-prodotti jew il-proċessi jidhru aktar ekoloġiċi milli jkunu verament. L-iżgurar li t-tikketti u l-asserzjonijiet ambjentali jkunu kredibbli u affidabbli se jippermetti lill-konsumaturi jieħdu deċiżjonijiet ta' xiri infurmati aħjar. Se tagħti spinta wkoll lill-kompetittività tan-negozji li qed jistinkaw biex iżidu s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u l-attivitajiet tagħhom.

Ġew iffinalizzati regoli ġodda biex jgħinu lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati u ekoloġiċi meta jixtru l-mowbajls u t-tablets. Ir-regoli ġodda dwar l-ekodisinn se jtejbu d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, l-użu mill-ġdid u r-riċiklabbiltà ta' apparati bħal dawn. Sadanittant, it-tikketta enerġetika l-ġdida fuq l-ismartphones u t-tablets se tagħti dettalji dwar l-effiċjenza u d-durabbiltà tagħhom, u l-punteġġ tal-possibbiltà ta' tiswija se jiggwida lill-konsumaturi lejn għażliet sostenibbli. Dawk ir-regoli se japplikaw mill-20 ta' Ġunju 2025.




← FILMAT Il-liġi l-ġdida proposta dwar l-asserzjonijiet ekoloġiċi.

# L-Avvanz tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero

## Ilma

Fl-2023, bid-Direttiva riveduta dwar l-Ilma tax-Xorb li ġiet inkorporata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, bdew japplikaw regoli ġodda madwar l-UE. Dawn ir-regoli se jiżguraw uħud mill-ogħla standards fid-dinja għall-ilma tax-xorb.

F'Ġunju, b'rispons għall-evidenza li issa hemm inqas xita f'ħafna partijiet tal-UE, bdew japplikaw rekwiżiti ġodda għall-użu mill-ġdid sikur tal-ilma mormi ttrattat fl-irrigazzjoni agrikola.



© Getty Images

Fi Frar 2023 ġie ppubblikat rapport tal-UE li janalizza wieħed mill-akbar diżastri ekoloġiċi ta' dan l-aħħar fl-Ewropa, li fih mietu madwar 360 tunnellata ta' ħut fix-xmara Oder. Huwa jidentifika l-kawża probabbli bħala l-proliferazzjoni sostanzjali tal-alga tossika, u jipproponi rakkomandazzjonijiet biex jgħinu jiġi evitat li avveniment katastrofiku bħal dan jerġa' jseħħ.

Għalkemm is-sikurezza marittima fl-ilmijiet tal-UE hija għolja ħafna, bi ftit imwiet u bl-ebda każ reċenti ta' tixrid kbir taż-żejt, kull sena għadhom jiġu rrappurtati iktar minn 2,000 aċċident u inċident fil-baħar. F'Ġunju, il-Kummissjoni ppreżentat ħames proposti leġiżlattivi biex timmodernizza r-regoli tal-UE u tipprevjeni t-tniġġis tal-ilma mill-bastimenti. Il-proposti għandhom ukoll l-għan li jipprevjenu l-iskariki illegali fl-ibħra Ewropej sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-attivitajiet tat-trasport marittimu u tiġi ppreservata l-ekosistema tal-baħar.



## Iż-żieda tas-sikurezza marittima

L-istandards stretti tas-sikurezza tal-UE huma effettivi, iżda l-isfidi u t-teknoloġiji ġodda jeħtieġu approċċi ġodda.

**X'se jiġri**

**L-istati tal-bandiera** jridu jiżguraw li l-vapur ikun tajjeb għat-tbaħħir

L-ispetturi tal-**istat tal-port** jispezzjonaw il-vapuri barranin meta jkunu fil-portijiet

**L-investigazzjonijiet tal-aċċidenti marittimi** jiddeterminaw il-kawżi ewlenin tal-aċċidenti biex jipprevjenu każijiet simili milli jseħħu fil-futur

Kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-istati tal-bandiera dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet

Spezzjonijiet iktar effettivi

Użu ikbar ta' soluzzjonijiet diġitali, bħaċ-ċertifikati elettroniċi

Titjib tal-kapaċità tal-Istati Membri li jidentifikaw kwistjonijiet ta' sikurezza u nuqqas ta' konformità mil-lat tal-ambjent u tat-tniġġis

Titjib tas-sikurezza tal-bastimenti tas-sajd

Appoġġ estiż mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima




## Sustanzi kimiċi

Skont proposta tal-Kummissjoni biex iċ-ċittadini tal-UE u l-ambjent jiġu protetti mill-merkurju tossiku, l-użu tal-amalgama dentali se jkun kompletament ipprojbit. Jintużaw madwar 40 tunnellata ta' merkurju kull sena fl-UE għal dan l-iskop. Il-proposta se tipprojbixxi wkoll il-manifattura u l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti li fihom il-merkurju, bħal lampi.



## Emissjonijiet industrijali

Id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali tirregola madwar 52,000 installazzjoni industrijali u tal-bhejjem akbar madwar l-UE. Din tirrikjedi li jkollhom permess ibbażat fuq l-użu tal-aqwa tekniki disponibbli. Fl-2023, saret sensiela ġdida ta' evalwazzjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli dwar il-biċċeriji, il-prodotti sekondarji tal-annimali u l-industriji tal-koprodotti li jittieklu. Madwar 800 biċċerija fl-UE se jkollhom jikkonformaw ma' dawn l-istandards il-ġodda biex inaqqsu l-impatt ambjentali tagħhom.




## Storbju

L-istorbju jirrappreżenta t-tieni l-akbar theddida għas-saħħa ambjentali fl-Ewropa wara t-tniġġis tal-arja. Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali jistabbilixxi kif l-istorbju jista' jkompli jitnaqqas biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis ta' 30 % sal-2030.



## Mikroplastiċi

Il-Kummissjoni ħadet pass ieħor ewlieni fil-protezzjoni tal-ambjent billi adottat miżuri li jirrestrinġu l-mikroplastiċi miżjuda intenzjonalment mal-prodotti. Ir-regoli l-ġodda se jipprevjenu r-rilaxx ta' madwar nofs miljun tunnellata ta' mikroplastiċi fl-ambjent.

Iċċekkja l-kwalità tal-ambjent fejn tgħix: https://discomap.eea.europa.eu/atlas/?page=Check-your-place.

Iċċekkja l-kwalità tal-arja madwarek (disponibbli wkoll bħala app tal-mowbajl): https://www.eea.europa.eu/themes/air/air-quality-index.

# Bijodiversità

In-natura hija vitali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Id-degradazzjoni tal-ambjent naturali żżid il-probabbiltà u s-severità ta' avvenimenti bħall-għargħar u n-nirien fis-selvaġġ, u b'hekk in-natura u l-bijodiversità tal-Ewropa jsiru l-aħjar difiża tagħha kontra d-diżastri naturali.

F'Novembru ntlaħaq ftehim politiku proviżorju rigward il-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, li ta bidu għal proċess ta' rkupru kontinwu u sostnut tan-natura. L-Istati Membri se jistabbilixxu miżuri ta' restawr f'mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art tal-UE u 20 % tal-ibħra tagħha sal-2030. Sal-2050, jeħtieġ li miżuri bħal dawn ikunu fis-seħħ għall-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr.

## Ħamrija

Il-ħamrija f'saħħitha hija kruċjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, tinkiseb in-newtralità klimatika u jitwaqqfu d-deżertifikazzjoni u d-degradazzjoni tal-art. Madankollu, iktar minn 60 % tal-ħamrija Ewropea mhijiex f'kundizzjoni ta' saħħa tajba. Il-proposta għal liġi dwar il-monitoraġġ tal-ħamrija għandha l-għan li tpoġġi lill-UE fit-triq it-tajba biex sal-2050 ikollna ħamrija f'saħħitha billi tiġbor id-*data* dwar is-saħħa tal-ħamrija u tagħmilha disponibbli għall-bdiewa u kull min jiġġestixxi l-ħamrija. Permezz ta' din il-liġi l-ġdida, il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija se ssir in-norma. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll gwida dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE għal ħamrija f'saħħitha għall-partijiet ikkonċernati. Il-Missjoni tal-Manifest tal-Ħamrija, imnedija f'April, tlaqqa' flimkien lil min ifassal il-politika reġjonali u lokali, lill-persuni kkonċernati u liċ-ċittadini f'komunità vibranti li jimpurataha minn saħħet il-ħamrija. Iktar minn 2,100 individwu u 350 organizzazzjoni kienu ffirmaw għal din l-inizjattiva volontarja sa tmiem is-sena. Il-firmatarji jirrikonoxxu l-ħtieġa għal azzjoni rigward is-saħħa tal-ħamrija u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet għall-protezzjoni u r-restawr tal-ħamrija.

## Pollinaturi

Peress li waħda minn kull tliet speċijiet ta' naħal, friefet u hoverflies fl-UE qed jisparixxu, il-Kummissjoni ppreżentat inizjattiva mġedda fl-2023 li tistabbilixxi l-azzjoni li għandha tittieħed mill-UE u mill-Istati Membri biex jieqaf it-tnaqqis tal-pollinaturi sal-2030. Kulma jmur aktar ċittadini appellaw għal azzjoni deċiżiva kontra t-telf tal-pollinaturi, anki matul l-aħħar Inizjattiva Ewropea taċ-Ċittadini "Insalvaw lin-Naħal u lill-Bdiewa" li kienet suċċess. L-UE naqqset ukoll il-livelli massimi ta' residwi ta' żewġ pestiċidi neonikotinojdi fl-ikel għall-aktar livell baxx li jista' jitkejjel bl-aħħar teknoloġiji. L-użu fuq barra tal-klotijanidin u t-tijametossam diġà ġie pprojbit fl-UE. Il-livelli l-ġodda se japplikaw għall-prodotti tal-ikel u tal-għalf prodotti fl-UE jew importati fiha. Dan se jiżgura li l-ikel li jitqiegħed fis-suq intern ma jkunx ta' kontribut għat-tnaqqis tal-pollinaturi, irrispettivament minn fejn jiġi prodott.

### Saħħet il-ħamrija taffettwa direttament is-sigurtà tal-ikel tal-UE



**95 %** tal-ikel tagħna jiġi prodott direttament jew indirettament fil-ħamrija.



L-erożjoni tal-ħamrija tiswa lill-UE **€1.25 biljun** fis-sena fi produttività agrikola mitlufa.



**83 %** tal-ħamrija tal-UE fiha residwi tal-pestiċidi.



Aktar minn **23 %** tal-art agrikola tbati minn kompattazzjoni, li tnaqqas il-produttività.

Immaġnijiet: © Adobe Stock.



## Foresti

Il-foresti huma alleat kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità. Kemm l-art, u b'mod partikolari s-settur tal-użu tal-art, jistgħu jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, jiddependi ħafna fuq kif dawn iż-żoni jintużaw u jiġu ġestiti. L-assorbiment tal-karbonju fis-settur tal-użu tal-art tal-UE naqas b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u l-funzjoni tal-bjar tal-art qed tonqos. Fl-2023, l-UE mmodernizzat il-leġiżlazzjoni tagħha dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija biex tagħti spinta lill-assorbiment tal-karbonju u tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-art agrikola u tal-foresti.

F'Novembru, il-Kummissjoni pproponiet liġi dwar il-monitoraġġ tal-foresti bl-għan li toħloq qafas ta' għarfien komprensiv li jippermetti lill-Istati Membri, lis-sidien tal-foresti u lill-forestiera jtejbu ir-rispons tagħhom għall-pressjonijiet dejjem akbar fuq il-foresti, li huma aggravati mit-tibdil fil-klima. Minbarra li jiżgura li l-foresti jkunu aktar reżiljenti għat-theddid transfruntier (pesti, nixfa u nirien fis-selvaġġ), il-qafas ta' monitoraġġ se jgħin lis-sidien tal-foresti u lill-forestiera jibbenefikaw minn skemi ta' pagament tal-ekosistema bħall-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-UE għall-assorbiment tal-karbonju.



© Adobe Stock

Ir-Regolament pijunier tal-UE dwar il-Ktajjen tal-Provvista mingħajr Deforestazzjoni, element ewlieni fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, daħal fis-seħħ f'Ġunju. L-operaturi u n-negozjanti se jkollhom 18-il xahar biex jimplimentaw ir-regoli l-ġodda. Ladarba jiġu applikati, se jiżguraw li sett ta' oġġetti ewlenin li jiġu esportati mill-UE jew li jitqiegħdu fis-suq tal-UE ma jibqgħux jikkontribwixxu għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-foresti, la fl-Unjoni Ewropea nnifisha u lanqas xi mkien ieħor fid-dinja. Il-lista tinkludi ż-żejt tal-palm, il-kafè, is-sojja u ċ-ċikkulata. Ir-regoli l-ġodda se jgħinu wkoll biex jiżguraw l-għajxien ta' miljuni ta' nies, inklużi il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali madwar id-dinja, li jiddependu ħafna fuq l-ekosistemi tal-foresti.

# Sistemi tal-ikel sostenibbli

L-approvazzjoni tat-28 pjan strateġiku kollha mill-Kummissjoni mmarkat il-bidu tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-ġdida fl-1 ta' Jannar 2023. Total ta' €264 biljun ta' finanzjament mill-UE se jappoġġa lill-bdiewa Ewropej fit-tranżizzjoni lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u reżiljenti, u se jgħin biex jiġu ssalvagwardjati l-vitalità u d-diversità taż-żoni rurali bejn l-2023 u l-2027. Kważi €98 biljun se jkunu ddedikati biex jinkisbu benefiċċji għall-klima, l-ilma, il-ħamrija, l-arja, il-bijodiversità u l-benessri tal-annimali, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Il-PAK il-ġdida se tikkontribwixxi għall-objettivi tal-UE dwar it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi kimiċi u r-riskju minnhom u se żżid b'mod sostanzjali l-appoġġ immirat għall-biedja organika. Se tipprovdi wkoll inċentivi lill-maniġers tal-art biex jaħżnu l-karbonju fil-ħamrija u fil-bijomassa u biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'35 % taż-żona agrikola tal-UE permezz ta' prattiki ta' ġestjoni xierqa, u n-newba tal-għelejjel mistennija fuq 85 % tar-raba' li jinħadem appoġġat mill-PAK.

Fi żmien ta' tħassib dejjem jikber dwar il-provvista tal-ikel, il-Kummissjoni kompliet il-ħidma tagħha fuq l-immappjar tal-ixprunaturi tas-sigurtà tal-ikel. Il-proposta ġdida li tippermetti l-użu sikur ta' tekniki ġenomiċi ġodda se tikkontribwixxi għall-avvanz lejn sistemi tal-ikel aktar sostenibbli filwaqt li tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel. Dawn it-tekniki jistgħu joħolqu varjetajiet ta' pjanti reżiljenti għat-tibdil fil-klima, reżistenti għall-pesti u li jipproduċu ħafna, u b'hekk inaqqsu l-ħtieġa ta' pestiċidi kimiċi u d-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet agrikoli. Il-Kummissjoni pproponiet leġiżlazzjoni ġdida tal-UE dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjali riproduttivi tal-pjanti u tal-foresti biex tiżdied id-diversità u l-kwalità taż-żrieragħ, tal-biċċiet tal-pjanti, u ta' materjal riproduttiv ieħor tal-pjanti.

Il-PAK mhijiex biss għodda biex tappoġġa l-miżuri ta' rkupru u restawr wara kriżi; iżda tippermetti wkoll lill-bdiewa jantiċipaw u jadattaw għall-effetti tat-tibdil fil-klima u sfidi oħra. L-UE qed teżamina kif l-aħjar tappoġġa lill-bdiewa tal-UE, u kif tadatta l-politiki agrikoli tal-UE skont il-ħtiġijiet tagħhom. Biex dan jitwettaq, id-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE se jitnieda f'Jannar 2024.



→ Janusz Wojciechowski, il-Kummissarju Ewropew għall-Agrikoltura (fuq quddiem, in-naħa tal-lemin), iżur il-komunitajiet milquta mill-għargħar fl-għelieqi fit-Tessalija, il-Greċja, Ottubru 2023.

## Benessri tal-annimali

L-UE ilha tieħu azzjoni biex ittejjeb il-benessri tal-annimali għal aktar minn 40 sena, u b'mod progressiv tejbet il-ħajja tal-annimali u adottat standards tal-benessri li huma fost l-ogħla fid-dinja. Dan kompla fl-2023 bi proposta biex jiġu riveduti r-regoli attwali tal-UE dwar it-trasportazzjoni tal-annimali, li se ttejjeb il-benessri tal-1.6 biljun annimal ittrasportat fl-UE u minnha kull sena. Il-proposta tiffoka fuq objettivi speċifiċi, inkluż it-tnaqqis tal-ħinijiet tal-ivvjaġġar, iż-żieda fl-allokazzjonijiet minimi ta' spazju u t-titjib tal-kundizzjonijiet għall-annimali esportati mill-UE. L-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti jibqa' prijorità, u l-verifiki u l-kontrolli regolari komplew matul l-2023 f'diversi oqsma.

Barra minn hekk, l-ewwel regoli dwar il-benessri u t-traċċabbiltà tal-klieb u l-qtates se jistabbilixxu standards uniformi tal-UE għat-tnissil, għall-akkomodazzjoni u għal kif wieħed jieħu ħsieb il-klieb u l-qtates fi stabbilimenti tat-tnissil, ħwienet tal-annimali domestiċi u shelters tal-annimali.

It-traċċabbiltà tal-klieb u l-qtates se tiġi msaħħa wkoll permezz ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni obbligatorji f'bażijiet ta' *data* nazzjonali biex jiġi miġġieled il-kummerċ illegali u jiġu kkontrollati aħjar il-kundizzjonijiet tal-benessri tal-annimali fl-istabbilimenti.

Matul is-sena, il-Kummissjoni wieġbet għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Fur Free Europe", l-għaxar inizjattiva ta' suċċess, appoġġata minn aktar minn 1.5 miljun ċittadin mill-UE kollha. Għalkemm l-ebda leġiżlazzjoni oħra mhi proposta f'dan l-istadju, il-Kummissjoni tipprevedi sensiela ta' miżuri biex tindirizza l-għanijiet tal-inizjattiva, inkluż li l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tingħata l-kompitu li tħejji opinjoni xjentifika dwar il-benessri tal-annimali tal-fer sa Marzu 2025.

Qed jitħejjew aktar miżuri dwar il-benessri tal-annimali, pereżempju s-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "End of Cage".

### X'jgħidu n-nies fl-UE dwar il-benessri tal-annimali?

#### Il-ħtieġa li nħarsu aħjar il-benessri tal-annimali



**84 %** jaħsbu li l-benessri tal-annimali mrobbija fl-irziezet għandu jitħares aħjar.



**74 %** jaħsbu li l-benessri tal-annimali tal-kumpanija għandu jitħares aħjar.

*Sors:* Ewrobarometru Speċjali 533, Ottubru 2023.

#### Il-benessri tal-annimali mrobbija fl-irziezet



**91 %** iqisuha importanti.

**8 %** ma jqisuhiex importanti.

↑
Il-benessri tal-annimali huwa importanti għan-nies fl-UE, kif juru r-riżultati ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru ppubblikat f'Ottubru.

Immaġnijiet: © Adobe Stock.

## Riżorsi tas-sajd u oċeani sostenibbli

It-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità jheddu s-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd u tal-akkwakultura. Pakkett ta' miżuri li tressaq fi Frar jistabbilixxi miżuri biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi permezz tal-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u Pjan ta' Azzjoni dwar il-Baħar ġdid. Il-miżuri jipprovdu modi biex jiżdiedu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż billi jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-enerġija tant meħtieġa (ara l-Kapitlu 4). Il-pakkett jikkontribwixxi għall-impenn tal-UE li tipproteġi mill-inqas 30 % tal-ibħra tagħha (b'10 % taħt protezzjoni stretta). Il-miżuri proposti se jitwettqu gradwalment biex is-settur ikun jista' jadatta ruħu.

Ir-regoli l-ġodda adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2023 għandhom l-għan li jgħinu fil-prevenzjoni tas-sajd eċċessiv u li joħolqu sistema ta' kontroll tas-sajd aktar effettiva u armonizzata, filwaqt li jittieħed vantaġġ sħiħ mit-teknoloġiji moderni. Dan jinkludi l-użu ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod u CCTV abbord il-bastimenti tas-sajd, u l-użu obbligatorju ta' għodod diġitali fiċ-ċertifikazzjoni tal-qbid u l-proċessi ta' traċċabbiltà biex jiġu evitati l-importazzjonijiet miksuba minn sajd illegali.

Il-Kummissjoni laqgħet l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Inwaqqfu t-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar — Inwaqqfu l-kummerċ", li talbitha tgħin biex jintemm il-kummerċ internazzjonali tal-pinen tal-klieb il-baħar, l-ewwel nett bil-projbizzjoni tal-kummerċ fis-suq tal-UE. Il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk hijiex meħtieġa leġiżlazzjoni. Se żżid ukoll l-infurzar tal-miżuri ta' traċċabbiltà tal-UE u se tinvolvi ruħha mas-sħab internazzjonali biex tipproteġi u timmaniġġja b'mod sostenibbli l-klieb il-baħar globalment.

Wara aktar minn għaxar snin ta' negozjati multilaterali, it-Trattat dwar l-Ibħra Miftuħa ġie adottat f'Ġunju. Dan it-Trattat huwa kisba storika fl-isforzi għall-protezzjoni tal-oċeani, għall-indirizzar tad-degradazzjoni ambjentali, għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għall-prevenzjoni tat-telf tal-bijodiversità fl-ibħra miftuħa. Kienet prijorità għall-UE u l-Istati Membri tagħha, li mexxew in-negozjati fil-livell globali. It-Trattat se jidħol fis-seħħ ladarba jkun ġie ratifikat minn 60 parti.

Illum l-UE aċċettat formalment il-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar is-Sussidji tas-Sajd f'isem l-Istati Membri tagħha. Il-ftehim huwa kruċjali biex jiġi żgurat li s-sussidji tas-sajd ikollhom is-sostenibbiltà bħala l-objettiv ewlieni tagħhom u jevitaw li jagħmlu ħsara lill-oċeani u lill-istokkijiet tal-ħut li fuqhom jiddependi l-għajxien tal-komunitajiet kostali madwar id-dinja. Jidħol fis-seħħ ladarba żewġ terzi tal-164 membru tal-organizzazzjoni jkunu lestew il-proċessi interni tagħhom ta' ratifika.



# Mobbiltà sostenibbli

L-UE qed tinvesti f'firxa wiesgħa ta' proġetti tat-trasport biex ittejjeb l-infrastruttura transfruntiera u tippromwovi teknoloġiji ġodda permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021–2027. Il-proġetti li rċevew finanzjament mill-UE fl-2023 jinkludu konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera ewlenin, b'mod partikolari l-Mina ta' Bażi ta' Brenner (li tgħaqqad l-Italja u l-Awstrija), Rail Baltica (li tgħaqqad it-tliet stati Baltiċi u l-Polonja mal-bqija tal-Ewropa) u s-sezzjoni transfruntiera bejn il-Ġermanja u n-Netherlands (Emmerich-Oberhausen). Il-finanzjament b'valur ta' €6.2 biljun jappoġġa proġetti li jikkontribwixxu għal network aktar effiċjenti, aktar ekoloġiku u aktar intelliġenti ta' ferroviji, passaġġi fuq l-ilma interni, toroq u rotot marittimi, bil-maġġoranza jmorru għal modi ta' trasport sostenibbli. Biex ittejjeb il-konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera madwar l-Ewropa, fl-2023 l-UE ħabbret appoġġ għal 10 proġetti pilota tal-UE li jistabbilixxu servizzi ferrovjarji ġodda jew li jtejbu dawk eżistenti — li jagħmluhom aktar rapidi, aktar frekwenti u aktar affordabbli.



↑
Adina Vălean, il-Kummissarju Ewropew għat-Trasport (lemin), matul il-Jiem tal-Mobbiltà Urbana tal-2023 f'Sivilja, Spanja, l-4 ta' Ottubru 2023.


© Adobe Stock

## Avjazzjoni

F'Ottubru, l-UE adottat ir-Regolament ReFuelEU Aviation biex jippromwovi l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli. Ir-regoli l-ġodda se jirrikjedu li l-fornituri tal-fjuwil tal-avjazzjoni jħalltu l-pitrolju ma' ammonti dejjem akbar ta' fjuwils sostenibbli mill-2025. Huwa previst li dan se jnaqqas l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-inġenji tal-ajru b'madwar żewġ terzi sal-2050 meta mqabbel ma' xenarju li jibqa' kollox kif inhu, u se jipprovdi benefiċċji għall-klima u għall-kwalità tal-arja.

L-Alleanza għall-Avjazzjoni b'Emissjonijiet Żero, imnedija fl-2022, qed tħejji għad-dħul fis-servizz ta' inġenji tal-ajru li jaħdmu bl-idroġenu u bl-elettriku. Kważi 300 espert mill-141 organizzazzjoni li huma membri tal-alleanza qed jindirizzaw kwistjonijiet fundamentali għall-introduzzjoni tagħhom. Ir-rapport ta' progress ippubblikat mill-alleanza jargumenta li s-snin li ġejjin iridu jintużaw biex jiġi stabbilit qafas regolatorju xieraq.



## It-trasport bil-baħar

Ir-Regolament il-ġdid FuelEU Maritime, adottat mill-UE f'Lulju, se jippromwovi l-użu ta' fjuwils u enerġija aktar nodfa għat-trasport marittimu, filwaqt li se jiżgura li l-intensità tal-gassijiet serra tal-fjuwils użati mis-settur tonqos gradwalment maż-żmien — bi 2 % fl-2025 għal saħansitra 80 % sal-2050.

L-UE laqgħet il-ftehim milħuq fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali biex tiġi stabbilita mira ta' emissjonijiet żero netti mill-vapuri "sa jew madwar, jiġifieri qrib, l-2050". Hija laqgħet ukoll il-punti ta' kontroll indikattivi: mill-inqas 20 % — bi sforz għal 30 % — fl-2030, u mill-inqas 70 % — bi sforz għal 80 % — fl-2040 (meta mqabbla mal-livelli tal-2008).

Barra minn hekk, l-UE investiet aktar minn €540 miljun f'infrastruttura ta' fjuwil alternattiv tul in-Network Trans-Ewropew tat-Trasport. Dan se jissarraf f'madwar 14,000 punt tal-iċċarġjar u 81 stazzjon tar-riforniment tal-idroġenu, flimkien mal-elettrifikazzjoni tal-portijiet u tal-ajruporti.

L-UE pproponiet ukoll li tirrevedi d-Direttiva tagħha dwar it-Trasport Ikkombinat, bl-għan li t-trasport tal-merkanzija jsir aktar sostenibbli billi tittejjeb il-kompetittività tal-użu ta' żewġ modi ta' trasport jew aktar.

Il-Kummissjoni ressqet reviżjoni tal-istandards għall-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju minn vetturi tqal bħat-trakkijiet, ix-xarabanks tal-bliet u x-xarabanks fuq distanzi twal. Dawn huma responsabbli għal aktar minn 25 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq fl-UE u aktar minn 6 % tal-emissjonijiet totali tal-UE. Biex tħeġġeġ l-introduzzjoni aktar mgħaġġla ta' xarabanks li jintużaw fl-ibliet b'emissjonijiet żero, il-Kummissjoni pproponiet li mill-2030, ix-xarabanks il-ġodda kollha li jintużaw fl-ibliet ikunu b'emissjonijiet żero.

## It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju minn vetturi heavy-duty




Immaġni: © Adobe Stock.

# Azzjoni globali għall-pjaneta

Il-Konferenza dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU tal-2023 (COP28) f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, immarkat il-konklużjoni tal-ewwel rendikont globali fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi biex jiġi kkalkulat il-progress li għamlu l-pajjiżi mill-adozzjoni tal-ftehim globali dwar it-tibdil fil-klima 'l hawn.



↑
FILMAT L-eżiti tal-COP28.

Flimkien ma' sħab minn madwar id-dinja, l-UE rnexxielha żżomm ħajja l-possibbiltà li jitwettaq l-impenn li sar f'Pariġi fl-2015 biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura medja globali għal 1.5 °C. Filwaqt li rrikonoxxew li attwalment id-dinja ma tinsabx fir-rotta biex tikseb dan l-għan, il-partijiet qablu dwar perkors biex terġa' tinstab it-triq it-tajba.

Il-partijiet kollha qablu li jitbiegħdu mill-fjuwils fossili u li jieħdu azzjoni urġenti f'dan id-deċennju kritiku għall-klima. Bit-taħditiet b'enfasi partikolari fuq is-settur tal-enerġija, il-pajjiżi qablu li jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-emissjonijiet bi 43 % sal-2030 u li jpoġġu lid-dinja fit-triq biex tilħaq emissjonijiet netti żero sal-2050, f'konformità mal-aqwa xjenza disponibbli.

L-UE mexxiet inizjattiva globali fil-konferenza biex tittriplika l-kapaċità globali tal-enerġija rinnovabbli u tirdoppja r-rata ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030, filwaqt li nediet il-Wegħda Globali dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-Effiċjenza Enerġetika matul it-taħditiet. Bl-appoġġ tal-presidenza tal-COP28, u appoġġata minn madwar 130 pajjiż, il-wegħda ġiet approvata mid-dinja kollha fid-dokument dwar l-eżitu tal-konferenza, il-Konsensus tal-Emirati Għarab Magħquda.

L-UE ħabbret li se tinvesti €2.3 biljun mill-baġit tal-UE biex tappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika fil-Viċinat Ewropew u madwar id-dinja fis-sentejn li ġejjin, permezz tal-istrateġija Global Gateway (ara l-Kapitlu 8).

Skont il-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan, imnedija fl-2021 mill-UE u mill-Istati Uniti, aktar minn 150 pajjiż issa qed jimplimentaw għan kollettiv li jitnaqqsu l-emissjonijiet globali tal-metan b'mill-inqas 30 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-2020. Waqt il-COP28, l-UE u l-Istati Membri tagħha ħabbru finanzjament ta' €175 miljun f'appoġġ għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-metan biex jiġi promoss it-tnaqqis tal-metan.




→
Wopke Hoekstra, il-Kummissarju Ewropew għall-Azzjoni Klimatika, fil-COP28, Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, it-8 ta' Diċembru 2023.



←
Maroš Šefčovič, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva, jipparteċipa fil-laqgħa tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fil-kuntest tal-COP28 f'Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, l-4 ta' Diċembru 2023.



Ir-rendikont globali indirizza wkoll il-mezzi ta' implimentazzjoni tat-tranżizzjoni meħtieġa, u l-partijiet qablu dwar il-passi finali lejn l-istabbiliment tal-għan kwantifikat kollettiv il-ġdid dwar il-finanzjament għall-klima fil-konferenza tas-sena d-dieħla. Fil-konferenza ġie maqbul ukoll qafas għall-Għan Globali dwar l-Adattament, li għandu fil-mira t-tisħiħ tar-reżiljenza dinjija għat-tibdil fil-klima.

L-UE għenet fl-operazzjonalizzazzjoni tal-Fond il-ġdid għat-Telf u l-Ħsara, li se jassisti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti avversi tat-tibdil fil-klima. L-UE u l-Istati Membri tagħha kkontribwew aktar minn €400 miljun għall-fond — aktar minn żewġ terzi tal-wegħdiet ta' finanzjament inizjali.

Biex tindirizza l-impatt uman tal-kriżi klimatika f'kuntesti fraġli u ta' kunflitt, l-UE ngħaqdet ma' żewġ inizjattivi ewlenin ġodda mnedija mill-presidenza tal-COP28: Nantiċipaw id-Diżastri: Karta dwar il-finanzi għall-ġestjoni tar-riskji u d-Dikjarazzjoni dwar il-Klima, is-Sokkors, l-Irkupru u l-Paċi. Il-karta tistabbilixxi prinċipji biex jiġi żgurat użu aħjar tal-finanzi għall-ġestjoni tar-riskji u għall-protezzjoni tan-nies fl-aktar pajjiżi vulnerabbli, filwaqt li d-dikjarazzjoni titlob appoġġ finanzjarju urġenti għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għar-reżiljenza f'dawk il-pajjiżi.

Fil-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma f'Marzu, l-ewwel summit ta' dan it-tip fi kważi 50 sena, l-UE kkonfermat l-impenn qawwi tagħha biex tiżgura r-reżiljenza u s-sigurtà globali tal-ilma. Id-delegazzjoni tal-UE ppreżentat 33 impenn volontarju għall-Aġenda ta' Azzjoni dwar l-Ilma, pjattaforma biex jitħaffef il-progress globali dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli relatati mal-ilma.

Fil-bidu tas-sena, l-UE ssieħbet ma' 26 pajjiż biex tniedi l-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Kummerċ dwar il-Klima, l-ewwel forum globali fil-livell ministerjali ddedikat għal kwistjonijiet tal-kummerċ, tal-klima u tal-iżvilupp sostenibbli. Il-koalizzjoni għandha l-għan li tixpruna l-politiki kummerċjali li jindirizzaw it-tibdil fil-klima kemm lokalment kif ukoll globalment.

F'April,l-UE sawret alleanza ekoloġika man-Norveġja, u oħra mal-Kanada f'Novembru, biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni dwar il-klima, l-ambjent, l-enerġija u l-industrija nadifa. F'Mejju, l-UE u l-Korea t'Isfel stabbilew sħubija ekoloġika wkoll bl-għan li jsaħħu l-kooperazzjoni bilaterali u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar l-azzjoni klimatika, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ġusta, il-ħarsien tal-ambjent, u oqsma oħra tat-tranżizzjoni ekoloġika.

## Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli

L-ewwel rieżami volontarju mill-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli juri li hija impenjata bis-sħiħ biex tilħaq is-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli, li ġew adottati mill-istati membri kollha tan-NU fl-2015.

L-UE poġġiet l-iżvilupp sostenibbli fil-qalba tagħha b'mod sod u qed tagħmel sforzi biex tavvanza l-Aġenda 2030, kemm internament kif ukoll madwar id-dinja, billi tappoġġa lill-pajjiżi sħab fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom.

L-UE integrat l-għanijiet fil-politiki, fil-baġits u fl-ippjanar fit-tul tagħha. Permezz tal-approċċ komprensiv tiegħu ta' gvern sħiħ, il-Patt Ekoloġiku Ewropew qed jindika t-triq lejn futur aktar sostenibbli u prosperu għal kulħadd.


© AFP

# 4. Niżguraw enerġija affordabbli, sigura u sostenibbli għall-Ewropa

## Introduzzjoni

Wara li ffaċċjat waħda mill-agħar kriżijiet globali tal-enerġija f'dawn l-aħħar deċennji, fl-2023 l-Unjoni Ewropea ħadet azzjoni drastika biex tiffranka l-enerġija, tiddiversifika l-provvista tal-enerġija tagħha u tħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. L-emerġenzi ma jaqtgħu xejn marbuta mal-klima, mal-ambjent u mal-bijodiversità li qed jiżvolġu madwar id-dinja kollha komplew jenfasizzaw il-ħtieġa ta' azzjoni urġenti. Matul is-sena, l-UE kompliet telimina gradwalment il-fjuwils fossili Russi biex tissalvagwardja l-ekonomija tagħha, filwaqt li tagħmilha aktar sostenibbli permezz ta' żieda fil-miżuri rigward il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. L-UE nediet riforma komprensiva tas-suq tal-elettriku tagħha sabiex il-konsumaturi jkunu protetti aħjar mix-xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija. Introduċiet ukoll inizjattivi ġodda biex tagħti spinta lill-kompetittività tagħha u tibni l-kapaċità industrijali għat-teknoloġiji nodfa. L-għan ta' dawn l-inizjattivi hu li jiżguraw l-aċċess għall-materja prima kritika u jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi fit-teknoloġiji kritiċi u fil-ktajjen tal-valur, u b'hekk itejbu s-sigurtà ekonomika u s-sovranità teknoloġika tal-UE.

# Sigurtà tal-enerġija

## L-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili Russi

Biex tiżgura li n-nies fl-Unjoni Ewropea jkollhom aċċess għal enerġija affordabbli, sigura u sostenibbli, f'Mejju 2022 l-UE nediet il-Pjan REPowerEU. L-objettiv tiegħu hu li jnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi permezz tal-produzzjoni ta' enerġija aktar nadifa fid-djar, tat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u tad-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija tal-UE. Fl-ewwel 12-il xahar mit-tnedija tiegħu, l-UE kienet għamlet progress sostanzjali fir-rigward ta' dawn it-tliet miri.

Sa tmiem l-2023, l-importazzjonijiet globali tal-gass Russu fl-UE ammontaw għal 42.9 biljun metru kubu (bcm) biss, meta mqabbla ma' 80 bcm fl-2022 u ma' aktar minn 150 bcm fl-2021. Matul is-sena, in-Norveġja u l-Afrika ta' Fuq reġgħu kienu l-fornituri ewlenin tal-gass bil-pipelines lejn l-UE, filwaqt li l-Istati Uniti kienu l-fornitur ewlieni tal-gass naturali likwifikat.

Minbarra l-Pjan REPowerEU hemm diversi għodod li qed jgħinu lill-Istati Membri tal-UE jiddiversifikaw il-provvista tal-gass tagħhom. Waħda minn dawn l-għodod, il-mekkaniżmu komuni tax-xiri tal-gass AggregateEU, tippermetti lill-kumpaniji tal-gass u lill-kumpaniji li jużaw il-gass jingħaqdu flimkien biex jaggregaw id-domanda, jikkoordinaw l-użu tal-infrastruttura, jinnegozjaw mas-sħab internazzjonali u jħejju għal xiri konġunt tal-gass u tal-idroġenu.



© NATO

## Importazzjonijiet ta' gass mir-Russja




Miżura oħra tal-UE biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tas-sigurtà tal-provvista, introdotta fl-2022, hi r-Regolament dwar il-Ħżin tal-Gass li jirrikjedi li sal-1 ta' Novembru l-Istati Membri jimlew 90 % tal-faċilitajiet tal-ħżin tagħhom biex jiggarantixxu biżżejjed stokkijiet għax-xitwa. Din il-miżura għenet biex jiġi żgurat li l-istokkijiet jilħqu 95 % tal-kapaċità qabel ix-xitwa tal-2022/2023. Permezz ta' prezzijiet sostanzjalment aktar baxxi u inqas volatili minn dawk tal-2022, il-progress fil-mili tal-impjanti tal-ħżin mexa partikolarment malajr fl-2023, u laħaq il-mira ta' 90 % fit-18 ta' Awwissu u baqa' 'l fuq minn 95 % fil-bidu ta' Diċembru.



↑
Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea (ir-raba' mix-xellug) u Jens Stoltenberg, is-Segretarju Ġenerali tan-NATO (il-ħames mix-xellug), fuq żjara fil-kumpanija Norveġiża Equinor, pjattaforma tal-estrazzjoni tal-gass naturali li tinsab 'il barra mill-kosta tal-Punent tan-Norveġja, is-17 ta' Marzu 2023.



←
Trasportatur tal-gass naturali likwifikat (LNG) f'terminal tal-merkanzija li ġie varat dan l-aħħar fil-Ġermanja biex jimporta l-gass bħala alternattiva għall-pipelines tal-gass Nord Stream. Brunsbüttel, il-Ġermanja, Settembru 2023. L-LNG hu gass naturali li jkun ġie mkessaħ biex minn gass isir likwidu b'madwar 0.17 % tal-volum oriġinali tiegħu. Dan it-tnaqqis sinifikanti jippermetti li jiġi ttrasportat b'mod sikur u effiċjenti abbord trasportatur tal-LNG.

Diversi proġetti ġodda tal-infrastruttura tal-enerġija li tlestew matul dawn l-aħħar sentejn għenu wkoll lill-UE tiżgura sorsi alternattivi tal-provvista tal-gass. Xi wħud mill-eżempji huma l-Pipe Baltiku u l-Interkonnettur Greċja–Bulgarija, flimkien ma' terminals ġodda għall-gass naturali likwifikat f'diversi Stati Membri.

F'Novembru, l-UE għamlet pass ieħor biex tadatta s-sistema tal-enerġija tagħha għall-futur billi ppubblikat l-ewwel waħda mil-listi tagħha ta' Proġetti ta' Interess Komuni li tikkonforma bis-sħiħ mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Din il-lista għandha tiġi adottata formalment fil-bidu tal-2024. Il-lista, li tiġi ppubblikata kull sentejn, tinkludi proġetti li se jtejbu l-interkonnettività tas-sistemi tal-enerġija tal-Istati Membri. Il-proġetti jistgħu jibbenefikaw mit-tħaffif tal-proċeduri tal-ħruġ tal-permessi u tal-finanzjament. Din hi l-ewwel lista fil-qafas tar-Regolament rivedut dwar in-Network Trans-Ewropew tal-Enerġija li teskludi proġetti tal-fjuwils fossili u li tinkludi proġetti tal-idroġenu u tal-elettrolizzaturi. Tinkludi wkoll proġetti li se jorbtu s-sistema tal-enerġija tal-UE mar-Renju Unit, mal-Balkani tal-Punent u mal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq.

## L-aċċess għal enerġija affordabbli

Mis-sajf tal-2021 'l hawn, il-prezzijiet tal-enerġija sparaw 'il fuq, b'hekk affettwaw serjament lill-konsumaturi u poġġew lil ħafna minnhom f'riskju ta' faqar enerġetiku. Fl-2023, l-UE ffukat fuq l-introduzzjoni ta' regoli li jirriformaw is-suq tal-enerġija biex tipproteġi lill-konsumaturi mix-xokkijiet futuri fil-prezzijiet. Dawn il-miżuri fit-tul jissupplimentaw il-miżuri ta' emerġenza meħuda fl-2022, bħall-mekkaniżmu tas-suq li jillimita l-prezzijiet eċċessivi tal-gass u kontribuzzjoni addizzjonali imposta fuq ċerti kumpaniji tal-enerġija li qed jagħmlu profitti eċċessivi.

Għalkemm l-UE għandha suq uniku tal-enerġija integrat sew li kien ta' benefiċċju għall-konsumaturi għal aktar minn 20 sena, il-kriżi tal-enerġija wriet il-ħtieġa ta' aktar titjib. Hu għalhekk li f'Marzu 2023 il-Kummissjoni ppreżentat proposta li jiġu riveduti r-regoli tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-UE. Din ir-riforma se tagħti lill-konsumaturi aktar drittijiet u għażliet, filwaqt li fl-istess ħin iżżid il-protezzjoni tagħhom billi tagħmel il-kontijiet tal-enerġija indipendenti mill-prezz tas-suq tal-elettriku fl-immedjat u billi żżid ir-reżiljenza tas-suq tal-enerġija tal-UE. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim dwar ir-riforma fi tmiem is-sena.

## Id-disinn rivedut tas-suq tal-elettriku tal-UE jagħti s-setgħa u jipproteġi lill-konsumaturi



Il-konsumaturi issa għandhom id-dritt għal:

- kuntratti bi prezzijiet fissi, li jippermettulhom jiffisaw prezzijiet siguri u fit-tul;
- kuntratti multipli;
- kondiviżjoni tal-enerġija rinnovabbli li jipproduċu mal-ġirien.

- Jipproteġi lill-klijenti vulnerabbli mill-iskonnessjoni.
- Jipproteġi kontra l-manipulazzjoni tas-suq u l-inċertezza dwar l-enerġija fil-ġejjieni.
- Dan jirrikjedi li l-fornituri tal-enerġija jħarsu kontra żidiet qawwija fil-prezzijiet u r-riskju ta' falliment.

---

L-isforzi tal-UE biex tiddiversifika l-provvisti u l-fornituri tal-enerġija tagħha għenu wkoll biex ikun hemm tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija u fil-volatilità tagħhom, meta mqabbla mal-eċċessi li rajna fl-2022. Il-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE (u speċifikament il-mekkaniżmu AggregateEU li diġà ssemma fil-kapitlu) taggrega d-domanda u twettaq xiri konġunt tal-enerġija. Dan jissarraf fi prezzijiet aħjar għall-konsumaturi tal-UE.

Il-Kummissjoni introduċiet ukoll mekkaniżmu li jikkoreġi ż-żidiet qawwija fil-prezzijiet fis-suq tal-gass billi jistabbilixxi prezz referenzjarju ġdid għall-gass naturali likwifikat. Dan kien meħtieġ bħala alternattiva għall-approċċ preċedenti fejn il-prezz tal-gass użat mill-Faċilità Netherlandiża tat-Trasferiment tat-Titli ntuża bħala indikatur. Madankollu, dan il-prezz ma baqax ta' min joqgħod fuqu peress li ma kienx jirrifletti l-kundizzjonijiet il-ġodda tas-suq. Issa qed tiġi ppubblikata regolarment figura referenzjarja mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija li turi ħafna inqas volatilità mill-prezz tal-Faċilità tat-Trasferiment tat-Titli.

Fl-aħħar nett, l-UE ppermettiet lill-Istati Membri jappoġġaw direttament lill-familji vulnerabbli u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju permezz ta' miżuri eċċezzjonali magħrufa bħala SAFE (Appoġġ għall-Enerġija Affordabbli). Filwaqt li jaqgħu taħt ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni, dawn il-miżuri jippermettu lill-Istati Membri jużaw fondi tal-UE li ma ntefqux mill-allokazzjoni tagħhom tal-2014–2020 biex jipprovdu appoġġ dirett lil gruppi f'riskju li qed jiffaċċjaw żieda fil-kostijiet tal-enerġija.

# Nużaw l-enerġija b'mod effiċjenti

Is-settur tal-enerġija — it-tisħin tad-djar, is-setturi tal-industrija tal-enerġija, u t-trasport — hu responsabbli għal kważi tliet kwarti tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra. Dan ifisser li t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija jagħmel differenza kbira fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. L-UE trid tnaqqas l-emissjonijiet tagħha b'mill-inqas 55 % sal-2030 (meta mqabbla mal-livelli tal-1990), kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew (ara l-Kapitlu 3).



© Adobe Stock

Fix-xitwa tal-2022/2023 — bis-saħħa ta' temp inqas qalil u tal-isforzi konġunti tal-UE, l-Istati Membri tagħha, l-individwi u l-kumpaniji — il-konsum tal-gass fl-UE naqas bi 18 % (jew bi 53 bcm). Madankollu, biex jinżamm bilanċ għaqli bejn il-provvista u d-domanda tal-enerġija, għad hemm il-ħtieġa ta' miżuri volontarji għall-iffrankar tal-enerġija. Għalhekk, ir-Regolament ta' emerġenza dwar it-tnaqqis tal-konsum tal-gass (oriġinarjament maqbul f'Lulju 2022) ġie estiż. L-għan hu t-tnaqqis tal-konsum b'60 bcm oħra bejn April 2023 u Marzu 2024. Regoli oħra ta' emerġenza mill-2022 dwar il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tas-suq, ir-regoli ta' solidarjetà u l-ħruġ tal-permessi ġew estiżi wkoll biex jgħassu kontra aktar problemi.

## Id-Direttiva l-ġdida dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija stabbiliet miri fit-tul aktar ambizzjużi għall-konsum tal-enerġija

Mira ġdida biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija bi 11.7 % sal-2030 meta mqabbel mal-konsum previst (il-mira oriġinali proposta fl-2021 kienet ta' 9 %).

L-Istati Membri jridu jiksbu ffrankar annwali ta' 1.3 % tal-konsum finali tal-enerġija sal-2024, li jiżdied għal 1.9 % sal-2028, żieda mil-livell tal-2023 ta' 0.8 %.

It-titjib fl-użu tal-enerġija fil-bini hu mod importanti ieħor kif niffrankaw l-enerġija. Il-ftehim politiku dwar ir-reviżjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija f'Diċembru se jgħin lis-settur tal-bini jnaqqas il-konsum tal-enerġija tiegħu u jagħmel il-bini aktar ekoloġiku. Dawn ir-reviżjonijiet jistabbilixxu firxa ta' miżuri biex jgħinu lill-gvernijiet tal-UE jagħtu spinta lir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, b'enfasi speċifika fuq it-titjib tal-bini bl-agħar rendiment.

L-iffrankar tal-enerġija ma jinkisibx biss billi tintuża inqas enerġija u billi l-enerġija tintuża b'mod aktar effiċjenti, iżda anke permezz tat-tfassil ta' prodotti u apparati ta' kuljum mill-manifatturi. Ir-regoli l-ġodda tal-UE dwar l-ekodisinn jispeċifikaw li l-apparati elettriċi għandhom jużaw inqas enerġija meta jkunu fil-modalità standby, u b'hekk il-manifatturi jingħataw sentejn biex itejbu l-prestazzjoni tal-prodotti tagħhom. It-tumble dryers, il-heaters tal-post lokali, il-mowbajls, it-tablets u l-fannijiet industrijali huma fost il-prodotti soġġetti għar-regoli l-ġodda jew riveduti u li huma aktar stretti. Dawn il-bidliet se jkunu riflessi fit-tikketta tal-enerġija tal-UE li għadha rikonoxxuta u użata b'mod wiesa' mill-konsumaturi tal-UE.

L-għan tal-UE hu li l-prodotti sostenibbli jsiru n-norma. Lejn tmiem is-sena, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim dwar l-inizjattiva għal prodotti sostenibbli, proposta f'Marzu 2022, li tisfida l-mudell tradizzjonali tal-konsum "ħu-uża-armi". L-għan tal-inizjattiva hu li tiżgura li l-prodotti jinbnew biex iservu, u b'hekk tnaqqas l-iskart u tikkonserva r-riżorsi.




Il-Kummissjoni tistma li t-tnaqqis fil-konsum tal-elettriku ta' prodotti li jkunu fil-modalità standby se jiffranka 1.36 miljun tunnellata ta' diossidu tal-karbonju fis-sena. Dan l-iffrankar hu tajjeb ukoll għall-but tal-konsumaturi minħabba li hu stmat li b'kollox, sal-2030, il-konsumaturi se jiffrankaw €530 miljun fis-sena.

# Inħaffu l-produzzjoni tal-enerġija ekoloġika

Il-bidla għal enerġija nadifa u rinnovabbli hi essenzjali biex tintlaħaq il-mira tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' Ewropa newtrali għall-klima. Il-Pjan REPowerEU, li hu ċentrali għal din it-tranżizzjoni, jiffoka fuq il-produzzjoni tal-enerġija ekoloġika, l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili Russi u l-promozzjoni tal-konservazzjoni tal-enerġija. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huma kruċjali fl-appoġġ tal-Pjan REPowerEU, billi jipprovdu appoġġ finanzjarju u strateġiku għall-bidla lejn l-enerġija rinnovabbli u għall-mira usa' ta' Ewropa newtrali għall-klima.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha rwol sinifikanti fil-finanzjament ta' proġetti u infrastruttura tal-enerġija ekoloġika biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, b'madwar 42 % tal-fondi tagħha ddedikati għat-tranżizzjoni ekoloġika. (Ara l-Kapitlu 2 għal aktar informazzjoni dwar il-faċilità.) L-Istati Membri qed jemendaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom biex jinkludu kapitlu ddedikat għall-Pjan REPowerEU, u dan ifisser li se juru kif se jindirizzaw l-objettivi tiegħu fil-pjanijiet ta' rkupru tagħhom. Sal-lum, 23 Stat Membru ppreżentaw il-kapitli tagħhom rigward il-Pjan REPowerEU, b'€61.87 biljun mill-pjanijiet emendati allokati għan-networks tal-enerġija rinnovabbli u tal-enerġija, inkluż €35.51 biljun speċifikament għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tippermetti wkoll lill-Istati Membri jallokaw finanzjament għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni f'oqsma bħall-idroġenu u l-batteriji.

Minbarra l-appoġġ tal-faċilità għall-investiment f'teknoloġiji maturi u teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli, fl-2023 ġiet introdotta firxa ta' inizjattivi usa' biex jiġu indirizzati l-isfidi strutturali li jaffettwaw is-settur tal-enerġija nadifa tal-UE. Waħda minn dawn l-inizjattivi, il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, għandha l-għan li ssaħħaħ il-kompetittività tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti fl-UE (u b'hekk titħaffef it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika) billi tibbaża fuq il-punti b'saħħithom tas-Suq Uniku. L-UE ssimplifikat ir-regolamenti sabiex ikun aktar faċli li tinkiseb il-materja prima meħtieġa għat-teknoloġiji nodfa, u tiffaċilitat il-ksib ta' finanzjament għat-teknoloġiji tal-enerġija ekoloġika. Hi impenjata li ttejjeb u ġġedded il-ħiliet tan-nies biex jaħdmu fis-settur tat-teknoloġija nadifa, u li ttejjeb il-kummerċ miftuħ biex żgur ikun hemm aċċess għall-materja prima u sabiex it-teknoloġiji ekoloġiċi jkunu jistgħu jirnexxu. B'riżultat ta' dan, il-komunitajiet se jibbenefikaw mill-impjiegi ta' kwalità għolja li tipprovdi l-industrija tat-teknoloġija nadifa, filwaqt li l-individwi se jgawdu l-vantaġġi ta' ambjent aktar nadif u ta' ekonomija tas-suq aktar sostenibbli.

## Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

**L-Ewropa ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050**




### Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku

Tissejjes il-kapaċità industrijali għat-teknoloġiji nodfa li jiffurmaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

### REPowerEU

Rispons għat-tfixkil fis-suq tal-enerġija b'enerġija affordabbli, sigura u sostenibbli għall-Ewropa.

### Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

Irkupru mill-pandemija u tħejjija għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

## Il-Pjan Industrijali Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri komplimentari



Ambjent regolatorju prevedibbli u simplifikat




Aċċess aktar rapidu għall-finanzjament



Tisħiħ tal-ħiliet



Kummerċ miftuħ li jiffavorixxi ktajjen tal-provvista reżiljenti

Bħala parti mill-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku — speċifikament relatat mas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju għas-settur tat-teknoloġija nadifa — f'Marzu 2023 il-Kummissjoni introduċiet ukoll proposti għal Att dwar il-Materja Prima Kritika u Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti. Dawn iż-żewġ Atti se jaħdmu id f'id biex jappoġġaw il-kapaċità tal-manifattura b'emissjonijiet żero netti tal-UE u biex jiżguraw id-disponibbiltà tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura tat-teknoloġiji nodfa fl-UE.

## Materja prima kritika

Il-materja prima kritika tinsab fil-bidu ta' ħafna ktajjen tal-provvista industrijali, u d-domanda globali tagħhom qed tiżdied.




L-elementi tal-materjali tal-art rari huma komponenti ewlenin tal-kalamiti permanenti użati fil-muturi tat-turbini tar-riħ.

Il-litju, il-kobalt u n-nikil jintużaw fil-manifattura tal-batteriji.






Is-siliċju jintuża għas-semikondutturi.

Fil-kuntest tad-domanda globali għall-materja prima kritika, u f'ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel malajr u li dejjem isir aktar diffiċli, hu kruċjali li jiġi żgurat li l-UE jkollha aċċess għal provvista sigura u sostenibbli ta' dawn il-materjali. Dan hu essenzjali wkoll għall-kompetittività tal-UE, b'mod partikolari f'setturi bħat-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali u fl-industriji ajruspazjali u tad-difiża.

Maqbul formalment mill-Parlament u mill-Kunsill f'Novembru, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika se jsaħħaħ il-kapaċitajiet domestiċi għall-materja prima kritika tul il-katina tal-provvista kollha. L-Att jistabbilixxi miri ċari biex sal-2030 jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-estrazzjoni, tal-ipproċessar u tar-riċiklaġġ. Barra minn hekk, l-UE se tiddiversifika s-sorsi tal-importazzjoni tagħha biex tevita li tiddependi fuq kwalunkwe fornitur uniku għal aktar minn 65 % tal-konsum tagħha. Din l-istrateġija tinkludi l-formazzjoni ta' sħubijiet internazzjonali, appoġġati mill-Global Gateway.

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti se jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur tal-UE għall-manifattura tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, filwaqt li jikkontribwixxi għal sistema tal-enerġija aktar sigura u sostenibbli. L-Att se jtejjeb il-kundizzjonijiet biex jiġu stabbiliti proġetti b'emissjonijiet żero netti fl-UE u biex jiġi attirat l-investiment. Jistabbilixxi mira ambizzjuża: sal-2030, il-kapaċità strateġika tal-UE għall-manifattura tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti għandha tilħaq jew taqbeż l-40 % tal-ħtiġijiet tal-użu tal-UE. Jekk dan jinkiseb, se jitħaffu b'mod sinifikanti l-progress lejn il-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni Ewropea għall-2030 u t-tranżizzjoni usa' lejn in-newtralità klimatika. Barra minn hekk, dan se jagħti spinta lill-kompetittività tal-industrija tal-UE, joħloq impjiegi ta' kwalità għolja u jappoġġa l-isforzi tal-UE biex tinkiseb indipendenza enerġetika.

Fl-aħħar nett, l-għan tal-UE li tħaffef l-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari dawk prodotti fl-Ewropa, hu rifless ukoll fil-politika tal-enerġija tagħha. Wieħed mill-akbar stadji importanti tal-2023 kien ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli biex titħaffef l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Din ir-reviżjoni għolliet il-mira tal-UE għall-enerġija rinnovabbli għal minimu ta' 42.5 % sal-2030, bit-tir li tilħaq il-45 %, meta mqabbla mal-mira preċedenti ta' 32 % stabbilita fl-2018. Id-Direttiva riveduta tindirizza l-ostakli u l-ineffiċjenzi reċenti billi tintroduċi miżuri ġodda dwar l-idroġenu rinnovabbli u dwar is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-trasport u fl-industrija. Tiċċara wkoll kwistjonijiet tekniċi, inkluż il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijoenerġija, u r-regoli li qabel kienu temporanji u li ġew stabbiliti biex jitqassru u jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli, tagħmilhom permanenti.

## Is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli

Wara li fl-2022 adottat l-Istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Solari u nediet is-Sħubija Industrijali tal-Bijometan, fl-2023 l-UE bdiet tiffoka fuq l-idroġenu rinnovabbli u l-enerġija mir-riħ.

F'termini tal-idroġenu u tal-bidu tal-operat ta' din it-teknoloġija ġdida, l-ewwel pass kien li jiġi definit x'jgħodd bħala idroġenu rinnovabbli. Dan ġie stabbilit fl-Atti Delegati dwar l-Idroġenu, li stipulaw ukoll l-importanza li tinħoloq enerġija rinnovabbli addizzjonali għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli. L-istabbiliment ta' dawn l-istandards tal-UE hu kruċjali għall-espansjoni ta' dan is-settur.

F'Diċembru, ftehim politiku dwar il-pakkett tal-gass u l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mmarka stadju importanti ieħor. Din l-inizjattiva hi mfassla biex tippromwovi l-użu tal-gassijiet rinnovabbli u tal-gassijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, b'enfasi partikolari fuq l-istabbiliment ta' suq għall-idroġenu rinnovabbli.

F'Marzu, l-Alleanza Ewropea għall-Idroġenu Nadif, stabbilita fl-2020 biex tappoġġa l-użu fuq skala kbira tat-teknoloġiji tal-idroġenu nadif sal-2030, ippubblikat pjan direzzjonali dwar l-istandardizzazzjoni tal-idroġenu. Dan jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn id-diskrepanzi, l-isfidi u l-ħtiġijiet tal-istandardizzazzjoni identifikati mill-membri tal-alleanza. L-Alleanza ppubblikat ukoll learnbook bit-titlu Learnbook on Hydrogen Supply Corridors, li jipprovdi ħarsa ġenerali aġġornata tal-evoluzzjoni tal-proġetti infrastrutturali ewlenin madwar l-UE kollha li huma meħtieġa biex tiġi stabbilita s-Sinsla Ewropea tal-Idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Din hi inizjattiva li għandha l-għan li tagħmel użu kemm mill-pipelines tal-gass eżistenti kif ukoll minn dawk ġodda biex toħloq network tal-idroġenu madwar il-kontinent kollu.

Fir-rigward tal-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli, is-Sħubija Ewropea għall-Elettrolizzaturi ġeddet l-impenn tagħha għad-dikjarazzjoni konġunta tal-2022 dwar l-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura tal-elettrolizzaturi tal-UE b'fattur ta' 10 sal-2025.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li tistabbilixxi faċilità tal-idroġenu pan-Ewropea bl-isem Bank Ewropew tal-Idroġenu. Il-Bank tal-Idroġenu se jiżgura s-sigurtà tal-investiment u l-opportunitajiet tan-negozju għall-produzzjoni Ewropea u globali tal-idroġenu rinnovabbli. Se jagħmel dan permezz ta' żewġ



→
Kadri Simson, il-Kummissarju Ewropew għall-Enerġija (xellug), u Pascal De Buck, id-Direttur Maniġerjali u l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Fluxys (lemin), fuq żjara fuq il-post waqt il-kostruzzjoni ta' pipeline tal-gass li jġorr l-idroġenu, Lokeren, il-Belġju, is-7 ta' Lulju 2023.




→
Frans Timmermans, li dak iż-żmien kien il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, jitkellem fis-Summit Dinji dwar l-Idroġenu tal-2023, Rotterdam, in-Netherlands, il-11 ta' Mejju 2023.



mekkaniżmi ta' finanzjament (wieħed biex jistimula l-produzzjoni tal-idroġenu tal-UE u l-ieħor għall-importazzjonijiet internazzjonali fl-UE); billi jivvaluta d-domanda u l-ħtiġijiet tal-infrastruttura; u billi jikkoordina sorsi differenti ta' finanzjament għal investiment aktar simplifikat fl-idroġenu sostenibbli.

F'Marzu, il-Kummissjoni ffirmat dikjarazzjoni konġunta mal-partijiet ikkonċernati Ewropej biex tagħti spinta lir-riċerka u lill-innovazzjoni dwar l-idroġenu rinnovabbli sabiex tavvanza l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u tmexxi 'l quddiem it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

L-UE ħadet ukoll azzjoni biex tħaffef l-użu tal-enerġija mir-riħ u l-innovazzjoni fiha. Għall-kuntrarju tal-enerġija mill-idroġenu, li għadha fl-istadji bikrija tagħha, is-settur tal-enerġija mir-riħ tal-UE diġà hu storja ta' suċċess. Dan is-settur kiseb kost livellat tal-enerġija li hu daqs dak tal-fjuwils fossili jew saħansitra inqas minnu, u fl-2023 (minn Jannar sa Awwissu), l-enerġija mir-riħ kienet tammonta, bħala medja, għal 17.2 % tal-elettriku kkunsmat fl-UE. Madankollu, għad fadal xi kwistjonijiet. Xi wħud mill-isfidi ffaċċjati huma d-dewmien fil-ħruġ tal-permessi, in-nuqqas ta' ħiliet u l-mod li bih l-offerti nazzjonali huma mfassla biex jiffavorixxu l-kost minflok is-sostenibbiltà. Barra minn hekk, il-manifatturi tat-turbini tar-riħ m'għandhomx pjanijiet ċari rigward l-użu tal-enerġija mir-riħ mill-Istati Membri, u dan jikkomplika l-ippjanar tal-proġetti fil-kuntest taż-żieda f'daqqa fil-kompetizzjoni globali u fil-kostijiet tal-komoditajiet.

Biex tindirizza xi wħud mill-kwistjonijiet li għadhom preżenti fis-settur, f'Ottubru l-Kummissjoni ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Enerġija mir-Riħ.

Il-pjan ta' azzjoni jinkludi t-tnedija tal-inizjattiva Accele-RES, li se tgħin fid-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-ħruġ tal-permessi u se tniedi għodda online ddedikata biex tassisti fil-proċeduri tal-ħruġ tal-permessi. Barra minn hekk, il-pjan se jsaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tal-manifattura tal-enerġija mir-riħ tal-UE billi jagħmilha aktar faċli għall-manifatturi tal-UE biex jaċċessaw is-swieq barranin; joffri protezzjoni kontra d-distorsjonijiet tal-kummerċ (bħas-sussidjar inġust ta' prodotti relatati mar-riħ li jiġu importati fl-UE); u jistandardizza t-tagħmir tal-enerġija mir-riħ biex tittejjeb l-interoperabbiltà, il-kwalità u s-sostenibbiltà.

Fl-aħħar nett, fi tmiem l-2023, 21 Stat Membru ppreżentaw wegħdiet dwar l-enerġija mir-riħ, li fihom jindikaw il-proġetti tal-enerġija mir-riħ u l-volumi tal-użu tal-enerġija mir-riħ li jipprevedu għall-futur immedjat (2024–2026). Dan se joħloq aktar ċertezza kemm għall-manifatturi kif ukoll għall-investituri, u b'hekk iwassal għat-tnedija ta' aktar proġetti tal-enerġija mir-riħ.

**Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Enerġija mir-Riħ jikkonsisti f'sitt partijiet ewlenin li jindirizzaw tħassib relatat, u qed jgħin il-kapaċità tal-enerġija mir-riħ tikber minn 204 gigawatts fl-2022 għall-għan mixtieq ta' 500 gigawatt fl-2030**





←
Faċilità għall-ħżin tal-enerġija bbażata fuq il-batteriji (implimentata mill-kumpanija Energy Cells) b'total ta' 200 megawatt u b'kapaċità ta' 200 megawatt fis-siegħa. Dan il-proġett irċieva finanzjament ta' €87.6 miljun mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u se jippermetti lil-Litwanja tiskonnettja mill-grilja elettrika kkontrollata mir-Russja filwaqt li fl-istess ħin jgħinha tissinkronizza mal-grilja elettrika kontinentali Ewropea, Vilnius, il-Litwanja, il-25 ta' Lulju 2023.



## L-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli

Il-bidla għall-enerġija rinnovabbli tfisser ukoll li jinstabu modi kif din tinqabad u tinħażen għal żminijiet meta, pereżempju, ma jkunx hemm riħ jew xemx.

Wieħed mill-modi kif jinħażnu s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli hu bl-użu tal-batteriji. Mill-2017 'l hawn, l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, stabbilita mill-UE biex tappoġġa l-ekosistema Ewropea tal-batteriji, kellha rwol vitali fl-appoġġ tal-progress f'dan il-qasam. Is-seba' laqgħa ta' livell għoli tagħha saret f'Marzu 2023, u fiha saret enfasi tal-importanza li jkun hemm biżżejjed nies li jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa għall-industrija tal-batteriji.

L-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema fl-industriji li huma affettwati mill-bidla għal enerġija nadifa huma aspetti importanti oħra tat-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

F'dan l-isfond, l-Unjoni Ewropea għażlet l-2023 bħala s-Sena tal-Ħiliet. (Għal aktar dettalji, ara l-Kapitlu 6.)

Fl-2023, minbarra li indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet speċifiċi permezz ta' inizjattivi bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija mir-Riħ, il-Kummissjoni għenet fit-tnedija ta' sħubija tal-ħiliet fuq skala kbira għall-industriji intensivi fl-enerġija u sħubija fuq skala kbira għall-ħiliet fl-enerġija rinnovabbli. Dawn is-sħubijiet se jiżguraw li l-forzi tax-xogħol minn dawn l-industriji jkunu mgħammra bil-ħiliet xierqa biex ilaħħqu mat-tranżizzjoni tal-UE lejn l-enerġija rinnovabbli u jgħinuhom jinnavigaw is-suq tax-xogħol li qed jinbidel. Is-sħubijiet għandhom kemm l-għan li jidentifikaw diskrepanzi fil-ħiliet kif ukoll l-għan li jiżviluppaw kurrikuli u programmi ta' taħriġ xierqa biex jindirizzaw dawn id-diskrepanzi.

### It-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura

Fi Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE. L-għan tal-miżuri fil-qafas ta' din l-inizjattiva hu li jappoġġaw it-tranżizzjoni tas-settur lejn sorsi tal-enerġija aktar nodfa, u b'hekk jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza attwali tas-settur fuq il-fjuwils fossili, li mhijiex biss ambjentalment insostenibbli, iżda tagħmel ukoll lil dan is-settur vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija. (Għal aktar dettalji, ara l-Kapitlu 3.)



© Ulstein

↑
Disinn Daniż ta' bastiment tas-sajd ekoloġiku li mill-inqas jiffranka 25 % fjuwil għal kull kilo ta' prodott tal-ħut. Innovazzjonijiet bħal dawn, flimkien mal-istrutturi stabbiliti mill-UE, se jħaffu t-tranżizzjoni tal-enerġija ta' dan is-settur.

Dawn is-sħubijiet jikkomplementaw ukoll l-inizjattivi eżistenti, bħall-Akkademja tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji, li għandha l-għan li tħarreġ lill-ħaddiema u li ttejjeb u ġġedded il-ħiliet tagħhom biex jissodisfaw id-domanda għal ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati fil-katina tal-valur Ewropea tal-batteriji li qed tikber b'rata mgħaġġla. Bħalissa, l-akkademja qed tiżviluppa u tintroduċi taħriġ mill-aktar avvanzat f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ madwar l-Istati Membri kollha.

L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-Att dwar il-Materja Prima Kritika introduċew ukoll inizjattivi ewlenin biex jippromwovu forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati fl-UE. L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti jistabbilixxi Akkademji tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti biex jappoġġaw il-produzzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti. Bl-istess mod, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika joħloq Akkademja tal-Materja Prima li tiffoka fuq it-tisħiħ tal-ħiliet li huma essenzjali għall-forza tax-xogħol fil-katina tal-provvista tal-materja prima kritika.

L-2023 rat ukoll it-tnedija tad-Djalogi dwar it-Tranżizzjoni Nadifa. L-ewwel wieħed iffoka fuq l-idroġenu billi laqqa' flimkien rappreżentanti tal-katina tal-valur tal-idroġenu sħiħa biex jiskambjaw l-ideat u l-aħjar prattiki dwar kif tista' tissaħħaħ id-dimensjoni industrijali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. It-tieni djalogu sar ma' rappreżentanti ta' industriji intensivi fl-enerġija.

Fl-aħħar nett, biex tappoġġa l-bidla għall-enerġija rinnovabbli, l-UE qed tagħti pariri prattiċi lill-Istati Membri u qed toffrilhom gwida mfassla apposta għalihom permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Fl-2023, dan l-istrument għen lil 17-il Stat Membru jidentifikaw ir-riformi u l-investimenti meħtieġa għall-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili Russi. L-oqsma ta' appoġġ tekniku kienu jinkludu ħruġ ta' permessi aktar malajr għall-enerġija rinnovabbli; l-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni tal-bini; il-produzzjoni tal-idroġenu u tal-bijometan; id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-gass; u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Dan l-appoġġ se jikkontribwixxi għall-kisba tat-tranżizzjoni ekoloġika u għat-tnaqqis fil-prezz tal-enerġija, għall-benefiċċju tal-individwi u tan-negozji.



© AFP

# 5. Ewropa lesta għall-era diġitali

↑
Ir-robot umanojde NAO jiġi introdott f'ċentru tal-kura matul il-jum inkluživ, fejn jakkumpanja lit-tfal fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, Karlsruhe, il-Ġermanja, is-7 ta' Ġunju 2023.

## Introduzzjoni

L-UE tappoġġa viżjoni sostenibbli ċċentrata fuq il-bniedem għal soċjetà diġitali li tagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lin-negozji u li taġixxi bħala katalizzatur għall-azzjoni klimatika. Is-soċjetà diġitali u t-teknoloġiji diġitali jġibu magħhom libertajiet u drittijiet ġodda, flimkien ma' opportunitajiet ġodda ta' apprendiment, divertiment, xogħol, esplorazzjoni u twettiq ta' ambizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-komunitajiet fiżiċi u mill-postijiet ġeografiċi.

Madankollu, għad hemm ħafna sfidi assoċjati mat-trasformazzjoni diġitali, u l-UE qed tindirizzahom permezz ta' qafas komprensiv magħruf bħala d-Deċennju Diġitali. Fl-2023, l-UE żiedet l-azzjoni tagħha biex issaħħaħ iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-*data*, tipprovdi salvagwardji għall-intelliġenza artifiċjali (IA), trażżan il-prattiki inġusti fl-ispazju diġitali u tipproteġi d-drittijiet tal-utenti tas-servizzi diġitali, b'attenzjoni speċjali mogħtija lil dawk li huma l-iktar vulnerabbli — uliedna. Prijoritajiet oħra kienu jinkludu miżuri biex jittejbu l-konnettività, il-mobbiltà, l-edukazzjoni u l-kooperazzjoni ġudizzjarja.



↑
FILMAT Darba fost l-oħrajn fid-Deċennju Diġitali tal-Ewropa.

# Progress fid-Deċennju Diġitali

L-għan tad-Deċennju Diġitali huwa li jiżgura li l-aspetti kollha tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni jaħdmu għan-nies. Mill-avvanz tal-ħiliet diġitali u l-immodernizzar tal-infrastruttura għall-integrazzjoni tal-IA fil-prattiki tan-negozju u t-titjib tas-servizzi pubbliċi b'għodod diġitali, l-UE hija impenjata għal trasformazzjoni olistika. F'Settembru 2023, ir-rapport inawgurali dwar id-Deċennju Diġitali rrieżamina l-progress diġitali tal-UE. Fir-rapport l-UE pprovdiet rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri tagħha biex jgħinu fil-ksib tal-ambizzjonijiet tad-Deċennju Diġitali. Ir-rapport kien jinkludi wkoll l-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali annwali u analizza l-implimentazzjoni ta' proġetti diġitali multinazzjonali — proġetti fuq skala kbira li l-ebda Stat Membru ma seta' jiżviluppa waħdu.

Barra minn hekk, id-dokument eżamina kif l-Istati Membri implimentaw id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali, li tirrifletti l-impenn tal-UE għal trasformazzjoni diġitali sigura, sikura u sostenibbli, li għandha lin-nies fil-qalba tagħha. Wera wkoll il-potenzjal u s-suċċess tal-isforzi kollettivi tagħhom. Punt li spikka kien il-ħtieġa urġenti li tingħata spinta lill-investiment fit-teknoloġiji, fil-ħiliet u fl-infrastruttura diġitali.

## Il-Programm Ewropa Diġitali

Il-Kummissjoni Ewropea fformalizzat l-impenn tagħha għat-tmexxija diġitali bl-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Ewropa Diġitali għall-2023–2024. Il-programm ta' ħidma jġib miegħu investiment strateġiku li se jkun strumentali biex jinkisbu l-ambizzjonijiet tad-Deċennju Diġitali. Iktar minn sempliċiment impenn monetarju, dan il-programm huwa dwar is-sovranità teknoloġika tal-UE, li timxi id f'id mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'dan il-mod, l-UE qed twitti t-triq lejn futur diġitali, għall-benefiċċju tal-individwi, tan-negozji u tal-korpi tal-gvern kollha.

## Il-finanzjament tal-Programm Ewropa Diġitali għall-2023–2024

**Total ta' €1.358 biljun**




### €375 miljun
**Il-Programm ta' Ħidma dwar iċ-Ċibersigurtà**

Implimentat miċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza fil-qasam taċ-Ċibersigurtà.

Jappoġġa:
- iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni;
- l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE (eż. id-Direttiva NIS2, l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà u d-Direttiva dwar Attakki kontra s-Sistemi tal-Informazzjoni);
- ir-reżiljenza kollettiva tal-UE kontra t-theddidiet ċibernetiċi;
- il-Mekkaniżmu ta' Emerġenza taċ-Ċibersigurtà — tħejjija għal inċidenti ċibernetiċi u azzjonijiet ta' assistenza reċiproka matulhom.

### €983 miljun
**Il-Programm ta' Ħidma Prinċipali**

Jappoġġa:
- proġetti li jużaw it-teknoloġiji diġitali, bħad-*data*, l-intelliġenza artifiċjali, il-cloud computing u l-ħiliet diġitali avvanzati;
- proġetti multinazzjonali;
- azzjonijiet addizzjonali f'politiki diġitali ewlenin (il-computing ta' prestazzjoni għolja, l-Identità Diġitali tal-UE, it-tewmin diġitali, ir-realtà virtwali).

Dan se jġib benefiċċji tanġibbli, b'mod partikolari għall-ekosistemi tal-innovazzjoni, l-istandards miftuħa, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-bliet, is-servizzi pubbliċi u l-pubbliku ġenerali.

## Il-Programm Ewropa Diġitali: il-punti ewlenin tal-2023

**Marzu**
Adozzjoni ta' żewġ programmi ta' ħidma pluriennali għall-Programm Ewropa Diġitali

Sejħiet miftuħa għan-negozji, għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u għal entitajiet oħra mill-Istati Membri tal-UE, mill-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE u mill-pajjiżi assoċjati

**Mejju**
Il-Kummissjoni nediet:
- l-ewwel sett ta' sejħiet għal proposti, b'valur ta' iktar minn €122 miljun, biex jissaħħu t-teknoloġiji u l-kompetenzi diġitali madwar l-UE;
- żewġ settijiet ta' sejħiet, b'valur konġunt ta' €107 miljun, biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà fl-UE.

**It-30 ta' Ġunju**
Il-Kummissjoni ffirmat ftehimiet ta' assoċjazzjoni dwar il-Programm Ewropa Diġitali mal-Montenegro, mal-Maċedonja ta' Fuq, mal-Albanija u mas-Serbja fil-qafas tad-Djalogu Regolatorju mal-Balkani tal-Punent.

**Il-31 ta' Awwissu**
Ġie ssiġillat ftehim ta' assoċjazzjoni mat-Turkija.

**It-28 ta' Settembru**
It-tnedija ta' sejħiet li jappoġġaw il-ħiliet diġitali avvanzati u l-ispazji tad-*data*.

**Il-21 ta' Novembru**
It-tnedija ta' sejħiet li jappoġġaw il-ħiliet diġitali avvanzati

**L-14 ta' Diċembru**
L-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma emendati għall-2024.

# Diġitali għall-industrija

## Il-konnettività

In-navigazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali titlob kemm adattament rapidu kif ukoll konnettività akbar. Fi Frar 2023, il-Kummissjoni nediet pjan biex il-konnettività tal-gigabits titwassal f'kull rokna tal-UE. L-Att dwar l-infrastruttura tal-gigabits li ġie propost għandu l-għan li jnaqqas iż-żmien meħtieġ u l-kost tat-tnedija ta' networks b'kapaċità għolja ħafna. Sabiex jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali fin-navigazzjoni, l-abbozz ta' rakkomandazzjoni dwar il-gigabits jiddeskrivi l-kundizzjonijiet li fil-qafas tagħhom l-operaturi jistgħu jaċċessaw in-networks tal-kompetituri. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni fl-istess żmien biex tiġbor il-fehmiet dwar il-futur tas-settur tal-komunikazzjoni elettronika u tal-infrastruttura tiegħu.

## L-intelliġenza artifiċjali u s-supercomputers

Minn interazzjonijiet ma' chatbots għal rakkomandazzjonijiet online mfassla apposta għall-individwu, in-nies fl-UE qed jagħmlu l-IA parti integrali mill-ħajja tagħhom ta' kuljum. Minħabba l-użu mifrux tagħha, huwa kruċjali li jiġi stabbilit qafas għall-prevenzjoni tal-użu ħażin u għall-protezzjoni tal-privatezza tan-nies.

L-UE għandha l-għan li jkollha rwol mexxej fl-IA li n-nies jistgħu jafdaw. Trid ittejjeb ir-riċerka u l-kapaċità industrijali, filwaqt li tiżgura li t-teknoloġija tibqa' sikura u li jiġu protetti d-drittijiet tan-nies.

F'Diċembru, in-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rigward l-Att rivoluzzjonarju dwar l-IA rriżultaw fi ftehim politiku. L-ewwel qafas legali komprensiv fid-dinja għall-IA se jippromwovi t-tkabbir tagħha fl-UE għall-benefiċċju ta' kulħadd u se jġestixxi r-riskji li ġġib magħha t-teknoloġija. Jipprovdi lill-iżviluppaturi, lill-amministraturi u lill-utenti tal-IA b'rekwiżiti u b'obbligi ċari għall-użu sikur tagħha fl-UE; jiżgura li l-IA tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-individwi fl-UE; u jipprojbixxi prattiki bħall-evalwazzjoni tal-kreditu soċjali. L-att għandu wkoll l-għan li jħeġġeġ l-innovazzjoni billi jistabbilixxi ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja — oqfsa speċjali fejn in-negozji, b'mod partikolari n-negozji ġodda, jistgħu jittestjaw prodotti u servizzi ġodda f'ambjent reali mingħajr l-isfidi regolatorji tas-soltu.

→
Margrethe Vestager, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli minn Ewropa Lesta għall-Era Diġitali u l-Kummissarju Ewropew għall-Kompetizzjoni (il-ħames mil-lemin), fil-laqgħa tal-Ministri għad-Diġitalizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-G7, Takasaki, il-Ġappun, it-30 ta' April 2023.

Fi sforz biex jiġu stabbiliti standards internazzjonali għal IA affidabbli, il-Kummissjoni qed taħdem ma' sħab tal-istess fehma, bħall-G7, inkluż permezz tal-proċess ta' Hiroshima dwar l-IA. Il-Kummissjoni laqgħet il-ftehim tal-mexxejja tal-G7 dwar il-Prinċipji Gwida Internazzjonali għall-IA u Kodiċi ta' Kondotta volontarju għall-iżviluppaturi tal-IA u kkontribwiet għalihom.

Fl-2023, l-UE ħadet passi ulterjuri fil-bini ta' network tas-supercomputers ta' klassi dinjija fl-Istati Membri tagħha. L-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew — entità legali u ta' finanzjament li tlaqqa' flimkien lill-kumpaniji tal-UE biex jiżviluppaw is-supercomputers — għażlet bejjiegħ biex jieħu ħsieb l-akkwist, il-forniment, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' Jupiter, l-ewwel supercomputer Ewropew fuq skala eksa (kompjuter li kapaċi jwettaq iktar minn kwintiljun kalkolu kull sekonda). Barra minn hekk, f'Ġunju, l-impriża konġunta ffirmat ftehimiet ta' ospitar ma' sitt siti fl-UE (fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, fl-Italja u fil-Polonja) biex jospitaw u joperaw il-kompjuters kwantistiċi.

L-UE użat in-network ta' supercomputers ta' klassi dinjija tagħha biex twassal l-IA ġenerattiva "magħmula fl-Ewropa" fix-xena internazzjonali. Dan il-pass se jgħin lin-negozji ġodda fl-UE jħarrġu l-mudelli tal-IA tagħhom b'iktar ħeffa.



© AFP

# Is-supercomputers fl-UE

## Is-supercomputers tal-UE li ġew **introdotti fl-2023**

**Ġunju**

Tħabbar li l-konsorzju ta' Jules Verne se jospita u se jħaddem it-tieni supercomputer fuq skala eksa tal-UE fi Franza.

L-Università ta' Linköping fl-Iżvezja ntgħażlet biex tospita u tħaddem is-supercomputer Arrhenius.

**Settembru**

Deucalion ġie inawgurat f'Guimarães, il-Portugall.

Is-sistema l-ġdida se ttejjeb it-teknoloġija tal-iffrankar tal-enerġija, it-tbassir tat-temp u r-riċerka tal-baħar, u se tgħin fl-iżvilupp ta' mediċini ġodda u ta' metodi tal-enerġija li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, fost affarijiet oħra.

**Ottubru**

Ġie ffirmat il-kuntratt ta' akkwist pubbliku għal Jupiter, l-ewwel supercomputer fuq skala eksa tal-UE.

**Diċembru**

MareNostrum 5 ġie skjerat f'Barċellona, Spanja.



↑ Is-supercomputer Deucalion fil-Fondazzjoni Portugiża għax-Xjenza u t-Teknoloġija, l-Università ta' Minho, Guimarães, il-Portugall, is-6 ta' Settembru 2023.

## Is-supercomputers tal-UE **li diġà qed joperaw**



## Is-semikondutturi

Is-semikondutturi — li spiss issir referenza għalihom bħala ċipep — huma l-qlub u l-imħuħ tal-elettronika tal-lum. L-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Settembru, huwa pass kuraġġuż favur it-tisħiħ tas-settur Ewropew tas-semikondutturi. Se jiddereġi wkoll lill-UE lejn is-sovranità teknoloġika fit-teknoloġiji u fl-applikazzjonijiet tas-semikondutturi. Il-mira ambizzjuża tiegħu hi li l-UE tirdoppja s-sehem tas-suq globali tagħha fis-semikondutturi għal 20 % sal-2030.

### L-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep

| It-tliet pilastri | Il-kisbiet tal-2023 |
| --- | --- |
| L-appoġġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati taċ-ċipep u l-innovazzjoni fihom permezz tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep. | F'Novembru 2023, l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep ħabbret l-ewwel sejħiet għall-proposti tagħha ddedikati għal-linji ta' produzzjoni pilota. Is-sejħa inizjali tipprovdi €1.67 biljun mill-UE, li mistennija jiżdiedu mill-Istati Membri u mill-fondi privati għal total ta' madwar €3.3 biljun. L-impriża konġunta se ssaħħaħ l-ekosistema tal-UE tas-semikondutturi u t-tmexxija teknoloġika tal-Ewropa. L-objettiv hu li jitnaqqas id-distakk bejn il-laboratorji u l-manifattura. Dan ifisser it-trasferiment ta' riċerka u prototipi żviluppati fil-laboratorji fi proċessi skalabbli għall-produzzjoni fil-fabbriki. |
| L-attirar ta' investiment fuq skala kbira għall-produzzjoni taċ-ċipep fl-UE u l-iżgurar ta' provvista stabbli. | Minn meta l-att ġie propost fil-bidu tal-2022, tħabbru aktar minn €100 biljun ta' investiment industrijali fl-UE. |
| Il-monitoraġġ tal-iżviluppi tas-suq u l-antiċipazzjoni ta' kriżijiet futuri permezz ta' mekkaniżmu għall-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri. | Is-Sistema ta' Twissija dwar is-Semikondutturi ġiet introdotta f'Mejju 2023 biex timmonitorja l-katina tal-provvista tas-semikondutturi għal riskji potenzjali. |

## L-Istrateġija Ewropea għad-*Data*

Id-*data* tixpruna t-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni u t-tkabbir. Ċerta *data* tas-settur pubbliku — bħal *data* dwar it-temp jew il-kwalità tal-arja — li għandha benefiċċji soċjetali, ambjentali u ekonomiċi għandha tkun disponibbli liberament. F'Jannar 2023, il-Kummissjoni ppubblikat lista ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli li jridu jkunu disponibbli mingħajr ħlas, f'formati li jinqraw mill-magni.

L-Att dwar il-Governanza tad-*Data*, li ilu applikabbli minn Settembru 2023, se jisfrutta l-potenzjal tad-*data* pubblika u se jippromwovi l-fiduċja fil-kondiviżjoni volontarja tad-*data*. Dan se jirregola l-użu mill-ġdid ta' *data* protetta miżmuma pubblikament u se jintroduċi logos komuni biex jiġu identifikati l-intermedjarji u l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-*data* fl-UE. L-att ifittex ukoll li jneħħi l-ostakli tekniċi, bl-għajnuna tal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-*Data*. Matul is-sena, il-Kummissjoni ppreżentat pjanijiet għal Spazju Ewropew tad-*Data* dwar it-Turiżmu u Spazju Ewropew tad-*Data* dwar l-Akkwist Pubbliku. Hija stabbiliet ukoll il-qafas kemm għal Pjattaforma Ewropea ta' Kollaborazzjoni bejn il-Partijiet Ikkonċernati tas-Settur tat-Turiżmu kif ukoll għal Pjattaforma innovattiva tal-Komunità tax-Xerrejja Pubbliċi għal kooperazzjoni aħjar bejn ix-xerrejja pubbliċi.

F'Novembru, l-UE adottat Regolament ġdid dwar regoli armonizzati rigward l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha (l-Att dwar id-*Data*), li għandu japplika mill-2025. Dan għandu l-għan li jagħti spinta lill-ekonomija mmexxija mid-*data* tal-UE, itejjeb l-aċċess għad-*data* industrijali u jippromwovi suq affidabbli tal-cloud tal-UE. L-Att dwar id-*Data* se jipprovdi iktar kontroll fuq id-*data*, se jippromwovi l-innovazzjoni u se jħeġġeġ il-ħolqien ta' *data* ulterjuri.

## L-appoġġ għan-negozji

Kull negozju, irrispettivament mid-daqs tiegħu, irid iħaddan it-trasformazzjoni diġitali biex jibqa' kompetittiv. Iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali jipprovdu tweġibiet u appoġġ għan-negozji li jkollhom bżonn l-għajnuna matul it-tranżizzjoni diġitali tagħhom.



### X'inhu Hub ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropew (EDIH)?

L-EDIHs huma punti uniċi ta' servizz, mifruxa madwar l-Istati Membri, li jgħinu lin-negozji u lill-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku jindirizzaw l-isfidi diġitali u jsiru aktar kompetittivi.

**Aktar minn 150 EDIH ġew stabbiliti madwar l-Ewropa**

**Kofinanzjat bi €314-il miljun taħt il-Programm Ewropa Diġitali**

### L-EDIH lil min jgħin?

L-EDIHs jgħinu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u lill-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku jwieġbu għall-isfidi diġitali. Il-missjoni tagħhom hija allinjata mal-għan tad-Deċennju Diġitali tal-Ewropa li jiġi żgurat li aktar minn 90 % tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jilħqu mill-inqas livell bażiku ta' intensità diġitali sal-2030.

### Kif jista' jgħin l-EDIH?

L-EDIHs joffru rikkezza ta' servizzi, li jipprovdu għarfien espert tekniku, taħriġ professjonali u pariri finanzjarji.

## Id-diġitalizzazzjoni tad-dritt tal-kumpaniji

In-negozju modern jappella wkoll għal qafas legali iktar rigoruż. Bl-iżvilupp ulterjuri tal-għodod online għall-istabbiliment tal-kumpaniji u għall-attivitajiet transfruntiera, qed isir iktar faċli biex dak li jkun jagħmel negozju fl-UE. L-iżjed proposta reċenti tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward għandha l-għan li tespandi l-użu tal-għodod u tal-proċessi diġitali fid-dritt tal-kumpaniji tal-UE. Huwa mistenni li l-prinċipju ta' darba biss tiegħu jnaqqas il-piżijiet amministrattivi, peress li l-kumpaniji li qed jespandu fl-UE mhux se jkollhom għalfejn jippreżentaw l-informazzjoni mill-ġdid. Barra minn hekk, is-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali tiżgura li d-*data* tal-kumpaniji tibqa' affidabbli u faċilment aċċessibbli fl-UE kollha.

## Il-ġlieda kontra l-piraterija online

Il-kondiviżjoni ta' kontenut bid-drittijiet tal-awtur mingħajr permess tagħmel ħsara lin-negozji kreattivi u tostakola l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku. F'Mejju 2023, konxja tal-importanza li titwaqqaf il-piraterija online, speċjalment matul avvenimenti f'ħin reali bħall-isport u l-kunċerti, il-Kummissjoni rrakkomandat xi miżuri. Hija tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu passi sabiex jindirizzaw ix-xandiriet illegali, u b'hekk jappoġġaw l-industriji sportivi u kreattivi tal-UE.

## Id-diġitalizzazzjoni tat-trasport u tal-mobbiltà

Bl-istess mod kif ir-regoli dwar in-negozju diġitali jrawmu t-tkabbir ekonomiku, it-trasport diġitali jiżgura li t-tkabbir ikun sostenibbli, effiċjenti u estensiv. Għalhekk, l-UE adottat regoli ġodda biex tagħti spinta lis-sistemi tat-trasport intelliġenti. Dan l-aġġornament tad-Direttiva attwali dwar is-suġġett jottimizza l-ippjanar tal-ivvjaġġar multimodali, jissimplifika l-ġestjoni tat-traffiku u jinkoraġġixxi l-ivvjaġġar li jħares l-ambjent. F'Novembru ġiet adottata wkoll proposta għal Spazju Ewropew unifikat tad-*Data* dwar il-Mobbiltà, biex jiġu ssimplifikati l-kondiviżjoni u l-ġbir flimkien tad-*data*.

L-UE ilha taħdem ukoll biex it-toroq tagħmilhom iktar sikuri. Pass kbir li sar fl-2023 biex dan jinkiseb kien il-proposta biex jiġu mmodernizzati r-regoli dwar il-liċenzji tas-sewqan. Il-proposta tinkludi l-introduzzjoni ta' liċenzja tas-sewqan diġitali li tkun valida fl-UE kollha. Din se tiffaċilita wkoll l-infurzar tar-regoli tat-traffiku bejn il-fruntieri. Dawn il-bidliet huma kruċjali biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u biex jintlaħaq l-għan tal-UE tal-approċċ "Viżjoni Żero" — l-ebda mewt fit-toroq sal-2050.

L-espansjoni rapida tas-suq tad-droni kummerċjali fl-UE qanqlet mewġa ta' regolamenti ġodda dwar is-sikurezza u l-effikaċja tad-droni. Fl-2023 bdew japplikaw regoli ġodda tal-UE, li stabbilew spazju tal-ajru ddedikat għad-droni, magħruf bħala U-space, biex it-traffiku tad-droni jkun sikur u biex l-operaturi jkunu jistgħu joffru firxa usa' ta' servizzi. Mill-konsenja tal-pakketti għall-assistenza f'każ ta' emerġenza, u minn missjonijiet ta' tiftix u ta' salvataġġ għall-monitoraġġ tal-infrastruttura, il-viżjoni tal-Istrateġija Ewropea 2.0 dwar id-Droni se tagħti l-frott b'mod kostanti.



→
Xogħol fuq il-linja Wörth-Germersheim-Speyer fil-Ġermanja bħala parti mill-Programm Ferrovjarju Rapidu biex jgħin fid-diġitalizzazzjoni tan-network ferrovjarju, il-21 ta' Lulju 2023.

# Diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini

## Iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza

Ir-regoli l-ġodda biex jiġi żgurat livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-Istati Membri kollha, magħrufa bħala d-Direttiva NIS2, daħlu fis-seħħ f'Jannar 2023. Meta mqabbla mal-miżuri preċedenti taċ-ċibersigurtà tal-2016, ir-regoli l-ġodda jkopru iktar setturi, bħall-fornituri tat-telekomunikazzjoni, is-servizzi postali, l-amministrazzjoni pubblika u l-kura tas-saħħa. Il-kumpaniji li joperaw f'dawn is-setturi issa għandhom dmirijiet iktar rigorużi ta' ġestjoni tar-riskji u ta' rapportar tal-inċidenti.

Fit-30 ta' Novembru, il-Parlament u l-Kunsill qablu rigward l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, maħsub biex itejjeb ir-regoli għal prodotti ta' hardware u ta' software iktar siguri. Din hija l-ewwel liġi tat-tip tagħha fid-dinja. Se tgħolli l-livell ta' ċibersigurtà għall-prodotti diġitali kollha fl-UE, u dan se jgħin lill-konsumaturi u lin-negozji. Il-liġi se tapplika għal kollox, minn apparati għall-monitoraġġ tat-trabi għal routers, b'regoli dwar is-sigurtà li jvarjaw abbażi tal-livell ta' riskju tal-prodott.

F'April, il-Kummissjoni pproponiet ukoll l-Att tal-UE dwar is-Solidarjetà Ċibernetika, biex tgħin lill-pajjiżi jaħdmu flimkien kontra t-theddidiet online.




## Il-protezzjoni tad-*data*

Fid-dinja interkonnessa tal-lum, id-*data* tiċċirkola globalment malli wieħed jagħfas buttuna. Il-protezzjoni tad-*data* ssaħħaħ il-fiduċja tan-nies. Dan ifisser li dawk kollha li jittrattaw id-*data* personali għandu jkollhom l-istess regoli. Dan huwa enfasizzat mill-proposta għal Regolament ġdid dwar ir-regoli proċedurali tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) li ġiet ippreżentata f'Lulju mill-Kummissjoni. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jsaħħaħ l-infurzar tal-GDPR f'każijiet li jaffettwaw lin-nies li jinsabu f'iktar minn Stat Membru wieħed. L-intenzjoni tiegħu hija ċara: iktar kemm il-każijiet jissolvew malajr, iktar ikun hemm rimedji malajr għan-nies u iktar ikun hemm ċertezza tad-dritt għan-negozji.

Bis-saħħa tal-istandards globali li qed jogħlew għall-protezzjoni tad-*data*, il-kooperazzjoni internazzjonali mxiet 'il quddiem. Fost l-eżiti notevoli hemm ir-rilaxx tal-gwida tal-UE u tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja dwar il-klawżoli tat-trasferiment tad-*data* f'Mejju, il- Qafas tal-Privatezza tad-*Data* UE-Stati Uniti li l-Kummissjoni qablet dwaru f'Lulju u r-rieżami ta' suċċess tal-ftehim dwar id-*data* mal-Ġappun.

←
FILMAT Iċ-ċibersigurtà tal-UE: filwaqt li żżid l-isforzi tagħha biex tipproteġi liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-infrastruttura mill-attakki ċibernetiċi, l-UE qed tiffinanzja r-riċerka biex tagħti spinta lid-difiżi diġitali tagħha.



→
Věra Jourová, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Valuri u t-Trasparenza (it-tieni mix-xellug), tipparteċipa fil-konferenza "5 Snin tal-GDPR: Għadu parametru referenzjarju fil-pajsaġġ diġitali tal-UE?", Brussell, il-Belġju, it-23 ta' Mejju 2023.

## L-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali

Sabiex tipproteġi aħjar id-drittijiet fundamentali u trażżan il-prattiki inġusti fl-ispazju diġitali, l-UE bdiet tapplika żewġ atti ġodda fl-2023: l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali.

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali jiżgura li l-pjattaformi online u l-magni tat-tiftix jinżammu responsabbli għal kontenut ta' ħsara. Għandu l-għan li jipproteġi lit-tfal online, jipprovdi ċarezza dwar kif jaħdmu l-algoritmi u jipprojbixxi r-reklamar immirat li jfassal profili tan-nies abbażi ta' kategoriji bħall-etniċità, il-fehmiet politiċi u l-orjentament sesswali.

Sas-17 ta' Frar, dawn il-pjattaformi kellhom jiżvelaw in-numri ta' utenti tagħhom fl-UE. L-ikbar pjattaformi — li jissejħu pjattaformi online u magni tat-tiftix kbar ħafna — ingħataw sal-aħħar ta' Awwissu biex jikkonformaw mal-obbligi fl-att. Minn dak iż-żmien 'l hawn, l-UE ilha tiġbor informazzjoni mill-pjattaformi ewlenin biex tivverifika jekk humiex qed jikkonformaw ma' partijiet tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, b'mod partikolari għall-protezzjoni tat-tfal u t-tneħħija tal-kontenut ta' ħsara. Sabiex tiġi appoġġata l-applikazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ġie stabbilit iċ-Ċentru Ewropew tat-Trasparenza Algoritmika biex jissorvelja l-algoritmi ta' dawn il-kumpaniji.

Anke l-Istati Membri ġew imħeġġa jaġixxu malajr kontra l-kontenut terroristiku u d-diskors ta' mibegħda online, sabiex jitħaffef l-infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Il-Kummissjoni ffirmat ukoll ftehimiet amministrattivi ma' diversi regolaturi tal-media nazzjonali, li issa huma minn ta' quddiem nett fl-implimentazzjoni tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Ir-rwol tagħhom fis-sorveljanza tal-operazzjonijiet tal-media u fiż-żamma tal-istandards tax-xandir imur lil hinn minn sempliċi superviżjoni. Huma jiżguraw li l-pjattaformi diġitali ma jkunux biss ospitanti passivi, iżda minflok ikunu parteċipanti attivi fil-moderazzjoni u fil-ġestjoni tal-kontenut online li jkun illegali jew li jippreżenta riskju soċjetali sistematiku.

L-Att dwar is-Swieq Diġitali relatat stabbilixxa obbligi ċari biex jiġi żgurat li l-kumpaniji dominanti fis-settur diġitali, magħrufa bħala gwardjani, ikollhom kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq diġitali. Sitt gwardjani ġew magħżula fil-bidu ta' Settembru, u għandhom sa Marzu 2024 biex jikkonformaw bis-sħiħ.

Il-firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni tal-2022, inkluż il-pjattaformi online ewlenin kollha, varaw ukoll iċ-Ċentru tat-Trasparenza l-ġdid u ppubblikaw l-ewwel rapporti tax-xenarji ta' referenza dwar kif qed iwettqu l-impenji tal-kodiċi fil-prattika.



←
FILMAT Bis-saħħa tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, ir-reklamar immirat se jkun aktar trasparenti u aktar limitat. Pereżempju, ir-reklamar li hu bbażat fuq *data* sensittiva (bħas-sesswalità, ir-reliġjon jew ir-razza) jew li hu mmirat lejn it-tfal, se jiġi pprojbit.



→
Parteċipant fil-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali jipprattika teknika tas-salvataġġ bl-użu ta' għodda tar-realtà virtwali, Brussell, il-Belġju, April 2023.

## Id-dinjiet virtwali

Skont studju tal-UE, 98 % tal-professjonisti jqisu r-realtà estiża bħala forza ewlenija fl-industrija tagħhom fil-5 snin li ġejjin. Konxja ta' dan, l-UE hija ħerqana li tifhem kemm il-benefiċċji kif ukoll ir-riskji ta' dawn it-teknoloġiji, filwaqt li dejjem iżżomm f'moħħha d-drittijiet tal-individwu. Sabiex tikseb rispons ġenwin, il-Kummissjoni ospitat Panel taċ-Ċittadini Ewropej minn Frar sa April 2023, li ġabar input dwar id-dinjiet virtwali fl-UE (ara l-Kapitlu 9).

Dan ir-rispons kollettiv ikkontribwixxa għall-Istrateġija l-ġdida għall-Web 4.0 u d-Dinjiet Virtwali, adottata f'Lulju, li għandha l-għan li toħloq xenarju diġitali tal-UE li jkun trasparenti, sikur u akkoljenti għal kulħadd — għan-nies, għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi.

### X'se jagħmlu possibbli d-dinjiet virtwali?

#### Is-saħħa

L-istudenti u l-professjonisti jistgħu jiġu mħarrġa biex jittrattaw sitwazzjonijiet ta' emerġenza u jwettqu simulazzjonijiet tal-kirurġija, li jwasslu għal riskju aktar baxx ta' kumplikazzjonijiet kirurġiċi u akkuratezza aħjar tad-dijanjożi.

#### It-tranżizzjoni ekoloġika

Il-mudelli 3D jistgħu jissimulaw l-effetti tat-tisħin globali, u b'hekk iwasslu għal fehim aħjar tal-kawżi u tal-miżuri ta' mitigazzjoni tiegħu.

Iż-żminijiet ta' stabbiliment aktar rapidi u inqas ħela tal-enerġija, tal-materjali u tar-riżorsi se jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika fl-industrija kollha.

#### L-industrija

Sal-2025, id-dinjiet virtwali industrijali se jnaqqsu l-ħinijiet tal-konsenja tal-vetturi b'60 % u l-impronta tal-karbonju tal-manifattura tal-vetturi b'50 %.

#### L-arti u d-disinn

Mill-moda sal-wirt kulturali, u mill-mużika għall-arti viżiva u d-disinn, ix-xogħlijiet virtwali se joffru modi ġodda ta' ħolqien. Dawn jagħtu lill-utenti s-sensazzjoni li jkunu f'mużew reali, jew waqt kunċerti, drammi teatrali jew żfin klassiku immersiv.

#### L-edukazzjoni

Proċess ta' apprendiment aktar esperjenzjali jista' jgħin lill-istudenti jitgħallmu aktar malajr u jifhmu aħjar id-dinja.

## Il-kooperazzjoni transfruntiera

Meta r-residenti tal-UE jiċċaqilqu fl-UE, id-drittijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom, inkluż il-kura tas-saħħa u l-pensjonijiet, jiċċaqilqu magħhom. Fis-6 ta' Settembru, il-Kummissjoni pproponiet pjan diġitali biex l-aċċess għal dawn il-benefiċċji bejn il-fruntieri jsir iktar rapidu u iktar faċli. Skambji aħjar tad-*data* bejn l-Istati Membri u proċeduri ssimplifikati ta' benefiċċji u talbiet se jagħmluha iktar faċli mhux biss għan-nies biex jgħixu, jaħdmu u jivvjaġġaw barra minn pajjiżhom, iżda wkoll għall-kumpaniji biex jagħmlu negozju fi Stati Membri oħra, u għall-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jikkoordinaw is-sigurtà soċjali bejn il-fruntieri.

Bis-saħħa tal-Kartiera tal-Identità Diġitali tal-UE, kull resident tal-UE dalwaqt jaf ikollu aċċess għal app sigura għall-apparati mobbli li tippermettilu jagħti prova tal-identità tiegħu, kemm online kif ukoll offline, u jaħżen dokumenti personali bħal-liċenzja tas-sewqan, il-karta tal-identità u ċ-ċertifikati akkademiċi tiegħu.

## Inizjattivi ewlenin biex tittejjeb is-sigurtà soċjali permezz tat-trasformazzjoni diġitali




**Tħaffif tal-implimentazzjoni tal-EESSI**

L-għan huwa li nitbiegħdu mill-iskambju bbażat fuq il-karta u mmorru għal wieħed diġitali bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali billi s-sistema ta' Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) issir operattiva fil-pajjiżi Ewropej parteċipanti kollha sa tmiem l-2024.

**Proċeduri ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali online**

L-għan huwa li jsir aktar faċli għall-persuni li jiċċaqalqu u jaħdmu barra minn pajjiżhom, u li jiġi żgurat aċċess rapidu għall-benefiċċji statutorji. L-Istati Membri jistgħu jsejsu fuq ir-Regolament dwar il-Gateway Diġitali Unika, li jipprevedi li ċerti proċeduri amministrattivi jkunu kompletament online sat-12 ta' Diċembru 2023.

**Involviment sħiħ fl-attivitajiet pilota tal-Esspass**

Il-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (Esspass) għandu l-għan li jissimplifika l-ħruġ u l-verifika transfruntieri ta' dokumenti tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali taċ-ċittadini.

**Inkorporazzjoni tal-Kartiera tal-Identità Diġitali tal-UE**

Il-Kartiera tal-Identità Diġitali tal-UE se tkun għodda diġitali għaċ-ċittadini tal-UE biex jivverifikaw l-identità tagħhom online u jaċċessaw is-servizzi tagħhom fl-Istati Membri kollha.

F'Novembru, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar l-elementi ewlenin għall-qafas legali tal-Identità Diġitali tal-UE. Bħala parti minn dan il-qafas, il-kartiera se tagħti lill-utenti kontroll sħiħ fuq id-*data* tagħhom permezz ta' sistema ggarantita pubblikament, iktar milli waħda offruta minn pjattaforma privata kbira.

L-UE aġġornat ukoll ir-regoli tagħha dwar il-kooperazzjoni transfruntiera f'materji legali. Ir-regoli preċedenti kienu jkopru l-kooperazzjoni ġudizzjarja, iżda mhux il-komunikazzjoni permezz ta' mezzi diġitali. Issa, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jridu jkunu kkollegati ma' sistema tal-IT deċentralizzata biex jiskambjaw id-*data* b'mod sigur. Is-sistema se tkun interoperabbli mal-e-CODEX, li hija għodda ta' komunikazzjoni żviluppata speċifikament għas-settur ġudizzjarju, u ġestita mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju tal-Libertà, tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja.

Barra minn hekk, issa huwa disponibbli punt ta' aċċess elettroniku Ewropew biex in-nies u n-negozji jinteraġixxu b'mod diġitali mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali. Is-seduti tal-qorti issa jistgħu jużaw telefonati bil-vidjo, u hemm fis-seħħ protokolli ġodda għall-użu tal-firem u tas-siġilli elettroniċi, l-effett legali tad-dokumenti elettroniċi u l-pagament elettroniku tat-tariffi tal-qorti fil-proċedimenti ċivili.

Anke il-futur tal-kura tas-saħħa huwa diġitali, u l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa, propost fl-2022, dalwaqt jista' jkollu rwol ewlieni f'din it-trasformazzjoni. F'Diċembru, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw il-pożizzjonijiet tagħhom b'appoġġ għall-ħolqien ta' dan l-ispazju, li huwa ddisinjat biex jipprovdi lir-residenti tal-UE aċċess iktar faċli għad-*data* tagħhom dwar is-saħħa u kontroll fuqha, anke meta jkunu fi Stat Membru ieħor. Dan se jippermetti lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa jipprovdu kura effettiva bbażata fuq storja medika kompluta. Barra minn hekk, huwa previst li dan se jkun komponent ewlieni biex jippermetti l-użu sigur tad-*data* dwar is-saħħa għal riċerka importanti u għall-iżvilupp ta' politiki tas-saħħa.

## L-użu tal-Identità Diġitali tal-UE: l-applikazzjoni għal self bankarju

### Mingħajr l-Identità Diġitali tal-UE

**1**
Tagħmel appuntament mal-bank

**2**
Tmur għal laqgħa fil-bank

Ikun hemm dokument nieqes

**3**
Tipprovdi d-dokumenti stampati kollha

**4**
Il-bank jibgħat proposta

**5**
Tagħmel appuntament ieħor mal-bank

**6**
Tmur għal laqgħa oħra fil-bank biex tiffirma l-ftehim tas-self

### Bl-Identità Diġitali tal-UE

**1**
L-utenti jkollhom id-dokumenti kollha tagħhom fil-kartiera diġitali personali tagħhom, mill-karta tal-identità tagħhom sar-rapport tal-introjtu tagħhom.

**2**
Jagħżlu biss id-dokumenti meħtieġa mill-bank għall-applikazzjoni għas-self, u jibagħtuhom b'mod sempliċi u sigur.

**3**
Il-bank jirċievi d-dokumenti b'mod elettroniku. Jekk ikun hemm xi dokument nieqes, l-utenti jistgħu jżidu b'sempliċi klikk. L-applikazzjoni tkun lesta biex tipproċedi.

L-użu tal-Identità Diġitali tal-UE jissimplifika dan il-proċess u jiffranka l-ħin.

## Ħiliet diġitali

Il-ħiliet diġitali huma essenzjali biex in-nies ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà inġenerali, u biex tinkiseb l-inklużjoni soċjali. Peress li l-2023 kienet is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, l-UE kompliet tappoġġa lill-Istati Membri u lis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jipprovdu edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' kwalità għolja, inklużivi u aċċessibbli għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tan-nies li jgħixu fl-UE. Matul is-sena, l-UE nediet diversi inizjattivi biex tnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet.

Sabiex jinkiseb l-għan tal-politika tad-Deċennju Diġitali li jintlaħqu 20 miljun speċjalista tal-ICT ibbilanċjati bejn il-ġeneri sal-2030, inbdew programmi ta' masters u korsijiet tat-taħriġ għal żmien qasir fil-ħiliet diġitali avvanzati fil-qafas tal-Programm Ewropa Diġitali. Mill-2023, dawn kienu aċċessibbli permezz tal-Pjattaforma għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali, li issa kompliet tikber bi 22 koalizzjoni nazzjonali għall-ħiliet u l-impjiegi diġitali.



## Is-sitwazzjoni

Fil-futur, **90 %** tal-impjiegi se jirrikjedu ħiliet diġitali.

Aktar minn **terz** tal-forza tax-xogħol tal-UE ma għandhiex il-ħiliet diġitali meħtieġa għall-biċċa l-kbira tal-impjiegi, fis-setturi kollha — min-negozju sat-trasport, u saħansitra sal-agrikoltura.

**54 %** biss tan-nies fl-UE bejn l-etajiet ta' 16 u 74 sena jistgħu jwettqu kompiti diġitali bażiċi.

Aktar minn **70 %** tan-negozji jirrapportaw nuqqas ta' persunal b'ħiliet diġitali adegwati bħala xkiel għall-investiment.

L-UE qed tiffaċċja skarsezza kritika ta' esperti diġitali, inkluż fiċ-ċibersigurtà u fl-analiżi tad-*data*. Dawn l-iskarsezzi x'aktarx se jiżdiedu bit-tnaqqis previst fil-popolazzjoni bl-età tax-xogħol minn 265 miljun fl-2022 għal **258 miljun** sal-2030.

**9.4 miljun** speċjalista tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) huma impjegati (4.6 % tal-impjiegi totali tal-UE). Bil-kundizzjonijiet attwali, sal-2030 l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT fl-UE se jkun qrib it-12-il miljun, u b'hekk ma tintlaħaqx il-mira tal-2030 (mill-inqas 20 miljun speċjalista tal-ICT impjegati) b'madwar 8 miljuni.

## X'qed tagħmel l-UE dwar dan?

**L-appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali jinkludi:**

**€2 biljun**
**Il-programmi tal-Fond Soċjali Ewropew Plus**

**€29 biljun** (*)
**Pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza**
(*) Din iċ-ċifra turi n-nefqa stmata għall-pjanijiet oriġinali għall-irkupru u r-reżiljenza.

**€580 miljun**
**Ewropa Diġitali**

## L-inizjattivi tal-UE li jappoġġaw il-ħiliet diġitali

1. **L-Inizjattiva tat-Talenti fit-Teknoloġija Profonda (skont l-Aġenda Ewropea l-Ġdida għall-Innovazzjoni)**

   Fl-ewwel sena tal-inizjattiva, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għamel progress sinifikanti lejn l-għan li jikkwalifikaw miljun persuna fit-teknoloġija profonda sal-2025.



Nieda sejħa speċjali għall-proposti u kkollabora ma' inizjattivi oħra, fosthom Girls Go Circular.



Nieda l-ewwel Premju għat-Taħriġ tat-Talenti fit-Teknoloġija Profonda biex jirrikonoxxi u jippremja lill-organizzazzjonijiet li jibbrillaw fl-indirizzar tal-isfidi tat-taħriġ tat-teknoloġija profonda.



Irċieva weġħdiet minn diversi universitajiet u kumpaniji biex iħarrġu aktar minn 650,000 persuna.



Nieda l-pjattaforma online l-ġdida tiegħu — il-Kampus tal-EIT — f'Jannar 2023, li tiġbor flimkien aktar minn 2,500 kors fl-intraprenditorija u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Immaġnijiet: © Getty Images.

2. **Iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali**

**Settembru 2022**
Twettaq studju tal-fattibbiltà biex jinkiseb għarfien dwar l-iskemi ta' ċertifikazzjoni eżistenti għall-ħiliet diġitali.

**April 2023**
Tnieda proġett pilota ma' ħames Stati Membri tal-UE (Spanja, Franza, l-Awstrija, ir-Rumanija u l-Finlandja) biex jiġu ttestjati l-elementi kostitwenti għal ċertifikat Ewropew.

**Diċembru 2023**
L-eżiti taż-żewġ flussi ta' ħidma ġew ippreżentati u diskussi f'avveniment finali.

3. **Il-Premjijiet Ewropej għall-Ħiliet Diġitali**

Il-Premjijiet Ewropej għall-Ħiliet Diġitali jħeġġu l-kondiviżjoni tal-esperjenzi dwar kif tista' tonqos id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali.

Fl-2023, il-premjijiet ippromwovew inizjattivi f'ħames kategoriji: iż-żgħażagħ, in-nisa, l-inklużjoni, it-titjib tal-ħiliet diġitali fuq il-post tax-xogħol u l-ħiliet diġitali għall-edukazzjoni.

Seba' rebbieħa ntgħażlu minn 330 applikant.

4. **L-Akkademja tal-Ħiliet Ċibernetiċi**

F'dawn l-aħħar snin, it-theddid ċibernetiku fl-UE żdied drammatikament. L-akkademja se ssaħħaħ il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-UE u se żżid l-għadd ta' professjonisti taċ-ċibersigurtà b'livell għoli ta' ħiliet.

# Spazju

It-teknoloġija spazjali għandha rwol essenzjali fil-ħajja ta' kuljum tan-nies fl-UE, pereżempju meta jużaw il-mowbajls jew is-sistemi tan-navigazzjoni tal-karozzi, jaraw it-televiżjoni bis-satellita jew jiġbdu l-flus minn magna tal-flus kontanti. Is-satelliti jipprovdu wkoll *data* importanti waqt id-diżastri, u dan itejjeb il-koordinazzjoni tar-rispons f'każ ta' emerġenza.

Fl-2023, ġew varati servizzi ġodda biex jissaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-kostellazzjonijiet satellitari Copernicus u Galileo tal-UE. Pereżempju, is-sistema satellitari Galileo mmodernizzata issa tipprovdi trekkjar tal-pożizzjoni saħansitra iktar preċiż, sa 20 cm.



Sabiex tappoġġa l-ħtiġijiet attwali tad-*data* u trawwem l-innovazzjoni, il-Kummissjoni introduċiet is-Sistema Dinamika ta' Xiri għal Copernicus — mod ġdid kif isir l-akkwist spazjali fl-Ewropa. Dan jagħmilha iktar faċli għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għan-negozji ġodda biex jipparteċipaw fis-suq tad-*data* spazjali.

← FILMAT L-Ekosistema tal-Ispazju tad-*Data* ta' Copernicus, pjattaforma ġdida ta' distribuzzjoni li tiftaħ il-bibien għad-*data* u għall-infrastruttura kollha meħtieġa għall-applikazzjonijiet tal-osservazzjoni tad-Dinja.

F'Marzu, l-UE adottat l-IRIS² (Infrastruttura għar-Reżiljenza, l-Interkonnettività u s-Sigurtà bis-Satellita), it-tielet kostellazzjoni satellitari ewlenija tagħha. B'kontribuzzjoni ta' €2.4 biljun mill-baġit tal-UE, il-programm huwa ddisinjat biex jiżgura komunikazzjoni sigura tal-gvern, jappoġġa l-operazzjonijiet militari u tad-difiża u jespandi s-servizzi kummerċjali tal-broadband, speċjalment f'żoni remoti.

Sabiex l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett tat-teknoloġija spazjali, l-investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni huwa daqstant importanti, speċjalment permezz ta' programmi ta' finanzjament tal-UE bħal Orizzont Ewropa. Il-programm ta' Dimostrazzjoni u ta' Validazzjoni fl-Orbita huwa prova ta' dan l-impenn. Kif jissuġġerixxi l-isem, dan jippermetti lill-kumpaniji spazjali jippruvaw teknoloġiji spazjali ġodda direttament fl-orbita. Dan, pereżempju, jipprovdi liċ-ċentri ta' riċerka Ewropej b'għarfien imprezzabbli u jgħin biex jitmexxew 'il quddiem l-illanċjar tas-satelliti għall-kumpaniji.

Filwaqt li rrikonoxxiet il-ħtieġa li jiġi attirat iktar investiment, fil-bidu tal-2023 il-Kummissjoni nediet ukoll l-ewwel indiċi tal-borża spazjali, bl-isem ta' Helios. Din l-għodda tagħti stampa ċara ta' kif sejrin finanzjarjament il-kumpaniji spazjali Ewropej. Tgħinhom jiġbdu iktar attenzjoni u tagħmilha iktar faċli għan-nies biex jinvestu fihom.

Iktar ma l-infrastruttura spazjali tal-Ewropa tespandi, iktar il-miżuri protettivi qed isiru importanti. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, f'kooperazzjoni ma' 15-il Stat Membru, tippromwovi din il-kawża permezz tas-Sħubija tal-UE għas-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju. Din is-sħubija, mgħammra b'sistema kumplessa ta' sensuri ta' sorveljanza u insegwiment fl-ispazju, taqdi iktar minn 190 organizzazzjoni rreġistrata, u tipproteġi iktar minn 400 satellita mir-riskju ta' kolliżjoni ma' residwi spazjali u satelliti operattivi oħra.

It-teknoloġija spazjali hija kruċjali għall-protezzjoni ambjentali, u l-proġett Destinazzjoni d-Dinja tal-UE huwa eżempju mill-aqwa ta' din l-intersezzjoni. Għandha l-għan li toħloq mudell diġitali komprensiv tad-Dinja għal tbassir aħjar tat-temp u tad-diżastri. Ikkonfermata f'Diċembru, it-tieni fażi tal-proġett se ttejjeb il-mudelli diġitali eżistenti u t-trattament tad-*data* u se tinkorpora teknoloġija avvanzata tal-IA.

Fl-2023, il-Politika Ewropea dwar l-Ispazju għamlet enfasi sinifikanti fuq is-sigurtà fl-ispazju. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Josep Borrell, ippreżentaw komunikazzjoni konġunta dwar Strateġija Spazjali Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża. Din tintroduċi miżuri għal fehim komuni tat-theddidiet spazjali u twitti t-triq għal proposta leġiżlattiva għal liġi spazjali tal-UE fl-2024 (ara l-Kapitlu 8).

## Is-Sorveljanza u l-Insegwiment fl-Ispazju tal-UE
## Fatti u ċifri tal-2023

Sa tmiem l-2023, ġew individwati iktar minn 15,600 approċċ mill-qrib fi tliet orbiti differenti.

**1,000**
istanza ta' interess qawwi għall-evitar ta' kolliżjonijiet




**127**
istanza ta' analiżi ta' dħul mill-ġdid

**434**
satellita mmonitorjati

**6**
istanzi ta' analiżi ta' frammentazzjoni

**196**
organizzazzjoni rreġistrata, minn 24 Stat Membru

**± 445,000**
kejl kuljum



© Getty Images

# 6. Nibnu Ewropa ġusta u soċjali

↑
Ħaddiema tat-trasport għaddejjin b'kampanja għal tranżizzjoni ġusta fl-industrija tat-trasport bit-triq waqt il-COP28, Dubai, l-Emirati Għarab Magħquda, id-9 ta' Diċembru 2023.

## Introduzzjoni

Fl-2023 ġew intensifikati aktar l-isforzi tal-UE biex tiżgura li l-irkupru ekonomiku mill-pandemija u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jkunu ġusti u ma jiddiskriminawx soċjalment. B'mijiet ta' avvenimenti u attivitajiet matul is-sena, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet ipprovdiet impetu qawwi għal parteċipazzjoni akbar fl-apprendiment tul il-ħajja u għall-iżvilupp tal-ħiliet u l-attirar tat-talent biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE. L-UE żiedet ukoll il-ħidma rivoluzzjonarja tagħha fuq l-iżgurar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż billi adottat miżuri biex tiżgura paga ugwali għal xogħol ugwali u billi aderixxiet mal-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika.

# Ekonomija ġusta għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

Bil-prinċipji ewlenin tiegħu ta' opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u protezzjoni u inklużjoni soċjali, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jaġixxi bħala l-gwida tal-UE biex is-soċjetajiet tal-Ewropa jsiru aktar ġusti u reżiljenti. Għandu l-għan li jiżgura li kulħadd ikollu opportunitajiet indaqs fil-ħajja u jkun jista' jibbenefika mill-istess drittijiet soċjali. Dawn ivarjaw minn edukazzjoni u taħriġ tajbin tul il-ħajja, pagi u benefiċċji ġusti, u kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa għall-indukrar tat-tfal, pensjonijiet u kura tas-saħħa affordabbli u ta' kwalità tajba.

L-2023 immarkat it-tieni anniversarju tal-pjan ta' azzjoni biex il-pilastru jsir realtà. Kważi l-75 miżura kollha tagħha issa ġew implimentati jew ippreżentati. Rieżami tal-pjan ta' azzjoni huwa stabbilit għall-2025.

Ir-"Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi" tal-2023 kien l-ewwel wieħed li pprovda aġġornament dwar il-progress lejn il-miri tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-impjiegi, il-ħiliet u l-protezzjoni soċjali stabbiliti għall-2030. Filwaqt li l-UE tinsab fit-triq it-tajba lejn il-mira ewlenija tagħha tal-impjiegi ta' 78 % sal-2030, għadu meħtieġ progress sinifikanti biex jintlaħqu l-miri dwar l-apprendiment għall-adulti u t-tnaqqis tal-faqar.

Mill-inqas **78 %** tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena mistennija li jkollhom impjieg sal-2030

Mill-inqas **60 %** tal-adulti għandhom jipparteċipaw f'xi taħriġ kull sena sal-2030

L-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali għandu jonqos b'mill-inqas **15-il miljun** sal-2030

## Tisħiħ tad-djalogu soċjali u l-ekonomija soċjali

In-negozjati bejn l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil min iħaddem u lill-ħaddiema permezz tad-djalogu soċjali jgħinu biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, u għandhom ukoll rwol importanti fl-adattament għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali li qed jinbidlu. Madankollu, il-livell ta' involviment tas-sħab soċjali jvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri tal-UE, filwaqt li forom aktar ġodda ta' impjieg u ċerti gruppi, bħaż-żgħażagħ, huma inqas probabbli li jkunu rappreżentati.

Biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tisħiħ tad-djalogu soċjali, l-UE adottat rakkomandazzjoni b'miżuri konkreti għall-involviment akbar tas-sħab soċjali — pereżempju, il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv u l-konsultazzjoni tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali. Is-sħab soċjali ġew ikkonsultati wkoll dwar azzjoni biex jissaħħu d-drittijiet tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet, li huma għodda importanti għall-involviment tal-ħaddiema f'deċiżjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet tal-impjieg jew tax-xogħol tagħhom magħmula minn kumpaniji li joperaw f'diversi Stati Membri.

## L-ekonomija soċjali f'numri

L-ekonomija soċjali tagħti prijorità lin-nies u l-kawżi soċjali u ambjentali fuq il-profitt. L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jkopru firxa wiesgħa ta' setturi, minn servizzi soċjali u tal-kura għall-akkomodazzjoni, ir-rikreazzjoni u l-enerġija affordabbli. Dawk jinkludu l-kooperattivi, is-soċjetajiet ta' għajnuna reċiproka, l-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, il-fondazzjonijiet u l-intrapriżi soċjali.

Aktar minn **13-il miljun** impjieg imħallas

**2.8 miljun** entità soċjoekonomika fl-UE

L-ekonomija soċjali tirrappreżenta **6.3 %** tal-impjiegi fl-UE

---

L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali għandhom rwol kruċjali fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà u jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti billi jinvolvu lill-impjegati fit-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-governanza. Joħolqu wkoll opportunitajiet għal gruppi sottorappreżentati bħan-nisa u ż-żgħażagħ, u jikkontribwixxu biex it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jsiru ġusti u inklużivi. Biex tappoġġa l-iżvilupp ulterjuri ta' dan is-settur importanti, f'Novembru l-UE approvat miżuri biex toħloq ambjent li jippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali jirnexxu u jikbru. Punt uniku ta' servizz ġdid għall-ekonomija soċjali jipprovdi informazzjoni dwar il-finanzjament mill-UE, dwar l-opportunitajiet ta' taħriġ u dwar x'qed jiġri fil-prattika fl-Istati Membri.

Illum, l-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ involuti f'attivitajiet fi Stat Membru ieħor jiffaċċjaw regoli differenti madwar l-UE, li jirriżultaw f'piżijiet u f'kostijiet amministrattivi. Biex jitneħħew dawn l-ostakli, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet forma nazzjonali ġdida ta' assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ imfassla speċifikament għall-attivitajiet transfruntiera, li se tippermettilhom igawdu l-libertajiet tas-Suq Uniku tagħhom.




© Adobe Stock

Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni huma kruċjali biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Barra minn hekk, il-Fond Soċjali għall-Klima li għadu kif inħoloq se jappoġġa lill-unitajiet domestiċi, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli tal-UE, li jaf jiffaċċjaw il-faqar enerġetiku u tat-trasport. Madwar €65 biljun mill-baġit ta' €86.7 biljun tal-fond se jiġu minn dħul iġġenerat mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet il-ġdida li tkopri s-setturi tal-bini u tat-trasport. Se topera mill-2026 sal-2032. (Ara wkoll il-Kapitlu 4.)


© Adobe Stock

## Nagħtu spinta lill-kompetittività u l-ħiliet

Filwaqt li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali qed jiftħu opportunitajiet ġodda għan-nies u għall-ekonomija Ewropea, ħafna kumpaniji tal-UE qed jirrapportaw diffikultajiet biex isibu ħaddiema bil-ħiliet li jeħtieġu. Biex jitwasslu t-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet meħtieġa tal-forza tax-xogħol Ewropea u biex jiġu attirati persuni bil-ħiliet it-tajba lejn l-UE, l-2023 intgħażlet bħala s-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

L-urġenza għal inizjattiva bħal din ġiet enfasizzata mir-riżultati ta' stħarriġ li sar fir-rebbiegħa fost l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li żvela riżultati li jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-UE li tilħaq l-għanijiet tagħha.

### L-iskarsezzi tal-ħiliet qed iżommu lill-SMEs lura fir-rigward ta':




### L-iskarsezzi ta' ħiliet skont ir-rwol tal-impjieg

**Perċentwal ta' SMEs li qed jiffaċċjaw skarsezzi ta' ħiliet fir-rigward:**




Inizjattivi bħall-Patt għall-Ħiliet diġà qed jindirizzaw l-isfidi u l-iskarsezzi fl-iżvilupp tal-ħiliet, u se jagħtu kontribut importanti għas-Sena tal-Ħiliet. S'issa, aktar minn żewġ miljun persuna bbenefikaw minn attivitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, u aktar minn 1,500 organizzazzjoni ffirmaw il-Karta tal-Patt għall-Ħiliet, inklużi 20 sħubija fuq skala kbira. Il-membri tal-Patt żviluppaw jew aġġornaw ukoll aktar minn 15,000 programm ta' taħriġ u investew kważi €160 miljun f'inizjattivi tal-ħiliet.

Immudellata fuq l-Akkademja Ewropea tal-Batteriji, imnedija fl-2022, il-Kummissjoni qed tipproponi Akkademji tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti biex il-ħaddiema jingħataw il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika. L-akkademji, li kull waħda minnhom tiffoka fuq teknoloġija waħda b'emissjonijiet żero netti, se jlaqqgħu flimkien l-industrija, is-sħab soċjali, u l-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

↓
FILMAT Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.




**Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet**

Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet għandha l-għan li twassal lil kulħadd biex jirrikonoxxi l-importanza tat-taħriġ u bies isir attiv.

L-UE qed taħdem mal-Istati Membri, is-sħab soċjali, is-servizzi tal-impjiegi, il-kmamar tal-kummerċ u l-industrija, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-ħaddiema u l-kumpaniji biex iżidu u javvanzaw l-iżvilupp tal-ħiliet fil-prattika.

L-avveniment ewlieni "Making Skills Count" laqqa' flimkien madwar 300 persuna fi Brussell u aktar minn 1,000 persuna online. Il-Ġimgħa Ewropea tal-Ħiliet Vokazzjonali mit-23 sas-27 ta' Ottubru enfasizzat l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fir-rispons għall-isfidi ekonomiċi, klimatiċi u soċjali. Sa tmiem is-sena, kienu ġew organizzati aktar minn 900 avveniment fil-livelli nazzjonali u lokali.




Bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet, l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida nediet l-Akkademja tal-NEB dwar il-ħiliet għall-kostruzzjoni sostenibbli. Din se taċċellera t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fl-ekosistema tal-kostruzzjoni biex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn bijoekonomija riġenerattiva. Dan huwa fejn ir-riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli mill-art u l-baħar (eż. għelejjel, foresti u ħut) jintużaw għall-produzzjoni tal-ikel, il-materjali u l-enerġija. L-identifikazzjoni tal-lakuni fl-għarfien fl-użu ta' materjali b'bażi bijoloġika u t-teknoloġiji diġitali se tkun fost l-ewwel oqsma tal-fokus tal-akkademja, flimkien ma' aktar ċirkolarità fil-kostruzzjoni.

Bħala kontribut importanti għas-Sena tal-Ħiliet, il-Kummissjoni kkonsultat mas-sħab soċjali dwar inizjattiva biex taġġorna u ssaħħaħ il-Qafas Ewropew ta' Kwalità għat-Traineeships. Il-qafas għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tat-traineeships, b'mod partikolari f'termini ta' kontenut ta' apprendiment u taħriġ u kundizzjonijiet tax-xogħol, sabiex jiffaċilita t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni, il-qgħad jew l-inattività u jippermetti lin-nies itejbu l-ħiliet tagħhom u jiksbu esperjenza ta' xogħol.

Il-Pjattaforma tat-Talent għall-Innovazzjoni fl-UE kollha, imnedija f'Marzu, se tgħin lin-negozji, inklużi n-negozji ġodda, isibu t-talent li jeħtieġu lil hinn mill-UE. Din se żżid il-mobbiltà tal-individwi bil-ħiliet lejn u fi ħdan l-Ewropa permezz ta' reklutaġġ internazzjonali, u billi tappoġġa it-tqabbil bejn l-impjegaturi bbażati fl-UE u ċ-ċittadini kwalifikati ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jaħdmu u jgħixu legalment fl-UE.



←
Nicolas Schmit, il-Kummissarju Ewropew għall-Impjiegi u d-Drittijiet Soċjali (fuq quddiem, it-tieni mil-lemin), iżur iċ-Ċentru tat-Taħriġ Professjonali ta' Santarém u ċ-Ċentru tat-Taħriġ Professjonali għall-Industrija Metallurġika u għall-Industrija tal-Metall, Liżbona, il-Portugall, is-17 ta' Frar 2023.

Fis-snin li ġejjin, il-popolazzjoni tal-UE se tkompli tonqos. Jekk ma jiġix indirizzat, it-tibdil demografiku se jkompli jaggrava n-nuqqas ta' ħaddiema u jżid il-pressjoni fuq il-baġits pubbliċi, kif ikkonfermat fir-rapport demografiku tal-2023. Wara sejħa mill-mexxejja fil-Kunsill Ewropew f'Ġunju, il-Kummissjoni ppreżentat sett ta' miżuri biex tgħin lill-Istati Membri jimmaniġġjaw it-tibdil demografiku. Għandhom l-għan li jagħtu s-setgħa lill-ġenerazzjonijiet kollha biex iwettqu l-aspirazzjonijiet personali tagħhom u l-potenzjal sħiħ tagħhom fl-ekonomija u s-soċjetà inġenerali.

It-trawwim tat-talent huwa partikolarment importanti f'reġjuni li jbatu minn forza tax-xogħol li qed tonqos u proporzjon baxx ta' persuni b'edukazzjoni postsekondarja, u dawk milquta mit-tluq taż-żgħażagħ. Il-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent tnieda f'Jannar 2023 bħala parti mill-istrateġija tal-UE għall-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tagħha. Dan se jappoġġa lir-reġjuni tal-UE affettwati mit-tnaqqis aċċellerat tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tagħhom biex iħarrġu, iżommu u jattiraw lin-nies, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jiġi indirizzat l-impatt tat-tranżizzjoni demografika. Il-Pjattaforma dwar l-Isfruttar tat-Talenti tnediet uffiċjalment f'Novembru, u laqqgħet flimkien lil dawk li jfasslu l-politika minn reġjuni u Stati Membri ma' dawk fil-livell tal-UE.

## Sett ta' miżuri għall-ġestjoni tat-tibdil demografiku



**Il-ġenituri**

L-iffaċilitar tar-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik privata u t-twettiq tal-pjanijiet tal-familja.



**Iż-żgħażagħ**

Il-possibbiltà li ż-żgħażagħ jilħqu l-potenzjal tagħhom f'ambjent ta' apprendiment ta' kwalità għolja u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni għall-ħajja tax-xogħol.



**L-anzjani**

L-appoġġ għal tixjiħ san u attiv u l-possibbiltà li n-nies jibqgħu fil-kontroll ta' ħajjithom u xorta jikkontribwixxu għall-ekonomija u s-soċjetà.



**Il-migrazzjoni**

L-attrazzjoni u l-integrazzjoni ta' talent minn barra l-UE.

Il-promozzjoni tal-prosperità ekonomika u l-benessri fir-reġjuni kollha b'politiki bbażati fuq il-post.

L-implimentazzjoni tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE tinsab fl-aqwa tagħha. Aktar minn 2,000 organizzazzjoni u awtorità fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali issa qed jikkollaboraw biex isawru kooperazzjoni aktar b'saħħitha f'oqsma ta' politika differenti u jagħtu spinta lis-sostenibbiltà u l-vitalità taż-żoni rurali. Fl-2023 inħoloq il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Patt Rurali u tnediet il-Pjattaforma Komunitarja tal-Patt Rurali, b'riżorsi għall-komunitajiet rurali li qed jiffaċċjaw it-telf tal-popolazzjoni, it-tixjiħ u t-tnaqqis demografiku. L-UE pprovdiet ukoll gwida politika mmirata lejn it-tisħiħ ulterjuri tal-prosperità, ir-reżiljenza u n-nisġa soċjali taż-żoni rurali u tal-komunitajiet rurali.

F'Novembru, il-Kummissjoni ppreżentat miżuri biex l-UE ssir aktar attraenti għat-talent minn barra, u biex il-mobbiltà fi ħdanha ssir aktar faċli. Waħda mill-inizjattivi ewlenin hija proposta biex tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE. Din se tkun l-ewwel pjattaforma ta' tqabbil tal-impjiegi fl-UE kollha, li għandha l-għan li tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali għal okkupazzjonijiet bi skarsezzi, fil-livelli kollha tal-ħiliet. Is-sett ta' rakkomandazzjonijiet li jakkumpanjaw l-inizjattiva se jissimplifikaw u jħaffu r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki miksuba barra mill-UE. Billi tipprovdi informazzjoni u gwida online ċari u trasparenti dwar il-proċeduri tal-immigrazzjoni u r-rikonoxximent, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se tappoġġa lill-impjegaturi u lil dawk li qed ifittxu impjieg biex isibu tarf ir-regoli kumplessi ta' reklutaġġ. Dan se jagħmel ir-reklutaġġ internazzjonali aktar faċli, aktar rapidu u aktar effettiv għal dawk kollha kkonċernati. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se tgħin ukoll fl-implimentazzjoni tas-Sħubijiet ta' Talent billi tipprovdi għodda għal kollokamenti effettivi f'impjieg għaċ-ċittadini parteċipanti mhux tal-UE.

# Appoġġ għall-ħaddiema

## Titjib tal-kundizzjonijiet għall-ħaddiema tal-pjattaformi

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill avvanzaw fin-negozjati tagħhom dwar id-Direttiva proposta tal-Kummissjoni dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq il-pjattaformi tax-xogħol. Il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali jingħataw l-istatus ta' impjieg legali li jikkorrispondi għall-arranġamenti tax-xogħol reali tagħhom, u jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tax-xogħol u l-benefiċċji soċjali li huma intitolati għalihom. Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll regoli ġodda li jirregolaw l-użu ta' sistemi awtomatizzati fil-monitoraġġ u fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-pjattaformi tax-xogħol diġitali. Dan jippromwovi trasparenza u responsabbiltà akbar fil-ġestjoni algoritmika, filwaqt li jagħti s-setgħa lill-persuni li jkunu konxji mid-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u jikkontestawhom.

### Kemm hemm ħaddiema tal-pjattaformi?



## Apprendiment bejn il-pari għall-amministrazzjonijiet pubbliċi

Fl-2023, madwar 100 impjegat taċ-ċivil minn 17-il Stat Membru ħadu sehem fi proġett ta' skambju ġdid biex iħejju l-ġenerazzjoni li jmiss ta' dawk li jfasslu l-politika fl-UE. Il-Programm ta' Kooperazzjoni u Skambju tal-Amministrazzjoni Pubblika jippermetti lill-parteċipanti jitgħallmu mill-metodi ta' ħidma u l-kulturi ta' amministrazzjonijiet pubbliċi oħra tal-UE. Huwa ffinanzjat permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-programm tal-UE li jipprovdi għarfien espert tekniku mfassal apposta lill-Istati Membri biex jgħinhom ifasslu u jimplimentaw ir-riformi.

## Ħiliet diġitali għall-professjonisti tas-saħħa

Matul is-sena, l-Estonja, Spanja, l-Italja u r-Rumanija bbenefikaw minn proġetti ffinanzjati mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex isaħħu l-kompetenzi diġitali tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa tagħhom u jiżguraw titjib tal-ħiliet kostanti fil-futur. Il-proġetti jappoġġaw lill-awtoritajiet tas-saħħa fil-livelli nazzjonali u reġjonali fl-iżvilupp ta' pjanijiet għall-ħiliet diġitali u linji gwida operazzjonali biex jiffaċilitaw l-adozzjoni u l-użu tar-rekords elettroniċi tas-saħħa.


© Adobe Stock

## Saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol

F'Novembru, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu b'mod proviżorju li jbaxxu l-limiti ta' esponiment għaċ-ċomb għal għoxrin fil-mija tal-valur ta' limitu attwali. Iċ-ċomb jista' jaffettwa l-funzjoni sesswali u l-fertilità u jista' jkun ta' ħsara għall-iżvilupp tal-fetu jew għan-nisel ta' nisa li jkunu esposti għalih. Huma appoġġaw ukoll l-introduzzjoni tal-ewwel limitu ta' esponiment għal sustanzi kimiċi msejħa diisoċjanati, li jistgħu jikkawżaw mard respiratorju bħall-ażma. Dawn il-bidliet, wara proposta tal-Kummissjoni bbażata fuq l-aħħar evidenza xjentifika, se jkunu kruċjali fil-protezzjoni tal-ħaddiema fit-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Kemm iċ-ċomb kif ukoll id-diisoċjanati x'aktarx se jintużaw, pereżempju, fil-produzzjoni ta' batteriji, fi proċessi biex il-vetturi elettriċi jsiru eħfef, fit-turbini tar-riħ jew bħala materjali iżolanti fir-rinnovazzjonijiet tal-bini.

L-UE emendat il-leġiżlazzjoni biex tnaqqas b'mod sinifikanti l-limitu ta' esponiment okkupazzjonali għall-asbestos. Dan huwa pass importanti lejn protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mill-asbestos, sustanza perikoluża ħafna li tikkawża l-kanċer li għadha preżenti f'ħafna mill-binjiet. Dan huwa parti mill-approċċ komprensiv tal-UE biex tipproteġi aħjar lin-nies u lill-ambjent mill-asbestos u tiżgura futur ħieles mill-asbestos.

## Nagħmlu l-ħajja aktar faċli bil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali diġitali

Ġew proposti passi prattiċi biex il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Ewropa tiġi diġitalizzata ulterjorment. L-użu sħiħ tal-għodod diġitali se jtejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali tas-sigurtà soċjali u se jħaffef ir-rikonoxximent u l-għoti ta' benefiċċji eliġibbli bejn il-fruntieri. Dan se jagħmilha aktar faċli għar-residenti tal-UE biex jgħixu, jaħdmu u jivvjaġġaw barra minn pajjiżhom, għall-kumpaniji biex jagħmlu negozju fi Stati Membri oħra u għall-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jikkoordinaw is-sigurtà soċjali bejn il-fruntieri (ara l-Kapitlu 5).

# Edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja

## Erasmus+

Bi kważi 14-il miljun parteċipant sal-lum, Erasmus+ huwa wieħed mill-aktar programmi emblematiċi tal-UE, li jkopri l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ u l-isport. Il-Kummissjoni żiedet il-baġit tal-2023 għall-programm għal total ta' €4.43 biljun — l-ogħla allokazzjoni finanzjarja annwali tagħha li qatt kellha. Dan għen biex jissaħħu l-prijoritajiet tal-Erasmus+ dwar l-inklużjoni, iċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni demokratika, u dwar it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fl-UE u internazzjonalment. Il-programm ta' ħidma rivedut kien jinkludi €100 miljun biex jiġu appoġġati l-istudenti u l-persunal edukattiv affettwati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Id-dimensjoni internazzjonali tal-Erasmus+ issaħħet, b'żieda fil-baġit ta' €31 miljun biex jissaħħu l-proġetti ta' mobbiltà u l-bini tal-kapaċità fl-edukazzjoni għolja b'appoġġ għall-proġetti ta' kooperazzjoni internazzjonali. Fl-2023, dan appoġġa wkoll il-ħolqien ta' ambjent diġitali ta' edukazzjoni miftuħa għall-istudenti rreġistrati fl-istituzzjonijiet Ukreni tal-edukazzjoni għolja, għal dawk li qed jaħarbu mill-Ukrajna jew għall-istudenti spostati internament.

### X'kien il-profil tal-istudent medju tal-edukazzjoni għolja tal-Erasmus+ fl-2023?




## Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni

Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni hija inizjattiva biex tgħin lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jibnu sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ aktar inklużivi u aktar reżiljenti. Għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, tippermetti lill-istudenti jiċċaqalqu faċilment bejn is-sistemi edukattivi f'pajjiżi differenti u tgħin biex tinħoloq kultura ta' apprendiment tul il-ħajja. Fil-punt ta' nofs it-terminu fil-bini taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, il-Kunsill irrikonoxxa l-progress li sar u l-ħtieġa għal sforzi kontinwi mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u komunità usa' ta' partijiet ikkonċernati biex din issir realtà sal-2025.



↑
Iliana Ivanova, il-Kummissarju Ewropew għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażagħ (lemin), waqt l-avveniment ta' rieżami ta' nofs it-terminu taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, Brussell, il-Belġju, l-10 ta' Ottubru 2023. L-avveniment ta' livell għoli rrifletta dwar il-progress lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-isfidi li ġejjin.

Panel ddedikat taċ-Ċittadini dwar il-Mobbiltà tal-Apprendiment (ara wkoll il-Kapitlu 9) iġġenera 21 rakkomandazzjoni speċifika mmirati lejn it-titjib tal-opportunitajiet ta' apprendiment barra mill-pajjiż għal kulħadd fl-UE. Dawn tqiesu fl-abbozzar tal-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-mobbiltà għall-apprendiment fl-UE parti integrali mill-perkorsi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

## Edukazzjoni diġitali

Il-ħiliet diġitali huma essenzjali biex in-nies jipparteċipaw fis-soċjetà u fix-xogħol, u biex tinkiseb l-inklużjoni soċjali. L-UE għandha l-għan li ttejjeb il-mod kif in-nies jitgħallmu online u tiżgura li kulħadd ikollu l-ħiliet diġitali li jeħtieġ, illum u għall-futur.

B'dan il-ħsieb, f'Novembru l-UE adottat żewġ rakkomandazzjonijiet li għandhom l-għan li jiggwidaw u jappoġġaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali tan-nies u fl-indirizzar tad-distakk diġitali. Ir-rakkomandazzjonijiet huma parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021–2027. B'mod parallel, tkompli l-ħidma fuq it-13-il azzjoni fil-qafas tal-pjan. Pereżempju, f'Ġunju, tnediet komunità ta' prattika biex tappoġġa l-Pjattaforma għal Skambji Ewropej għall-kontenut tal-edukazzjoni għolja u d-*data* edukattiva, bħala parti miċ-Ċentru tal-Edukazzjoni Diġitali. Il-Kummissjoni bdiet ukoll proġett pilota biex tesplora l-iżvilupp ta' Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali, li jgħin lin-nies ikollhom il-ħiliet diġitali tagħhom rikonoxxuti malajr u faċilment bejn il-fruntieri mill-impjegaturi u mill-fornituri tat-taħriġ. (Għal aktar informazzjoni dwar il-ħiliet diġitali, ara l-Kapitlu 5.)

## Sistemi edukattivi aktar inklużivi

Bis-saħħa tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, Spanja, l-Italja u l-Portugall qed jagħmlu s-sistemi edukattivi tagħhom aktar inklużivi għall-istudjużi żvantaġġati permezz ta' proġett multinazzjonali mmirat lejn il-ġlieda kontra d-disparitajiet reġjonali. Il-finanzjament fil-qafas tal-istrument qed jgħin ukoll lill-Irlanda u lill-Finlandja jiżviluppaw pjanijiet direzzjonali għat-titjib tal-ħiliet tal-għalliema u jippromwovu edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, u jappoġġa lir-Rumanija fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' sistema biex jitnaqqas l-għadd ta' studenti li jitilqu mill-iskola kmieni.



↑
FILMAT: Il-Premju għall-Inventuri Żgħażagħ: programmazzjoni aċċessibbli għal tfal b'vista batuta.



**Promozzjoni tal-kotba u tal-qari**

L-ewwel Jum tal-Awturi Ewropej — inizjattiva ġdida fil-qafas tal-programm Ewropa Kreattiva — tnieda f'Marzu. B'aktar minn 1,000 avveniment, dan kellu l-għan li jerġa' jikkollega l-ġenerazzjoni żagħżugħa mal-qari tal-kotba u jħeġġeġ lin-nies jiskopru d-diversità kulturali u lingwistika tal-letteratura Ewropea.




↑
FILMAT Il-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer — Nindirizzaw il-ħtiġijiet taż-żgħażagħ li fiequ mill-kanċer.

# Appoġġ għar-riċerka

Filwaqt li jieħdu r-riċerka u l-innovazzjoni bħala l-punt tat-tluq tagħhom, il-ħames missjonijiet tal-UE, appoġġati primarjament mill-finanzjament ta' Orizzont Ewropa, qed jgħinu l-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, biex l-Ewropa tkun lesta għall-era diġitali u dwar il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer. Kull missjoni tistabbilixxi miri ambizzjużi, prattiċi u li jistgħu jitkejlu biex jinkisbu riżultati tanġibbli għal kulħadd fl-UE. Il-valutazzjoni tal-progress turi li l-missjonijiet jinsabu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-għanijiet ambizzjużi tagħhom sal-2030.

Biex jinħoloq impatt reali u dejjiemi, il-missjonijiet jimmobilizzaw firxa wiesgħa ta' atturi pubbliċi u privati — mill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali sa istituti ta' riċerka, bdiewa, investituri u sħab assoċjati minn barra l-UE. Huma jinvolvu ruħhom ukoll maċ-ċittadini biex jagħtu spinta lill-adozzjoni ta' soluzzjonijiet u approċċi ġodda. Fl-2023, tnediet il-fażi preparatorja għas-sitt missjoni dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. B'enfasi fuq l-innovazzjoni, din se jkollha l-għan li tittrasforma l-viċinati madwar l-Ewropa għall-aħjar, u b'hekk tagħmilhom sbieħ, sostenibbli u inklużivi sal-2035.

Bħala parti mill-programm Orizzont Ewropa, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka jgħin biex iwessa' l-konfini tal-għarfien fl-oqsma kollha tax-xjenza u tal-boroż ta' studju permezz tal-iskemi prestiġjużi tiegħu ta' għotjiet. Fl-2023 ingħataw għotjiet mill-kunsill b'valur totali ta' €2 biljun għal proġetti li ntgħażlu abbażi tal-eċċellenza xjentifika tagħhom.

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie huma l-programm ewlieni ta' finanzjament tal-UE għall-edukazzjoni fil-livell ta' dottorat u t-taħriġ tar-riċerkaturi wara l-livell ta' dottorat. Matul l-2023, il-programm appoġġa kważi 3,000 proġett u 4,400 organizzazzjoni, li ntgħażlu għall-finanzjament fl-2021 u fl-2022. Il-finanzjament, li jammonta għal aktar minn €1.6 biljun, se jħarreġ aktar minn 15,000 kandidat għal dottorat fi ħdan u barra d-dinja akkademika.




↑
Mariya Gabriel, li dak iż-żmien kienet il-Kummissarju Ewropew għall-Innovazzjoni, ir-Riċerka, il-Kultura, l-Edukazzjoni u ż-Żgħażagħ, waqt avveniment dwar ir-repowering tal-UE permezz tal-Widien tal-Idroġenu, Brussell, il-Belġju, l-1 ta' Marzu 2023. Il-Kummissjoni, flimkien mal-industrija Ewropea tal-idroġenu, il-komunità xjentifika u r-reġjuni tal-UE, hi impenjata li taċċellera l-azzjoni konġunta dwar ir-riċerka rigward il-Widien tal-Idroġenu u l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni u l-użu tagħhom.




↑
Ferenc Krausz (xellug) u Anne L'Huillier (lemin).

Żewġ riċerkaturi ffinanzjati mill-UE ssemmew bħala r-rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Fiżika tal-2023. Ferenc Krausz u Anne L'Huillier irċevew għotjiet b'valur ta' kważi €9.5 miljun mill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka. Huma rċevew ukoll appoġġ minn programmi oħra ta' riċerka tal-UE, inklużi l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie. Huma rebħu l-premju, flimkien ma' fiżiku ieħor Pierre Agostini, "għal metodi sperimentali li jiġġeneraw pulsazzjonijiet ta' attosekondi ta' dawl għall-istudju tad-dinamika tal-elettroni fil-materja".

F'Lulju, il-Kummissjoni pproponiet rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex tistabbilixxi qafas Ewropew ġdid għall-karrieri fir-riċerka, karta ġdida għar-riċerkaturi u qafas ta' kompetenza Ewropew għar-riċerkaturi. L-għan ewlieni ta' dawn l-inizjattivi huwa li jżommu r-riċerkaturi fl-Ewropa, jagħmluha destinazzjoni attraenti għar-riċerkaturi minn barra u jippromwovu l-karrieri fir-riċerka bħala għażla attraenti għall-istudenti u l-gradwati żgħażagħ.

L-ewwel rebbieħa ta' premju ġdid li jirrikonoxxi organizzazzjonijiet akkademiċi u tar-riċerka għall-ixprunar tal-bidla lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-riċerka u fl-innovazzjoni tħabbru fil-Jum Internazzjonali tan-Nisa (it-8 ta' Marzu). Tliet istituzzjonijiet akkademiċi mill-Irlanda u waħda mill-Iżvezja ħadu l-Premju tal-UE għaċ-Ċampjins tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri.

# Tisħiħ tal-miżuri għal Unjoni ta' ugwaljanza

## Ugwaljanza bejn il-ġeneri

Għalkemm id-dritt għal paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-UE, in-nisa fl-UE jaqilgħu medja ta' madwar 13 % inqas mill-irġiel. Filwaqt li d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri hija kwistjoni kumplessa, id-diskriminazzjoni fil-pagi hija meqjusa bħala fattur kontributorju ewlieni. Ir-regoli ġodda dwar it-trasparenza fil-pagi għandhom l-għan li jsaħħu l-applikazzjoni tad-dritt għal paga ugwali u jgħinu biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri. Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi tagħti lill-ħaddiema d-dritt għall-informazzjoni dwar il-livelli medji tal-pagi għal dawk kollha li jwettqu l-istess impjieg jew xogħol ta' valur ugwali, li jippermetti lill-ħaddiema jidentifikaw u jikkontestaw kwalunkwe diskriminazzjoni fil-pagi bbażata fuq il-ġeneru.

Id-Direttiva tagħti wkoll il-possibbiltà lill-ħaddiema li jinfurzaw id-dritt tagħhom għal paga ugwali jekk jemmnu li qed jiġu diskriminati. Pereżempju, se tiżgura li l-vittmi tad-diskriminazzjoni fil-pagi jkunu jistgħu jiġu rrappreżentati fil-qorti minn assoċjazzjonijiet u korpi rilevanti, bħall-korpi tal-ugwaljanza. Dan jiżgura kumpens aħjar għall-vittmi u penali aktar b'saħħithom għall-ksur tad-drittijiet. Ir-regoli l-ġodda jridu jiġu inkorporati fil-liġi nazzjonali sas-7 ta' Ġunju 2026.

Il-Kummissjoni kompliet bl-appoġġ tagħha għal azzjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza kontra t-tfal permezz tal-programm tagħha dwar iċ-Ċittadinanza, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri. Intgħażlu 13-il proġett biex jirċievu finanzjament ta' kważi €30 miljun. Sebgħa mill-proposti magħżula jiffukaw fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika, ħamsa jimmiraw il-vjolenza kontra t-tfal u waħda tkopri kemm l-adulti kif ukoll it-tfal.



L-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika f'Ġunju kienet pass importanti. Dan juri l-impenn tal-UE li żżid l-azzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fis-27 Stat Membru, u l-azzjoni b'appoġġ għall-vittmi kollha tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. Il-konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-UE fl-1 ta' Ottubru 2023.

↑
Mix-xellug għal-lemin: Věra Jourová, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Valuri u t-Trasparenza, Paulina Brandberg, il-Ministru Żvediż għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Viċi Ministru għall-Impjiegi, u Helena Dalli, il-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza, f'isem il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jipparteċipaw fl-avveniment li mmarka l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul, Brussell, il-Belġju, id-19 ta' Ġunju 2023.



↑
FILMAT: Nisfidaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneri.

L-istereotipi marbuta mal-ġeneru huma kawża ewlenija tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri. Il-kampanja "#EndGenderStereotypes", imnedija f'Marzu, timmira lejn l-istereotipi marbuta mal-ġeneru li jaffettwaw kemm lill-irġiel kif ukoll lin-nisa fl-aspetti kollha tal-ħajja, inkluż il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-għażliet tal-karriera u l-opportunitajiet għal pożizzjonijiet ta' tmexxija. Għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar l-isterjotipi f'sitwazzjonijiet reali u tħeġġeġ lin-nies biex jistaqsu u jindirizzaw il-prattiki diskriminatorji.

## Implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025

*Ir-rapport ta' progress tal-2023 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025* jippreżenta bosta miżuri relatati mal-leżbjani, mal-omosesswali, mal-bisesswali, mat-trans, mal-intersesswali u mal-queer (LGBTIQ) u juri li l-maġġoranza tal-azzjonijiet fil-qafas tal-istrateġija jew twettqu jew qed jiġu implimentati. Ir-rapport se jinforma d-diskussjonijiet dwar x'għad irid isir għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ sal-2025.

Il-Kummissjoni żiedet il-finanzjament tagħha fil-qafas tal-programm dwar iċ-Ċittadinanza, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri biex tiġġieled id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTIQ u tippromwovi l-ugwaljanza tal-LGBTIQ, bi €3 miljun allokati għal proġetti li jibbenefikaw speċifikament lill-komunità LGBTIQ fl-2023–2024.

Il-kampanja "Keep Your Eyes Open" tnediet mill-Kummissjoni fl-2023 bħala inizjattiva skont l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi 2020–2025 biex titqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, inklużi l-vittmi ta' reati ta' mibegħda kontra l-LGBTIQ. Il-kampanja għandha l-għan li tħeġġeġ lill-ħbieb u lill-familji tal-vittmi biex joffru għajnuna u appoġġ. L-għan aħħari huwa li jiġi żgurat li l-vittmi jifhmu d-drittijiet tagħhom u jħossuhom moghtija s-setgħa li jużawhom biex ifittxu ġustizzja.




→
Eluf jingħaqdu kontra d-diskriminazzjoni fil-mixja favur l-ugwaljanza li ssir f'Marzu ta' kull sena fi Krakovja, il-Polonja, l-20 ta' Mejju 2023.

## Promozzjoni tal-inklużjoni u d-diversità

**Ir-rebbieħa tal-Premjijiet tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità tal-2023**

Il-Premjijiet annwali tal-Kapitali Ewropej tal-Inklużjoni u d-Diversità huma parti mill-ħidma tal-UE fil-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni. Ir-rebbieħa tal-2023, mifruxa f'seba' Stati Membri, ġew iċċelebrati għall-ħidma tagħhom fil-bini ta' soċjetajiet aktar ġusti billi ppromwovew id-diversità u l-inklużjoni f'termini ta' ġeneru, orjentazzjoni sesswali, oriġini razzjali u etnika, reliġjon u twemmin, abbiltà u età.




**Il-Kunsill tal-Belt ta' Terrassa**, Spanja




**Ir-Reġjun ta' Brussell Kapitali**, il-Belġju




**Il-Belt ta' Ħelsinki**, il-Finlandja




**Il-Kunsill tal-Belt La Zarza**, Spanja




**Il-Belt ta' Labin**, il-Kroazja




**Il-Muniċipalità ta' Fundão**, il-Portugall




**Il-Belt ta' Gdańsk**, il-Polonja




**Il-Katalonja**, Spanja




**Il-Belt ta' Reggio Emilia**, l-Italja

## L-impjegatur/l-organizzazzjoni tiegħek kemm timmaniġġja tajjeb id-diversità?

L-Għodda ta' Awtovalutazzjoni tad-Diversità tal-UE, ippubblikata f'Mejju matul ix-Xahar Ewropew tad-Diversità, tippermetti lill-impjegaturi fis-setturi pubbliċi u privati u lill-organizzazzjonijiet kemm kbar kif ukoll żgħar jaraw kemm jimmaniġġjaw tajjeb id-diversità f'sitt kategoriji.

1. Infrastruttura tad-diversità organizzazzjonali
2. Reklutaġġ
3. Progressjoni tal-karriera
4. Termini u kundizzjonijiet
5. Rikonoxximent ta' ħtiġijiet speċifiċi
6. Profil organizzazzjonali

Ir-Rom huma l-akbar minoranza etnika tal-Ewropa. Ħafna Rom għadhom jesperjenzaw diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali. F'Jannar, il-Kummissjoni ħarġet rapport ta' rendikont tal-istrateġiji nazzjonali tar-Rom, ivvalutathom fid-dawl tal-impenji li saru mill-Istati Membri u pprovdiet gwida f'oqsma li jirrikjedu titjib jew aktar sforz sinifikanti. Il-Kummissjoni appellat lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-istrumenti ta' finanzjament tal-UE u biex jirrieżaminaw l-oqfsa nazzjonali tagħhom biex jagħmluhom isegwu r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom aktar mill-qrib.

Lejn l-aħħar tal-2023, kien hemm żieda sinifikanti fid-diskors ta' mibegħda u fir-reati ta' mibegħda fl-Ewropa, b'mod partikolari fil-konfront tal-komunitajiet Lhud u Musulmani. F'Diċembru, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni bit-titlu "L-ebda post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda", li ġabret flimkien il-miżuri tal-UE dwar is-suġġett. Din kienet ibbażata fuq linji ta' ħidma eżistenti ewlenin, inkluż l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u s-Sostenn tal-Ħajja Lhudija, u serviet bħala sejħa għal azzjoni lill-Ewropej kollha biex jiġġieldu kontra l-mibegħda u jitkellmu favur it-tolleranza u r-rispett (ara wkoll il-Kapitlu 7).

## Strateġija 2021–2030 dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà

Unjoni ta' ugwaljanza tista' tinkiseb biss meta l-persuni b'diżabbiltà jgawdu d-drittijiet tagħhom u jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u fl-ekonomija, bħal kulħadd.

Sabiex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jgawdu aċċess ugwali għall-benefiċċji minn skontijiet u vantaġġi oħra madwar l-UE, u jkunu jistgħu jiċċaqalqu liberament bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni pproponiet:

- Kard Ewropea tad-Diżabbiltà ġdida; kif ukoll
- kard Ewropea imtejba għall-parkeġġ għal persuni b'diżabbiltajiet.



Il-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà proposta għandha l-għan li sservi bħala prova rikonoxxuta ta' diżabbiltà fl-Istati Membri kollha. Din se tagħti lid-detenturi tal-karta aċċess ugwali għall-istess kundizzjonijiet speċjali u trattament preferenzjali (eż. dħul liberu, tariffi mnaqqsa u aċċess prijoritarju) mogħtija lir-residenti tal-Istat Membru li jkunu qed iżuru. Dan se jkun japplika għat-trasport pubbliku, għall-avvenimenti kulturali, għall-mużewijiet, għaċ-ċentri sportivi, eċċ. Il-kard se tkun tikkomplementa l-kards nazzjonali tad-diżabbiltà eżistenti. Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-kard il-ġdida saret disponibbli permezz ta' għadd ta' formati alternattivi biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà. B'hekk, aktar minn 2,500 persuna b'diżabbiltà taw kontribut għal din l-inizjattiva.

Il-kard għall-parkeġġ il-ġdida proposta se tiggarantixxi l-istess drittijiet għall-użu ta' spazji ta' parkeġġ u faċilitajiet riżervati għal persuni b'diżabbiltà bħar-residenti fl-Istat Membru kkonċernat. Hija maħsuba biex tieħu post il-kards tal-parkeġġ nazzjonali.

L-inizjattiva qed tiġi nnegozjata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

# Protezzjoni tal-konsumatur

Fl-2023, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur tal-UE (fin-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur), kompliet tagħmel passi sinifikanti biex il-konsumaturi jiġu mħarsa mill-prattiki inġusti. Fl-indirizzar tas-settur tal-ivvjaġġar, in-network kellu rwol kruċjali biex jiżgura li l-konsumaturi jiġu ttrattati b'mod ġust fil-każ ta' kanċellazzjonijiet ta' titjiriet. Fi żvilupp sinifikanti ieħor, Google daħlet fi djalogu man-network fejn ħadet l-impenn li tagħti lill-konsumaturi informazzjoni aktar ċara u preċiża biex tikkonforma mar-regoli tal-UE.

Ir-regoli modernizzati se jiżguraw li jiġu offruti biss prodotti sikuri lill-konsumaturi tal-UE, irrispettivament mill-oriġini tagħhom u minn jekk jinbigħux fi ħwienet tradizzjonali jew fi swieq online. Ir-regoli l-ġodda, li jindirizzaw l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni li qed tiżdied, l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda u l-ktajjen tal-provvista globalizzati, daħlu fis-seħħ f'Ġunju u se japplikaw fl-Istati Membri kollha mit-13 ta' Diċembru 2024.

F'Novembru daħlu fis-seħħ regoli ġodda biex jipproteġu lill-konsumaturi li japplikaw għall-kreditu (eż. self biex titħallas karozza). Dawn għandhom l-għan li jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jafu eżattament għal xiex qed jiffirmaw u li l-informazzjoni tiġi adattata għall-apparati diġitali.

Barra minn hekk, f'Diċembru daħlu fis-seħħ regoli modernizzati dwar kuntratti ta' servizzi finanzjarji konklużi mill-bogħod (eż. online jew bil-posta). Il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi regoli ċari dwar l-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi pprovduta lill-konsumaturi qabel il-konklużjoni ta' kuntratt. Tintroduċi wkoll il-possibbiltà għall-konsumatur li jirtira minn kuntratt permezz ta' "buttuna ta' rtirar" faċli biex tinstab fuq is-sit web tal-bejjiegħ. Ir-regoli l-ġodda, li se japplikaw minn nofs l-2026, jipprovdu wkoll lill-konsumaturi l-possibbiltà li jikkuntattjaw persuna f'każijiet fejn iċ-chatbot ma jkunx sodisfaċenti.



© Adobe Stock

**L-aġenziji tal-ivvjaġġar ewlenin impenjaw ruħhom li:**

- jinfurmaw aħjar lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom f'każ ta' kanċellazzjonijiet ta' titjiriet;
- iħaffu r-rifużjonijiet tal-biljetti, b'ħin massimu ta' stennija ta' 14-il jum għall-konsumatur (massimu ta' 7 ijiem għal-linji tal-ajru biex jagħtu rifużjoni lill-vjaġġaturi jew lill-intermedjarju użat biex jibbukkja l-biljett u 7 ijiem biex l-intermedjarju jipproċessa r-rimborż);
- joffru dettalji ta' kuntatt trasparenti;
- jipprovdu informazzjoni dwar il-benefiċċji speċifiċi marbuta mal-pakketti ta' servizzi tagħhom;
- jispjegaw l-implikazzjonijiet ta' servizzi speċifiċi fuq id-drittijiet tal-konsumatur fil-każ ta' interruzzjonijiet fit-titjiriet.



# 7. Inħarsu lin-nies u l-libertajiet

## Introduzzjoni

Fl-2023, hekk kif finalment tneħħa l-istatus tal-COVID-19 bħala emerġenza tas-saħħa dinjija, tlestew l-aħħar sisien tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa. Fil-futur, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea se jkunu mħejjija aħjar biex jindirizzaw kriżi tas-saħħa pubblika flimkien u jkunu jistgħu jipproteġu aħjar kemm is-saħħa fiżika kif ukoll is-saħħa mentali taċ-ċittadini tagħhom. L-UE saħħet ir-rispons tagħha għall-isfida komuni tal-migrazzjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni — bil-ftehim politiku bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u miżuri operazzjonali — u bis-saħħa ta' sħubijiet komprensivi ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE. Matul l-2023, kellna wkoll is-sħubija tal-Kroazja fiż-żona Schengen, u għalhekk bdiet tgawdi l-benefiċċji sħaħ ta' membru fl-akbar żona tal-moviment liberu fid-dinja. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħa wkoll id-deċiżjoni storika li jilqa' lill-Bulgarija u lir-Rumanija fiż-żona Schengen, u beda bit-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri tal-ajru u tal-baħar mill-aħħar ta' Marzu 2024. L-UE ħadet ukoll passi komprensivi biex tipproteġi liċ-ċittadini tagħha mit-theddid intern u minn theddid li jkun ġej minn barra l-fruntieri tagħha.

# Nipproteġu liċ-ċittadini

L-attakki terroristiċi fi skola fi Franza u fit-toroq ta' Brussell f'Ottubru 2023 kienu tfakkira ċara tal-urġenza li jissoktaw l-adattament u t-tisħiħ tal-arkitettura tas-sigurtà tal-UE. Matul is-sena ġew miftiehma għadd ta' miżuri biex jgħinu fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-drogi u l-korruzzjoni.

Il-Kummissjoni ħeġġet ukoll lill-Istati Membri biex jieħdu l-passi meħtieġa ħalli jiżguraw il-konformità sħiħa mar-Regolament li jindirizza t-tixrid tal-kontenut terroristiku online, li jobbliga lill-fornituri tas-servizzi jneħħu l-kontenut terroristiku fi żmien siegħa minn meta jirċievu ordni ta' tneħħija mingħand l-awtoritajiet tal-Istati Membri. F'Ottubru ġie ppubblikat sett ta' rakkomandazzjonijiet biex l-Istati Membri jikkoordinaw ir-rispons tagħhom kontra t-tixrid u t-tkattir tal-kontenut illegali, bħall-kontenut terroristiku jew id-diskors ta' mibegħda illegali, qabel ma jikkaġuna xi theddida serja għas-sigurtà pubblika. (Ara l-Kapitlu 5 għal aktar dettalji.)

L-UE hija impenjata li żżid l-azzjoni kontra kull forma ta' mibegħda. Wara żieda allarmanti fid-diskors ta' mibegħda u r-reati tal-mibegħda — immirati b'mod partikolari lejn il-komunitajiet Lhud u Musulmani — il-Kummissjoni Ewropea flimkien mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Josep Borrell, nedew sejħa għal azzjoni lill-Ewropej kollha biex jieqfu kontra l-mibegħda u jitkellmu favur it-tolleranza u r-rispett. Bil-komunikazzjoni konġunta, l-UE qed issaħħaħ l-azzjoni f'oqsma ta' politika bħas-sigurtà, il-qasam diġitali, l-edukazzjoni, il-kultura u l-isport. Din tinkludi finanzjament addizzjonali biex jiġu protetti l-postijiet tal-qima, b'rappreżentanti maħtura apposta biex isarrfu l-akbar potenzjal possibbli tal-politiki tal-UE fil-ġlieda kontra l-mibegħda.

Il-Kummissjoni ħeġġet ukoll lill-Kunsill biex jestendi l-lista attwali tar-reati tal-UE stabbilita fit-trattati biex tkun tinkludi d-diskors tal-mibegħda u r-reati tal-mibegħda, kif propost fl-2021, u tenniet l-importanza li tiġi intensifikata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija 2021–2030 dwar il-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u t-Trawwim tal-Ħajja Lhudija.

Iċ-ċittadini u n-negozji fl-UE jiddependu fuq infrastruttura kritika li tipprovdi s-servizzi essenzjali. F'xenarju ġeopolitiku u tas-sigurtà dejjem aktar kumpless, l-UE qed tieħu azzjoni biex tnaqqas il-vulnerabbiltajiet u żżid ir-reżiljenza f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni adottat lista ta' servizzi essenzjali, marbuta mal-infrastruttura kritika, li trid tiġi vvalutata mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika biex issaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE fejn jidħol ir-rispons għall-inċidenti transfruntiera sinifikanti.

Bħala parti minn pakkett ta' miżuri adottat fit-30 anniversarju taċ-ċittadinanza tal-UE, f'Diċembru, il-Kummissjoni pproponiet li temenda r-regoli biex tipproteġi u tappoġġa liċ-ċittadini tal-UE barra minn pajjiżhom fi żminijiet ta' kriżi. Id-Direttiva riveduta dwar il-Protezzjoni Konsulari għandha l-għan li tiżgura protezzjoni aħjar u aktar faċli liċ-ċittadini meta jivvjaġġaw barra mill-UE, jekk pajjiżhom ma jkollux konsulat jew ambaxxata fejn ikunu.



→
Ylva Johansson, il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni, twieġeb il-mistoqsijiet tal-ġurnalisti fil-Port ta' Antwerp fid-dawl taż-żieda kontinwa fil-kwantità ta' kokaina ssekwestrata fil-port, il-Belġju, is-7 ta' Frar 2023.

## Inqawwu l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga

It-traffikar tad-droga jħalli ħafna qligħ fil-bwiet tal-kriminali, bħalma qed turi ż-żieda bla preċedent fl-ammont tad-drogi illeċiti disponibbli fl-Ewropa u l-fatt li s-sekwestri tad-drogi fl-UE qed jilħqu livelli rekord. L-impatt tan-networks kriminali involuti fl-attivitajiet illeċiti jinħass fil-qalba tal-komunitajiet u fl-ekonomiji, u jitlob rispons kollettiv u kkoordinat mill-gvernijiet, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-atturi privati f'setturi ewlenin.



Il-**profitt stmat tal-kriminalità organizzata** minn attivitajiet illeċiti, inkluż it-traffikar tad-droga, huwa ta' madwar **€139 biljun** fis-sena, li huwa ekwivalenti għal 1 % tal-prodott domestiku gross tal-UE.



**50 %** tal-omiċidji kollha fl-Ewropa huma **marbuta direttament mat-traffikar tad-droga**.



**70 %** tas-sekwestri kollha tad-droga fl-UE jsiru **fil-portijiet**.



**40 %** tan-networks kriminali attivi fl-UE huma involuti **fil-kummerċ tad-drogi illegali**.



Is-suq Ewropew tal-kokaina **żdied b'416 %** bejn l-2011 u l-2021.



Kien hemm **6,200 mewta** minn dożi eċċessivi ta' drogi fl-2021 fl-UE.

*Sors:* Il-Valutazzjoni tal-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata, 2021.

Biex iżżid l-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga, f'Ottubru l-Kummissjoni stabbiliet pjan direzzjonali bi 17-il azzjoni mmirata f'erba' oqsma ta' prijorità. Il-miżuri jibnu fuq l-implimentazzjoni attwali tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Kriminalità Organizzata 2021–2025 u l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi.

### Pjan direzzjonali ġdid tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-drogi u l-kriminalità organizzata

1. Iż-żieda tar-reżiljenza tal-portijiet kontra t-traffikar tad-drogi u l-infiltrazzjoni kriminali.
2. Iż-żarmar ta' networks kriminali ta' riskju għoli permezz ta' investigazzjonijiet aktar koordinati u l-użu ta' allerti tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.
3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.
4. Ħidma ma' sħab internazzjonali, inkluż fil-Punent tal-Afrika, fl-Amerka Latina u fil-Karibew.

Barra minn hekk, l-UE qed issaħħaħ il-mandat tal-atturi ewlenin fil-qlieda kontra t-traffikar tad-drogi, pereżempju billi fl-2024 tistabbilixxi l-Aġenzija l-ġdida tal-UE dwar id-Drogi. L-Aġenzija se tiżviluppa sistema Ewropea tat-twissija dwar id-drogi biex l-awtoritajiet nazzjonali jiġu mgħarrfa malajr dwar is-sustanzi perikolużi ġodda li jidħlu fis-suq. L-UE żiedet ukoll il-finanzjament għall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea kontra t-Theddid tal-Kriminalità, u nkisbu riżultati sinifikanti. Barra minn hekk, se tissokta tinvesti f'soluzzjonijiet innovattivi għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi ħalli tgħinhom iżommu l-pass mal-bidla teknoloġika u jibqgħu effettivi fil-protezzjoni taċ-ċittadini llum u fil-futur.

Il-korruzzjoni hija theddida għas-sigurtà għax tiftaħ il-bibien u tixpruna l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità, fosthom il-ħasil tal-flus u t-traffikar tad-droga. Fl-2023, il-Kummissjoni pproponiet leġiżlazzjoni ġdida biex tiġġieled il-korruzzjoni u nediet network tal-UE kontra l-korruzzjoni. Barra minn hekk, f'Ġunju l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ftiehmu fuq regoli ġodda dwar l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja, u dawn se jagħtu aċċess malajr lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal informazzjoni dwar il-kontijiet fejn il-kriminali u t-terroristi jkunu qed iżommu jew jaħbu l-fondi jew l-assi tagħhom.

Fl-istess xahar, l-UE adottat regoli ġodda ħalli jeħfief u jitħaffef il-proċess li bih l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji jiksbu l-evidenza elettronika meħtieġa biex jinvestigaw u jressqu lill-kriminali. Dan ifisser li awtorità ġudizzjarja fi Stat Membru partikolari se tkun tista' tikseb evidenza elettronika mingħand fornitur tas-servizzi (bħal kumpanija tat-telekomunikazzjoni jew tal-midja soċjali) jew mingħand ir-rappreżentant legali tiegħu fi Stat ieħor.



**85 %** tal-investigazzjonijiet kriminali jinvolvu *data* diġitali.



Issir talba transfruntiera biex tinkiseb evidenza elettronika **f'aktar minn 50 %** tal-investigazzjonijiet kriminali kollha.



Iż-żmien medju meħtieġ biex tinkiseb evidenza elettronika kien ta' **10 xhur** għal proċeduri ta' assistenza legali reċiproka u **120 jum** għall-Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej.

Ir-regoli l-ġodda (effettivi mill-2026) se jnaqqsu ż-żmien meħtieġ biex tinkiseb evidenza elettronika għal 10 ijiem biss, u f'każijiet ta' emerġenza għal inqas minn 8 sigħat.

Immaġnijiet: © Adobe Stock.

# Resqin lejn politika ġdida dwar il-migrazzjoni

Il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil tfassal biex jimmaniġġja u jinnormalizza l-migrazzjoni fit-tul, filwaqt li jipprovdi ċ-ċertezza u kundizzjonijiet deċenti lill-persuni li jaslu fl-UE. Hu maħsub ukoll biex jistabbilixxi approċċ komuni tal-UE għall-migrazzjoni u l-ażil, imsejjes fuq is-solidarjetà, ir-responsabbiltà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

F'Diċembru, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim dwar ħames proposti ewlenin tal-patt. Ladarba dawn il-proposti jiġu adottati formalment, il-patt se jkun fis-seħħ, u b'hekk jinħoloq qafas legali li jibbilanċja s-solidarjetà u r-responsabbiltà bejn l-Istati Membri għal approċċ effettiv u ġust għall-immaniġġjar tal-migrazzjoni.

## Il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil: proposti ewlenin maqbula fl-2023



**Ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni**
Jistabbilixxi mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà biex jibbilanċja s-sistema attwali fejn ftit Stati Membri huma responsabbli għall-maġġoranza l-kbira tal-applikazzjonijiet għall-ażil, u jistabbilixxi regoli ċari dwar ir-responsabbiltà għall-applikazzjonijiet għall-ażil.



**Ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil**
Jindirizza l-proċedura komuni li l-Istati Membri għandhom isegwu meta l-persuni jfittxu protezzjoni internazzjonali, u b'hekk il-proċeduri tal-ażil, tar-ritorn u tal-fruntieri jsiru aktar rapidi u aktar effettivi.




**Ir-Regolament dwar Sitwazzjonijiet ta' Kriżi**
Għandu l-għan li jiżgura li l-UE tkun ippreparata fil-futur biex tiffaċċja sitwazzjonijiet ta' kriżi, inkluż l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti.




**Ir-Regolament Eurodac**
Jistabbilixxi bażi tad-*data* komuni li tiġbor flimkien *data* aktar preċiża u kompluta.




**Ir-Regolament dwar l-Iskrinjar**
Joħloq regoli uniformi dwar l-identifikazzjoni ta' ċittadini mhux tal-UE mal-wasla tagħhom, u b'hekk tiżdied is-sigurtà fiż-żona Schengen.

B'mod paralleli, issaħħu miżuri operazzjonali li jappoġġaw lill-Istati Membri tul ir-rotot migratorji ewlenin lejn l-Ewropa. Fl-2023, il-Kummissjoni ppreżentat pjanijiet ta' azzjoni dwar ir-rotot tal-Mediterran tal-Lvant u tal-Mediterran tal-Punent u tal-Atlantiku, b'miżuri prattiċi mfassla għall-pajjiżi tal-oriġini u tat-tranżitu rilevanti. Dawn jikkumplimentaw il-pjanijiet ta' azzjoni għar-rotot tal-Balkani tal-Punent u tal-Mediterran Ċentrali, ippreżentati fl-2022. Il-miżuri li ħadu l-UE, l-Istati Membri u s-sħab internazzjonali għenu fl-immaniġġjar tan-numri tal-wasliet irregolari.

**Għall-perjodu 2021–2027, il-Kummissjoni warrbet €11.5-il biljun għall-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen biex iwettqu programmi li jindirizzaw sfidi fil-migrazzjoni, fl-immaniġġjar tal-fruntieri u tas-sigurtà.**

Tnieda mill-ġdid il-Grupp ta' Kuntatt Ewropew dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ biex jippromwovi koordinazzjoni aktar mill-qrib u l-aqwa prattiki, b'mod partikolari fost l-istati tal-bandiera tal-bastimenti u l-istati kostali. Barra minn hekk, 19-il Stat Membru u l-erba' pajjiżi assoċjati ma' Schengen (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) impenjaw ruħhom li jimplimentaw Mekkaniżmu Volontarju tas-Solidarjetà mfassal biex jappoġġa lill-aktar Stati Membri affettwati mill-isfidi migratorji. L-UE kompliet ukoll issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni migratorja permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni biex jissaħħaħ ir-rispons konġunt.

Wara żieda fil-wasliet mill-Afrika ta' Fuq fuq il-gżira Taljana ta' Lampedusa f'Settembru, l-UE stabbiliet pjan ta' 10 punti li jinvolvi miżuri prattiċi biex tonqos il-migrazzjoni irregolari u tingħata assistenza immedjata lill-awtoritajiet Taljani.




↑
Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea (it-tielet mix-xellug), Giorgia Meloni, il-Prim Ministru tal-Italja (fuq quddiem, it-tielet mil-lemin), u Matteo Piantedosi, il-Ministru Taljan għall-Intern (fuq quddiem, it-tieni mil-lemin), waqt iż-żjara tagħhom fil-hotspot tal-migranti fuq il-gżira ta' Lampedusa, l-Italja, is-17 ta' Settembru 2023.

# Nissieltu l-migrazzjoni irregolari

## Ġlieda kontra d-dħul klandestin tal-migranti

Il-ġlieda u l-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin huma tnejn mill-prijoritajiet tal-UE, tant kruċjali biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari b'mod komprensiv. In-networks li jiffaċilitaw id-dħul klandestin tal-migranti jafu kif jisfruttaw it-toqob legali u qed jużaw metodi ġodda tar-reklutaġġ, bħall-midja soċjali u l-apps mobbli. Dan l-iżvilupp, magħruf bħala faċilitazzjoni diġitali, hu sfida ġdida għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji. Il-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin tal-migranti u t-traffikar tal-bnedmin ħafna drabi jkunu interrelatati: in-networks li jiffaċilitaw il-wasliet klandestini jisfruttaw lill-migranti tul ir-rotot jew inkella jiffaċilitaw id-dħul klandestin tagħhom biex ikunu jistgħu jiġu sfruttati fl-Ewropa.

It-Task forces operazzjonali appoġġati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Koperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi u l-iskwadri tal-investigazzjoni konġunta permezz tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali qed isaħħu l-isforzi kontra n-networks li jiffaċilitaw id-dħul klandestin tal-migranti. Pereżempju nħolqot task force operazzjonali bħala parti mis-segwitu li qed tagħmel l-Italja għall-pjan ta' 10 punti għal Lampedusa. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi qed tikkontribwixxi wkoll għall-isforzi fil-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet kriminali.

F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Faċilitazzjoni tad-Dħul Klandestin tal-Migranti (2021–2025), tnediet Sħubija Operazzjonali mat-Tuneżija kontra l-Faċilitazzjoni tad-Dħul Klandestin tal-Migranti, abbażi tas-sħubijiet konklużi fl-2022 mal-Marokk, in-Niġer u l-Balkani tal-Punent.

Issa mod ġdid kif gradwalment in-networks bdew jiffaċilitaw il-migrazzjoni irregolari lejn l-UE hu bil-mezzi kummerċjali tat-trasport, l-aktar bl-ajru. Biex tindirizza dan, f'Ġunju l-Kummissjoni adottat sett ta' miżuri li jappoġġaw lill-Istati Membri, inkluż bit-tixrid tal-għarfien fost l-operaturi tat-trasport.

F'Novembru, il-Kummissjoni pproponiet aġġornament tal-qafas leġiżlattiv tal-UE, li kien sar 20 ilu, għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin tal-migranti. Din il-proposta kienet tinkludi proposta li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tad-dħul, tat-tranżitu u tas-soġġorn mhux awtorizzati fl-UE, b'penali aktar stretti għall-kuntrabandisti. Regoli ġodda jsaħħu r-rwol tal-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Koperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi, u jżidu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab biex il-kwistjoni jindirizzawha globalment. L-UE nediet ukoll Sejħa għal Azzjoni għal Alleanza Dinjija għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni tad-Dħul Klandestin tal-Migranti.




**90 %** tal-migranti irregolari jiddaħħlu minn faċilitaturi tad-dħul klandestin.




**15,000** faċilitatur tad-dħul klandestin ġew irrappurtati mill-Europol fl-2022.




Kien hemm **331,000** dħul irregolari fil-fruntieri esterni tal-UE fl-2022.

### Sfidi emerġenti

Għal immaniġġjar effiċjenti tal-migrazzjoni hemm bżonn politika kkoordinata dwar il-viżi. L-UE għandha arranġamenti mingħajr viża ma' aktar minn 60 pajjiż, li jipprovdu ħafna benefiċċji liċ-ċittadini taż-żewġ naħat, kif ukoll lill-Istati Membri u lill-pajjiżi sħab. Madankollu, l-ivvjaġġar mingħajr viża joħloq bosta sfidi migratorji u tas-sigurtà. Pereżempju, in-nuqqas ta' allinjament biżżejjed mal-politika tal-UE dwar il-viżi jista' jbiddel pajjiż mingħajr viża f'ċentru tat-tranżitu għall-wasliet irregolari fl-UE. Barra minn hekk, l-iskemi taċ-ċittadinanza bl-investiment li jħaddmu ċerti pajjiżi mingħajr viża barra mill-UE joħolqu riskji għas-sigurtà.

Bħala tweġiba għal dan, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tal-Mekkaniżmu attwali tas-Sospensjoni tal-Viża. Il-proposta tintroduċi raġunijiet ġodda li jwasslu għal sospensjoni tar-reġimi mingħajr viża, limiti aktar flessibbli li jwasslu biex jiskatta l-mekkaniżmu, u dispożizzjonijiet biex jissaħħu l-obbligi tal-monitoraġġ u tar-rappurtar.

F'Ottubru, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll is-sitt rapport lill-Parlament abbażi tal-Mekkaniżmu tas-Sospensjoni tal-Viża. Ir-rapport ikopri l-iżviluppi fil-pajjiżi mingħajr viża fil-Balkani tal-Punent u s-Sħubija tal-Lvant. Jiffoka wkoll fuq pajjiżi fil-Paċifiku u l-Karibew li jħaddmu skemi taċ-ċittadinanza bl-investiment.

### Insaħħu l-immaniġġjar tal-fruntieri

F'Marzu ġiet ippreżentata l-ewwel Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Fruntieri li qatt saret. Din tipprovdi qafas ikkoordinat għall-awtoritajiet nazzjonali u għal aktar minn 120,000 impjegat fl-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntieri u fl-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li jaħdmu flimkien biex jipproteġu l-fruntieri tal-UE. Il-viżjoni komuni tfasslet wara perjodu estensiv ta' konsultazzjoni bejn l-istituzzjonijiet. L-istrateġija tnaqqas ukoll id-dipendenza fuq it-teknoloġiji kritiċi minn pajjiżi mhux tal-UE billi taħtaf ir-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE dwar l-immaniġġjar tal-fruntieri.

Il-Kummissjoni ħadet passi oħrajn biex tissawwar is-sistema komuni tal-UE għall-ġestjoni tar-ritorn tal-migranti irregolari, inkluż b'Rakkomandazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tad-Deċiżjonijiet tar-Ritorn u t-Tħaffif tar-Ritorni. Il-Kordinatur tar-Ritorni tal-UE, bl-appoġġ ta' rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, iffinalizza l-istrateġija operazzjonali li tiggwida ħidmet in-Network ta' Livell Għoli għar-Ritorni u beda jimplimentaha. Il-Kummissjoni diġà qed taħdem flimkien mal-Istati Membri dwar azzjonijiet tar-ritorn immirati. L-Istati Membri rrapportaw żieda ta' 9 % fid-deċiżjonijiet tar-ritorn maħruġa lil ċittadini mhux tal-UE bejn Jannar u Settembru 2023, meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel.

## Perkorsi sikuri u legali lejn l-Ewropa

L-iskarsezzi tal-ħiliet għadhom jippersistu fl-UE, f'firxa ta' setturi, u f'diversi livelli tal-ħiliet. L-UE qed tistinka biex issolvi dawn l-iskarsezzi fi ħdanha, billi taħtaf il-potenzjal tal-forza tax-xogħol domestika tal-UE. Iżda biex tindirizza bis-sħiħ din l-isfida u l-impatti tat-tibdil demografiku, l-UE jeħtieġ ukoll tagħmel iżjed ħalli tattira ħiliet u talent minn madwar id-dinja kollha.

L-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ħiliet u t-talent adottat f'April 2022 qed tgħin biex is-suq tax-xogħol tal-UE jsir aktar attraenti għat-talent minn barra l-UE. Fost il-miżuri kien hemm proposti leġiżlattivi li jissimplifikaw il-proċeduri tal-applikazzjoni għaċ-ċittadini mill-pajjiżi mhux tal-UE li jridu jaħdmu fl-UE u biex jissaħħu d-drittijiet tagħhom. In-negozjati qabdu ritmu tajjeb, u f'Diċembru 2023 sar ftehim politiku bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku, u ftehim dwar aġġornament tad-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul mistenni qabel tmiem il-mandat tal-Kummissjoni attwali.



F'Novembru, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett dwar il-mobbiltà tat-talenti b'miżuri addizzjonali dwar l-attrazzjoni tat-talent. B'mod partikolari, dan jipproponi li tinħoloq Riżerva tat-Talent tal-UE, l-ewwel pjattaforma għall-UE kollha għat-tqabbil tat-talenti taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi li jixtiequ jiġu jaħdmu fl-UE mal-ħtiġijiet tal-impjegaturi fl-Istati Membri. Il-pakkett jinkludi wkoll miżuri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki taċ-ċittadini mill-pajjiżi terzi u li jiffaċilitaw il-mobbiltà għat-tagħlim. L-UE qed tiżviluppa wkoll sħubijiet tat-talent ma' pajjiżi sħab ewlenin biex tistabbilixxi koperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku dwar il-mobbiltà u l-iżvilupp tal-ħiliet. (Ara wkoll il-Kapitlu 5.)

## Iż-żona Schengen

Fl-ewwel tkabbir taż-żona Schengen f'aktar minn għaxar snin, fl-1 ta' Jannar 2023 il-Kroazja saret is-27 pajjiż li ngħaqad mal-ispazju tal-ivvjaġġar mingħajr fruntieri. Minbarra 23 Stat Membru, anki l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera huma membri ta' Schengen. F'Diċembru, il-Kunsill iddeċieda b'vot unanimu li jilqa' lill-Bulgarija u lir-Rumanija fiż-żona Schengen, u beda bit-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri tal-ajru u tal-baħar mill-aħħar ta' Marzu 2024. L-adeżjoni tagħhom se tagħti spinta lill-ivvjaġġar, il-kummerċ u t-turiżmu, u se tkompli tikkonsolida s-Suq Uniku. Matul l-2024 se jitkomplew id-diskussjonijiet dwar deċiżjoni oħra li tneħħi l-kontrolli fil-fruntieri tal-art. Żona Schengen akbar tagħmel lill-UE aktar b'saħħitha bħala Unjoni, kif stabbilit fir-"Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2023".

Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imġedda daħlet fis-seħħ f'Marzu 2023. Din tipprovdi possibbiltajiet ġodda lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-koperazzjoni transfruntiera u l-iskambju tal-informazzjoni fiż-żona Schengen. Wara tħejjijiet intensivi mill-awtoritajiet Ċiprijotti biex jiżguraw li jkunu lesti jipproċessaw id-*data* tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, Ċipru ngħaqad mas-sistema f'Lulju.

Illum, il-proċeduri tal-viża għaż-żona Schengen għadhom jiddependu ħafna fuq il-burokrazija, u din iżżid l-ispejjeż għall-vjaġġaturi daqskemm għall-istati parteċipanti. Fl-2023, l-UE adottat regoli ġodda li jippermettu d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri, bħala riżultat konkret ewlieni skont l-Istrateġija Schengen li ppreżentat il-Kummissjoni f'Ġunju 2021.




**80 %** tan-nies fl-UE jaħsbu li huwa importanti li tittejjeb is-sigurtà fil-fruntieri.




**77 %** jixtiequ jaraw proċeduri aċċellerati fil-fruntieri.




**68 %** huma favur dokumenti diġitali tal-ivvjaġġar u **72 %** jaqblu li l-użu volontarju tal-kredenzjali diġitali tal-ivvjaġġar se jaċċellera l-proċeduri tal-ivvjaġġar.

*Sors:* Ewrobarometru Speċjali 536, Settembru 2023.

### Inħarsu d-drittijiet tal-passiġġieri

F'Ġunju daħlu fis-seħħ regoli ġodda tal-UE li jipproteġu l-passiġġieri tal-ferroviji. Il-passiġġieri tal-ferroviji issa huma protetti aħjar jekk jinqala' xi tfixkil waqt l-ivvjaġġar tagħhom, u l-kumpaniji ferrovjarji jridu jiżguraw esperjenza tal-ivvjaġġar bla problemi lill-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa. L-obbligu li l-kumpaniji ferrovjarji jaqsmu d-*data* dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar fil-ħin reali jwitti wkoll it-triq għal offerti tal-biljetti aktar kompetittivi.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li jkomplu jissaħħu d-drittijiet eżistenti tal-passiġġieri fir-rigward tal-modi kollha tat-trasport. Il-proposta tiffoka fuq it-titjib tal-infurzar tad-drittijiet tal-passiġġieri (l-infurzar ġenerali u r-rimedju individwali), id-drittijiet tal-passiġġieri li jużaw diversi modi tat-trasport, u r-rimborż għall-biljetti tal-ajru mixtrija mingħand l-intermedjarji.

## Saħħa aħjar

### Il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer

Il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer hu l-aktar inizjattiva komprensiva li qatt ħadet l-UE biex tiġġieled il-kanċer, il-kawża ewlenija tal-mewt fost ir-residenti tal-UE taħt il-65 sena, b'baġit ta' €4 biljun biex tappoġġa l-azzjoni.

Minn mindu tnieda fl-2021, l-UE diġà wettqet diversi inizjattivi ewlenin tal-pjan. B'Ċentru ġdid tal-Għarfien dwar il-Kanċer u bl-ewwel Reġistru Ewropew tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer flimkien mat-tnedija ta' Network Ewropew tas-Superstiti Żgħażagħ tal-Kanċer u miżuri ġodda biex il-kanċer jiġi individwat kmieni, l-UE qed taħdem biex tbiddel ir-realtajiet tal-kanċer għall-pazjenti u l-familji tagħhom.

Fl-2023, l-UE kompliet tikseb ir-riżultati. L-Inizjattiva Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer, imnedija f'Jannar, għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess u l-użu tal-immaġnijiet mediċi u ta' teknoloġiji diġitali (bħall-intelliġenza artifiċjali) biex il-kanċer jiġi individwat u indirizzat aħjar. F'Settembru, l-inizjattiva kisbet l-ewwel tappa tagħha bit-tnedija tal-Pjattaforma Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer. Din tgħaqqad 36 sett tad-*data* ta' immaġnijiet ta' disa' tipi ta' kanċer (is-sider, il-kolon, il-pulmun, il-prostata, ir-rektum, il-fwied, il-glijoma tal-pontina intrinsika diffuża, in-newroblastoma u l-glijoblastoma), li jinkludu aktar minn 200,000 serje ta' immaġnijiet ta' madwar 20,000 individwu.




↑ FILMAT Il-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer — Nindirizzaw il-ħtiġijiet taż-żgħażagħ li fiequ mill-kanċer.

---

**L-Inizjattiva Ewropea dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer se:**



tikkapitalizza fuq l-avvanzi reċenti mis-**sistemi ta' intelliġenza artifiċjali** u s-suċċessi tagħhom biex jgħinu lill-professjonisti mediċi **jidentifikaw u jiddijanjostikaw il-kanċer**



tappoġġa l-pilotaġġ u l-iżvilupp ta' **soluzzjonijiet innovattivi megħjuna mill-kompjuter** biex jinkisbu **preċiżjoni u affidabbiltà akbar fl-immaġnijiet tal-kanċer** u **fil-kura personalizzata**, f'konformità mal-objettivi tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer



turi kif l-immaġnijiet mediċi jistgħu jiġu aċċessati, użati u miġbura flimkien filwaqt li jiġi żgurat **livell għoli ta' etika, fiduċja, sigurtà u protezzjoni tad-*data* personali**, f'konformità sħiħa mal-valuri u mar-regoli tal-UE

---

L-ewwel sett ta' Profili tal-Pajjiżi b'rabta mal-Kanċer għall-Istati Membri, l-Iżlanda u n-Norveġja juri li dawn jonfqu ammont ġmielu fuq il-kura tal-kanċer (kważi €170 biljun fl-2018). Il-kanċer tal-pulmun jibqa' bil-bosta l-aktar kawża komuni tal-imwiet mill-kanċer, u għad hemm inugwaljanzi kbar fir-rati tal-mortalità bil-kanċer bejn il-pajjiżi u anki fi ħdanhom.



Il-kanċer huwa t-tieni kawża ewlenija ta' mewt fl-UE, li jammonta għal **26 %** tal-imwiet kollha.



Il-mortalità mill-kanċer hija kważi **75 %** ogħla fost l-irġiel fl-UE.



**50 %** aktar persuni minn gruppi b'introjtu aktar baxx milli minn gruppi b'introjtu ogħla jpejpu kuljum.



Il-parteċipazzjoni fl-iskrinjar tal-kanċer ċervikali tvarja bi kważi fattur ta' tnejn skont il-livell tal-edukazzjoni.

Fl-2018, l-Istati Membri, l-Iżlanda u n-Norveġja nefqu kważi **€170 biljun** fuq il-kura tal-kanċer.

Minħabba l-COVID-19, l-iskrinjar tal-kanċer fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri naqas fl-2020 meta mqabbel mal-2019.

Immaġni: © Adobe Stock.

Il-Kummissjoni nediet sensiela ta' djalogi ma' superstiti żgħażagħ tal-kanċer biex tifhem aħjar il-ħtiġijiet u l-isfidi tagħhom, u biex tiżviluppa magħhom inizjattivi li se jgħinu biex jingħelbu dawn il-punti.

F'April bdiet il-ħidma biex tiżviluppa l-ewwel kodiċi tal-kondotta fil-livell tal-UE dwar l-aċċess ġust għas-servizzi finanzjarji għas-superstiti tal-kanċer. Dan għandu l-għan li jmexxi 'l quddiem id-dritt li wieħed jintesa u li jindirizza d-diskriminazzjoni, ħalli l-persuni bi storja tal-kanċer jirċievu trattament ġust meta jkunu qed jaċċessaw prodotti finanzjarji bħal ipoteki jew assigurazzjoni fuq il-ħajja.

**Sa 78 % tal-kanċers okkupazzjonali rikonoxxuti fl-Istati Membri huma relatati mal-asbestos.**

(Ara l-Kapitlu 6 għall-miżuri tal-UE maħsuba biex inaqqsu l-esponiment għall-asbestos fuq il-lant tax-xogħol.)

## L-UE qed taħdem għal:




**40 %** tal-każijiet ta' kanċer jistgħu jiġu evitati.

1. ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk;
2. tnaqqis tal-konsum tal-alkoħol li jagħmel il-ħsara;
3. tnaqqis tat-tniġġis ambjentali;
4. tnaqqis tal-esponiment għal sustanzi karċinoġeniċi u għar-radjazzjoni;
5. titjib fl-għarfien u fil-litteriżmu dwar is-saħħa;
6. promozzjoni ta' stili ta' għajxien aktar sani.




← Margaritis Schinas, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna, waqt iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-binja Nicola David-Pinedo tal-Istitut ta' Ċipru għar-Riċerka dwar il-Kanċer, Nikosija, Ċipru, it-22 ta' Mejju 2023.

## Is-sigurtà tas-saħħa u l-COVID-19

Wara aktar minn 3 snin, fil-5 ta' Mejju 2023, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ħabbret li l-COVID-19 m'għadhiex emerġenza tas-saħħa dinjija. B'azzjoni u koperazzjoni determinati fil-livelli dinji, tal-UE u tal-Istati Membri, u b'investiment sinifikanti fix-xjenza u l-innovazzjoni, l-UE setgħet tegħleb din il-kriżi li qatt ma ġarrabna bħalha qabel.

Madankollu, filwaqt li l-istatus tal-imxija jidher li nbidel, il-COVID-19 m'għebietx, u l-UE qed tibqa' viġilanti. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard qed jimmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni li qed tevolvi. Fil-ħarifa, ippubblika aġġornament dwar iż-żieda fit-tixrid tal-COVID-19 fl-UE u fiż-Żona Ekonomika Ewropea, flimkien ma' gwida għall-Istati Membri dwar kampanji tat-tilqim u kampanji komunikattivi. F'Ottubru ċ-Ċentru u l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa nedew għodda ġdida tas-sorveljanza biex timmonitorja l-impatt ikkombinat tal-mard respiratorju u ttejjeb il-qbid kmieni u l-komunikazzjoni tas-sinjali ta' ċirkolazzjoni respiratorja tal-virus.

B'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni waqqfet l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa biex ittejjeb u tissalvagwardja s-saħħa ta' kulħadd fl-UE. Mit-tagħlimiet miksuba tul il-pandemija, il-qafas il-ġdid isaħħaħ l-arkitettura tal-UE għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għat-theddidiet transkonfinali għas-saħħa. Dan iwessa' wkoll ir-rwol ta' żewġ aġenziji ewlenin tal-UE permezz tal-mandati l-ġodda għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

L-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA) tal-Kummissjoni taqdi rwol kruċjali biex tiżgura li l-UE jkollha l-mediċini u t-tagħmir meħtieġa biex tipproteġi liċ-ċittadini tagħha meta jfaqqgħu xi emerġenzi. F'Mejju, il-Kummissjoni, f'isem l-Istati Membri, għamlet ftehim ma' BioNTech-Pfizer biex il-konsenji tal-vaċċini jiġu adattati aħjar skont il-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tkun żgurata d-disponibbiltà ta' vaċċini adattati kontra l-COVID-19 jekk jitfaċċaw xi varjanti ġodda. Ġie ffirmat ukoll kuntratt qafas ma' produtturi ewlenin tal-vaċċini, li jistabbilixxi n-network EU-FAB biex tkun żgurata kapaċità kontinwa għall-produzzjoni tal-vaċċini fil-każ ta' emerġenza futura tas-saħħa pubblika. Fl-2023 tnediet il-HERA Invest li se tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp għall-aktar theddid transkonfinali urġenti għas-saħħa. Il-HERA qed taħdem ukoll mal-Istati Membri biex ittejjeb l-għarfien u l-ħiliet fit-tħejjija u r-rispons għas-saħħa, b'mod partikolari f'oqsma ewlenin bħall-ħżin u l-akkwist.

Jissoktaw l-isforzi li jsaħħu t-tħejjija u l-prontezza tal-Ewropa għall-pandemiji għal provi kliniċi fl-UE kollha, ħalli jinkiseb aċċess fil-ħin għal trattamenti u vaċċini ġodda. L-UE hija sostenitur kbir tal-Fond għall-Pandemiji, ospitat mill-Bank Dinji. Il-fond jappoġġa l-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji fil-pajjiżi b'introjtu baxx u medju, u kontributuri ewlenin tiegħu huma l-UE, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha, flimkien bħala Tim Ewropa.



←
Stella Kyriakides, il-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (it-tieni mil-lemin), waqt żjara fl-impjant Biovac u fiċ-ċentru tat-trasferiment tat-teknoloġija mRNA f'Cape Town, l-Afrika t'Isfel, it-28 ta' Jannar 2023.




**Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE hu storja Ewropea ta' suċċess**

Il-pandemija wriet kif is-saħħa diġitali tista' tbiddel is-sistemi tal-kura tas-saħħa mill-qiegħ u tipprovdi kura tas-saħħa aħjar.

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien element kruċjali fir-rispons għall-pandemija, u għamilha eħfef għan-nies biex jiċċaqilqu bla perikli madwar l-UE waqt il-kriżi. Malajr sar l-istandard dinji, għax mas-sistema ngħaqdu kważi 80 pajjiż u nħarġu aktar minn 2.3 biljun ċertifikat. Ir-Regolament dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE skada fit-30 ta' Ġunju 2023.

Abbażi tas-suċċess tiegħu, u abbażi tat-teknoloġija tiegħu, fl-1 ta' Lulju 2023 l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa nediet in-Network Globali taċ-Ċertifikazzjoni Diġitali tas-Saħħa. Is-sistema se ssaħħaħ l-arkitettura tas-saħħa dinjija u se tgħin biex tipproteġi lin-nies madwar id-dinja minn theddid attwali u futur għas-saħħa, inkluż il-pandemiji.

## Reviżjoni tas-sistemi tal-mediċini tal-UE

Ir-riforma proposta tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-UE — l-akbar u l-aktar estensiva f'20 sena — għandha l-għan li tiżgura li dan is-settur kruċjali jiġi adattat aħjar għall-ħtiġijiet tas-seklu 21.

Ir-riforma ppreżentata f'April tindirizza diversi sfidi fundamentali. Pereżempju, il-mediċini għadhom mhux qed jaslu għand il-pazjenti malajr biżżejjed u mhux dejjem ikunu disponibbli bl-istess mod fl-Istati Membri. Anki l-prezzijiet għaljin tat-trattamenti innovattivi u l-iskarsezzi tal-mediċini joħolqu tħassib sinifikanti għall-pazjenti u l-fornituri tal-kura tas-saħħa.

Objettiv ewlieni tar-riforma hu li jinħoloq suq uniku għall-mediċini, li jiżgura li l-pazjenti kollha madwar l-UE jkollhom aċċess fil-ħin u ugwali għal mediċini sikuri, effettivi u affordabbli. Ir-reviżjoni se tappoġġa wkoll l-innovazzjoni fl-iżvilupp tal-mediċini u tagħti spinta lill-kompetittività tal-UE b'sistema farmaċewtika li tibqa' valida fil-futur, tkun reżistenti għall-kriżijiet u simplifikata. Dan ifisser li trattamenti ġodda u trattamenti aħjar ikunu jistgħu jsiru disponibbli aktar malajr, ħalli l-pazjenti jiksbu l-kura meħtieġa aktar malajr.

Ir-riforma tinkludi sett ta' miżuri li jindirizzaw il-kwistjoni tal-iskarsezzi tal-mediċini fit-tul, u barra minn sitwazzjonijiet tal-kriżi. Bħala parti minn dan l-għan, f'Ottubru l-Kummissjoni ppreżentat sett ta' miżuri b'enfasi partikolari fuq l-aktar mediċini kritiċi, li s-sigurtà tal-provvista tagħhom fl-UE trid tkun żgurata f'kull ħin. Tnieda wkoll Mekkaniżmu Ewropew tas-Solidarjetà Volontarja għall-mediċini, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jqassmu l-mediċini mill-istokkijiet disponibbli tagħhom fil-każ ta' skarsezzi kritiċi xi mkien ieħor fl-UE. Se tiġi proposta firxa ta' regoli u inċentivi ġodda għall-kumpaniji farmaċewtiċi bħala parti mir-riforma, u dawn apparti proċeduri regolatorji simplifikati u kunsiderazzjonijiet ambjentali aktar sodi waqt il-produzzjoni tal-mediċini.

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi titqies bħala waħda mit-tliet theddidiet ewlenin għas-saħħa fl-UE. Dan jiġri meta l-batterji jsiru reżistenti għall-mediċini użati fil-ġlieda kontra l-infezzjonijiet. Ir-riforma tinkludi miżuri għal użu prudenti u inċentiv ġdid għall-antimikrobiċi li jbiddlu l-qagħda attwali. Il-Kunsill adotta malajr rakkomandazzjoni li pproponiet il-Kummissjoni u li tinkludi miri tal-UE u nazzjonali dwar il-konsum tal-antimikrobiċi, bħala parti mis-sett ta' għodod tal-UE dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi.

## Reżistenza għall-antimikrobiċi




**Sitwazzjoni attwali** → Projezzjoni għall-**2050** jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni

## Mira għall-2030

biex jitnaqqas l-użu tal-antibijotiċi



## Nindirizzaw is-saħħa mentali

L-UE sabet ma' wiċċha kriżijiet bla preċedent li affettwaw ferm l-abbiltà tan-nies li jegħlbu l-isfidi dejjem akbar li qed jinqalgħu f'kuntesti li tant jinbidlu malajr. Biex tindirizza dan, f'Ġunju l-Kummissjoni ppreżentat approċċ komprensiv għas-saħħa mentali li fost l-oħrajn għandu l-għan li jgħin lill-gruppi vulnerabbli, speċjalment liż-żgħażagħ, u li jkisser l-istigma u d-diskriminazzjoni relatati ma' kwistjonijiet tas-saħħa mentali. Dan hu l-ewwel pass importanti biex is-saħħa mentali tikseb l-istess livell tas-saħħa fiżika. L-approċċ il-ġdid jintroduċi 20 inizjattiva ewlenija u jidentifika €1.2 biljun f'opportunitajiet ta' finanzjament minn diversi programmi finanzjarji biex jappoġġa lill-Istati Membri ħalli jpoġġu lin-nies u s-saħħa mentali tagħhom fuq quddiem nett.

## Miżuri biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' saħħa mentali fil-politiki kollha



Kodiċi Ewropew għas-Saħħa Mentali



Inizjattiva Healthier Together għal mard li ma jitteħidx



Inizjattiva Ewropea għall-prevenzjoni tad-dipressjoni u tas-suwiċidju



Spazji diġitali aktar sikuri għat-tfal u ż-żgħażagħ



Applikazzjoni xierqa tar-regoli tal-UE dwar is-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol



Kampanji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

Biex tfakkar il-Jum Dinji tas-Saħħa Mentali nhar l-10 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni organizzat konferenza ta' livell għoli fi Brussell. L-avveniment laqqa' flimkien mijiet ta' nies, fosthom rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE, gvernijiet nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab interessati oħra.




→
Mathilde, ir-Reġina tal-Belġju, waqt id-diskors ewlieni tagħha fil-konferenza tal-Jum Dinji tas-Saħħa Mentali, Brussell, il-Belġju, l-10 ta' Ottubru 2023.

**Naħtfu l-potenzjal tal-fondi tal-UE fis-settur tas-saħħa**

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-Kummissjoni qed jgħin lill-Belġju, lill-Awstrija u lis-Slovenja biex jużaw il-programmi ta' finanzjament disponibbli tal-UE bl-aħjar mod u jiżviluppaw is-setturi tal-kura tas-saħħa tagħhom. Permezz taċ-ċentru tas-saħħa, dawn l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw l-aqwa opportunitajiet ta' finanzjament biex jappoġġaw riformi ewlenin għall-benefiċċju taċ-ċittadini. Fuq medda taż-żmien, dan se jgħin ukoll lill-gvernijiet nazzjonali u reġjonali biex isostnu l-investiment ekonomiku fis-settur tas-saħħa. Filwaqt li jibni fuq ir-riżultati promettenti tiegħu, dan il-proġett jista' jiġi estiż għal-livell tal-UE.

## L-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali

Ir-rwol ewlieni tal-UE fil-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 ħareġ fid-dieher li din tista' tagħti kontribut kbir għall-objettivi tas-saħħa dinjija bl-approċċ ta' Tim Ewropa. Dan iġonġi riżorsi tal-UE, tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha biex fil-prattika jħallu impatt akbar.

F'Novembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat Strateġija dwar is-Saħħa Globali, id-dimensjoni esterna tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa u komponent ewlieni tal-istrateġija Global Gateway tagħha (ara l-Kapitlu 8). Dan jafferma mill-ġdid l-impenn għall-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli (b'mod partikolari l-għan numru 3 dwar is-saħħa u l-benesseri) u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, li jistabbilixxi objettivi u prinċipji komuni għall-iżvilupp.

F'Novembru 2023 tnediet azzjoni konġunta kkoordinata minn Franza, li tinvolvi 22 Stat Membru, in-Norveġja u l-Ukrajna, u timmappja l-istrateġiji tas-saħħa globali kollha. Din se tgħin għall-koordinazzjoni tal-azzjonijiet u biex tkun evitata kull duplikazzjoni.




↑
Mix-xellug għal-lemin: Werner Hoyer, il-President tal-Bank Ewropew tal-Investiment, Bill Gates, l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Microsoft, Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Tedros Adhanom Ghebreyesus, id-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, u Catherine Russell, id-Direttur Eżekuttiv tal-UNICEF, fit-tnedija ta' sħubija ġdida biex tinqered il-poljo, tiġi appoġġata d-distribuzzjoni ta' immunizzazzjonijiet oħra tat-tfal u jissaħħu s-sistemi tas-saħħa sabiex ikunu jistgħu jirrispondu aħjar għat-theddid emerġenti għas-saħħa, Brussell, il-Belġju, il-11 ta' Ottubru 2023.




© WFP 2024

# 8. Il-promozzjoni tal-interessi u tal-valuri Ewropej fid-dinja

↑
L-għajnuna umanitarja tal-UE qed tappoġġa l-Programm Dinji tal-Ikel biex jilħaq lil 1.3 miljun persuna fl-Istrixxa ta' Gaża, b'razzjonijiet tal-ikel ta' emerġenza mqassma lil persuni spostati f'shelters u f'kampijiet informali. Deir El Balah, l-Istrixxa ta' Gaża, Jannar 2024.

## Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea hi impenjata li tindirizza l-isfidi globali, tippromwovi l-interessi u l-valuri tagħha, u tinsisti għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem u għall-multilateraliżmu fix-xena dinjija. Dan l-impenn jestendi għal diversi oqsma importanti, fosthom il-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża, il-politika tal-viċinat, is-sħubijiet internazzjonali, il-kummerċ, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili.

Fl-2023, l-UE kompliet taħdem mill-qrib mas-sħab globali biex tiżgura l-istabbiltà fil-kuntest ta' tensjonijiet ġeopolitiċi akbar, b'mod partikolari minħabba l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-gwerra ta' bejn l-Iżrael u l-Ħamas. Kompliet tiffoka fuq relazzjonijiet importanti mar-reġjuni ġirien li jaspiraw għall-valuri demokratiċi u għall-iżvilupp ekonomiku, u fuq il-ħolqien ta' sħubijiet li jippromovu l-valuri kondiviżi u l-iżvilupp sostenibbli.

Permezz ta' tħejjija tajba għad-diżastri kemm fiha kif ukoll 'il barra minnha, l-UE kompliet tipproteġi l-ħajjiet, tipprevjeni d-diżastri u taġixxi malajr għall-kriżijiet. Dawn l-isforzi kontinwi jenfasizzaw l-impenn sod tal-UE li tippromwovi l-paċi, l-istabbiltà u r-reżiljenza fuq skala globali.

# Il-kriżi fil-Lvant Nofsani

L-attakki terroristiċi brutali u indiskriminati mill-Ħamas f'Iżrael, li seħħew fis-7 ta' Ottubru 2023, wasslu għal deterjorament drastiku fis-sitwazzjoni umanitarja tal-Palestinjani fl-Istrixxa ta' Gaża u żiedu r-riskju ta' eskalazzjoni fir-reġjun.

Filwaqt li enfasizzat li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni għat-terrur, l-UE kkundannat lill-Ħamas bl-aktar mod qawwi possibbli għall-attakki terroristiċi u appellat għall-ħelsien tal-ostaġġi kollha mingħajr ebda prekondizzjoni. Filwaqt li rrikonoxxiet id-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu skont id-dritt internazzjonali, l-UE tenniet l-importanza li dejjem tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali.

Imħassba bil-kbir dwar is-sitwazzjoni umanitarja li bdiet tiddeterjora fl-Istrixxa ta' Gaża, l-UE appellat biex ikun hemm aċċess umanitarju kontinwu, malajr, sikur u mingħajr xkiel, u biex titwassal l-għajnuna lil dawk kollha li għandhom bżonnha bis-saħħa tal-miżuri kollha meħtieġa, fosthom il-kurituri umanitarji u l-waqfiet mill-ġlied għall-ħtiġijiet umanitarji.

## Appoġġ umanitarju tal-UE għall-Palestinjani fl-2023

Kważi
**€1.1 biljun**
mill-2000



**33**
titjira tal-Pont Umanitarju bl-Ajru tal-UE

**1,310 tunnellati**
ta' provvisti essenzjali

**€103 miljun**
ta' finanzjament umanitarju

L-UE hi l-akbar donatur internazzjonali għall-poplu Palestinjan. B'mod kumplessiv, mill-2000 'l hawn, l-UE pprovdiet aktar minn €1 biljun f'għajnuna biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom. Minn Ottubru, l-UE żiedet l-għajnuna ta' emerġenza li tagħti lill-Palestinjani b'erba' darbiet, u qed taħdem ma' għadd kbir ta' sħab umanitarji fuq il-post.

L-UE qed taħdem b'mod kostanti mas-sħab reġjonali u internazzjonali biex tipprevjeni li l-kunflitt jeskala fil-livell reġjonali, fosthom deterjorament tas-sitwazzjoni fix-Xatt tal-Punent. Tibqa' impenjata favur paċi dejjiema u sostenibbli bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.



© Action Against Hunger

←
Distribuzzjoni tal-ilma mill-Azzjoni Kontra l-Ġuħ fl-Istrixxa ta' Gaża, li tipprovdi għajnuna essenzjali lil dawk affettwati mill-kunflitt li għaddej bħalissa, Deir Al Balah, l-14 ta' Novembru 2023.

# Is-sigurtà u d-difiża: progress fir-rigward tal-Boxxla Strateġika

L-UE trid tiżgura s-sigurtà tar-residenti tagħha u tgħin biex tiżdied il-paċi fid-dinja. Il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża hi pjan biex sal-2030 jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-UE. Din tkopri l-aspetti kollha tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża u hi msejsa fuq erba' pilastri: naħdmu fi sħubija, naġixxu, ninvestu u nipproteġu.

## Il-kooperazzjoni man-NATO ("naħdmu fi sħubija", "naġixxu")

L-isfidi tas-sigurtà tal-lum il-ġurnata huma intrinsikament tranżnazzjonali, jiġifieri l-ebda pajjiż m'għandu jindirizzahom waħdu. Hu essenzjali li jkun hemm approċċ kollettiv u strateġiku. Is-sħubija li ilha teżisti bejn l-UE u n-NATO, li hi komponent vitali tal-isforzi tagħha għas-sigurtà u d-difiża, hi essenzjali għal din l-istrateġija globali.




↑
Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, tiffirma t-tielet Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, Brussell, il-Belġju, fl-10 ta' Jannar 2023.

F'messaġġ politiku b'saħħtu ta' unità trans-Atlantika, id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO enfasizzat il-ħtieġa ta' approċċ ta' difiża Ewropea b'saħħtu li jaqdi lis-sigurtà globali u li hu kompatibbli man-NATO. Il-firmatarji impenjaw ruħhom b'mod ċar ukoll li japprofondixxu din il-kooperazzjoni.

Fl-2023, il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO laħqet livell bla preċedent u rreġistrat riżultati tanġibbli fl-oqsma kollha, b'enfasi partikolari fuq ir-reżiljenza. It-Task Force ta' bejn l-UE u n-NATO dwar ir-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika tnediet f'Jannar, u ressqet rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal aktar kooperazzjoni.



© AFP

→
Mix-xellug għal-lemin: Charles Michel, il-President tal-Kunsill Ewropew, Jens Stoltenberg, is-Segretarju Ġenerali tan-NATO, Josep Borrell, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli minn Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja, waqt summit Ewropew tal-mexxejja tal-Istati Membri tal-UE biex tiġi diskussa l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-għajnuna tal-UE lill-pajjiż, Brussell, il-Belġju, id-29 ta' Ġunju 2023.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja affermat mill-ġdid il-valuri komuni tal-UE u tan-NATO. Flimkien, huma kienu u għadhom qed juru solidarjetà soda mal-Ukrajna, u qed jikkoordinaw il-mezzi ta' appoġġ rispettivi tagħhom. Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi (ara l-Kapitlu 1) saret parti integrali mill-appoġġ tal-UE għas-sħab madwar id-dinja kollha.

Matul is-sena, l-UE żiedet ukoll il-kooperazzjoni tagħha ma' sħab bilaterali, reġjonali u multilaterali oħra, fosthom in-NU, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, l-Unjoni Afrikana, l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja u ħafna oħrajn. L-ewwel Forum Schuman għas-Sigurtà u d-Difiża laqqa' flimkien is-sħab tal-UE u dawk internazzjonali biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni tas-sigurtà.

## Nibnu kapaċitajiet tad-difiża ("ninvestu")

Is-sena 2023 rat il-promulgazzjoni ta' żewġ inizjattivi ewlenin li l-għan tagħhom hu t-tisħiħ tad-difiża u tal-industrija tal-UE. L-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon, appoġġat minn baġit ta' €500 miljun, għandu l-għan li jżid il-produzzjoni tal-munizzjon u tal-missili tal-UE. Filwaqt li jikkomplementa lil dan l-Att, l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni, b'baġit ta' €300 miljun, se jinċentiva lill-Istati Membri tal-UE għall-ewwel darba biex jixtru b'mod konġunt l-aktar prodotti kritiċi tad-difiża mill-industrija tad-difiża tal-UE.

### Il-Fond Ewropew għad-Difiża

**Il-baġit annwali tal-2023 skont il-kategorija ta' azzjoni**



Il-Fond Ewropew għad-Difiża hu sostenitur ewlieni tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tad-difiża fl-UE. Mill-2021 'l hawn, dan il-fond ipprovda aktar minn €3 biljun għal 60 proġett kollaborattiv madwar l-Istati Membri kollha. Fl-2023 biss, il-fond alloka €1.2 biljun għal oqsma vitali tad-difiża bħall-għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju, il-ġlieda kontra l-missili ipersoniċi u l-iżvilupp ta' korvetta ta' pattulja Ewropea. Il-Fond Ewropew għad-Difiża jappoġġa l-innovazzjoni fis-settur tad-difiża permezz tal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża, skema ta' €2 biljun biex tgħin b'mod partikolari lill-atturi u lill-innovaturi ż-żgħar.

Fil-qafas tal-pakkett tal-mobbiltà militari tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, fl-2023 ingħataw €616 miljun biex jappoġġaw it-trasportar ta' truppi u ta' tagħmir fin-Network Trans-Ewropew tat-Trasport. L-għan hu li jiġi appoġġat l-investiment f'infrastruttura li tista' tintuża kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll għal skopijiet ta' difiża.

## Strateġiji ġodda ta' sigurtà ("nipproteġu")

Il-kriżijiet reċenti u t-tensjonijiet li qed jiżdiedu żvelaw dgħufijiet fis-sigurtà tal-UE. B'rispons għal dan, f'Ottubru, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni komprensiva biex tinforma l-Istrateġija tal-Industrijali Ewropea tad-Difiża tal-futur.

Anke t-tisħin globali hu tħassib li dejjem jikber għall-operazzjonijiet militari tal-UE. Dan qed iwassal għal bidla kruċjali fil-politika tad-difiża tal-UE, b'hekk it-tibdil fil-klima issa jinsab fuq quddiem nett tal-aġenda tas-sigurtà tagħha.

Barra minn hekk, fl-2023, l-UE adottat l-ewwel Strateġija Spazjali tagħha għas-Sigurtà u d-Difiża. Din l-istrateġija tiffoka, fost affarijiet oħra, fuq il-protezzjoni tal-assi spazjali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha. Jekk nagħtu ħarsa lejn dak li se jiġri 'l quddiem, il-liġi spazjali tal-UE għandha tiġi introdotta fl-2024, bl-objettiv li ttejjeb ir-reżiljenza u s-saħħa tal-UE fl-ispazju.

Aktar minn 80 % tal-kummerċ globali jiġi ttrasportat bil-baħar, u madwar żewġ terzi taż-żejt u l-gass tad-dinja jew jiġu estratti fuq il-baħar jew trasportati bil-baħar. Kważi d-*data* globali kollha, anke d-*data* tal-internet, tgħaddi minn kejbils taħt il-baħar. Il-prosperità u s-sigurtà tal-UE jiddependu minn oċeani sikuri u siguri. Hu proprju għalhekk li f'Marzu l-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna adottaw Strateġija u Pjan ta' Azzjoni aġġornati għas-Sigurtà Marittima tal-UE. Abbażi ta' dawn id-dokumenti, f'Ottubru, il-Kunsill approva l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni riveduti dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE. L-istrateġija hi allinjata mal-Boxxla Strateġika u se tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tagħha.



© Euronews

→ FILMAT "Sejħa ta' twissija": kif għandna nipproteġu l-infrastruttura vitali tal-baħar tal-UE mit-theddid emerġenti.

### Strateġija għas-Sigurtà Marittima tal-UE

**Objettivi ewlenin**

Il-protezzjoni tal-interessi tal-UE fuq il-baħar — iċ-ċittadini, l-ekonomija, l-infrastruttura u l-fruntieri

Il-protezzjoni tar-riżorsi naturali tagħna u tal-ambjent tal-baħar

Ir-rispett tal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar

Reazzjoni fil-pront u effettiva għal theddid li qed jikber (eż. theddid ċibernetiku u ibridu)

L-iżgurar ta' taħriġ u edukazzjoni rilevanti biex jiġi miġġieled it-theddid (eż. ħiliet ċibernetiċi)

# Il-politika tal-viċinat u n-negozjati għat-tkabbir

## Il-Balkani tal-Punent u t-Turkija

L-UE tibqa' impenjata li tintegra l-Balkani tal-Punent fl-Unjoni. Il-pakkett tat-tkabbir tal-2023 ipprovda valutazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni attwali u tal-progress li għamlu s-sħab fil-perkorsi rispettivi tagħhom lejn l-UE. Dan iffoka prinċipalment fuq ir-riformi fundamentali meħtieġa, fosthom fuq l-istat tad-dritt, l-amministrazzjoni pubblika, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-kriterji ekonomiċi.

Matul is-sena, il-Maċedonja ta' Fuq u l-Albanija għamlu progress bla xkiel fil-proċess tal-iskrinjar — l-ewwel pass għal negozjati tal-adeżjoni. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li jinfetħu negozjati tal-adeżjoni mal-Bożnija-Ħerzegovina ladarba jiġu ssodisfati l-kriterji meħtieġa għas-sħubija, jirrikonoxxu l-progress tal-pajjiż minn meta sar kandidat fl-2022. It-taħditiet dwar l-adeżjoni tal-Montenegro u tas-Serbja mal-UE komplew, u dawn huma sostnuti minn djalogi li għaddejjin bħalissa mal-Kummissjoni fil-livelli politiċi u tekniċi. F'April, il-Parlament Ewropew approva uffiċjalment il-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Kosovo (din id-deżinjazzjoni ma tippreġudikax il-pożizzjonijiet dwar l-istatus u hi konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024.

→
Fis-6 ta’ Ottubru 2023, Olivér Várhelyi, il-Kummissarju Ewropew għall-Viċinat u t-Tkabbir, ipparteċipa fis-Summit tal-Proċess ta’ Berlin f’Tirana, l-Albanija.




Fl-2023, l-UE kompliet timplimenta l-Pjan Ekonomiku u ta’ Investiment għall-Balkani tal-Punent ta’ €30 biljun, li bħala mira għandu l-irkupru fit-tul mill-pandemija tal-COVID-19, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u l-kooperazzjoni reġjonali u l-konverġenza mal-UE. Barra minn hekk, l-UE żborżat €450 miljun mill-pakkett ta’ appoġġ tagħha għall-enerġija b’valur ta’ €1 biljun biex tappoġġja lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fl-indirizzar tal-kriżijiet tal-enerġija u fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija. Barra minn hekk, il-Pjan ta’ Tkabbir il-ġdid tal-Kummissjoni għall-Balkani tal-Punent għandu l-għan li jdewwaq lir-reġjun xi vantaġġi li ġġib magħha s-sħubija fl-UE qabel ma l-pajjiżi jissieħbu uffiċjalment. Dan il-pjan jiffoka fuq it-tkabbir ekonomiku u l-konverġenza soċjoekonomika.

## Pjan ta’ tkabbir b’erba’ pilastri għall-Balkani tal-Punent




Fis-Summit tal-Proċess ta’ Berlin tal-2023, biex jibdew jintegraw fl-UE, il-mexxejja tal-Balkani tal-Punent affermaw mill-ġdid id-dedikazzjoni tagħhom li jintegraw aħjar l-ekonomiji reġjonali tagħhom permezz tas-Suq Reġjonali Komuni. Huma laqgħu pjanijiet għat-tkabbir ekonomiku, fosthom investiment fl-infrastruttura u espansjoni tas-suq reġjonali. Is-Summit enfasizza wkoll l-avvanzi li saru fl-edukazzjoni, bħall-kampus il-ġdid tal-Kulleġġ tal-Ewropa f’Tirana, u inizjattivi ambjentali bħall-Aġenda Ekoloġika. Fil-laqgħa saret ukoll enfasi dwar l-importanza tas-sigurtà reġjonali, bl-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni kontra l-kriminalità organizzata u t-theddid għaċ-ċibersigurtà.

Fis-Summit bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tat-13 ta’ Diċembru fi Brussell, il-Belġju, id-diskussjonijiet iffukaw fuq it-tressiq tas-sħab tal-Balkani tal-Punent eqreb lejn l-UE u l-avvanzar tal-integrazzjoni gradwali tagħhom; l-iżvilupp ekonomiku fl-isfond tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; u t-tisħiħ tas-sigurtà u r-reżiljenza reġjonali.

L-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari saru fit-Turkija f’Mejju. F’Novembru, ġie adottat rapport dwar ir-relazzjonijiet attwali bejn l-UE u t-Turkija li jiddeskrivi modi biex tittejjeb il-kooperazzjoni. L-UE qed tkompli tappoġġa lir-refuġjati u lill-komunitajiet fit-Turkija billi tipprovdi edukazzjoni, kura tas-saħħa u ħarsien tal-fruntieri.

## Il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna

Il-pakkett storiku tat-tkabbir ta' din is-sena kien l-ewwel wieħed li inkluda valutazzjoni tal-kapaċità ta' dawn it-tliet pajjiżi li jissodisfaw l-obbligi tas-sħubija fl-UE. Matul is-sena li għaddiet, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna wrew l-impenn tagħhom li jissieħbu fl-UE. Il-perkors tagħhom lejn l-adeżjoni se jiżvolġi permezz ta' riformi mmirati tas-sistemi ġudizzjarji, repressjoni tal-kriminalità organizzata u sforzi kontinwi biex jittejjeb ix-xenarju politiku, b'enfasi fuq id-deoligarkizzazzjoni u fuq id-drittijiet tal-bniedem. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u d-deċiżjoni storika tal-Kunsill Ewropew li jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni mal-Moldova u l-Ukrajna, u li jingħata l-istatus ta' kandidat lill-Georgia, irrikonoxxew l-isforzi sinifikanti tagħhom li jallinjaw irwieħhom mal-istandards tal-UE.

## Is-sħubija tal-Lvant

L-aġenda tas-Sħubija tal-Lvant ta' wara l-2020 iffukat fuq ir-reżiljenza, l-irkupru u r-riforma, u ġiet implimentata f'konformità mal-perkors tal-adeżjoni tal-Georgia, tal-Moldova u tal-Ukrajna mal-UE.

Il-pjan Ekonomiku u ta' Investiment għas-Sħubija tal-Lvant b'valur ta' €17 biljun hu l-istrument ewlieni tal-UE għat-tisħiħ tar-reżiljenza fir-reġjun u hu marbut mal-istrateġija tal-Global Gateway (ara hawn taħt). Sa tmiem l-2023, kienu ġew mobilizzati €8.6 biljun ta' investiment mistenni, b'€5 biljun allokati għal proġetti ewlenin speċifiċi għall-pajjiż.

L-UE, l-Istati Membri tagħha u s-sħab tagħha se jżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-aġenda tas-Sħubija tal-Lvant għall-irkupru, għar-reżiljenza u għar-riforma. Dan jinkludi l-indirizzar tal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq ir-reġjun kollu. Il-kooperazzjoni se tiffoka fuq diversi oqsma, bħall-konnettività, it-trasport, l-enerġija u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, flimkien mad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili, l-istat tad-dritt u l-kwistjonijiet ta' sigurtà. Minkejja li ma fetħet ebda djalogu mar-reġim ta' Lukashenka, l-UE kompliet tappoġġa direttament lill-poplu Belarussu billi bejn l-2020 u l-2023 immobilizzat €100 miljun.




L-UE kompliet tinvesti fi sforzi biex tiżgura paċi dejjiema bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan fl-2023, u żiedet l-assistenza umanitarja tagħha għar-reġjun, li fi tmiem is-sena ammontat għal aktar minn €25.8 miljun mill-eskalazzjoni tal-konflitt fl-2020.

↑
Josep Borrell, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u l-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli minn Ewropa Aktar b'Saħħitha fid-Dinja (fuq quddiem, ċentru), fil-laqgħa tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-kunflitt bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan fil-kwartieri ġenerali tan-NU fi New York, l-Istati Uniti, il-21 ta' Settembru 2023.

## Il-viċinat tan-Nofsinhar

Fil-viċinat tan-Nofsinhar, il-pjan ta' kooperazzjoni reġjonali tal-Aġenda għall-Mediterran u l-istrateġija finanzjarja relatata u l-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment ta' €30 biljun għamlu progress sew f'oqsma bħall-iżvilupp ekonomiku, il-governanza, it-trasformazzjoni diġitali, ir-reżiljenza enerġetika u r-reżiljenza għall-klima, u l-migrazzjoni.

Il-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, li ġie konkluż f'Lulju, jindirizza sfidi komuni u opportunitajiet futuri dwar l-ekonomija u l-kummerċ, it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u tal-enerġija, il-kuntatti bejn il-persuni, u l-migrazzjoni u l-mobbiltà.

L-UE kompliet ukoll tappoġġa lill-persuni li jgħixu fost il-kriżijiet tal-Libanu, tal-Libja, tas-Sirja u tal-Palestina (din id-deżinjazzjoni m'għandhiex tiġi interpretata bħala rikonoxximent ta' Stat tal-Palestina u ma tippreġudikax il-pożizzjonijiet individwali tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni). Waqt il-Konferenza ta' Brussell dwar is-Sirja li saret f'Ġunju, l-UE wiegħdet €3.8 biljun f'għotjiet għas-Sirja u għall-pajjiżi ġirien tagħha.

### Appoġġ finanzjarju għall-Viċinat tan-Nofsinhar

**€3.8 biljun**
f'għotjiet mill-UE impenjati għall-Viċinat tan-Nofsinhar fil-perjodu 2021–2023

**€660 miljun**
ġew impenjati f'għotjiet imħallta (fondi mhux ripagabbli)

**L-għotjiet mill-UE, flimkien ma' għotjiet imħallta u garanziji pprovduti lil istituzzjonijiet fiskali indipendenti sħab, se jimmobilizzaw €23.8 biljun f'investiment.**

# Proġetti ewlenin bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u l-Viċinat għall-2023

**Il-proġetti huma implimentati skont il-pjanijiet ekonomiċi u ta' investiment miftiehma mal-pajjiżi.**

**Reġjonali — Il-Balkani tal-Punent**
Il-Kuritur tal-Elettriku Trans-Balkan huwa interkonnessjoni ta' 400 kilovolt li tgħaqqad is-sistemi ta' trażmissjoni tal-elettriku tal-Bożnija-Ħerzegovina, tal-Montenegro u tas-Serbja ma' dawk tal-Kroazja, tal-Italja, tal-Ungerija u tar-Rumanija.

**Reġjonali — Viċinat tan-Nofsinhar — Kejbil ta' Medusa**
Il-kejbil fibrottiku sottomarin Medusa fil-Mediterran se jgħaqqad il-pajjiżi tat-Tramuntana tal-Afrika mal-pajjiżi Ewropej biex jiżdiedu l-veloċitajiet tal-internet fl-universitajiet tat-Tramuntana tal-Afrika.

**Reġjonali — Il-Lvant tal-Ewropa**
Il-kejbil sottomarin tal-Konnettività Diġitali tal-Baħar l-Iswed se jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali u se jżid ir-reżiljenza diġitali tar-reġjun.

**Il-Maċedonja ta' Fuq**
L-interkonnessjoni ferrovjarja tal-Kuritur VIII se tgħaqqad lill-Maċedonja ta' Fuq mal-fruntiera Bulgara.

**Il-Georgia**
Il-kejbil sottomarin tal-elettriku tal-Konnettività tal-Baħar l-Iswed se jesporta l-enerġija ekoloġika mill-Kawkasu tan-Nofsinhar lejn l-UE.

**Il-Marokk**
- In-network tat-tramm fl-agglomerazzjoni ta' Rabat-Salé-Témara se jiġi estiż b'37 km.
- Sejħa għall-proposti għall-impjant tal-enerġija tal-idroġenu P2X.

**It-Tuneżija**
Il-kostruzzjoni tal-ELMED, l-ewwel interkonnessjoni ta' kejbil sottomarin b'vultaġġ għoli bejn l-Italja u t-Tuneżija.

**Iżrael**
Il-kejbil sottomarin tal-elettriku tal-Interkonnettur EuroAsia se jgħaqqad il-Greċja, Ċipru u Iżrael.

**L-Eġittu**
- GREGY, interkonnessjoni elettrika b'vultaġġ għoli fil-Lvant tal-Mediterran bejn l-Ewropa u l-Afrika, mill-Eġittu sal-Greċja.
- Il-modernizzazzjoni taċ-Ċentru tal-Kontroll taż-Żona ta' Lixandra.
- Il-produzzjoni tal-metanol għat-trasport marittimu ekoloġiku.

**Il-Ġordan**
- Il-proġett tad-Desalinizzazzjoni u tat-Trasferiment tal-Ilma ta' Aqaba-Amman.
- Ir-rinnovazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-impjant tat-trattament tad-drenaġġ ta' As-Salt; il-kostruzzjoni ta' impjant tal-bijogass.

# Is-sħubijiet internazzjonali u l-Global Gateway

Fl-2023, l-UE għamlet progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Global Gateway — il-kontribut tagħha biex tnaqqas id-diskrepanza fl-investiment globali u tappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali b'mod globali. B'mod partikolari, is-sena rat l-introduzzjoni ta' kważi 90 proġett ewlieni ġdid fl-Afrika, fl-Amerka Latina u l-Karibew, fl-Asja u l-Paċifiku, fil-Balkani tal-Punent, u fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar. Dawn il-proġetti kienu jkopru diversi setturi, bħar-rotot strateġiċi tat-trasport, l-enerġija rinnovabbli, il-kejbils sottomarini, il-materja prima kritika, it-taħriġ tal-għalliema u l-produzzjoni tal-vaċċini.




Fil-25 u fis-26 ta' Ottubru, l-ewwel Forum tal-Global Gateway laqqa' flimkien lill-mexxejja tal-UE mal-pajjiżi sħab, ma' negozji, mas-soċjetà ċivili, ma' gruppi ta' riflessjoni, ma' istituzzjonijiet finanzjarji u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex tiżdied l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Global Gateway. Fi żmien jumejn biss ġew iffirmati ftehimiet b'valur ta' madwar €3 biljun. L-UE impenjat ruħha li sal-2027 tkun immobilizzat €300 biljun fil-qafas tal-istrateġija.

↑
Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea (lemin), u Sheikh Hasina, il-Prim Ministru tal-Bangladesh (xellug), waqt il-Forum tal-Global Gateway, Brussell, il-Belġju, il-25 ta' Ottubru 2023.

Għall-ewwel darba fi 8 snin, l-UE u l-Komunità tal-Istati tal-Amerka Latina u tal-Karibew kellhom summit li approva l-Aġenda ta' Investiment tal-Global Gateway bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew. L-aġenda mistennija timmobilizza aktar minn €45 biljun fis-snin li ġejjin. Fl-2023, l-UE kkonkludiet ukoll diversi sħubijiet strateġiċi bilaterali ma' pajjiżi sħab fir-reġjun biex tkompli tikkoopera dwar l-enerġija u l-materja prima kritika. Ġiet stabbilita Alleanza Diġitali bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew għall-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet diġitali u spazjali. Barra minn hekk, b'rispons għall-kriżi klimatika, il-programm ewlieni tal-UE Euroclima ġie estiż għat-33 pajjiż tal-Amerka Latina u tal-Karibew.

## L-Aġenda ta’ Investiment bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew tal-Global Gateway




L-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw **aktar minn €45 biljun** biex jappoġġaw is-sħubija msaħħa mal-Amerka Latina u l-Karibew sal-2027. Mistennija li jikkontribwixxu pajjiżi oħra, flimkien mas-settur privat u l-istituzzjonijiet ta’ finanzjament.

L-aġenda tinkludi aktar minn 130 proġett f’pajjiżi tal-Amerka Latina u tal-Karibew biex jingranaw l-investiment ta’ kwalità.

Il-proġetti se jiġu implimentati permezz ta’ inizjattivi ta’ Tim Ewropa: l-UE, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet ta’ finanzjament għall-iżvilupp (inkluż il-Bank Ewropew tal-Investiment), l-aġenziji ta’ kreditu għall-esportazzjoni u s-sorsi pubbliċi l-oħra kollha ta’ finanzjament se jaħdmu fi sħubija mas-settur privat.

↑
FILMAT Global Gateway: tnedija tal-programm Amazonia+.

**L-aġenda hija strutturata madwar pilastri ewlenin:**

- tranżizzjoni ġusta u ekoloġika
- trasformazzjoni diġitali inklużiva
- żvilupp tal-bniedem
- reżiljenza tas-saħħa u l-vaċċini

Bl-istess mod, matul is-sena l-UE kompliet issaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħha mar-reġjun Asja-Paċifiku. Fl-2022 ħabbret l-ingranaġġ sa €10 biljun f’investiment għall-proġetti tal-Global Gateway mal-pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja. Bħala parti minn dan, fl-2023 nediet programm ta’ osservazzjoni tad-Dinja għall-appoġġ tal-adattament għat-tibdil fil-klima, għall-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u għar-rispons għad-diżastri. Barra minn hekk, ħolqot sħubijiet ġodda għall-enerġija sostenibbli u għall-immaniġġjar tar-riżorsi naturali. Bl-għan li tittejjeb il-konnettività sostenibbli bejn l-Ewropa u l-Asja Ċentrali, l-UE mmappjat il-konnessjonijiet tat-trasport bejn iż-żewġ reġjuni u l-opportunitajiet ta’ investiment li jirriżultaw.




→
Jutta Urpilainen, il-Kummissarju Ewropew għas-Sħubijiet Internazzjonali (it-tieni mil-lemin), waqt l-iffirmar tal-Ftehim ta' Samoa, Apia, Samoa, il-15 ta' Novembru 2023.

Tfaċċat sħubija ġdida bejn l-UE u l-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, organizzazzjoni li tinkludi 79 nazzjon. Fil-15 ta' Novembru, dawn iffirmaw il-Ftehim ta' Samoa, li jissostitwixxi l-Ftehim ta' Cotonou. It-test il-ġdid jiffoka fuq sforzi konġunti kontra l-isfidi globali bħat-tibdil fil-klima, id-drittijiet tal-bniedem u l-kwistjonijiet tas-saħħa. Hu mistenni jsawwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-organizzazzjoni għall-20 sena li ġejjin.

L-UE miexja 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment tal-Global Gateway bejn l-Afrika u l-Ewropa b'valur ta' €150 biljun, fosthom inizjattivi ewlenin ġodda ta' Tim Ewropa (sforzi konġunti bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha) f'setturi bħas-saħħa, it-teknoloġiji diġitali, l-enerġija ekoloġika, l-edukazzjoni u t-trasport.

---

## Inizjattivi tat-Tim Ewropa 2023

F'Ottubru 2023 tnieda l-pjan direzzjonali tas-Sħubija bejn l-UE u n-Namibja dwar il-ktajjen tal-valur sostenibbli tal-materja prima u l-idroġenu rinnovabbli. Fl-istess ħin, l-UE ffirmat ftehimiet dwar sħubijiet simili mar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u maż-Żambja.

Il-produzzjoni tal-vaċċini bdiet fl-Afrika t'Isfel, u qed jiġu stabbiliti faċilitajiet ta' produzzjoni fil-Ghana, fir-Rwanda u fis-Senegal.

L-UE u l-Istati Membri tagħha żiedu l-appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija nadifa fl-Afrika, pereżempju permezz tat-tnedija tas-Sħubija għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija mas-Senegal u l-inawgurazzjoni tal-impjant tal-enerġija solari ta' Gorou Banda fin-Niġer.

F'Jannar 2023, l-UE u l-Istati Membri tagħha nedew ukoll Inizjattiva Reġjonali tal-Għalliema ta' €100 miljun biex jappoġġaw edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd.



←
Fit-18 ta' Diċembru 2023, Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea (xellug), marret Kigali, ir-Rwanda, fejn għamlet diskors waqt iċ-ċerimonja tat-tnedija ta' BioNtech Africa, flimkien ma' Paul Kagame, il-President tar-Rwanda (lemin).



←
L-UE qed tiffinanzja l-kostruzzjoni ta' pont fuq ix-Xmara Logone, li jgħaqqad lill-Kamerun maċ-Chad. S'issa, it-trasport u l-kummerċ kienu limitati għal kenuri tal-injam tradizzjonali li jittrasportaw l-oġġetti u l-persuni. Yagoua, il-Kamerun, il-5 ta' April 2023.

Bl-introduzzjoni tal-Markatur tal-Inugwaljanza, fl-2023 l-UE ħadet pass konkret fil-ġlieda kontra l-inugwaljanza. Din l-għodda tgħin biex jiġi vvalutat jekk il-miżuri humiex qed inaqqsu l-inugwaljanzi u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-inqas 40 % tal-popolazzjoni.

Flimkien, l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-fornitur ewlieni ta' assistenza uffiċjali għall-iżvilupp madwar id-dinja, b'€92.8 biljun ta' għajnuna pprovduta fl-2022 (l-aktar sena reċenti li għaliha hemm *data* disponibbli), u jirrappreżentaw 43 % ta' tali fornituri.

# L-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili

## L-għajnuna umanitarja

L-għajnuna umanitarja ssalva l-ħajjiet, issaħħaħ id-dinjità tal-bniedem u tippromwovi s-solidarjetà globali fi kriżijiet u emerġenzi. Kollettivament, l-UE hi waħda mill-akbar donaturi ta' għajnuna umanitarja fid-dinja. Fl-2023 waħedha kellha baġit ta' €2.4 biljun, u ma tiffokax biss fuq emerġenzi ġodda, iżda wkoll fuq kriżijiet minsija.

Minħabba l-kunflitt, ix-xokkijiet ekonomiċi, it-temp estrem u l-pandemija, l-insigurtà tal-ikel laħqet livell rekord. L-invażjoni illegali tar-Russja fl-Ukrajna kompliet taffettwa l-prezzijiet tal-ikel, tal-enerġija u tal-fertilizzanti u fixklet il-ktajjen tal-provvista. Fl-2023, ġew allokati aktar minn €668 miljun għall-assistenza umanitarja għall-ikel u għan-nutrizzjoni. Permezz ta' din l-għajnuna, l-UE għandha l-għan li tiżgura aċċess għal ikel sikur u nutrittiv għall-persuni l-aktar bil-ġuħ u l-aktar vulnerabbli fi kriżijiet.

Matul dawn l-aħħar 12-il sena tal-kriżi Sirjana, l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew lill-poplu Sirjan appoġġ estensiv li jammonta għal €30 biljun. Dan l-appoġġ ikopri l-għajnuna umanitarja, l-għajnuna għall-iżvilupp, għall-ekonomija u għall-istabbilizzazzjoni, b'€170 miljun addizzjonali allokati għall-assistenza umanitarja fl-2023.

Fi Frar 2023, terremot kbir b'qawwa ta' 7.8 laqat lis-Sirja u lit-Turkija. Dan kien wieħed mill-aktar terremoti qawwija li seħħew fir-reġjun f'aktar minn seklu. Madankollu, kienet ikkawżata aktar ħsara minn terremoti li seħħew wara.



↑
Bis-saħħa tal-finanzjament tal-UE u l-organizzazzjonijiet sħab, qed tingħata għajnuna fejn tidħol l-iġjene lill-persuni affettwati mit-terremoti li qed jgħixu fit-tined, it-Turkija, it-23 ta' Awwissu 2023.

L-UE rreaġixxiet minnufih: bagħtet 30 tim ta' tiftix u salvataġġ lejn it-Turkija, immobilizzat assistenza umanitarja għaż-żewġ pajjiżi, u fl-20 ta' Marzu sejħet il-konferenza tad-donaturi internazzjonali "Flimkien għan-nies tat-Turkija u tas-Sirja". Waqt il-Konferenza, il-komunità internazzjonali wiegħdet €7 biljun biex tappoġġa l-ħtiġijiet umanitarji u r-rikostruzzjoni tar-reġjuni affettwati fit-Turkija, u biex tipprovdi lis-Sirja għajnuna umanitarja flimkien ma' appoġġ bikri għall-irkupru u r-reżiljenza. Dan l-ammont kien jinkludi kontribuzzjoni ta' €1.1 biljun mill-baġit tal-UE, b'€400 miljun garantiti fl-2023 fil-qafas tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

Terremot b'qawwa ta' 6.8 laqat lill-Marokk f'Settembru. L-UE malajr immobilizzat €1 miljun f'fondi ta' emerġenza u bagħtet esperti umanitarji u loġistiċi, u kienet lesta li toffri aktar appoġġ, jekk ikun meħtieġ.

Minħabba li huwa evidenti li l-ħtieġa għall-għajnuna umanitarja se tkompli tikber globalment, l-UE żiedet il-promozzjoni tagħha biex twessa' l-bażi tad-donaturi globali u tnaqqas id-diskrepanza li dejjem qed tikber bejn il-finanzjament u l-ħtiġijiet li jkun hemm, li kważi qabżet l-€40 biljun għall-ewwel darba fl-2023. Is-suġġett kien fil-qalba tal-Forum Umanitarju Ewropew annwali fi Brussell, il-Belġju, f'Marzu. Bl-għan li jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli għall-ħtiġijiet umanitarji, dan il-forum laqqa' flimkien lill-ministri tal-UE għall-affarijiet barranin biex jiddiskutu l-użu tal-fondi għall-iżvilupp u l-klima biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin ta' dawn il-ħtiġijiet u ħeġġiġhom iżidu l-livell ta' impenn tagħhom.

Minbarra l-finanzjament, l-UE użat ukoll il-kapaċitajiet tagħha stess biex tikkomplementa l-ħidma tal-organizzazzjonijiet umanitarji sħab tagħha. Permezz tal-Kapaċità Ewropea ta' Rispons Umanitarju, matul is-sena pprovdiet appoġġ loġistiku dirett, b'mod partikolari fil-Lvant Nofsani. Dan l-appoġġ kien jinkludi d-distribuzzjoni ta' provvisti li jsalvaw il-ħajja mill-istokkijiet tal-UE stess u l-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Pont tal-Ajru Umanitarju tal-UE għat-trasportar ta' merkanzija ta' sokkors għall-organizzazzjonijiet sħab.

Hekk ukoll sar b'rispons għall-konflitt li faqqa' fis-Sudan f'April – ġew ipprovduti provvisti li jsalvaw il-ħajjiet lill-persuni affettwati mill-konflitt fis-Sudan u lir-refuġjati ospitati fiċ-Chad. Wara eskalazzjoni ulterjuri ta' kunflitt fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, ġie stabbilit Pont Umanitarju tal-Ajru parallel, u serje ta' titjiriet komplew jipprovdu għajnuna ta' emerġenza lill-poplu tal-Afganistan li qed jiffaċċja l-akbar kriżi umanitarja fid-dinja.

F'Marzu 2023, l-UE organizzat konferenza ta' solidarjetà mal-migranti u r-refuġjati mill-Venezwela, li matulha nġabru €815 miljun u saret enfasi fuq din il-kriżi umanitarja minsija. Ġew organizzati aktar avvenimenti b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet biex jappoġġaw lill-poplu tal-Jemen u ż-żoni ta' kriżi fil-Qarn tal-Afrika u fis-Saħel.

Aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-Mali hi taħt it-18-il sena. Madwar terz minnha jgħixu f'żoni milquta minn kunflitt armat. L-UE qed taħdem b'mod attiv biex tipproteġi lil dawn it-tfal, tirrispondi malajr għal spostamenti ġodda u tiżgura li l-edukazzjoni tagħhom tkompli għaddejja bla ebda tfixkil.


© DRC/Bakary Diouara

→
L-attivitajiet ta' rikreazzjoni għat-tfal spostati fil-Mali jiġu organizzati fi gruppi żgħar biex tiġi żgurata s-sikurezza u jitrawwem sens ta' intimità. Dan l-approċċ jagħmilha wkoll aktar faċli li jiġu identifikati t-tfal li jeħtieġu appoġġ addizzjonali. It-tfal vulnerabbli mbagħad jirċievu appoġġ u assistenza psikosoċjali mfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom. Il-11 ta' April 2023.

## Ir-rispons, il-prevenzjoni u t-tħejjija għad-diżastri

Il-mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, stabbilit f'Ottubru 2001, jifforma s-sinsla tal-kooperazzjoni u tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri u 10 stati parteċipanti oħra fil-każ ta' diżastri kkawżati mill-bniedem jew diżastri naturali. Meta l-kapaċitajiet ta' rispons ta' pajjiż fl-Ewropa jew lil hinn minnha ma jkunux kapaċi jlaħħqu ma' emerġenza partikolari, il-pajjiż ikun jista' jitlob assistenza permezz tal-mekkaniżmu.

Bl-inklużjoni tal-Moldova u tal-Ukrajna fl-2023, il-mekkaniżmu kiber għal 37 membru li kollettivament isaħħu l-prevenzjoni, it-tħeħħija u r-rispons għad-diżastru fl-Ewropa.

L-UE għandha rwol ewlieni fil-koordinazzjoni u l-finanzjament tar-rispons kollettiv għad-diżastri fl-UE u madwar id-dinja. Fl-2023, id-domanda għall-assistenza permezz tal-mekkaniżmu żdiedet, u laħqet 66 attivazzjoni b'rispons kemm għall-kriżijiet naturali kif ukoll għal dawk ikkawżati mill-bniedem madwar l-Ewropa u lil hinn minnha. Dawn kienu jinkludu l-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna, it-terremot massiv fis-Sirja u fit-Turkija, in-nirien forestali devastanti fil-Kanada u fil-Greċja u l-għargħar bla preċedent fl-Italja, fil-Libja u fis-Slovenja.

L-UE kompliet tespandi r-riżervi strateġiċi tagħha tar-rescEU, maħluqa bħala l-aħħar rimedju bħala appoġġ għall-emerġenzi l-kbar li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jlaħħqu magħhom. Bħala parti minn din l-espansjoni, l-UE bniet ir-riżervi ta' kenn tagħha stess, li jistgħu jakkomodaw eluf ta' persuni f'diversi pajjiżi. Tat ukoll bidu lill-istabbiliment ta' Tim Mediku ta' Emerġenza tar-rescEU sabiex ikun hemm l-ewwel sptar pan-Ewropew fuq il-post. Diversi Stati Membri rċevew finanzjament tal-UE biex jibnu l-ewwel riżerva strateġika kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari tar-rescEU, flimkien ma' riżerva tal-enerġija ta' emerġenza bil-ġeneraturi u b'tagħmir ieħor.

L-UE tappoġġa lill-gvernijiet, lill-organizzazzjonijiet u lill-komunitajiet fl-antiċipazzjoni, fit-tħejjija u fir-rispons għad-diżastri. Il-Komunitajiet jiġu megħjuna biex jilħqu dawn l-għanijiet bl-użu ta' sistemi ta' twissija bikrija, il-kondiviżjoni tal-għarfien espert, taħriġ dwar ir-rispons ta' emerġenza u l-ħżin ta' provvisti ta' sokkors.

F'dan ir-rigward, l-UE ġeddet l-impenn tagħha għall-Qafas ta' Sendai tan-NU għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. L-UE tappoġġa wkoll lill-Amerka Latina u lill-Karibew permezz ta' Memorandum ta' Qbil dwar il-Kooperazzjoni fit-Tħejjija għad-Diżastri u l-Immaniġġjar tar-Riskju. Hekk kif ix-xenarju tar-riskju fl-Ewropa mar għall-agħar, fl-2023 l-UE adottat ħames għanijiet marbuta mar-reżiljenza għad-diżastri. Dawn huma miri li jiggwidaw lill-komunitajiet madwar l-Ewropa kollha biex jgħinuhom ibassru, jipprevjenu, iħejju u jirrispondu għal diżastri kbar fil-futur. Jistabbilixxu rabta bejn xenarji speċifiċi ta' diżastri u kapaċitajiet ta' rispons, u għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza għad-diżastri b'mod tanġibbli u effiċjenti.




→
Xi pumpiera Rumeni fuq il-gżira ta' Rodi, il-Greċja, qed jisqu fenek bil-għatx li salvaw minn qalb in-nirien. Meta jkun hemm nirien fil-ħabitat naturali tagħhom, l-annimali spiss ma jkunux kapaċi jaħarbu. Lulju 2023.

© Romanian Civil Protection.

## Ħames għanijiet tal-UE għar-reżiljenza għad-diżastri



**Antiċipazzjoni**

Valutazzjoni aħjar tar-riskju



**Tħejjija**

Sensibilizzazzjoni
u prontezza akbar tan-nies




**Allert**

Sistemi mtejba ta' twissija
bikrija



**Rispons**

Mekkaniżmu tal-UE għall-
Protezzjoni Ċivili aktar
b'saħħtu



**Sigurtà**

Koordinazzjoni robusta
ta' rispons ta' emerġenza
madwar l-Ewropa

# Il-ftehimiet kummerċjali

L-UE taħdem ma' pajjiżi minn madwar id-dinja kollha u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex tippromwovi l-kummerċ u l-prosperità ekonomika, filwaqt li tiżgura li t-teknoloġija tgħin biex taqdi lis-soċjetà u tirrispetta l-valuri demokratiċi kondiviżi.

F'Ġunju, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Josep Borrell, introduċew l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika — approċċ komprensiv għal ekonomija tal-UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti. Dan l-approċċ se jkabbar il-bażi industrijali tal-UE, jipproteġi l-interessi ekonomiċi vitali u jippromwovi l-kollaborazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' pajjiżi mhux tal-UE biex tissaħħaħ is-sigurtà ekonomika globali.

Fl-2023, l-UE għamlet progress tajjeb f'diversi ftehimiet ta' kummerċ ħieles. L-UE ffirmat u adottat ftehim ma' New Zealand li ġie konkluż fl-2022. Ġie ffirmat ukoll il-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċili, u dan witta t-triq għal adozzjoni formali.

L-UE kkonkludiet negozjati u ffirmat il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Kenja, l-aktar ftehim ambizzjuż dwar is-sostenibbiltà li l-UE nnegozjat ma' pajjiż li qed jiżviluppa. Il-ħidma fuq il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Investiment Sostenibbli bejn l-UE u l-Angola għamlet progress ukoll, u l-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jikkonkludi u jiffirma l-ftehim.

Komplew in-negozjati dwar il-ftehimiet kummerċjali mal-Awstralja, mal-Indja u mal-Indoneżja kif ukoll il-ħidma teknika u legali dwar il-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur. Reġgħu tnedew ukoll n-Negozjati mat-Tajlandja.

Wara d-Djalogu Ekonomiku ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Ġappun f'Ġunju u s-Summit bejn l-UE u l-Ġappun f'Lulju, iż-żewġ partijiet qablu li jkomplu jikkollaboraw skont il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Ġappun. Dan jinkludi t-twessigħ tat-taħditiet dwar is-sigurtà ekonomika u l-qbil dwar il-prinċipji tal-kummerċ diġitali.



F'Diċembru, il-belt ta' Beijing ospitat Summit storiku bejn l-UE u ċ-Ċina, l-ewwel summit bi preżenza fiżika mill-2019, li ffoka fuq il-fatt li jsir progress konkret fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina. Fil-qalba tal-aġenda kien hemm diskussjonijiet dwar l-ibbilanċjar tad-defiċit kummerċjali tal-UE maċ-Ċina, it-trawwim ta' sħubija ekonomika ekwa u l-konformità man-normi internazzjonali.

L-Assemblea daħlet ukoll fi kwistjonijiet globali ta' importanza, bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-tensjonijiet fil-Lvant Nofsani, it-tibdil fil-klima, l-isfidi tas-saħħa, u l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina. Is-summit enfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni u tar-rispett reċiproku fl-affarijiet globali.

Mal-Istati Uniti, tkomplew in-negozjati dwar l-Arranġament Globali dwar l-Azzar u l-Aluminju Sostenibbli biex tiġi indirizzata l-kapaċità żejda fis-swieq globali u biex il-kummerċ globali tal-azzar isir aktar sostenibbli. Biex jappoġġaw dawn l-isforzi, l-Istati Uniti u l-UE qablu li jestendu s-sospensjoni tat-tariffi tal-Istati Uniti fuq ċerti kwantitajiet ta' azzar u aluminju tal-UE u tat-tariffi ta' riekwilibriju tal-UE fuq oġġetti li joriġinaw mill-Istati Uniti sal-31 ta' Diċembru 2025 u l-31 ta' Marzu 2025 rispettivament. Bdew ukoll negozjati mal-Istati Uniti dwar Ftehim dwar il-Minerali Kritiċi, li jkun jippermetti li l-vetturi elettriċi u l-partijiet tagħhom li jiġu prodotti fl-UE jibbenefikaw minn ċerti krediti tat-taxxa tal-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni tal-Istati Uniti.

L-UE u l-Istati Uniti komplew jiżviluppaw ir-relazzjonijiet diġitali u kummerċjali tagħhom fi ħdan il-qafas tal-Kunsill għall-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, li kellu r-raba' Laqgħa Ministerjali tiegħu f'Mejju. Abbażi tas-suċċess tal-kunsill bejn l-UE u l-Istati Uniti, l-UE u l-Indja kellhom l-ewwel Laqgħa Ministerjali tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja li saret f'Mejju wkoll, wara t-tnedija tiegħu fi Frar. Matul il-laqgħa, iż-żewġ naħat qablu li japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom fi tliet oqsma ewlenin: it-teknoloġija, l-enerġija nadifa u l-kummerċ.

## Il-ftehimiet kummerċjali tal-UE fl-2023




(*) Iż-Żona Ekonomika Ewropea; il-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej.

(**) Ftehim ta' kummerċ ħieles; ftehim ta' kummerċ ħieles approfondit u komprensiv; ftehim ta' investiment; ftehim imsaħħaħ ta' sħubija u kooperazzjoni; ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni b'element preferenzjali.

(+) Il-ftehimiet mat-Tuneżija u mal-Lvant u man-Nofsinhar tal-Afrika attwalment qed jiġu aġġornati; il-ftehimiet aġġornati maċ-Ċili u mal-Messiku qed jiġu rratifikati; il-ftehim ta' kummerċ ħieles approfondit u komprensiv mal-Georgia ma japplikax fl-Abkażja u fl-Ossezja tan-Nofsinhar.

Il-Qafas ta' Windsor hu stadju importanti fir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit. Dan jipprovdi soluzzjonijiet definittivi għall-isfidi ta' implimentazzjoni relatati mal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ); jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ kemm min-naħa tal-UE kif ukoll minn dik tar-Renju Unit għall-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira (Belfast); jiffaċilita l-kummerċ bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Gran Brittanja u jipproteġi s-Suq Uniku tal-UE. Iż-żewġ partijiet huma impenjati għall-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-elementi kollha tal-qafas.

Anke l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għamel progress fl-2023, u dan ippermetta l-kooperazzjoni fil-kummerċ, fit-trasport, fl-enerġija u fis-sigurtà, flimkien ma' oqsma bħaċ-ċibersigurtà u s-servizzi finanzjarji. Ir-Renju Unit u l-UE laħqu ftehim dwar il-parteċipazzjoni ta' dan tal-ewwel f'Orizzont Ewropa, il-programm ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE, u f'Copernicus, il-programm ta' osservazzjoni tad-Dinja tal-UE li hu fost l-aqwa fid-dinja.

Bis-saħħa tal-appoġġ tal-UE għall-proċess ta' riżoluzzjoni ta' Ċipru, il-kummerċ tal-Linja l-Ħadra bejn iċ-Ċiprijotti Torok u ċ-Ċiprijotti Griegi laħaq rekord ta' €16-il miljun fl-2023. Dan il-kummerċ qed jibni fiduċja bejn iż-żewġ komunitajiet u qed jgħin lill-ekonomija ta' Ċipru. Sabiex dan it-tkabbir ikompli jiżdied, f'Ottubru nfetaħ Punt Uniku ta' Servizz iffinanzjat mill-UE li joffri pariri lin-negozjanti lokali.

L-UE nediet diversi sħubijiet diġitali biex issaħħaħ l-involviment tagħha ma' sħab tal-istess fehma, fosthom il-Kanada u l-pajjiżi fir-reġjun Indo-Paċifiku, bħal Singapore u l-Korea t'Isfel. L-għan hu li tiżdied il-kooperazzjoni biex jiġi kkultivat spazju diġitali sikur u sigur u trasformazzjoni diġitali reżiljenti. Is-sħubija strateġika bejn l-UE u l-Ġappun kompliet tikber ukoll, biż-żewġ partijiet jiffirmaw ftehimiet biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar l-infrastruttura diġitali, is-semikondutturi u l-ktajjen tal-provvista tal-materja prima.

Għan ieħor tal-UE hu li ssaħħaħ ir-rabtiet tagħha mal-komunitajiet xjentifiċi li huma l-aqwa fid-dinja. Id-dħul ta' New Zealand f'Orizzont Ewropa fl-2023 kien ta' importanza ġdida għax kien l-ewwel sieħeb imbiegħed tal-UE f'dan il-programm. L-involviment tal-Kanada jkompli jestendi din l-alleanza xjentifika internazzjonali.



↑
Margrethe Vestager, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli minn Ewropa Lesta għall-Era Diġitali u l-Kummissarju Ewropew għall-Kompetizzjoni (it-tieni mil-lemin), u Valdis Dombrovskis, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli minn Ekonomija għas-Servizz tan-Nies u l-Kummissarju Ewropew għall-Kummerċ (it-tielet mil-lemin), fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja, Brussell, il-Belġju, is-16 ta' Mejju 2023.



# 9. Żviluppi istituzzjonali u tisħiħ tad-demokrazija

## Introduzzjoni

Fl-2023, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea ħadmu flimkien mill-qrib biex jindirizzaw l-interessi komuni tal-UE u jiksbu riżultati għaċ-ċittadini tagħha. Komplew isiru sforzi biex jittejjeb il-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE u biex jiġu riformati l-amministrazzjonijiet sabiex ikunu ppreparati aħjar għall-opportunitajiet u għall-isfidi ta' dinja li qed tinbidel. Il-ksib ta' riżultati aħjar għaċ-ċittadini permezz tat-titjib tar-regoli tal-UE huwa objettiv komuni, u huwa r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri kollha tal-UE. Dan jinkludi l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess demokratiku.

↑
Mix-xellug għal-lemin: Charles Michel, il-President tal-Kunsill Ewropew, Jessika Roswall, il-Ministru Żvediż għall-Affarijiet tal-UE, Shirin Ebadi, avukat u kittieba Iranjana, Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew, Samantha Cristoforetti, astronawta Taljana, u Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-Jum Internazzjonali tan-Nisa, Strażburgu, Franza, il-15 ta' Marzu 2023.

# Naħdmu flimkien

L-istruttura istituzzjonali tal-UE hija unika, u s-sistema tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha qed tevolvi b'mod kostanti. Fil-prinċipju, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi liġijiet ġodda, u l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, bħala koleġiżlaturi, jadottawhom. Imbagħad l-Istati Membri jimplimentaw il-liġijiet, u l-Kummissjoni tiżgura li dawn jiġu applikati kif suppost. Il-ħidma ta' dawn l-istituzzjonijiet hija kkomplementata minn istituzzjonijiet u korpi oħra.

Fl-2023, l-istituzzjonijiet tal-UE għamlu progress f'diversi inizjattivi leġiżlattivi ewlenin u żiedu l-isforzi biex l-UE ssir iktar trasparenti, iktar responsabbli u iktar effettiva. Fid-dawl tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn Ewropa reżiljenti, kompetittiva u sostenibbli", f'Ottubru, il-mexxejja tal-UE ltaqgħu fi Granada, Spanja, biex iniedu diskussjoni bl-għan li jiġu stabbiliti d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-snin li ġejjin.

Il-presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tgħaddi minn Stat Membru għall-ieħor kull 6 xhur. Fl-2023, il-presidenza l-ewwel kienet f'idejn l-Iżvezja u mbagħad f'idejn Spanja.




↑
Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, membri tad-delegazzjoni Żvediża u membri tal-Kulleġġ tal-Kummissjoni Ewropea waqt il-laqgħa introduttorja tal-Presidenza Żvediża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Kiruna, l-Iżvezja, it-12 ta' Jannar 2023.



## Progress fl-inizjattivi leġiżlattivi

Fl-2023, il-koleġiżlaturi tal-UE għamlu progress f'diversi inizjattivi ewlenin.

Dwar is-solidarjetà mal-Ukrajna u l-appoġġ militari (ara l-Kapitlu 1), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar l-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon, li jimmobilizza €500 miljun għall-manifattura tal-munizzjon u tal-missili. Huma qablu wkoll dwar miżuri ġodda biex tingħata spinta b'mod urġenti lill-kapaċitajiet tal-industrija tad-difiża tal-UE fil-produzzjoni tal-munizzjon (l-Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni — ara l-Kapitlu 8). Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għadha għaddejja, il-Kunsill qabel ukoll mal-11 u mat-12-il pakkett ta' miżuri restrittivi ekonomiċi u individwali (sanzjonijiet).

Sar progress fit-tisħiħ tal-ekonomija u tal-kompetittività tal-UE, bi ftehimiet bejn il-koleġiżlaturi dwar proposti importanti bħar-Regolament tal-UE dwar il-Bonds Ekoloġiċi, il-pakkett bankarju u r-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli, flimkien mal-Att rivoluzzjonarju dwar il-Materja Prima Kritika (ara l-Kapitlu 2). Barra minn hekk, il-Kunsill qabel rigward pożizzjoni komuni dwar il-proposta tal-Kummissjoni għar-riforma tar-regoli tal-governanza ekonomika tal-UE.

Fir-rigward tal-aġenda ekoloġika, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw biċċiet ewlenin ta' leġiżlazzjoni li jgħinu biex jintlaħqu l-miri klimatiċi għall-2030. Dawn jinkludu regoli ġodda biex jitnaqqas il-konsum finali tal-enerġija u biex jiżdied is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tal-UE (ara l-Kapitli 3 u 4).

Fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw regoli ġodda biex isaħħu s-settur Ewropew tas-semikondutturi (l-Att dwar iċ-Ċipep), li se jsaħħu s-sovranità teknoloġika tal-UE. Il-koleġiżlaturi adottaw ukoll l-Att dwar id-*Data*, li se jiżgura aċċess ġust għad-*data*, u laħqu ftehim politiku rigward l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, li se jippromwovi l-użu sikur tal-intelliġenza artifiċjali fl-UE għall-benefiċċju ta' kulħadd (ara l-Kapitlu 5).

In-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wasslu għal ftehim politiku rigward il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (ara l-Kapitlu 7) u rigward it-trasparenza tar-reklamar politiku (ara hawn taħt). Sar progress ukoll rigward id-Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-pjattaformi (il-Kapitlu 6). Barra minn hekk, fir-rigward taż-żona Schengen, il-Kunsill qabel b'unanimità li jneħħi l-kontrolli fil-fruntieri interni marittimi u tal-ajru mal-Bulgarija u mar-Rumanija (ara l-Kapitlu 7).

Barra minn hekk, il-ftehim politiku dwar ir-reviżjoni mmirata tar-Regolament Finanzjarju jimmarka pass sinifikanti fil-protezzjoni tal-baġit tal-UE (ara l-Kapitlu 2), fit-tisħiħ tat-trasparenza, fit-titjib tal-ġestjoni tal-kriżijiet u fit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fuq l-Istati Membri.

↑
Fit-3 ta' Lulju 2023, Ursula von der Leyen, il-President tal-Kummissjoni Ewropea, u l-membri tal-Kulleġġ tal-Kummissjoni Ewropea attendew il-laqgħa inawgurali tal-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Madrid, Spanja.

## Niżguraw li r-regoli tal-UE jiġu applikati

Id-dritt tal-UE jrid jiġi implimentat u applikat b'mod sħiħ u korrett kullimkien sabiex in-nies u n-negozji jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji kollha. Sabiex dan jiġi żgurat, il-Kummissjoni fetħet iktar minn 500 proċedura ta' ksur ġdida fl-2023, jew minħabba li l-Istati Membri kienu naqsu milli jittrasponu fil-ħin id-Direttivi tal-UE fil-liġi nazzjonali jew minħabba li ma kinux qed japplikaw ir-regoli tal-UE sew jew minħabba li r-regoli nazzjonali tagħhom ma kinux konformi bis-sħiħ mal-liġi tal-UE.

Min-naħa l-oħra, matul is-sena setgħu jingħalqu 1,000 proċedura ta' ksur peress li l-Istati Membri kisbu konformità mar-regoli tal-UE. Dan se jġib benefiċċji konkreti, bħal drittijiet iktar b'saħħithom fis-suq uniku diġitali, effiċjenza enerġetika mtejba, protezzjoni akbar għall-ambjent, servizzi finanzjarji aħjar u trasport iktar sikur.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll il-ħidma tagħha rigward qabel xejn il-prevenzjoni tal-ksur, pereżempju billi pprovdiet appoġġ bikri lill-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE permezz ta' gwida prattika, laqgħat, taħriġ u assistenza teknika.

## Kooperazzjoni interistituzzjonali attiva

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni pprovdew kontributi importanti u rilevanti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u impenjaw ruħhom bis-sħiħ biex jagħtu appoġġ lill-Ukrajna. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew segwa l-inizjattiva tiegħu li jagħżel il-membri kandidati għat-tkabbir, li tfittex li tinvolvi r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi kandidati tal-UE fil-ħidma konsultattiva ta' kuljum tal-Kumitat.

Permezz tal-Alleanza Ewropea tal-Bliet u r-Reġjuni għar-Rikostruzzjoni tal-Ukrajna, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni enfasizza l-importanza tad-deċentralizzazzjoni u tat-tisħiħ tal-awtonomija lokali fil-proċess ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

Il-parlamenti nazzjonali tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri komplew jikkooperaw b'mod attiv mal-istituzzjonijiet tal-UE, filwaqt li skrutinizzaw il-liġijiet ġodda proposti biex jiżguraw li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jiddefinixxi ċ-ċirkostanzi li fihom huwa leġittimu li tittieħed azzjoni mill-UE, iktar milli mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-parlamenti nazzjonali qajmu tħassib fi ftit każijiet biss. Huma pparteċipaw fid-djalogu politiku bil-miktub u bil-fomm mal-Kummissjoni dwar firxa wiesgħa ta' suġġetti, u f'laqgħat interparlamentari ospitati mill-Parlament Ewropew.

Ir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet l-oħra u l-Ombudsman Ewropew baqgħu tajbin u kostruttivi ħafna. Il-Kummissjoni tibqa' d-destinatarju ewlieni tal-inkjesti tal-Ombudsman bħala l-istituzzjoni bl-iktar relazzjonijiet diretti mal-pubbliku. Fl-2023, il-Kummissjoni implimentat madwar tliet kwarti tal-proposti tal-Ombudsman, u l-każijiet ta' amministrazzjoni ħażina kienu rari ħafna.

Bħala l-gwardjan tal-finanzi tal-UE, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri wettqet sensiela ta' awditi finanzjarji u tal-prestazzjoni, inkluż f'oqsma bħall-fond għall-irkupru mill-pandemija NextGenerationEU, il-kompetittività ekonomika tal-UE, ir-reżiljenza għat-theddidiet għas-sigurtà, ir-rispett għall-valuri Ewropej, it-tibdil fil-klima u l-ġlieda kontra l-frodi. Bħala l-entità prinċipali awditjata tal-Qorti, il-Kummissjoni aċċettat il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lilha, biex tiżgura li l-fondi mill-UE jinġabru u jintefqu f'konformità mar-regoli rilevanti u li jiksbu r-riżultati mixtieqa.



© Adobe Stock

# Amministrazzjoni tajba

## Insaħħu l-fiduċja pubblika

It-trasparenza, l-integrità u l-obbligu ta' rendikont huma l-karatteristiċi ewlenin ta' demokrazija msejsa fuq l-istat tad-dritt. Dawn jippromwovu governanza tajba u jibnu l-fiduċja fil-proċess tat-tfassil tal-politiki. Huma wkoll għodod politiċi estremament importanti fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Wara allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u l-arrest sussegwenti ta' Membru tal-Parlament Ewropew fi tmiem is-sena preċedenti, fl-2023 il-Parlament Ewropew implimenta sett ta' riformi mmirati lejn it-tisħiħ tal-integrità, tal-indipendenza u tal-obbligu ta' rendikont tiegħu bħala mod kif jipprevjeni iktar indħil fil-ħidma tiegħu.

Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet tal-UE, f'Ġunju l-Kummissjoni ppreżentat proposta għal korp interistituzzjonali tal-etika bl-għan li jiġu stabbiliti standards komuni għall-imġiba etika tal-membri u mekkaniżmu formali għall-kooperazzjoni u l-iskambju rigward ir-rekwiżiti etiċi. Il-Kummissjoni stiednet lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE (il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri, flimkien mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni) biex jibdew in-negozjati u organizzat l-ewwel laqgħat politiċi u tekniċi dwar ftehim potenzjali.

F'Ġunju, il-Bank Ċentrali Ewropew iffurmalizza l-arranġamenti għall-obbligu ta' rendikont tiegħu mal-Parlament. Id-djalogu bejn il-Bank Ċentrali u l-Parlament huwa ta' importanza ewlenija f'dan ir-rigward. Dan jippermetti lill-Bank jispjega l-azzjonijiet u l-politiki tiegħu fid-dettall lir-rappreżentanti eletti taċ-ċittadini tal-UE, u jagħti widen lit-tħassib tagħhom. B'dan il-mod, iċ-ċittadini u r-rappreżentanti tagħhom ikunu jistgħu jiffurmaw ġudizzju dwar il-prestazzjoni tal-Bank fid-dawl tal-objettiv primarju tiegħu li jżomm l-istabbiltà fil-prezzijiet.

## Regolamentazzjoni aħjar

L-aġenda tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar hija l-qofol tal-ħidma tagħha biex tiżgura l-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE permezz ta' regolamentazzjoni iktar intelliġenti, iktar effiċjenti u iktar effettiva. Din tissejjes fuq qafas li jaħdem bil-provi, u li huwa rikonoxxut mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.

Fl-2023, il-Kummissjoni ħadet l-impenn li maż-żmien tnaqqas il-piż assoċjat mar-rekwiżiti tar-rapportar b'25 %. Hija ressqet 41 inizjattiva fil-programm ta' ħidma tagħha, u l-prijorità tagħha kienet li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti tar-rapportar li jimponu piżijiet sproporzjonati fuq in-negozji jew l-amministrazzjonijiet. L-għan huwa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mingħajr ma jiddgħajfu l-objettivi ta' politika jew jitnaqqsu l-istandards soċjali, ekonomiċi, ambjentali jew kwalunkwe standard ieħor, inkluż il-protezzjoni tal-konsumatur. Il-proċess se jiġi infurmat minn 200 kontribut li waslu mingħand in-negozji, l-awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini f'sejħa apposta għall-evidenza.



←
Christine Lagarde, il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew (xellug), u Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew (lemin), jiffirmaw l-arranġamenti għall-obbligu ta' rendikont, Brussell, il-Belġju, il-5 ta' Ġunju 2023.

# Razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar

## Kif?

**Billi jitneħħew elementi tar-rappurtar antikwat** (eż. ta' użu limitat)

**Billi jiġi mmodernizzat il-proċess tar-rappurtar** (id-diġitalizzazzjoni, it-teknoloġija innovattiva għall-ġbir tad-*data*)

**Billi titnaqqas il-frekwenza tar-rappurtar**

**Billi jiġu kkonsolidati l-obbligi li jikkoinċidu**

**Billi jitnaqqas l-għadd ta' negozji kkonċernati**

**Billi l-partijiet ikkonċernati jingħataw iż-żmien biex jadattaw għal rekwiżiti ġodda**




## Eżempji

| Proposta | Għan | Iffrankar/benefiċċji mistennija |
|---|---|---|
| Kodiċi Doganali tal-Unjoni riformat | Biex tinħoloq interfaċċa unika tal-UE u jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid tad-*data* | €2 biljun |
| Direttiva riveduta dwar it-Trasport Ikkombinat | Biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri (eż. l-użu ta' pjattaformi diġitali tad-*data* tat-trasport għall-prova tal-eliġibbiltà) | €430 miljun |
| Aġġustament tal-livelli limitu tad-Direttiva dwar il-Kontabbiltà | Biex jitnaqqsu r-rekwiżiti tar-rappurtar | Iktar minn miljun kumpanija mistennija li jibbenefikaw |
| Riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim | Biex jitneħħew xi obbligi ta' divulgazzjoni u tiġi sostitwita l-pjattaforma online | Madwar €630 miljun |




Il-Kummissjoni kompliet timplimenta wkoll l-approċċ "one in, one out", li jiżgura li kwalunkwe piż li jkun għadu kif ġie introdott jiġi kkumpensat billi jitneħħa piż ekwivalenti fl-istess qasam ta' politika. L-approċċ jikkomplementa l-programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni tal-Kummissjoni, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tfittex li tidentifika u li tneħħi sistematikament il-burokrazija żejda u l-kostijiet bla bżonn kull meta l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi riveduta u evalwata.

↑
Maroš Šefčovič, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva, fit-tmien laqgħa plenarja tal-Pjattaforma Fit for Future, Brussell, il-Belġju, it-28 ta' Novembru 2023. Dan il-grupp ta' esperti ta' livell għoli jappoġġa lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tissimplifika l-liġijiet tal-UE u tnaqqas il-kostijiet żejda.

## Insaħħu l-kooperazzjoni amministrattiva

L-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali effiċjenti huma kruċjali biex il-politiki nazzjonali u tal-UE jsiru realtà; jiġu implimentati riformi għall-benefiċċju kemm tan-nies kif ukoll tan-negozji; u jitwassal l-investiment għall-ksib tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għal kompetittività akbar. Bl-għan li jissaħħaħ l-ispazju amministrattiv Ewropew, l-inizjattiva ComPAct toffri sett ġdid ta' prinċipji biex tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet u jilħqu l-mira li 100 % tas-servizzi pubbliċi ewlenin ikunu aċċessibbli online sal-2030. Dan se jippermetti lill-ekonomiji u lis-soċjetajiet tal-UE jilħqu l-miri ambizzjużi dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, u se jwassal biex l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE jkunu inqas burokratiċi, iwasslu s-servizzi iktar malajr, ikunu iktar trasparenti u eqreb tan-nies. F'dan ir-rigward, il-ftehim rigward l-Att dwar Ewropa Interoperabbli f'Novembru kien stadju importanti biex jintlaħqu l-miri diġitali tal-UE għall-2030 (ara l-Kapitlu 5). Ladarba jiġi adottat, l-att se jgħin biex l-iskambju tal-informazzjoni fis-settur pubbliku tal-UE jgħaddi għal-livell li jmiss u se jħaffef it-trasformazzjoni diġitali tas-settur.

## Prospettiva strateġika

Sabiex il-politiki tagħha jibqgħu validi fil-futur fil-kuntest globali dejjem iktar kumpless, l-UE qed tinkorpora progressivament il-prospettiva fit-tfassil tal-politiki tagħha. Qed jiġu esplorati xenarji, xejriet, riskji u kwistjonijiet emerġenti possibbli, li jagħtu ħjiel utli fl-ippjanar strateġiku u fit-tfassil tal-politiki, f'konformità mal-istrumenti għal Regolamentazzjoni Aħjar. Fl-aħħar mill-aħħar, il-prospettiva strateġika se tgħin lill-UE tantiċipa u tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet futuri kif ukoll għall-iżviluppi avversi mhux mistennija u għall-kriżijiet kumplessi, bħal dawk li rajna f'dawn l-aħħar snin.

Ir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika tal-2023 analizza l-isfidi soċjali u ekonomiċi fit-triq lejn il-ksib tas-sostenibbiltà u ż-żamma tal-benesseri tan-nies. Dan xeħet dawl ukoll fuq kif il-ġestjoni b'suċċess ta' dawk l-isfidi tista' tgħin lill-UE ssaħħaħ it-tmexxija globali tagħha. Ir-rapport jissuġġerixxi 120 qasam konkret għall-azzjoni u jippreżenta l-ewwel riżultati tal-iskema pilota rigward l-approċċ"lil hinn mill-PDG", li għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp tal-indikaturi tal-progress li jkunu iktar inklużivi rigward l-aspetti ambjentali u soċjali.

Matul is-sena, il-Kummissjoni kompliet tiżviluppa wkoll il-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri permezz tan-Network ta' Prospettiva għall-UE kollha, stabbilit fl-2021, li kkontribwixxa għal żieda fl-ammont ta' interess u ta' investment fil-prospettiva strateġika fil-livell nazzjonali. In-network jgħin ukoll fid-diskussjonijiet usa' fil-livell tal-UE, bħall-ħidma rigward ir-rapport Resilient EU2030 matul il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill u d-dikjarazzjoni maħruġa wara l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li saret fi Granada, Spanja.

Is-Sistema Ewropea ta' Analiżi tal-Istrateġija u l-Politika tlaqqa' flimkien disa' istituzzjonijiet u korpi tal-UE biex jantiċipaw ir-riskji u l-opportunitajiet futuri. Fl-2023, il-kooperazzjoni ffukat fuq it-tħejjija tar-Rapport il-ġdid dwar ix-Xejriet Globali, li huwa mistenni fil-bidu tal-2024.

### Għaxar oqsma għall-azzjoni biex tinkiseb is-sostenibbiltà




# Insaħħu d-demokrazija

## Nissalvagwardjaw l-istat tad-dritt

Peress li l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna għadha għaddejja, huwa vitali li d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jiġu difiżi u rrispettati b'mod proattiv, fl-UE u lil hinn minnha. Ir-"Rapport dwar l-Istat tad-Dritt" tal-2023 kien ta' kontribut importanti f'dan ir-rigward, u wera li 65 % tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-istat tad-dritt maħruġa għall-Istati Membri fl-2022 kienu ġew indirizzati bis-sħiħ jew parzjalment. Dan jirrifletti l-isforzi sinifikanti li qed isiru fl-Istati Membri biex jitwettqu r-riformi meħtieġa għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt f'erba' oqsma ewlenin: is-sistema ġudizzjarja, il-qafas kontra l-korruzzjoni, u l-pluraliżmu u l-libertà tal-media. Bis-saħħa tar-riżultati pożittivi fl-Istati Membri, fl-2023 il-Kummissjoni ħabbret li se tiftaħ ir-"Rapport dwar l-Istat tad-Dritt" għall-pajjiżi tal-adeżjoni iktar avvanzati biex tappoġġahom fl-isforzi ta' riforma tagħhom.

### Indħil barrani fis-sistemi demokratiċi

**81 %**

tan-nies fl-UE jaqblu li l-indħil barrani huwa problema serja li għandha tiġi indirizzata

**81 %**

tan-nies fl-UE jaqblu li l-entitajiet li jirrappreżentaw il-gvernijiet barranin fit-territorju tal-UE għandhom jiġu rreġistrati biex jiġi evitat indħil bil-moħbi

### Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni u fil-protezzjoni tad-demokrazija

**87 %**

tan-nies fl-UE jaraw rwol importanti għas-soċjetà ċivili fil-protezzjoni tad-demokrazija u fil-promozzjoni tad-dibattitu demokratiku

### Demokrazija u elezzjonijiet

**78 %**

tan-nies fl-UE huma mħassba li d-deċiżjonijiet tal-votazzjoni jistgħu jkunu bbażati fuq id-diżinformazzjoni

**72 %**

tan-nies fl-UE huma mħassba li l-elezzjonijiet fl-UE jistgħu jiġu manipulati permezz ta' attakki ċibernetiċi

**70%**

tan-nies fl-UE huma mħassba li l-pajjiżi barranin jistgħu jinfluwenzaw l-elezzjonijiet bil-moħbi

**65 %**

tan-nies fl-UE huma mħassba li jistgħu jkunu taħt pressjoni biex jivvutaw b'ċertu mod

**63 %**

tan-nies fl-UE huma mħassba li r-riżultati tal-elezzjonijiet jistgħu jiġu manipulati

**53 %**

tan-nies fl-UE huma mħassba li l-persuni li mhumiex intitolati li jivvutaw se jkunu qed jivvutaw



*Sors:* Ewrobarametru Flash 528, Diċembru 2023.

## Niddefendu d-demokrazija

F'demokrazija sana u prospera, iċ-ċittadini jistgħu jesprimu liberament l-opinjonijiet tagħhom, jagħżlu l-mexxejja politiċi tagħhom u jkollhom vuċi dwar il-futur tagħhom. Id-demokrazija fl-UE hija b'saħħitha, iżda qed tiffaċċja sfidi mill-estremiżmu li qed jiżdied, l-indħil elettorali, it-tixrid ta' informazzjoni manipulattiva u t-theddidiet kontra l-ġurnalisti.

Il-pakkett dwar id-difiża tad-demokrazija, adottat f'Diċembru, għandu l-għan li jindirizza sfidi bħall-indħil barrani u li jibni r-reżiljenza minn ġewwa billi jinkoraġġixxi l-involviment ċiviku u l-parteċipazzjoni demokratika. Il-qofol tal-pakkett huwa proposta biex jissaħħu t-trasparenza u r-responsabbiltà demokratika billi jinxteħet dawl fuq l-indħil barrani minn taħt. Il-miżuri se jtejbu wkoll il-funzjonament tas-suq intern permezz ta' standards komuni għal attivitajiet ta' rappreżentanza tal-interessi mwettqa f'isem il-pajjiżi mhux tal-UE. Barra minn hekk, il-pakkett jinkludi żewġ rakkomandazzjonijiet: waħda biex jissaħħu l-proċessi elettorali fl-UE u oħra biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni inklużiva taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politiki.

Intlaħaq ukoll ftehim politiku rigward ir-regoli l-ġodda dwar it-trasparenza tar-reklamar politiku, li skonthom ir-reklami politiċi jeħtieġ li jiġu ttikkettati b'mod ċar u jridu jinkludu informazzjoni bħal min ħallas għalihom u kemm; ma' liema elezzjoni, referendum jew proċess regolatorju huma marbuta; u jekk humiex immirati.

Il-promozzjoni ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti, l-iżgurar tal-istat tad-dritt u l-garanzija tal-libertà tal-media huma elementi kostitwenti biex jinħoloq spazju fejn kull ċittadin iħossu liberu u mogħti s-setgħa.



**Elezzjonijiet Ewropej**

In-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet jippromwovi skambji konkreti u prattiċi dwar firxa ta' suġġetti rilevanti biex jiġu żgurati elezzjonijiet ħielsa u ġusti, inkluż iċ-ċibersigurtà. In-network se jkompli jappoġġa l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-Istati Membri fit-tħejjija għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024.

↑
FILMAT Messaġġ b'filmat mingħand Roberta Metsola, il-President tal-Parlament Ewropew, dwar l-elezzjonijiet Ewropej li se jsiru mis-6 sad-9 ta' Ġunju 2024.

## Libertà tal-media

Fl-2023, intlaħaq ftehim politiku dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, sett ġdid ta' regoli biex il-media u l-ġurnalisti jiġu protetti aħjar mill-indħil politiku u biex jiġi żgurat li l-media tkun tista' topera iktar faċilment bejn il-fruntieri. L-att jipproponi Bord Ewropew indipendenti ġdid għas-Servizzi tal-Media, magħmul minn regolaturi jew korpi nazzjonali tal-media, biex isaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE, inkluż kontra l-propaganda barranija, u biex jgħin fl-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda.

Intlaħaq ftehim ukoll dwar ir-regoli l-ġodda għall-protezzjoni tal-ġurnalisti, tad-difensuri tad-drittijiet, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u oħrajn li huma fil-mira ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Ir-regoli l-ġodda se jinkludu ċ-ċaħda bikrija ta' stqarrijiet bla bażi, rimedji kontra proċedimenti tal-qorti abbużivi u l-protezzjoni kontra sentenzi barranin li mhux se jiġu rikonoxxuti jew infurzati fl-UE.

Il-proġett "Free Media Hub EAST", immexxi miċ-Ċentru tas-Soċjetà Ċivili ta' Praga u appoġġat mill-Kummissjoni, fl-2023 ta iżjed minn €2.2 miljun f'għotjiet biex jipprovdi appoġġ lill-media indipendenti Belarussa u Russa eżistenti u stabbilita li taħdem fl-UE (prinċipalment fiċ-Ċekja, fil-Ġermanja, fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Polonja).




© AFP

←
Dimostranta bi strixxun b'ritratt ta' Mahsa Amini, mara ta' 22 sena li ġiet arrestata mill-pulizija morali tal-Iran talli kisret il-liġi dwar il-velu obbligatorju f'dak il-pajjiż u tilfet ħajjitha, Milan, l-Italja, is-16 ta' Settembru 2023.

L-UE tfakkar it-tħabit u tkompli tonora lil dawk kollha li taw ħajjithom għal-libertà. Il-Premju Sakharov 2023 għal-Libertà tal-Ħsieb tal-Parlament Ewropew ingħata lil Jina Mahsa Amini u lill-Moviment Nisa, Ħajja u Libertà fl-Iran.

## Għoti tas-setgħa liċ-ċittadini

L-UE hija impenjata li tagħti iktar widen liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati. Il-ftuħ tal-proċessi tat-tfassil tal-politiki għall-pubbliku huwa mod ieħor li jgħin lill-UE ssir iktar trasparenti, tibda tagħti iktar rendikont ta' għemilha u ssir iktar effettiva.

Matul dawn l-aħħar bosta snin, il-Kummissjoni kompliet issaħħaħ l-attivitajiet ta' konsultazzjoni tagħha permezz tal-portal Semma' Leħnek, li huwa l-paġna ċentralizzata għall-feedback u għall-kontributi kollha mingħand iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati. Jista' jingħata kontribut rigward sejħiet għal evidenza, proposti adottati u abbozzi ta' atti. Sabiex tilħaq kemm jista' jkun nies, il-Kummissjoni żiedet l-għadd ta' konsultazzjonijiet tradotti bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE (minn 59 % tal-konsultazzjonijiet pubbliċi tradotti fl-2019 għal 83 % fl-2023).

### Panels taċ-Ċittadini

Bejn Diċembru 2022 u April 2023, il-Kummissjoni organizzat l-ewwel sensiela tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' Panels taċ-Ċittadini, u inkludiet dan il-format ġdid tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-tfassil tal-politiki. Filwaqt li jissejsu fuq l-esperjenza miksuba matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, u bi tweġiba għall-appelli espressi matul il-konferenza, il-panels jippermettu lil 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju jiddeliberaw u jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel il-proposti tal-Kummissjoni.

Il-panels iddiskutew l-inizjattivi dwar il-ħela tal-ikel, id-dinjiet virtwali u l-mobbiltà tal-apprendiment. Ir-rakkomandazzjonijiet inġabru fir-rapporti taċ-ċittadini, li infurmaw it-tħejjija tal-proposti finali tal-Kummissjoni u ġew ippubblikati magħhom. L-inizjattivi tal-Kummissjoni tressqu fil-5 ta' Lulju (il-ħela tal-ikel), fil-11 ta' Lulju (id-dinjiet virtwali) u fil-15 ta' Novembru (il-mobbiltà tal-apprendiment) rispettivament. Il-Panels il-ġodda taċ-Ċittadini jikkontribwixxu għall-proċess usa' ta' konsultazzjoni, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tiġbor evidenza mingħand iċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati.




↑
Dubravka Šuica, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mid-Demokrazija u d-Demografija, fil-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-dinjiet virtwali, Brussell, il-Belġju, il-11 ta' Lulju 2023.

## Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej

F'April, il-Kummissjoni rreġistrat il-100 Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej mill-introduzzjoni ta' tali inizjattivi fl-2012. Matul is-sena kollha, il-Kummissjoni rreġistrat 37 inizjattiva ġdida li appellaw għal azzjoni tal-UE f'diversi oqsma, bħat-trattament dinjituż tal-migranti, il-benesseri tal-annimali, in-networks ferrovjarji, it-tassazzjoni, il-preservazzjoni tal-kultura Ukrena u l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-UE.

Fl-2023 il-Kummissjoni wieġbet ukoll għal erba' inizjattivi ta' suċċess, li appellaw għal tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi, it-tmiem tal-kummerċ tal-pinen tal-klieb il-baħar mingħajr il-bqija tal-karkassi, it-tmiem tal-ittestjar fuq l-annimali u projbizzjoni fuq il-produzzjoni u l-kummerċ tal-fer. S'issa, 10 inizjattivi ngħataw iktar minn miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ mill-2012 'l hawn.

Ir-rapport tal-2023 dwar ir-regoli l-ġodda tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, li ilhom fis-seħħ mill-2020, juri li dawn jipprovdu qafas iktar aċċessibbli, inqas ta' piż u iktar faċli biex jintuża għall-organizzaturi tal-inizjattivi u ta' dawk li jappoġġawhom. Jissuġġerixxi wkoll titjib prattiku dwar kif tista' tiżdied is-sensibilizzazzjoni ġenerali u kif iċ-ċittadini jistgħu jiġu infurmati dwar id-dritt tagħhom li jużaw l-Inizjattiva taċ-Ċittadini, u dwar kif jista' jingħata segwitu iktar viżibbli għall-inizjattivi ta' suċċess.

## Insaħħu d-drittijiet taċ-ċittadini

Iċ-ċittadinanza tal-UE hija waħda mill-iktar kisbiet sinifikanti tal-Unjoni Ewropea. Sabiex tfakkar it-30 anniversarju taċ-ċittadinanza tal-UE, il-Kummissjoni pproponiet miżuri biex issaħħaħ id-drittijiet taċ-ċittadinanza, akkumpanjati minn gwida għaċ-ċittadini bl-iżjed informazzjoni essenzjali dwar id-drittijiet tagħhom. Ir-rapport tal-2023 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE jenfasizza l-progress li sar fil-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadinanza, il-valuri komuni u l-parteċipazzjoni demokratika fl-UE mill-pubblikazzjoni, fl-2020, tal-aħħar rapport dwar dan is-suġġett.




↑
Tagħlimiet meħuda fl-ewwel Assemblea Ġenerali tal-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

L-ewwel Assemblea Ġenerali tal-Pjattaforma għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal tal-UE, kopreseduta u komaħluqa mat-tfal u mal-adolexxenti mill-UE, saret fi Brussell f'Ġunju. Madwar 60 tifel u tifla ngħaqdu flimkien biex jiddiskutu s-suġġetti — jiġifieri d-demokrazija, it-tibdil fil-klima, is-saħħa mentali, is-sikurezza u l-faqar — li se jmexxu l-ħidma tal-pjattaforma għal 3 snin.

## Nagħtu s-setgħa lit-tfal u liż-żgħażagħ

Kważi 20 % taċ-ċittadini tal-UE huma tfal. Huma għandhom id-dritt li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar kwistjonijiet li jikkonċernawhom. Fl-2023, il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal ħolqot saħansitra iktar opportunitajiet għal dawk ta' taħt it-18-il sena biex jieħdu sehem fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Minn mindu ġiet stabbilita f'Ottubru 2022, kważi 50 organizzazzjoni li jaħdmu direttament mat-tfal fl-UE kollha, saru membri tal-pjattaforma.

Is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022 poġġiet liż-żgħażagħ fuq quddiem fl-aġenda politika fil-livelli kollha u kkontribwiet għall-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażagħ f'diversi oqsma ta' politika. Is-Sena taż-Żgħażagħ ħolqot mobilizzazzjoni u involviment fuq skala kbira, u qajmet kuxjenza dwar l-opportunitajiet tal-UE fost miljuni ta' żgħażagħ li ħadu sehem fi 13,000 attività f'67 pajjiż, permezz ta' varjetà ta' programmi u ta' inizjattivi ta' politika tal-UE. Ġew imnedija għadd ta' formati ġodda tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, li jvarjaw mill-Pjattaforma "Youth Voices" u t-taħdidiet "Youth Talks" għad-djalogi ta' politika u l-grupp ta' ġurnalisti żgħażagħ Ewropej. Il-kampanji li saru fuq il-media soċjali minn Frar 2022 sa Mejju 2023 irriżultaw f'210 miljun viżwalizzazzjoni u f'10 miljun interazzjoni, u laħqu lil 91.4 miljun persuna.

Biex isiru ċittadini attivi, iż-żgħażagħ jeħtieġ li jifhmu kif taħdem id-demokrazija u x'inhuma d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom. Is-sett ta' għodod "Id-Demokrazija tal-UE fl-Azzjoni", ippubblikat f'Mejju, jintroduċi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej lill-istudenti u jħeġġiġhom jieħdu rwol attiv fil-kwistjonijiet Ewropej.

# Kif tikkuntattja lill-UE

## Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta’ ċentri tal-Europe Direct. Tista’ ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

## Bit-telefown jew bil-miktub

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista’ tikkuntattja lil dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696,
- permezz ta’ din il-formola: european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_mt.

# Kif issib tagħrif dwar l-UE

## Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa (european-union.europa.eu).

## Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista’ tara jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE minn op.europa.eu/mt/publications.
Kopji multipli ta’ pubblikazzjonijiet bla ħlas tista’ tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tad-dokumentazzjoni lokali tiegħek (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

## Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 ’l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

## *Data* miftuħa tal-UE

Il-portal data.europa.eu jagħti aċċess għal settijiet tad-*data* miftuħa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dawn jistgħu jitniżżlu u jerġgħu jintużaw mingħajr ħlas, għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Il-portal jagħti aċċess ukoll għal għadd kbir ta’ settijiet tad-*data* mill-pajjiżi Ewropej.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea